ISSN 1977-0987

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 264 E

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

13 ta' Settembru 2013

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Parlament Ewropew

SESSJONI 2012–2013

Dati tas-seduti: 22–24 ta' Mejju 2012

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 223 E, 27.7.2012.

TESTI ADOTTATI

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

2013/C 264 E/01 L-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea (2010/2308 (INI)) 1

2013/C 264 E/02 Approċċ tal-UE rigward id-dritt kriminali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar l-approċċ tal-UE rigward id-dritt kriminali (2010/2310(INI)) 7

2013/C 264 E/03 Strateġija għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumaturi vulnerabbli

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar strateġija għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumaturi vulnerabbli (2011/2272(INI)) 11

2013/C 264 E/04 It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern (2011/2155(INI)) 18

2013/C 264 E/05 Perspettiva 2020 għan-Nisa fit-Turkija

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar perspettiva 2020 għan-nisa fit-Turkija (2011/2066(INI)) 25

MT

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

2013/C 264 E/06 L-UE u ċ-Ċina: kummerċ żbilanċjat?

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 dwar l-UE u ċ-Ċina: kummerċ żbilanċjat? (2010/2301(INI)) ... 33

2013/C 264 E/07 Id-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew

Proposta adottata mill-Parlament Ewropew fit-23 ta' Mejju 2012 għal regolament tal-Parlament Ewropew dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew li jibdel id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (95/167/KE, Euratom, KEFA) (2009/2212(INI)) ... 41

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew

dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (95/167/KE, Euratom, KEFA) ... 41

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

2013/C 264 E/08 Is-sitwazzjoni fl-Ukraina u l-każ ta' Yulia Timoshenko

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar l-Ukraina (2012/2658(RSP)) ... 51

2013/C 264 E/09 Il-ġlieda kontra l-omofobija fl-Ewropa

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar il-ġlieda kontra l-omofobija fl-Ewropa (2012/2657(RSP)) ... 54

2013/C 264 E/10 Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza (2011/2068(INI)) ... 59

2013/C 264 E/11 L-Inizjattiva "Opportunitajiet għaż-Żgħażagħ"

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar l-Inizjattiva Opportunitajiet għaż-Żgħażagħ (2012/2617(RSP)) ... 69

2013/C 264 E/12 L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali (2011/2285(INI)) ... 75

ANNESS ... 81

2013/C 264 E/13 Kwoti Svizzeri dwar in-numru ta' permessi ta' residenza mogħtija liċ-ċittadini tal-Polonja, il-Litwanja, il-Latvja, l-Estonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka u l-Ungerija

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar il-kwoti Svizzeri dwar in-numru ta' permessi ta' residenza mogħtija liċ-ċittadini tal-Polonja, il-Litwanja, il-Latvja, l-Estonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka u l-Ungerija (2012/2661(RSP)) ... 85

2013/C 264 E/14 Il-Veneżwela: possibbiltà ta' rtirar mill-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar l-irtirar possibbli tal-Veneżwela mill-Kummisjsoi Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem (2012/2653(RSP)) ... 88

MT

(Ikompli fuq paġna 133)

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

L-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea

P7_TA(2012)0207

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea (2010/2308 (INI))

(2013/C 264 E/01)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra, b'mod partikolari, l-Artikoli 6, 7, 8, 10(1), 11, 12, 21, 47-50, 52 u 53 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,

— wara li kkunsidra, b'mod partikolari, l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u l-Kapitoli 1, 2, 4 u 5 tat-Titlu V (Iż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 2010 dwar l-istabbiliment ta' Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI) ([1]),

— wara li kkunsidra 'Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sikura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini' u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem 'Il-kisba ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tal-Ewropa – Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma' (COM(2010)0171),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea ("Lejn Mudell Ewropew ta' Sigurtà") kif adottata mill-Kunsill fil-25 u s-26 ta' Frar 2010,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea Kontra t-Terroriżmu kif adottata mill-Kunsill fit-30 ta' Novembru 2005,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u l-Kunsill bl-isem 'L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura' (COM(2010)0673),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bl-isem 'L-ewwel Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE' (COM(2011)0790),

([1]) ĠU L 52, 3.3.2010, p. 50.

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bl-isem 'It-Tisħiħ tas-Sigurtà Kimika, Bijoloġika, Radjoloġika u Nukleari fl-Unjoni Ewropea – Pjan ta' Azzjoni CBRN tal-UE' (COM(2009)0273),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 u l-25 ta' Frar 2011 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea fl-azzjoni,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 u d-9 ta' Novembru 2010 dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-prijoritajiet tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata bejn l-2011 u l-2013,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) tas-17 ta' Diċembru 2010 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni 'L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura',

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Europol dwar is-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu fl-UE (TE-SAT 2011),

— wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Europol dwar it-Theddid mill-Kriminalità Organizzata fl-UE (OCTA 2011),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà tal-2003 ([1]) u r-rapport tal-2008 dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni tagħha ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem 'Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini – il-programm ta' Stokkolma' ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-kriminalità organizzata fl-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2011 dwar l-isforzi tal-UE biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar il-linja politika tal-UE kontra t-terroriżmu': il-kisbiet ewlenin u l-isfidi tal-futur' ([6]),

— wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u dik kostituzzjonali nazzjonali relevanti li tittratta l-kriterji ta' proporzjonalità u l-ħtieġa biex din tiġi rrispettata mill-awtoritajiet pubbliċi f'soċjetà demokratika,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0143/2012),

A. billi d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona l-Unjoni kkonsolida iktar l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u tas-sistemi legali u t-tradizzjonijiet differenti tal-Istati Membri; billi l-politiki f'dan l-ispazju huma l-kompetenza komuni tal-Unjoni u l-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat;

([1]) "Ewropa Sigura f'Dinja Aħjar – Strateġija Ewropea ta' Sigurtà", approvat mill-Kunsill Ewropew ta' Brussell fit-12 ta' Diċembru 2003 u mfassal taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli tal-UE Javier Solana.
([2]) 'Rapport dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà – Nipprovdu Sigurtà f'Dinja li qed Tinbidel', S407/08.
([3]) ĠU C 285E, 21.10.2010, p. 12.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2011)0459.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2011)0388.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2011)0577.

B. billi t-Trattat ta' Lisbona, għalhekk, ffissa b'mod b'saħħtu l-politika ta' sigurtà tal-UE ma' stat tad-dritt tal-UE speċifiku, u stabbilixxa l-pedamenti għall-iżvilupp ta' aġenda ta' sigurtà komuni u mill-qrib fl-UE u l-Istati Membri u soġġetta għal sorveljanza demokratika fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali; billi t-tisħiħ ta' din il-politika għandu jkun ibbażat fuq valuri demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

C. billi kull politika ta' sigurtà għandha tinkludi aspett ta' prevenzjoni, li huwa partikolarment essenzjali f'perjodu fejn l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali qed jikbru u, b'hekk, qed jipperikolaw l-effettività tad-drittijiet fundamentali;

D. billi l-Programm ta' Stokkolma enfasizza li għandha tiġi żviluppata Strateġija ta' Sigurtà Interna tal-UE sabiex tittejjeb aktar is-sigurtà fl-Unjoni, u għalhekk jiġu mħarsa l-ħajja u s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE u b'mod effettiv jiġu miġġielda l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u theddid ieħor, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali, il-prinċipji tal-protezzjoni internazzjonali u l-istat tad-dritt;

E. billi la l-Istati Membri u lanqas il-Kummissjoni għadhom ma pprevedew rwol għall-Parlament f'dan il-proċess, minkejja d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona;

F. billi l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-perjodu tal-2010-2014 identifikat ħames żoni ta' prijorità li fihom l-UE tista' tipprovdi valur miżjud, jiġifieri l-ġlieda u l-prevenzjoni tal-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu, u ċ-ċiberkriminalità, it-tisħiħ tal-ġestjoni ta' fruntieri esterni u l-bini ta' reżistenza għal diżastri naturali u dawk magħmula mill-bniedem.

G. billi l-ewwel rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għaraf li l-ħames objettivi identifikati fl-2010 għadhom validi, u spjega s-sitwazzjoni attwali, il-progress li sar s'issa u t-triq 'il quddiem;

H. billi l-Programm ta' Stokkolma ddikjara li l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għandhom isiru waħda mill-kompiti prijoritarji tal-Kumitat Permananti għas-Sigrutà Interna [COSI];

1. Jilqa' x-xogħol li sar sabiex tiġi stabbilita Strateġija ta' Sigurtà Interna u l-prinċipji ewlenin li jsostnu l-Mudell Ewropew ta' Sigurtà kif żviluppat fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, speċjalment fir-rigward tar-relazzjoni msaħħa bejn is-sigurtà, il-libertà u l-privatezza u l-kooperazzjoni u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri; jenfasizza li l-miżuri ta' sigurtà u kooperazzjoni tal-UE għandhom josservaw l-obbligi tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni u għandhom jiffokaw fuq infurzar immirat tal-liġi u attivitajiet intelliġenti li taw evidenza li huma kapaċi jnaqqsu r-rati tal-kriminalità u jevitaw l-attakki terroristiċi;

2. Jenfasizza li l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja huma objettivi li għandhom jintlaħqu b'mod paralleli u jemmen li l-implimentazzjoni tal-Karta tal-UE għandha tkun il-qalba ta' kwalunkwe Strateġija ta' Sigurtà Interna sħiha; ifakkar li, sabiex jinkisbu l-libertà u l-ġustizzja, is-sigurtà għandha titfittex dejjem bi qbil mal-prinċipji tat-Trattati, l-istat tad-dritt u l-obbligi tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni;

3. Jinnota l-progress li sar mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-kuntest taċ-ċiklu ta' politika tal-UE dwar il-kriminalità organizzata u dik internazzjonali serja bil-ħsieb li jiġu implimentati l-objettivi strateġiċi ġenerali permezz ta' azzjonijiet ibbażati fuq kooperazzjoni intergovernattiva fil-livell operattiv; jemmen, madankollu, li hija neċessarja diviżjoni ċara tal-kompiti ta' bejn il-livell tal-UE u dak nazzjonali, li l-Parlament jeħtieġ li jkun parti mill-proċess fir-rigward tal-gwida għall-politiki, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tar-riżultati, u li fl-2013 għandha ssir valutazzjoni bir-reqqa taċ-ċiklu politiku Ewropew; iqis, barra minn hekk, li fid-dawl tan-natura tiegħu ċ-ċiklu dan għandu jingħata l-isem mill-ġdid ta' 'ċiklu operattiv tal-UE'; jistieden lill-Istati Membri biex jevalwaw regolarment il-kumplimentarjetà tal-pjanijiet nazzjonali għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata mal-pjanijiet li għandhom jiġu żviluppati fil-livell Ewropew, u biex janalizzaw ir-riżultati miksuba u l-prospetti futuri minn perspettiva strateġika u operattiva Ewropea li tinvolvi l-istituzzjonijiet tal-UE, l-aġenziji relevanti tal-UE u l-parlamenti nazzjonali;

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

4. Iqis, barra minn hekk, li huwa essenzjali li jiġu provduti riżorsi finanzjarji xierqa fil-qafas multiannwali 2014-2020 għall-implimentazzjoni ta' tali strateġija permezz tal-fond rispettiv;

5. Ifakkar li l-kompetenza għall-politiki ta' sigurtà hija kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri, u li din hija qasam li fih is-sussidjarjetà trid tiġi rispettata; hu tal-fehm li l-qafas tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna jista' jżid mal-valur tal-isforzi tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE u tal-Istati Membri f'dan il-qasam permezz ta' approċċ komprensiv u koerenti;

6. Hu tal-fehma li analiżi komprensiva tal-UE, li tkun ibbażata fuq l-evidenza u fuq l-għarfien, dwar it-theddid li għandu jiġi indirizzat hija prerekwiżit essenzjali għal Strateġija ta' Sigurtà Interna effettiva, u li l-Europol, bl-appoġġ tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, għandha twettaq tali analizi fl-UE kollha, fuq il-bażi ta' metodoloġija iktar trasparenti u robusta għall-valutazzjoni tat-theddid u filwaqt li tistrieħ fuq kontribuzzjonijiet komprensivi mill-Istati Membri;

7. Ifakkar li l-Parlament Ewropew issa huwa attur istituzzjonali sħiħ fil-qasam tal-politika ta' sigurtà, u huwa għalhekk intitolat li jipparteċipa b'mod attiv fid-determinazzjoni tal-aspetti u l-prijoritajiet tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna u tal-Mudell Ewropew tas-Sigurtà u fl-evalwazzjoni ta' dawk l-istrumenti, anke permezz ta' eżerċizzji regolari ta' monitoraġġ fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, li għandhom jitwettqu b'mod konġunt mill-PE, il-parlamenti nazzjonali u l-Kunsill skont l-Artikoli 70 u 71 tat-TFUE u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-COSI;

8. Japprova, f'dan ir-rigward u fuq il-bażi tal-kooperazzjoni eżistenti bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali, l-idea ta' "ċiklu ta' politika parlamentari" – li għandu jkun sinkronizzat bir-reqqa ma', fost affarijiet oħra, ir-rapportar annwali tal-Kummissjoni f'dan il-qasam – u jikkonkludi b'rapport parlamentari annwali dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna;

9. Jenfasizza l-importanza tal-koerenza u s-sinerġiji bejn l-aspetti interni u esterni tas-sigurtà, u jissottolinja l-importanza li jkun żgurat li l-miżuri u l-azzjonijiet li jimplimentaw l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna jkunu konformi mal-obbligi tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 2, 6 u 7 tat-Trattat UE, u mal-objettivi tal-politika esterna tagħha kif stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat UE, kif ukoll mad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali; jieħu nota tal-Karta Konġunta dwar it-tisħiħ tal-irbit bejn l-atturi tal-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni (PSDK) u tal-libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja u l-azzjonijiet imsemmija fil-Pjan Direzzjonali; jenfasizza l-importanza ta' skambju xieraq ta' informazzjoni, konsultazzjoni u kooperazzjoni mal-atturi kollha relevanti, kif ukoll ta' soluzzjonijiet immirati lejn l-antiċipazzjoni tal-avvenimenti iktar milli r-reazzjoni tagħhom; jistenna bil-ħerqa r-riżultat tal-ħidma li saret fil-qasam tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Stokkolma dwar il-kumplimentarjetà bejn l-azzjonijiet tal-Istati Membri u tal-UE fid-dimensjoni esterna tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, kif ukoll azzjonijiet fid-dawl tal-possibilità li l-Istrateġija ta' Sigurtà Esterna tal-UE tiġi aġġornata;

10. Jenfasizza li l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna kollha, għaż-żmien twil, għandha tikkonċentra aktar fuq ir-rabta ċara bejn it-theddid estern u n-nuqqas jew l-użu mhux effiċjenti ta' strateġiji u miżuri li jistgħu jikkostitwixxu element qawwi ta' prevenzjoni mit-theddid għas-sigurtà, bħall-għajnuna għall-iżvilupp immirata, l-istrateġiji ta' tnaqqis tal-faqar jew pjanijiet ta' rimedju għal diżastri naturali jew diżastri kkawżati mill-bniedem;

11. Jieħu nota tad-definizzjoni tal-ħames żoni ewlenin li għalihom ġew proposti azzjonijiet konkreti differenti fil-livelli tal-UE u f'dak tal-Istati Membri; Iqis li dawn l-objettivi mhumiex eżawrjenti, u li l-ordni tal-prijoritajiet seta' kien strutturat aħjar; jenfasizza l-fatt li l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata hija u għandha tibqa' prijorità ewlenija fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna; iqis li l-kwistjoni tar-reżistenza għal diżastri naturali u dawk magħmula mill-bniedem, inklużi n-nuqqasijiet fl-infrastruttura kritika, għandhom jiġu indirizzati wkoll; jinnota, madankollu, li ma tidhirx li hi ħaġa ġġustifikata b'mod sħiħ jew li hi xierqa li tittieħed azzjoni fil-qasam tal-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali – kwistjoni li hija parti minn dibattitu speċifiku profond – fi ħdan il-qafas tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna;

12. Jemmen li l-kriminalità organizzata, fil-forom kollha tagħha inklużi l-mafji, tikkonstitwixxi theddida kbira għal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja għaċ-ċittadini tal-UE, u li l-ġlieda kontriha għandha tibqa' prijorità b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-kriminalità organizzata fl-Unjoni Ewropea, fuq il-bażi ta' data u informazzjoni speċifika dwar il-kooperazzjoni eżistenti bejn l-UE u l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-mafji, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, il-kriminalità professjonali u forom oħra ta' kriminalità organizzata;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipprijoritizzaw il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-kuntest tal-aġenda dwar is-sigurtà tal-UE, u biex jallokaw ir-riżorsi xierqa, billi jqisu li l-Programm ta' Stokkolma (4.1) jelenka l-korruzzjoni fost it-theddid transnazzjonali li jkompli jisfida s-sigurtà interna tal-Unjoni u li jitlob tweġiba ċara u komprensiva;

14. Ifakkar fl-importanza li jiġu evitati u miġġielda t-terroriżmu u l-attivitajiet relatati, anke l-finanzjament tagħhom, u jistenna bil-ħerqa l-proposta għal qafas għal miżuri amministrattivi bħall-iffriżar tal-fondi ta' persuni suspettati b'terroriżmu skont l-Artikolu 75 tat-TFUE; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iqisu li jadottaw leġiżlazzjoni speċifika dwar il-vittmi tat-terroriżmu sabiex jirrikonoxxu l-karattru pubbliku tagħhom, u biex jinkludu dispożizzjoijiet iktar dettaljati li jiżguraw protezzjoni, appoġġ u rikonoxximent adegwat;

15. Iqisha bħala ħaġa ta' importanza kbira li tiġi miġġielda b'mod deċiżiv il-kriminalità ambjentali, ekonomika, u korporattiva, li l-impatt tagħha huwa partikolarment detrimentali għall-kondizzjonijiet tal-għajxien taċ-ċittadini tal-UE, speċjalment fi żmien ta' kriżi; jiddeploar, f'dan ir-rigward, il-miżuri li ttieħdu minn xi Stati Membri bil-għan li jdgħajfu l-pieni li jissanzjonaw reati f'dawn l-oqsma; jenfasizza wkoll id-diskrepanza bejn il-proposti f'dawn l-oqsma u l-istigmatizzazzjoni ta' ċerti atti ta' delinkwenza anqas importanti;

16. Jilqa' l-fatt li l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità ngħatat prijorità fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, u jenfasizza l-importanza li wieħed jiffoka fuq il-prevenzjoni; jinnota u jappoġġa l-wegħda tal-Kummissjoni li fl-2012 tiżviluppa strateġija Ewropea soprastanti għas-sigurtà tal-internet; iħeġġeġ lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità;

17. Itenni li t-tkabbir tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja tal-UE, anke permezz tal-Europol u l-Eurojust kif ukoll permezz ta' taħriġ adegwat, huwa kritiku għal Strateġija ta' Sigurtà Interna xierqa, u li dan għandu jinvolvi l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kif ukoll l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jagħmlu dan prijorità għall-Istrateġija ta' Sigurtà Interna; jitlob ukoll li jkun hemm strumenti legali xierqa u konsistenti li jiffaċilitaw l-użu tal-evidenza;

18. Jenfasizza l-kontribut tal-missjonijiet tal-PSDK għat-trawwim tar-rispett għall-istat tad-dritt, u għaż-żamma tal-paċi u s-sigurtà fil-viċinat tal-UE u fid-dinja kollha, biex b'hekk jgħinu biex jiġi evitat il-falliment ta' stat u biex jiġu eliminati l-postijiet tal-kenn għall-attivitajiet kriminali u terroristiċi transnazzjonali;

19. Jiddispjaċih li, f'rabta ma' dan, l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għad m'għandhiex 'dimensjoni ta' ġustizzja'; ifakkar, b'konformità mal-Programm ta' Stokkolma, li l-fiduċja reċiproka għandha tissaħħaħ billi tiġi żviluppata progressivament kultura ġudizzjarja Ewropea bbażata fuq id-diversità tas-sistemi legali u fuq l-unità permezz tal-liġi Ewropea, u li s-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jaħdmu flimkien b'mod koerenti u effettiv, bi qbil mat-tradizzjonijeit legali nazzjonali tagħhom; jemmen li l-istabbiliment ta' sett ta' prijoritajiet fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja għandu jitqies fil-kuntest tar-rabta mill-qrib bejn id-dimensjonijiet kollha tal-Ispazju li jinstab fit-Titlu V tat-TFUE, jiġifieri l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja; jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni xierqa tal-ftehimiet dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi;

20. Jemmen li, fir-rigward tar-rabtiet bejn is-sigurtà interna u esterna, il-kooperazzjoni tal-UE ma' istituzzjonijiet internazzjonali oħra bħan-NATO u l-OSKE għandha tiġi promossa iktar;

21. Jenfasizza li l-ġlieda kontra t-terroriżmu hija prijorità għall-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, li l-objettivi u l-għodda tagħha għandhom jiġu evalwati b'mod xieraq kif indikat fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar 'il-linja politika tal-UE Kontra t-terroriżmu: il-kisbiet ewlenin u l-isfidi tal-futur'; jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-politiki ta' prevenzjoni u protezzjoni għandhom jingħataw prijorità akbar, flimkien mal-prosekuzzjoni u r-reazzjoni; hu tal-fehma, f'dan il-kuntest, li huwa meħtieġ iffukar aħjar fuq l-infurzar immirat tal-liġi u fuq attivitajiet tal-intelliġenza b'kapaċità ppruvata li jevitaw l-attakki terroristiċi u li jitwettqu skont il-prinċipji tan-neċessità, il-proporzjonalità u l-osservanza tad-drittijiet fundamentali u fuq il-bażi ta' sorveljanza u kontabilita xierqa; ifakkar li dan hu essenzjali jekk l-UE għandha tkun attur kredibbli fil-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali kemm internament kif ukoll esternament;

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

22. Iqisha bħala ħaġa kruċjali li jiġu żviluppati mekkaniżmi ta' prevenzjoni, b'mod partikolari sabiex jippermettu l-intraċċar bikri ta' sinjali ta' radikalizzazzjoni vjolenti jew theddid, inklużi theddid minn estremisti vjolenti u militanti; ifakkar fl-importanza ta' azzjonijiet diretti lejn il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni vjolenti f'popolazzjonijiet vjolenti, u jistenna bil-ħerqa l-ħidma futura tan-Netwerk tal-UE għat-Tqajjim ta' Kuxjenza dwar ir-Radikalizzazzjoni, bil-missjoni tiegħu li jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien u t-tqajjim tal-kuxjenza u li jidentifika soluzzjoijiet innovattivi;

23. Jirrikonoxxi l-enfasi fuq is-sigurtà tal-fruntieri fil-kuntest tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, iżda jemmen li l-ġestjoni tal-fruntieri u l-mobilità tal-bniedem mhumiex biss kwistjonijiet ta' sigurtà iżda aspetti ewlenin ta' strateġija politika aktar wiesgħa li tinvolvi kemm id-dimensjoni ta' sigurtà kif ukoll l-poltiki tal-immigrazzjoni, l-asil u l-impjiegi fil-livell tal-UE u politiki li jappoġġjaw l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u demokratiku u li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi; jenfasizza, barra minn hekk, li s-sigurtà għandha tiġi mħarsa fuq il-bażi ta' rispett lejn il-kisbiet tal-Unjoni, jiġifieri d-dritt tal-moviment liberu bejn il-fruntieri interni;

24. Itenni l-importanza li tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-azzjoni tal-Istati Membri rigward il-ġestjoni tal-fruntieri esterni, u jenfasizza li l-kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi ġirien li jikkondividu l-fruntieri mal-UE hija essenzjali biex ikun faċilitat il-moviment liberu u jitjiebu s-solidarjetà u s-sigurtà fil-fruntieri esterni; jenfasizza li l-introduzzjoni gradwali tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għandha timmira li tiffaċilita l-ivvjaġġar;

25. Hu tal-fehma, għalhekk, li l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għandha tirrifletti aktar il-viżjoni tal-Programm ta' Stokkolma, u iqisha bħala ħaġa espedjenti li tinbeda reviżjoni parlamentari ta' nofs it-terminu tal-Programm ta' Stokkolma qabel it-tmiem tal-2013 sabiex jiġu valutati l-prijoritajiet strateġiċi, leġiżlattivi u finanzjarji tiegħu; iqis ukoll li hija meħtieġa valutazzjoni kumplimentari fir-rigward tal-aġenziji Ewropej relevanti li qed jiġu attwalment 'Lisbonizzati' (il-Europol, il-Eurojust u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew), flimkien ma' aġenziji u korpi oħrajn; ifakkar li l-azzjonijiet u l-operazzjonijiet tal-aġenziji jridu jikkonformaw mal-mandat tagħhom kif definit fid-deċiżjonijiet dwar l-implimentazzjoni u l-operazzjoni tagħhom, u jridu jirrispettaw il-valuri u l-prinċipji demokratiċi u l-libertajiet u d-drittijiet fundamentali stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;

26. Ifakkar li l-ipproċessar u l-ġbir ta' data personali fil-qafas tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna f'kull ċirkostanza jridu jkunu konformi mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data tal-UE, speċjalment dawk ta' neċessità, proporzjonalità u legalità, u mal-leġiżlazzjoni relevanti tal-UE f'dan il-qasam; jilqa' l-proposti dwar il-protezzjoni tad-data mressqa mill-Kummissjoni fil-25 ta' Jannar 2012 imma huwa tal-fehma li l-proposta għal direttiva fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materja kriminali u l-infurzar tal-liġi jridu jkunu iżjed ambizzjużi u jridu jipprevedu salvagwardji iktar b'saħħithom, speċjalment fid-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-ħolqien ta' profili u l-ipproċessar awtomatiku;

27. Jafferma mill-ġdid, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa għal sorveljanza demokratika xierqa u ta' evalwazzjoni tal-ħidma tal-aġenziji tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja sabiex jiġi evitat ir-riskju li l-linja diviżorja "ta' bejn il-konsulenza politika u t-tfassil attwali tal-politika" ma tibqax ċara fir-rigward ta' dawk l-aġenziji;

28. Iħeġġeġ lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jippreżentaw il-proposta tagħhom – ippjanata għall-2011 – dwar l-implimentazzjoni tal-klawsola ta' solidarjetà, li m'għandiex tkun duplikazzjoni tal-inizjattivi eżistenti, iżda għandha minflok tiddefinixxi l-qafas għall-użu u l-koordinazzjoni tal-istrumenti tal-UE u nazzjonali disponibbli, inkluża l-PSDK, fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 222 tat-TFUE; huwa tal-fehma li huwa biss bil-medda kollha tal-possibilitajiet miftuħa permezz tal-implimentazzjoni tal-klawżola ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri kollha li l-UE ser tkun ippreparata biex tevita kwalunkwe theddida għas-sigurtà ta' Stat Membru wieħed jew aktar u tirreaġixxi b'mod sikur u kkoordinat għaliha.

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

Approċċ tal-UE rigward id-dritt kriminali

P7_TA(2012)0208

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar l-approċċ tal-UE rigward id-dritt kriminali (2010/2310(INI))

(2013/C 264 E/02)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u b'mod partikolari t-Tielet Parti, Titolu V, Kapitolu 4 tiegħu, intitolat "Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali",

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-Titolu IV tagħha dwar il-ġustizzja,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2011 bit-titlu "Lejn Politika Kriminali tal-UE: L-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-UE permezz tal-liġi kriminali" (COM(2011)0573),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar id-dispożizzjonijiet mudell, li servew ta' gwida għad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tad-dritt kriminali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-kriminalità organizzata fl-Unjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tas-7 ta' Mejju 2009 lill-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' żona tal-UE għall-ġustizzja kriminali ([2]),

— wara li kkunsidra l-istudji tiegħu fuq 'L-armonizzazzjoni ta' liġi kriminali fl-UE' ([3]) u fuq 'L-iżvilupp ta' żona għall-ġustizzja kriminali tal-UE' ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0144/2012),

A. billi skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fih il-moviment liberu tal-persuni jkun assigurat flimkien ma' miżuri xierqa f'dak li jirrigwarda lil, inter alia, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontriha;

B. billi l-Parlament u l-Kunsill jistgħu, skont l-Artikolu 83 TFUE, jistabbilixxu regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet;

C. billi fl-istess ħin l-Artikolu 83(3) TFUE jintroduċi proċedura msejħa "brejk ta' emerġenza" fejn membru tal-Kunsill jikkunsidra li l-miżura leġislattiva proposta tolqot xi aspetti fundamentali tas-sistema ta' ġustizzja kriminali tiegħu u b'hekk jirrikonoxxi l-fatt li l-dritt kriminali ħafna drabi jirrifletti l-valuri bażiċi, l-użanzi u l-għażliet ta' soċjetà partikolari, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

([1]) Testi adottati, P7_ TA(2011)0459.
([2]) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 116.
([3]) http://www.europarl.europa.eu/committees/en/studiesdownload.html?languageDocument=EN&file=30499
([4]) http://www.europarl.europa.eu/committees/en/studiesdownload.html?languageDocument=EN&file=30168

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

D. billi l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, kif imsemmija fl-Artikolu 5 TUE huma għaldaqstant partikolarment relevanti fil-każ ta' proposti leġislattivi li jirregolaw id-dritt kriminali;

E. billi s-sistemi tad-dritt kriminali u tal-proċedimenti kriminali tal-Istati Membri evolvew matul is-sekli, billi kull Stat Membru għandu l-karatteristiċi tiegħu u partikolaritajiet speċjali tiegħu, u billi, bħala konsegwenza, l-oqsma fundamentali tad-dritt kriminali għandhom jitħallew għall-Istati Membri;

F. billi l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku qiegħed jidħol dejjem aktar f'għadd kulma jmur akbar ta' oqsma tal-politika, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mas-sentenzi u mad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, u billi dan hu prinċipju msejjes fuq il-fiduċja reċiproka, li titlob standards minimi ta' protezzjoni fl-ogħla livelli possibbli;

G. billi l-armonizzazzjoni tad-dritt kriminali fl-UE għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' kultura ġuridika komuni fl-UE b'rabta mat-taqbida kontra l-kriminalità, li tammonta għat-tradizzjonijiet ġuridiċi nazzjonali mingħajr ma teħdilhom posthom u li għandha impatt pożittiv fuq il-fiduċja reċiproka fost l-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri;

H. billi d-dritt kriminali għandu jikkostitwixxi sistema leġiżlattiva koerenti regolata minn għadd ta' prinċipji fundamentali u standards ta' governanza tajba, f'osservanza sħiħa tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u konvenzjonijiet internazzjonali oħrajn tal-jeddijiet tal-bniedem li l-Istati Membri huma firmatarji tagħhom;

I. billi fid-dawl tal-kapaċità ta' restrizzjoni ta' ċerti drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali ta' persuni ssusspettati, akkużati jew ikkundannati li d-dritt kriminali għandu min-natura tiegħu stess, flimkien mal-effetti eventwali ta' stigma tal-indaġni kriminali, u fid-dawl tal-fatt li l-użu eċċessiv ta' leġiżlazzjoni kriminali jwassal għal nuqqas fl-effiċjenza, id-dritt kriminali għandu jiġi applikat bħala miżura tal-aħħar mezz assolut (ultima ratio) għal atti definiti b'mod ċar u limitati, li għalihom miżuri anqas stretti ma jistgħux jiġu applikati u li joħolqu ħsara sinifikanti għas-soċjetà jew għal individwi;

J. billi l-leġiżlazzjoni kriminali tal-UE għandha, bħala regola ġenerali, tipprevedi biss penalitajiet għal atti li jkunu saru b'mod intenzjonali jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, għal dawk li jinvolvu negliġenza serja, u għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' ħtija individwali (nulla poena sine culpa), għad li f'ċerti każijiet jista' jkun iġġustifikat li jkun hemm dispożizzjonijiet dwar ir-responibilità soċjetarja għal ċerti tipi ta' reat;

K billi skont ir-rekwiżit tal-lex certa l-elementi ta' reat kriminali għandhom ikunu fformulati b'mod preċiż sabiex tiġi żgurata il-previdibbiltà fir-rigward tal-applikazzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni u t-tifsira tagħhom;

L. billi fil-każ tad-direttivi, l-Istati Membri jżommu ċertu marġni ta' diskrezzjoni fuq kif jittrasponu d-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u dan ifisser li sabiex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tal-lex certa, għandha tkunu tal-ogħla kwalità, mhux biss il-leġiżlazzjoni tal-UE stess, iżda wkoll it-traspożizzjoni tagħha fil-leġiżlazzjoni nazzjonali;

M. billi l-introduzzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dritt kriminali tal-UE mhijiex limitata għall-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizza iżda tista' tikkonċerna ħafna politiki differenti;

N. billi s'issa l-Unjoni Ewropea ħafna drabi ħolqot dispożizzjonijiet ta' dritt kriminali fuq bażi ad hoc, u b'hekk inħoloq il-bżonn għal aktar koerenza;

O. billi hemm bżonn li l-Parlament jiżviluppa l-proċeduri tiegħu stess sabiex jiżgura, flimkien mal-koleġiżlatur, sistema ta' dritt kriminali koerenti tal-ogħla kwalità;

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

P. billi sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fis-settur tad-dritt kriminali bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament, hemm bżonn ta' ftehim interistituzzjonali;

Q. billi l-Artikolu 67(1) TFEU jiddisponi li l-Unjoni għandha tikkostitwixxi zona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali u s-sistemi legali u tradizzjonijiet differenti tal-Istati Membri;

1. Jenfasizza li l-proposti għal dispożizzjonijiet sostantivi fid-dritt kriminali tal-UE għandhom jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità;

2. Ifakkar li d-dritt kriminali għandu jirrispetta b'mod sħiħ id-drittijiet fundamentali ta' persuni suspettati, akkużati jew ikkundannati;

3. Jenfasizza li f'dan ir-rigward mhux biżżejjed li jsir riferiment għal kunċetti astratti jew effetti simboliċi, iżda l-ħtieġa għal dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali materjali ġodda għandha tintwera b'evidenza neċessarja li tagħmilha ċara li:

— id-dispożizzjonijiet kriminali jiffukaw fuq kondotta li toħloq ħsara pekunarja jew mhux pekunarja sinifikanti għas-soċjetà, individwi jew għal grupp ta' individwi;

— ma hemmx miżuri oħrajn, li jintervjenu anqas li jindirizzaw din il-kondotta,

— ir-reat involut huwa wieħed ta' natura partikolarment serja b'dimensjoni transkonfinali jew għandu impatt dirett negattiv fuq l-implimentazzjoni effettiva ta' politika tal-Unjoni f'qasam li kien suġġett għal miżuri ta' armonizzazzjoni,

— hemm ħtieġa li jiġi miġġieled ir-reat ikkonċernat fuq bażi komuni, jiġifieri li jkun hemm valur prattiku miżjud fl-approċċ komuni tal-UE, filwaqt li jitqiesu, inter alia, l-estensjoni u l-frekwenza tar-reat fl-Istati Membri, u

— b'konformità mal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, is-severità tas-sanzjonijiet proposti mhijiex sproporzjonata għar-reat;

4. Jirrikonoxxi l-importanza ta' prinċipji ġenerali oħra li jirregolaw id-dritt kriminali, bħal:

— il-prinċipju tal-ħtija tal-individwu (nulla poena sine culpa), u għaldaqstant jippreskrivi penalitajiet biss għal atti li jkunu saru b'mod intenzjonat, jew f'każijiet eċċezzjonali, għal atti li jinvolvu negliġenza serja,

— il-prinċipju taċ-ċertezza legali (lex certa): id-deskrizzjoni tal-elementi ta' reat għandha tkun ifformulata b'mod preċiż b'tali mod li l-individwu jkun jista' jipprevedi l-azzjonijiet li jagħmluh kriminalment responsabbli;

— il-prinċipju ta' non retroattività u ta' lex mitior: eċċezzjonijiet għall-prinċipju tar-retroattività huma permissibbli biss jekk ikunu ta' benefiċċju għal min wettaq ir-reat,

— il-prinċipji ta' ne bis in idem, li jfisser li persuna misjuba ħatja jew mhux ħatja b'sentenza finali fi Stat Membru wieħed ma tkun mixlija jew ikkastigata għall-istess kwestjoni fi proċedimenti kriminali fi Stat Membru ieħor,

— il-preżunzjoni tal-innoċenza, li tispeċifika li kull persuna akkużata b'reat kriminali għandha tiġi meqjusa innoċenti sakemm il-ħtija tagħha ma tiġix ippruvata legalment;

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

5. Jilqa' r-rikonoxximent tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni riċenti tagħha dwar il-politika tal-UE fuq id-dritt kriminali li l-ewwel fażi ta' leġiżlazzjoni fil-qasam tad-dritt kriminali għandu jikkonsisti fid-deċiżjoni dwar jekk għandhomx jiġu addottati miżuri sostanzjali fid-dritt kriminali jew le;

6. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tressaq miżuri li jiffaċilitaw infurzar aktar konsistenti u koerenti ta' dispożizzjonijiet eżistenti fid-dritt kriminali sostantiv tal-UE fil-livell nazzjonali, mingħajr preġudizzju għall-prinċipji ta' neċessità u sussidjarjetà;

7. Jenfasizza li l-miżuri ta' armonizzazzjoni għandhom ikunu proposti primarjament bl-għan li jappoġġjaw l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku fil-prattika, aktar milli biex sempliċiment jespandu l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt kriminali armonizzat tal-UE;

8. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli tinkludi fil-valutazzjonijiet ta' impatt tagħha l-kriterju tan-neċessità u l-proporzjonalità, li tkompli tuża l-aħjar prattiki ta' dawk l-Istati Membri b'livell għoli ta' garanziji ta' jeddijiet proċedurali, li tinkludi valutazzjoni msejsa fuq il-lista ta' verifika li hija għandha dwar il-jeddijiet tal-bniedem u li ddaħħal kriterju li jispeċifika l-mod ta' kif il-proposti tagħha jirriflettu l-prinċipji ġenerali msemmijin li jirregolaw id-dritt kriminali;

9. Jisħaq dwar il-ħtieġa li jitwaqqfu standards minimi uniformi ta' ħarsien fl-ogħla livell possibbli għall-issuspettati u l-akkużati fi proċedimenti kriminali ħalli tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka;

10. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw ukoll miżuri nonleġiżlattivi li jikkonsolidaw il-fiduċja fost l-ordinamenti ġuridiċi differenti fl-Istati Membri, itejbu l-koerenza, u jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' kultura ġuridika komuni fl-UE b'rabta mat-taqbida kontra l-kriminalità;

11. Jenfasizza l-bżonn ta' approċċ aktar koerenti u ta' kwalità għolja fl-UE fil-qasam tad-dritt kriminali u jikkundanna l-approċċ frammentat li ġie segwit s'issa;

12. Jilqa' l-eżistenza ta' grupp ta' koordinazzjoni bejn is-servizzi fil-qasam tad-dritt kriminali fi ħdan il-Kummissjoni u jitlob lill-Kummisjoni tipprovdi lill-Parlament b'informazzjoni aktar speċifika fuq il-mandat u l-funzjoni tiegħu;

13. Jitlob li jkun hemm awtorità koordinatriċi ċara fi ħdan il-Kummissjoni għall-proposti kollha li jkun fihom dispożizzjonijiet rigwardanti d-dritt kriminali, sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti;

14. Jilqa' l-eżistenza ta' Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill fuq id-Dritt Kriminali Sostantiv u jitlob lill-Kunsill jipprovdi lill-Parlament b'informazzjoni speċifika fuq kif dan jirrelata ma' gruppi ta' ħidma oħra tal-Kunsill li huma responsabbli minn dispożizzjonijiet ta' dritt kriminali f'oqsma tal-politika oħra li mhumiex il-ġustizzja u l-affarijiet interni;

15. Jitlob li jintlaħaq ftehim interistituzzjonali fuq il-prinċipji u l-metodi ta' xogħol li jirregolaw proposti għal dispożizzjonijiet sostantivi futuri tal-UE fil-qasam tad-dritt kriminali u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jistabbilixxu grupp ta' ħidma interistituzzjonali fejn dawn l-istituzzjonijiet u l-Parlament ikunu jistgħu jabbozzaw tali ftehim u jiddiskutu kwestjonijiet ġenerali, fejn ikun xieraq billi jiġu kkonsultati esperti indipendenti, bil-għan li tiġi żgurata l-koerenza fid-dritt kriminali tal-UE;

16. Jemmen li dan il-grupp ta' ħidma interistituzzjonali għandu jgħin fid-definizzjoni tal-ambitu xieraq u l-applikazzjoni xierqa tal-pieni tad-dritt kriminali f'livell ta' UE, kif ukoll li jeżamina l-leġiżlazzjoni eżistenti bl-iskop li jkunu ridotti l-frammentazzjoni u l-kunflitti ta' ġurisdizzjoni li jikkaratterizzaw l-approċċ ta' bħalissa;

17. Jiddeċiedi li jeżamina kif approċċ koerenti għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-dritt kriminali sostantiv jista' jkun żgurat bl-aħjar mod fil-Parlament u jissottolinja, f'dan ir-rigward, in-nuqqas attwali ta' kumitat ta' koordinazzjoni kif ukoll ir-rwol importanti li s-Servizz Legali tiegħu jista' potenzjalment ikollu;

18. Jissottolinja l-importanza tat-twaqqif ta' servizz ta' tagħrif għall-Parlament li jista' jappoġġja lill-Membri individwali fix-xogħol tagħhom ta' kuljum u b'hekk tiġi żgurata l-kwalità tax-xogħol tal-Parlament bħala koleġiżlatur;

19. Jissottolinja li approċċ koerenti jeħtieġ li l-Parlament, qabel ma jaddotta kwalunkwe proposta leġislattiva relatata mad-dritt kriminali sostantiv, ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu analiżi legali tal-proposta li turi jekk ir-rekwiżiti kollha msemmija f'din ir-Riżoluzzjoni ġewx sodisfatti, jew liema titjib għadu neċessarju;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri u lill-Kunsill tal-Ewropa.

Strateġija għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumaturi vulnerabbli

P7_TA(2012)0209

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar strateġija għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumaturi vulnerabbli (2011/2272(INI))

(2013/C 264 E/03)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm tal-Konsumaturi 2014-2020 (COM(2011)0707) u d-dokumenti li jakkumpanjawha (SEC(2011)1320 u SEC(2011)1321),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reklamar qarrieqi u komparattiv ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti mill-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi ("ir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi") ([5]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 ([7]),

([1]) ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22.
([2]) ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64.
([3]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21.
([4]) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.
([5]) ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1.
([6]) ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2011)0453.

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif inkorporata fit-Trattati bl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u, b'mod partikolari l-Artikolu 7 (ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja), l-Artikolu 21 (in-non-diskriminazzjoni), l-Artikolu 24 (id-drittijiet tat-tfal), l-Artikolu 25 (id-drittijiet tal-anzjani), l-Artikolu 26 (l-integrazzjoni tal-persuni diżabbli) u l-Artikolu 38 (il-protezzjoni tal-konsumatur) tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 12 tat-TFUE, li jistipula li "fid-definizzjoni u l-implementazzjoni ta' politika u attivitajiet oħra tal-Unjoni għandu jingħata kont tal-ħtiġijiet tal-ħarsien tal-konsumatur",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tat-TFUE, li jistipula li "fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tieħu kont tal-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2011 dwar strateġija ġdida għall-Politika tal-Konsumatur [1],

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew bit-titolu "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-21 ta' Settembru 2010 dwar l-ikkompletar tas-suq intern għall-kummerċ elettroniku [2],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar l-impatt tar-riklamar fuq l-imġiba tal-konsumatur [3],

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-7 ta' Lulju 2009 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar metodoloġija armonizzata għall-klassifikar u l-irrappurtar tal-ilmenti u d-domandi tal-konsumaturi (COM(2009)0346), u l-Abbozz ta' Rakkomandazzjoni korrispondenti tal-Kummissjoni (SEC(2009)0949),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni tas-7 ta' April 2011 bit-titolu "It-Tisħiħ tas-Setgħat tal-Konsumaturi fl-Unjoni Ewropea" (Consumer Empowerment in the EU)" (SEC(2011)0469),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni ta' Ottubru 2011, bit-titolu "Swieq li Jaħdmu Tajjeb għall-Konsumaturi - Is-sitt edizzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur" (SEC(2011)1271),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2011 bit-titolu "Konsumaturi li jħossuhom komdi fis-suq uniku", il-ħames edizzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjonijiet tal-Konsumatur (SEC(2011)0299),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [4],

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika [5],

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern [6],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tad-9 ta' Marzu 2010 dwar il-ħarsien tal-konsumatur [7],

(1) Testi adottati, P7_TA(2011)0491.
(2) ĠU C 50 E, 21.2.2012, p. 1.
(3) Testi adottati, P7_TA(2010)0484.
(4) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
(5) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.
(6) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.
(7) ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 1.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-9 ta' Marzu 2010 dwar l-Evalwazzjoni tas-Suq Intern ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Jannar 2009 dwar it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva 2005/29/KE rigward prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u d-Direttiva 2006/114/KE dwar reklamar qarrieqi u komparattiv ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Settembru 2008 dwar kif il-marketing u r-reklamar jaffettwaw l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ([3]),

— wara li kkunsidra l-Ewrobarometru Speċjali Nru 342 dwar l-għoti tas-setgħat lill-konsumaturi,

— wara li kkunsidra r-rapport analitiku dwar l-attitudnijiet lejn il-bejgħ transkonfinali u l-ħarsien tal-konsumaturi, ippubblikat mill-Kummissjoni f'Marzu 2010 fl-Ewrobarometru Flash Nru 282,

— wara li kkunsidra l-approċċ Ewropew għal-litteriżmu medjatiku fid-dinja diġitali,

— wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali (SEC(2009)1666),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0155/2012),

A. billi l-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-konsumaturi huma valuri fundamentali għall-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni Ewropea rilevanti, speċjalment għat-tisħiħ tas-suq uniku, u sabiex jintlaħqu l-miri tal-istrateġija Ewropa 2020,

B. billi l-għan tal-politika tal-UE dwar il-Konsumatur għandu jkun livell għoli ta' għoti ta' setgħat lill-konsumaturi u l-ħarsien ta' kull konsumatur,

C. billi s-suq uniku għandu wkoll jiżgura livell għoli ta' ħarsien tal-konsumaturi kollha, b'iffokar partikolari fuq il-konsumaturi vulnerabbli sabiex jitqiesu l-bżonnijiet partikolari tagħhom u jissaħħu l-ħiliet tagħhom,

D. billi l-kunċett użat b'mod wiesa' ta' konsumaturi vulnerabbli huwa bbażat fuq in-nozzjoni ta' vulnerabilità bħala endoġena, u jimmira grupp eteroġenju magħmul minn persuni li, fuq bażi permanenti, huma meqjusa bħala tali minħabba diżabbiltà mentali, fiżika jew psikoloġika tagħhom, minħabba l-età, il-kredulità jew is-sess tagħhom, u billi l-kunċett ta' konsumaturi vulnerabbli għandu jinkludi wkoll il-konsumaturi f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, jiġifieri l-konsumaturi li jitqiegħdu fi stat temporanju ta' nuqqas ta' setgħa li, min-naħa waħda, jirriżulta minn differenza bejn l-istat individwali u l-karatteristiċi tagħhom, u min-naħa l-oħra l-ambjent estern tagħhom, b'kunsiderazzjoni ta' kriterji bħal-livell ta' edukazzjoni, is-sitwazzjoni soċjali u finanzjarja, l-aċċess għall-Internet, eċċ.; billi l-konsumaturi kollha, f'xi punt f'ħajjithom, jistgħu jsiru vulnerabbli minħabba fatturi esterni u interazzjonijiet tagħhom mas-suq jew minħabba li jkollhom diffikultajiet bl-aċċess u l-fehim ta' informazzjoni rilevanti għall-konsumaturi u għalhekk ikunu jeħtieġu ħarsien partikolari,

Il-vulnerabbiltà u l-konsumatur vulnerabbli

1. Jirrimarka li l-varjetà ta' sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, kemm meta l-konsumatur ikun taħt skema ta' protezzjoni legali u kif ukoll meta huwa jkun jinstab f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà settorjali jew temporanja speċifika, tagħmilha diffiċli li jkunu ttrattati lkoll bl-istess mod u li jiġi adottat strument leġiżlattiv komprensiv, li s'issa wassal biex il-leġiżlazzjoni kif ukoll il-politiki eżistenti indirizzaw il-problema tal-vulnerabbiltà b'mod każwistiku; jenfasizza għalhekk li l-leġiżlazzjoni Ewropea għandha tindirizza l-problema tal-vulnerabilità bħala kompitu orizzontali, billi jitqiesu l-bżonnijiet varji tal-konsumaturi, il-kapaċitajiet u ċ-ċirkostanzi tagħhom;

([1]) ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 25.
([2]) ĠU C 46 E, 24.2.2010, p. 26.
([3]) ĠU C 295 E, 4.12.2009, p. 43.

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

2. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adegwati biex jipprovdu garanziji għall-ħarsien tal-konsumaturi vulnerabbli;

3. Jenfasizza li l-istrateġija għad-drittijiet tal-konsumaturi vulnerabbli għandha tiffoka fuq it-tisħiħ tad-drittijiethom u l-iżgurar li dawn id-drittijiet jiġu ssalvagwardjati u rrispettati tassew, u li għandha tagħti lill-konsumaturi l-mezzi kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet adegwati juru kull kunfidenza indipendentement mill-istrument użat; iqis li, peress li l-UE għandha tiffoka fuq ħarsien effettiv tad-drittijiet tal-konsumaturi kollha, l-idea tal-"konsumatur medju" hija nieqsa mill-flessibbiltà meħtieġa sabiex tadatta għal każijiet speċifiċi u xi drabi ma tikkorrispondix għas-sitwazzjonijiet tal-ħajja reali;

4. Jenfasizza li strateġija biex tiġi indirizzata l-vulnerabilità tal-konsumatur għandha tkun proporzjonata, biex ma tirrestrinġix il-libertajiet individwali u l-għażla tal-konsumatur;

5. Jitlob lill-Kummissjoni u jħeġġeġ lill-Istati Membri josservaw b'mod kostanti u mill-qrib l-imġiba soċjali u tal-konsum u s-sitwazzjonijiet li jistgħu jpoġġu ċerti gruppi jew individwi f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, pereżempju permezz tal-analiżi tal-ilmenti tal-konsumaturi, u biex tintemm il-vulnerabilità permezz ta' miżuri speċifiċi, meta dan ikun xieraq, bien jiġu mħarsa l-konsumaturi kollha, indipendentement mill-kapaċità u minn liema stadju ta' ħajjithom jinsabu fiha.

6. Jirrimarka li għad hemm differenzi bejn prodotti tal-istess marka fi Stati Membri differenti, li b'riżultat tagħhom il-konsumaturi f'xi Stati Membri huma inqas protetti; jenfasizza li l-qafas legali attwali ma jippermettix eliminazzjoni tad-differenzi fil-kwalità ta' prodotti tal-istess marka fi Stati Membri differenti, u jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-konsumatur b'mod adegwat;

Evalwazzjoni tal-qafas leġiżlattiv attwali

7. Jirrimarka li d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar il-prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumaturi fis-suq intern introduċiet il-kwistjoni tal-vulnerabbiltà tal-konsumatur billi tiffoka fuq l-"influwenza mhux xierqa" li tista' tiġi eżerċitata fuq il-konsumaturi li jkunu għadhom m'għamlux kompletament l-għażla tagħhom; jinnota li d-Direttiva 2005/29/KE tiffoka primarjament fuq il-vulnerabilità mill-perspettiva tal-interessi ekonomiċi tal-konsumatur,

8. Jirrimarka li d-Direttiva 2011/83/UE dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi, li huwa l-aktar strument reċenti ddedikat għall-ħarsien tagħhom, issaħħaħ ir-rekwiżiti dwar l-informazzjoni prekontrattwali u kontrattwali, billi tagħti dritt tal-irtirar aktar b'saħħtu f'każ li l-fornitur jew il-bejjiegħ ikun naqas milli jikkonforma mal-obbligu legali li jipprovdi din l-informazzjoni, u timponi li l-informazzjoni rilevanti tkun mgħoddija b'mod ċar u li jinftiehem; iqis li għandhom jittieħdu miżuri adegwati u effettivi anke f'setturi mhux koperti mid-Direttiva 2011/83/UE u meta jeżisti każ ta' vulnerabilità partikolari, bħas-settur finanzjarju jew is-settur tat-trasport;

Empowerment: ir-responsabbiltà tal-konsumatur fil-ħarsien tiegħu nnifsu

9. Iqis li t-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumaturi vulnerabbli ma jimplikax biss żvilupp fil-corpus legali u l-infurzar effikaċi tad-drittijiet tagħhom, iżda wkoll it-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li jagħmlu l-aħjar deċiżjonijiet b'mod awtonomu; jilqa' u jappoġġa bil-qawwa għalhekk l-isforzi tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-poter tal-konsumatur permezz tal-provvista ta' informazzjoni u edukazzjoni lill-konsumatur li jkunu faċilment aċċessibbli u li jkunu jistgħu jinftehmu, peress li kwalunkwe azzjoni f'dan ir-rigward tikkontribwixxi għal suq intern iktar effiċjenti u ġust; huwa mħasseb li dan l-approċċ jista' ma jkunx biżżejjed għall-ħarsien tal-konsumatur vulnerabbli, billi l-vulnerabbiltà tagħhom toriġina mid-diffikultà tagħhom li jaċċedu jew jagħmlu valutazzjoni tal-informazzjoni mogħtija lilhom; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa politika dwar il-konsumatur għall-konsumaturi Ewropej kollha u tiżgura li l-konsumaturi vulnerabbli jkollhom aċċess għall-istess prodotti u servizzi u li ma jiġux imqarrqa;

10. Jirrimarka li l-vulnerabbiltà ta' ħafna konsumaturi hija r-riżultat tal-fatt li ma jkunux assertivi biżżejjed, jew li ma jkunux fehmu għalkollox l-informazzjoni li jirċievu jew l-għażliet li għandhom, jew għax ma jafux dwar is-sistemi li jeżistu biex wieħed iressaq ilment jew jitlob kumpens, u li dawn il-barrieri jikbru fil-każ ta' konsum transkonfinali u bejgħ minn wara l-bieb tad-dar, inkluż il-kummerċ transkonfinali onlajn;

11. Jitlob lill-UE u l-Istati Membri jagħtu iktar attenzjoni u jinvestu aktar fl-informazzjoni għall-konsumaturi u fil-kampanji edukattivi li jindirizzaw il-messaġġi t-tajba lill-oqsma t-tajba ta' konsumaturi;

12. Jitlob għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu ulterjorment u jiżviluppaw inizjattivi eżistenti (bħad-Dolceta, l-ECC-Net, eċċ.) filwaqt li jiżguraw konsistenza bejniethom sabiex jittejbu l-informazzjoni u l-edukazzjoni tal-konsumatur;

13. Jisħaq li, fil-kaz ta' rabtiet kontrattwali, il-konsumatur spiss ikun l-aktar parti dgħajfa; jitlob lin-negozji biex jippromwovu u jiżviluppaw inizjattivi awtoregolatorji biex isaħħu l-ħarsien tad-drittijiet tal-konsumaturi vulnerabbli, jiżguraw li dawn ikollhom aċċess għal informazzjoni mtejba u ċara u jiżviluppaw prattiki li jtejbu l-kapaċità tal-konsumaturi li jifhmu u jevalwaw ftehim; jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jipprovdu inċentivi f'dan ir-rigward kif ukoll il-protezzjoni legali meħtieġa għall-konsumaturi;

Tagħrif u regolamentazzjoni

14. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw aħjar li, fl-iżvilupp tal-istandards ta' sigurtà u l-kondizzjonijiet ta' tħaddim għal ċerti prodotti, jiġu enfasizzati rekwiżiti ta' kwalità u miżuri ta' protezzjoni, u li jitqies b'mod effikaċi l-bżonn li jiġi żgurat ħarsien adegwat tal-konsumaturi vulnerabbli; jinnota li l-użu maħsub jista' ma jindirizzax ir-riskji speċifiċi li jiffaċċjaw il-konsumaturi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibilità għal prodotti tal-għajxien ta' kuljum min-naħa tal-persuni bi problemi f'għajnejhom; jissuġġerixxi għalhekk li r-regolamentazzjoni tal-istandards ta' sigurtà u l-kundizzjonijiet għal ċerti prodotti, meta jkun possibbli, ikunu jqisu mhux biss l-użu maħsub iżda wkoll l-użu li jista jsir mill-prodott; jitlob sabiex ir-reviżjoni tal-ġejjieni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti tiffoka fuq dan it-tħassib imsemmi hawn fuq;

15. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea biex jiddedikaw l-isforzi tagħhom biex il-linji gwida għaċ-ċittadini b'diżabbiltà jkunu aċċessibbli, inkluż permezz ta' standardizzazzjoni, biex il-prattika tajba tkun disponibbli għall-intrapriżi u biex dawn jiġu mħeġġa japplikawha, biex iħeġġu li l-informazzjoni li tingħata min-negozji u l-provvista ta'servizzi tkun f'forom aċċessibbli għal dawn iċ-ċittadini, kif ukoll biex jiġu użati r-riżorsi li ġejjin mill-Unjoni Ewopea;

16. Jitlob lill-Istati Membri jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti, li tapplika għall-protezzjoni f'sitwazzjonijiet internazzjonali ta' adulti li, minħabba diżabbiltà jew nuqqas fil-kapaċitajiet personali tagħhom, ma jinsabux f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom stess;

17. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iqisu t-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumaturi vulnerabbli bħala prijorità ewlenija fil-kuntest tar-rieżami li qed isir tal-proposta għal regolament dwar il-programm tal-konsumaturi 2014-2020, u l-pubblikazzjoni li se ssir tal-Aġenda tal-Konsumatur;

18. Jitlob lill-Kummissjoni tinkludi d-dimensjoni tal-vulnerabilità tal-konsumatur fil-ħidma tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Konsumatur, pereżempju billi jsir tqassim skont l-età, il-livell ta' edukazzjoni jew fatturi soċjoekonomiċi biex ikunu hemm ħarsa ġenerali iktar ċara tal-bżonnijiet tal-konsumaturi vulnerabbli;

19. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, bi qbil mal-prinċipji tar-Responsabilità Soċjali Korporattiva, joffru inċentivi lill-kumpaniji biex dawn iwaqqfu sistema ta' tikkettar volontarju tal-ippakkjar tal-prodotti industrijali fil-Braille (inkluż pereżempju t-tip ta' prodott u d-data ta' skadenza, mill-inqas), biex il-ħajja tal-persuni bi problemi ta' vista ssir iktar faċli;

20. Fl-istess spirtu, jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jippromwovu r-riċerka u l-iżvilupp tal-prodotti, is-servizzi, it-tagħmir u l-faċilitajiet, li huwa ddiżinjati b'mod universali, jiġifieri li jistgħu jintużaw minn kulħadd, bl-iktar mod wiesa', mingħajr il-bżonn ta' adattament jew diżinn speċjalizzat;

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

Oqsma partikolarment problematiċi

21. Ifakkar li fil-fora internazzjonali ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa li l-konsumatur ikun imħares permezz tal-informazzjoni u r-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji, li fil-komplessità tagħhom jinvolvu li kwalunkwe konsumatur jista' jkun vulnerabbli; jinnota li kumplessità bħal din tista' twassal lill-konsumaturi għal dejn eċċessiv; jinnota li, skont inkjesta reċenti mwettqa mill-Kummissjoni, 70 % tas-siti tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kumpaniji kienu qed jagħmlu żbalji bażiċi fir-reklamar tagħhom u f'informazzjoni bażika meħtieġa dwar il-prodotti li joffru, filwaqt li l-ispejjeż kienu rappreżentati b'mod qarrieqi; jisħaq li għandu jsir iżjed min-naħa tal-industrija tas-servizzi finanzjarji sabiex jipprovdu spjegazzjonijiet ċari u sempliċi dwar in-natura tal-prodotti u s-servizzi li jipprovdu, u jistieden lill-partijiet interessati kollha sabiex jiżviluppaw programmi effikaċi dwar il-litteriżmu tas-servizzi finanzjarji;

22. Jitlob biex l-informazzjoni tkun immirata aħjar u mqassma permezz tal-kanali kollha, mhux biss dawk uffiċjali iżda wkoll permezz tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-uffiċċji reġjonali, muniċipali u lokali, li huma ħafna iktar qrib, iktar viżibbli u iktar aċċessibbli għall-inqas konsumaturi mobbli;

23. Jenfasizza l-bżonn li tittieħed azzjoni mmirata prinċipalment lejn il-konsumaturi vulnerabbli, kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll f'dan tal-UE, bi qbil mar-riżultati tal-iktar Ewrobarometru reċenti li juri li 50 % tal-konsumaturi jħossuhom informati u protetti; gruppi vulnerabbli b'mod partikolari qed isibu diffikultajiet biex jifhmu l-għażliet disponibbli għalihom, mhumiex konxji mid-drittijiet tagħhom, qed jiffaċċjaw iktar problemi u juru eżitazzjoni li jaġixxu meta jkun hemm il-problemi;

24. Jissottolinea li t-tfal u ż-żgħażagħ, li jbatu dejjem aktar il-konsegwenzi negattivi ta' stil ta' ħajja sedentarja u tal-obeżità huma iżjed sensittivi għar-riklami tal-ikel b'kontenut għoli ta' xaħam, melħ u zokkor; jilqa' l-inizjattivi u kodiċi ta' mġiba awtoregolatorji mnedija mill-impriżi sabiex jillimitaw l-espożizzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ għar-riklami tal-ikel (bħal dawk imnedija fil-qafas tal-Pjattaforma tal-Kummissjoni għal Azzjoni dwar id-Dieta, l-Attività Fiżika u s-Saħħa), u jistieden lill-partijiet interessati kollha sabiex jedukaw u jinfurmaw lit-tfal u żgħażagħ, kif ukoll lill-persuni li jieħdu ħsiebhom, b'mod effikaċi, dwar l-importanza ta' nutrizzjoni bilanċjata u stil ta' għajxien attiv u b'saħħtu; f'dan ir-rigward, jitlob analiżi profonda mill-Kummissjoni dwar jekk regoli iktar iebsa humiex meħtieġa fir-rigward tar-reklamar immirat lejn it-tfal u ż-żgħażagħ; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tinkludi l-ħarsien tat-tfal fost il-prijoritajiet ewlenin tal-Aġenda tal-Konsumatur, billi tagħti attenzjoni partikolari lir-riklami aggressivi u qarrieqa fuq it-TV u onlajn;

25. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-għarfien tal-konsumaturi fir-rigward tas-sigurtà tal-prodotti, partikolarment dak immirat għall-iktar gruppi vulnerabbli, bħat-tfal u n-nisa tqal;

26. Ilissen it-tħassib tiegħu dwar l-impatt fuq il-konsumaturi vulnerabbli tal-użu ta' spiss ta' reklamar komportamentali fuq l-Internet u l-iżvilupp ta' prattiki ta' reklamar intrużiv onlajn, partikolarment permezz tal-użu tan-netwerks soċjali; jitlob lill-Kummissjoni għal darb'oħra biex sal-aħħar tal-2012 twettaq analiżi dettaljata tal-impatt ta' riklami qarrieqa u aggressivi fuq il-konsumaturi vulnerabbli, b'mod partikolari t-tfal u l-adolexxenti;

27. Jenfasizza l-fatt li r-reklamar għall-prodotti ta' investiment finanzjarju spiss ma jispjegawx biżżejjed ir-riskji inerenti tagħhom u jenfasizzaw b'mod esaġerat il-benefiċċji possibbli li spiss ma jseħħux, u b'hekk jesponu lill-konsumturi ta' prodotti ta' servizzi finanzjarji għal telf tal-kapital; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tintroduċi standards ta' riklamar iżjed stretti għall-prodotti finanzjarji sofistikati mmirati għall-investituri fil-livell tal-konsum li jistgħu ma jifhmux tajjeb ir-riskji finanzjarji, inkluż ir-rekwiżit li jiġi ddikjarat b'mod espliċitu kwalunkwe telf li l-investitur jista' jsofri;

28. Iqis li t-tfal u l-adolexxenti huma partikolarment vulnerabbli għal marketing u reklamar aggressivi; jistieden lill-Kummissjoni sabiex twettaq analiżi dettaljata tal-impatt ta' riklamar qarrieqi u aggressiv fuq il-konsumaturi vulnerabbli, b'mod partikolari t-tfal u l-adolexxenti;

29. Jenfasizza li t-tfal u l-adolexxenti huma partikolarment vulnerabbli fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni bħall-ismart phones u logħob fuq l-internet; iqis li għandhom jiġu stabbiliti miżuri ta' protezzjoni sabiex jiġu evitati kontijiet żejda f'ċirkostanzi bħal dawn;

30. Jinnota li minkejja l-leġiżlazzjoni eżistenti, il-konsumaturi spiss għadhom jiffaċċjaw diffikultajiet meta jivvjaġġaw u spiss jinsabu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, speċjalment jekk is-safra tagħhom titħassar jew ikun hemm dewmien, u li dawn id-diffikultajiet isiru agħar meta l-konsumatur ikun ibati minn diżabilità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw provvista ta' informazzjoni aħjar u aċċess imtejjeb għall-proċeduri ta' lment, inter alia fir-rigward tad-drittijiet tal-passiġġieri u t-trasparenza fil-prezzijiet; jitlob lill-Kummissjoni, fir-rieżami ppjanat tagħha tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri, sabiex tikkunsidra s-sitwazzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli, speċjalment tal-persuni b'mobilità mnaqqsa u b'diżabilitajiet, u sabiex tadatta l-livelli, il-kriterji u l-mekkaniżmi ta' kumpens, filwaqt li tiżgura li l-livelli attwali ma jiddgħajfux;

31. Jirrimarka li d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tista' tfisser li l-konsumaturi li għal raġunijiet varji m'għandhomx aċċess jew ma jistgħux jużaw l-internet jistgħu jinsabu f'sitwazzjoni ta' vulnerabilità, peress li ma jistgħux jieħdu vantaġġ mill-kummerċ onlajn u għalhekk huma esklużi minn parti sostanzjali tas-suq intern, paying more for the same products or being dependent on assistance from others, u jħallsu iktar għall-istess prodotti jew isiru dipendenti fuq l-għajnuna minn persuni oħra; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex itejbu l-fiduċja tal-konsumaturi waqt li jegħlbu l-ostakli għall-kummerċ elettroniku transkonfinali permezz tal-iżvilupp ta' politika effikaċi li tagħti attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet tal-konsumaturi vulnerabbli fil-miżuri kollha maħsuba biex inaqqsu d-distakk diġitali; jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni sabiex iħaffu t-tfassil tal-Aġenda Diġitali Ewropea għall-benefiċċju taċ-ċittadini u l-konsumaturi kollha tal-UE; jenfasizza li għandhom jitħeġġu l-isforzi mill-komunità in ġenerali u minn intrapriżi b'mod partikolari, sabiex il-konsumaturi vulnerabbli, inklużi l-persuni anzjani, jingħataw informazzjoni u jiġu mgħallma jagħmlu użu sħiħ mill-vantaġġi tad-diġitalizzazzjoni;

32. Jenfasizza li l-liberalizzazzjoni tas-swieq ewlenin tal-provvista żiedet il-kompetizzjoni, u dan jista' jkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi jekk dawn tal-aħħar jiġu infurmati tajjeb, ikunu kapaċi jqabblu l-prezzijiet u jibdlu l-fornituri; jinnota li n-nuqqas ta' trasparenza fis-swieq ewlenin ta' provvista, inkluż fis-setturi tal-enerġija u tat-telekomunikazzjoni, jista' rriżulta f'ċerti każijiet f'żieda fid-diffikultajiet għall-konsumaturi b'mod ġenerali u għall-konsumaturi vulnerabbli b'mod partikolari, fl-identifikazzjoni ta' liema tariffi huma l-iktar xierqa għall-bżonnijiet tagħhom, fil-bidla tal-provdituri u fil-fehma tal-oġġetti u servizzi li għalihom qed iħallsu; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lin-negozji sabiex jieħdu l-miżuri xierqa ħalli jiżguraw li l-konsumaturi b'mod ġenerali u l-konsumaturi vulnerabbli b'mod partikolari jkollhom aċċess għal informazzjoni ċara, li tista' tiftiehem u kumparabbli dwar it-tariffi, il-kundizzjonijiet u l-mezzi għal kumpens, u jkunu jistgħu jibdlu faċilment il-fornituri;

33. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati EMmbri biex jiżguraw li l-proposta għal Direttiva dwar ir-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim għat-tilwim tal-konsumaturi u l-proposta għal Regolament dwar ir-riżoluzzjoni tat-tilwim onlajn għat-tilwim tal-konsumaturi li attwalment qiegħda tiġi eżaminata jippremettu li l-konsumaturi vulnerabbli jkollhom aċċess effettiv għar-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim jew bla ħlas jew inkella bl-orħos prezz possibbli; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tqis mekkaniżmi xierqa ħalli tiżgura li l-ħtiġijiet u d-drittijiet tal-konsumaturi vulnerabbli jiġu kkunsidrati tajjeb fil-kuntest tal-istabbiliment potenzjali ta' skema ta' kumpens kollettiv fil-livell tal-UE;

34. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkollaboraw sabiex tkun adottata strateġija politika u leġiżlattiva wiesgħa u koerenti kontra l-vulnerabbiltà, li tkun tqis id-diversità u l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet kollha involuti;

*

*   *

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Istati Membri.

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern

P7_TA(2012)0211

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern (2011/2155(INI))

(2013/C 264 E/04)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-23 Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern, ippubblikata mill-Kummissjoni (SEC(2011)1128),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2012 bl-isem "Nagħmlu Suċċess mis-Suq Uniku – Kontroll Annwali fuq il-Governanza 2011",

— wara li kkunsidra t-22 Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern, ippubblikata mill-Kummissjoni (SEC(2011)0372),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2012 bl-isem "It-tisħiħ tas-soluzzjoni effettiva tal-problemi fis-Suq Uniku – Nisfruttaw il-potenzjal tas-SOLVIT fl-okkażjoni tal-10 anniversarju tiegħu",

— wara li kkunsidra l-istqarrija tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Jannar 2012 bl-isem "Lejn konsolidazzjoni favur it-tkabbir u tkabbir favur l-impjiegi" rigward il-governanza tas-suq uniku u l-impenn għal "implimentazzjoni malajr u sħiħa fil-livell nazzjonali" ta' dak li l-Istati Membri diġà qablu dwaru, biex jitwassal il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku,

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-2010 dwar l-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-netwerk SOLVIT (SEC(2011)0229),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' April 2011 bl-isem "L-Att dwar is-Suq Uniku. Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja. Naħdmu flimkien biex noħolqu tkabbir ġdid" (SEC(2011)0467),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Novembru 2011 bl-isem "Lejn Att dwar is-Suq Uniku. Għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna. 50 proposta biex intejbu l-ħidma, in-negozju u l-iskambji ma' xulxin" (COM(2010)0608),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Krakow, approvata waqt il-Forum għas-Suq Uniku,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni bl-isem "Is-suq uniku f'għajnejn in-nies: Ħarsa lejn l-20 tħassib ewlieni taċ-ċittadini u n-negozji" (SEC(2011) 1003),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni bl-isem 'L-Att dwar is-Suq Uniku. Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja. Flimkien għal tkabbir ġdid' (COM(2011)0206),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali dwar il-funzjonament tal-Proġett "UE Pilot" (COM(2010)0070),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Novembru 2010 dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 260(3) tat-Trattat (SEC(2010)1371),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2009 dwar miżuri għat-titjib fil-funzjonament tas-suq uniku ([1]),

([1]) ĠU L 176, 7.7.2009, p. 17.

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar ir-realizzazzjoni tas-suq uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tad-9 ta' Marzu 2010 dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tagħha tad-9 ta' Marzu 2010 dwar is-SOLVIT ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Professur Mario Monti bl-isem "Strateġija ġdida għas-Suq Uniku li taqdi l-ħtiġijiet tal-ekonomija u tas-soċjetà tal-Ewropa",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill (Kompetittività – is-Suq Intern, l-Industrija, ir-Riċerka u l-Ispazju) tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar 'l-Att dwar is-Suq Uniku',

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0153/2012),

A. billi l-importanza ta' suq intern li jiffunzjona ġiet enfasizzata waqt l-ewwel Forum tas-Suq Uniku (2-4 ta' Ottubru 2011, Krakow, Polonja) u b'mod partikolari fid-Dikjarazzjoni ta' Krakow, u fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar ir-riżultati tal-Forum tas-Suq Uniku ([4]) li fiha s-suq uniku hu deskritt bħala l-iżjed għodda b'saħħitha sabiex tqiegħed l-Ewropa lura fi triqitha lejn it-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi;

B. billi s-suq intern ma jistax jaħdem b'mod xieraq mingħajr it-traspożizzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar korretti tad-direttivi li jikkontribwixxu għall-funzjonament tiegħu;

C. billi huwa essenzjali li l-Istati Membri jittrasponu l-leġiżlazzjoni tas-suq intern fil-liġi nazzjonali mhux biss fil-ħin, iżda wkoll korrettament, u billi n-nuqqas ta' konformità minn Stat Membru wieħed ifixkel l-interessi ekonomiċi mhux biss ta' dak l-Istat iżda tal-Unjoni fit-totalità tagħha;

D. billi mhuwiex biżżejjed li jiġu trasposti d-direttivi Ewropej fil-pront u korrettament, peress li l-implimentazzjoni xierqa tal-liġi tal-UE hija wkoll ta' importanza kbira;

E. billi l-pubblikazzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern għenet b'mod konsistenti biex issaħħaħ it-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-suq uniku billi pprovdiet data oġġettiva u sostantiva dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli mill-Istati Membri; iqis madankollu li xi Stati Membri għadhom qed jonqsu milli jissodisfaw l-objettivi tagħhom ta' traspożizzjoni korretta u fil-waqt tal-leġiżlazzjoni Ewropea fil-liġi nazzjonali u, għalhekk, id-data oġġettiva għandha tibqa' fil-qalba tal-eżerċizzju tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern permezz ta' monitoraġġ sistematiku u indipendenti; billi għandu jiġi adottat approċċ iżjed kwalitattiv li jħares lil hinn mill-figuri u jidentifika r-raġunijiet għal dan id-defiċit;

F. billi għalkemm it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern u t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq tal-Konsumatur huma użati f'kuntesti differenti u għandhom metodoloġiji differenti b'ambiti differenti u settijiet differenti ta' indikaturi, jaqsmu l-għan globali li jtejbu l-funzjonament tas-suq intern;

G. billi Malta għandha l-aħjar rekord fit-traspożizzjoni puntwali tad-Direttivi tal-UE u l-Belġju jinsab fil-qiegħ tal-klassifika, wara li żied l-ammont tiegħu ta' direttivi li kellhom jiġu trasposti, liema ammont diġà kien sostanzjali ħafna;

H. billi l-Estonja biss tat riżultat tajjeb fl-oqsma kollha tal-hekk imsejjaħ "kontroll tas-saħħa tas-suq intern";

([1]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 84.
([2]) ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 25.
([3]) ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 10.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2011)0543.

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

I. billi għalkemm pajjiżi b'amministrazzjonijiet żgħar għandhom riżorsi limitati biex ilaħħqu mat-traspożizzjoni ta' dossiers leġiżlattivi kumplessi, Stati Membri żgħar bħal Malta madankollu rnexxielhom jilħqu d-dati ta' skadenza għat-traspożizzjonijiet;

J. billi l-medja attwali tad-defiċit ta' 1,2 % għal darba oħra hija iżjed mill-mira ta' 1 % maqbula mill-Kapijiet tal-Istati u tal-Gvernijiet fl-2007, jiddispjaċih dwar ix-xejra li kulma jmur qed tikber ta' defiċits akbar ta' traspożizzjoni, iħeġġeġ lill-Istati Membri jiddedikaw aktar riżorsi biex ireġġgħu lura din ix-xejra, filwaqt li jinnota li ħafna Stati Membri naqqsu n-numru ta' direttivi li għad iridu jiġu trasposti;

K. billi 85 direttiva għadhom mhux trasposti f'mill-inqas Stat Membru wieħed (il-fattur ta' frammentazzjoni huwa ta' 6 %) u għaldaqstant ma jistgħux jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom fis-suq uniku;

L. billi żewġ direttivi jinsabu iżjed minn sentejn tard mid-data tal-iskadenza tat-traspożizzjoni tagħhom, bi ksur dirett tal-mira ta' "tolleranza żero" stabbilita mill-Kapijiet ta' Stat u tal-Gvernijiet fl-2007;

M. billi n-numru ta' direttivi trasposti b'mod inkorrett għadu f'medja ta' 0,8 %, minkejja l-fatt li l-Kummissjoni indikat fl-Att dwar is-Suq Uniku l-ħtieġa għal politika ta' defiċit ta' konformità ċara u determinata;

N. billi fl-aħħar ftit xhur kienu sa sebgħa l-Istati Membri li waqgħu aktar lura fit-traspożizzjoni tad-direttivi tal-UE;

O. billi hemm bżonn ta' informazzjoni iżjed preċiża dwar il-kwalità tat-traspożizzjoni;

P. billi kwalità aħjar fl-abbozzar tal-leġiżlazzjoni adottata tista' tgħin biex jitnaqqas id-dewmien fit-traspożizzjoni tal-liġijiet tal-UE;

Q. billi t-Trattat ta' Lisbona introduċa għall-ewwel darba l-possibbiltà ta' multi immedjati imposti mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja f'każ ta' nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri tat-traspożizzjoni;

R. billi l-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-parlamenti nazzjonali u l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri jeħtieġu li jaħdmu iżjed biex jiddefinixxu, jikkomunikaw u jgħinu liċ-ċittadini biex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom, għax dan jippermetti wkoll li s-suq intern jaħdem aħjar;

S. billi, meta r-regoli tas-suq intern jiġu applikati ħażin, in-nuqqas ta' sistemi ta' rimedju effettiv jista' jfixkel l-effettività tad-drittijiet taċ-ċittadini billi jobbligahom li jibdew proċeduri ġudizzjarji twal u li jieħdu ż-żmien sabiex jiddefendu ruħhom;

T. billi għandu jkun hemm skambju ħieles tal-aħjar prattiċi u informazzjoni fost l-awtoritajiet responsabbli għall-applikazzjoni korretta tar-regoli tas-suq intern u fost dawk inkarigati mir-rimedju f'każ ta' applikazzjoni ħażina;

U. billi n-netwerk SOLVIT inħoloq mill-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-2002 bl-għan li jiġu riżolti problemi li jqumu għaċ-ċittadini u n-negozji minħabba l-applikazzjoni ħażina tal-liġi tas-suq intern;

V. billi s-SOLVIT huwa netwerk onlajn li jsolvi l-problemi li fihom l-Istati Membri tal-UE (kif ukoll in-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein) jaħdmu flimkien biex isolvu, mingħajr proċeduri legali, problemi li jiltaqgħu magħhom iċ-ċittadini u n-negozji u li huma kkawżati mill-applikazzjoni ħażina tal-liġi tas-suq intern mill-awtoritajiet pubbliċi;

W. billi s-SOLVIT hija sistema li kellha suċċess li tipprovdi rimedju informali fi żmien medju ta' 10 ġimgħat, u billi s-suċċess tas-SOLVIT fir-riżoluzzjoni tal-problemi tas-suq intern jista' jservi bħala mudell tal-aħjar prattika għal Servizzi ta' Assistenza tas-Suq Intern oħra;

X. billi huwa importanti li jiġu kkonsolidati u żviluppati iżjed il-preżenza u l-kapaċitajiet tas-SOLVIT fil-livelli kollha tal-amministrazzjonijiet nazzjonali sabiex jiġu garantiti l-effiċjenza massima u l-aħjar riżultati;

Y. billi s-SOLVIT għandu jkun kumplementari għall-ħidma legali tal-Kummissjoni dwar il-proċedimenti rigward ksur billi jwissi lill-Kummissjoni Ewropea dwar kwistjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġijiet tal-UE fl-Istati Membri;

Z. billi l-Kummissjoni qed tipprepara strateġija ġdida biex issaħħaħ is-SOLVIT;

Bini tal-qafas regolatorju tas-suq intern

1. Jilqa' t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern u s-SOLVIT bħala għodod importanti, minkejja li huma ta' natura differenti, li bihom jiġu mmonitorjati u identifikati l-problemi fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE, iżda wkoll biex jiġu identifikati l-lakuni u l-konġestjonijiet fis-suq uniku, bil-ħsieb li tiġi mħeġġa azzjoni għal funzjonament aħjar tas-suq intern;

2. Jafferma li t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni puntwali u korretti tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern huma prerekwiżit kruċjali għas-suċċess tas-suq intern, li min-naħa tiegħu huwa elementi ewlieni li jixpruna livell ogħla ta' kompetittività u tkabbir, b'mod speċjali fi żmien ta' kriżi ekonomika;

3. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni għaqqdet it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern, l-Ewropa tiegħek, Pariri tal-Ewropa tiegħek, SOLVIT, IMI u r-rapporti tal-punti ta' kuntatt uniku f'rapport wieħed komprensiv, il-Kontroll Annwali fuq il-Governanza, li jippermetti valutazzjoni olistika u faċli biex taqraha tal-funzjonament tas-suq uniku;

4. Iqis li monitoraġġ kostanti u frekwenti tal-progress magħmul mill-Istati Membri huwa wieħed mill-fatturi ewlenin biex jiġu mħeġġa sabiex iżidu l-isforzi tagħhom; jilqa', f'dan ir-rigward, it-tħabbira tal-Kummissjoni li se tibqa' tiġi ppubblikata Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern distinta kull sena fis-Sajf jew fiż-żmien qaribu; jinnota bi tħassib, madankollu, li r-rapporti separati għal kull element differenti tal-Kontroll Annwali fuq il-Governanza jistgħu jbiegħdu l-attenzjoni mill-approċċ olistiku, u jiddevjaw l-isforzi tas-servizzi tal-Kummissjoni lejn ir-rappurtar iktar milli lejn is-soluzzjoni tal-problemi enfasizzati fil-Kontroll Annwali fuq il-Governanza;

5. Jitlob li l-Kunsill jimpenja ruħu biex ikompli jnaqqas id-defiċit tat-traspożizzjoni u jistabbilixxi miri ta' traspożizzjoni u implimentazzjoni li fl-istess waqt ikunu iżjed stretti iżda wkoll iżjed realistiċi sabiex jilħquhom l-Istati Membri;

6. Jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu bis-serjetà d-direttivi li jkunu għendu biex jiġu mfassla u jissodisfaw b'mod effettiv l-obbligi tagħhom stabbiliti bit-Trattati tal-Unjoni Ewropea;

7. Jilqa' l-fatt li ġie rreġistrat progress konsiderevoli fit-tnaqqis tal-għadd ta' direttivi li ilhom pendenti u jistieden lill-Istati Membri biex ikomplu l-isforzi pożittivi tagħhom f'dan ir-rigward;

8. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fil-Kumitat Konsultattiv dwar is-Suq Intern biex jikkunsidraw kif se jtejbu l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, kif l-aħjar li jiskambjaw l-aħjar prattiki u kif jenfasizzaw mekkaniżmi ta' suċċess li jkunu ddaħħlu fis-seħħ mill-Istati Membri;

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikklassifika ksur pendenti fit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern skont dak li jista' jiġi faċilment riżolt u ksur li jwassal għal nuqqas ta' qbil ċar bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu biex jidentifikaw ir-raġunijiet sottostanti għal dan in-nuqqas ta' qbil, u biex ikomplu jeliminawhom; jitlob lill-Kummissjoni, f'każijiet partikolarment kontroversjali, tipproponi modifiki għal-leġiżlazzjoni tal-UE fejn ikun xieraq, biex issolvi kwistjonijiet kontroversjali ta' interpretazzjoni;

10. Jieħu nota tas-suċċess tal-Kummissjoni bl-EU Pilot; iwissi, madankollu, li filwaqt li dan seta' wassal għal numru inqas ta' każijiet ta' ksur, jista' jħalli lill-Kummissjoni titratta l-iktar każijiet diffiċli fil-proċedimenti formali ta' ksur, li jista' jkun ukoll il-kawża ta' iżjed dewmien tal-każijiet ta' ksur; jibża' li dan se jwassal f'iżjed dewmien fir-risolviment tal-lakuni fis-suq intern;

11. Jinnota li kważi 50 % tal-proċedimenti ta' ksur pendenti li jirrigwardaw is-Suq Intern jirrelataw mal-oqsma tat-tassazzjoni u l-ambjent; jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni partikolari lit-traspożizzjoni u lill-implimentazzjoni aħjar u aktar fil-ħin tar-regoli tal-UE f'dawn iż-żewġ oqsma;

12. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-ksur tal-liġi tal-UE jiġi segwit malajr bi proċeduri ta' ksur; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi proċedura ta' ksur li tista' titwettaq malajr u taħsibha tistabbilixxix korp indipendenti fi ħdan il-Kummissjoni li jkun responsabbli biex iwettaq il-prosekuzzjni tal-kawżi ta' ksur tas-suq intern u biex isegwi l-proċedimenti ta' ksur wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Kulleġġ tal-Kummissarji;

13. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel iżjed użu mis-SOLVIT bħala l-ewwel punt ta' referenza għall-ilmenti li jikkonċernaw l-applikazzjoni ħażina tal-liġi tal-UE f'kuntest transkonfinali; jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex tiżgura li jingħata segwitu xieraq lill-każijiet li ma jkunux jistgħu jiġu solvuti mis-SOLVIT;

14 Jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE billi tiżviluppa għodda ġdida bħal linji gwida dwar it-traspożizzjoni u uffiċċju ta' informazzjoni dwar it-traspożizzjoni;

15. Jinnota li d-dewmien medju tal-proċeduri ta' ksur hu twil wisq u jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni effettiva sabiex tnaqqas dan id-dewmien; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Parlament dwar din l-azzjoni;

16. Jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora metodi ġodda kif tiżgura l-applikazzjoni puntwali u sħiħa tas-sentenzi u l-proċeduri tal-Qorti mill-Istati Membri;

17. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissupplimenta t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern bi kriterji addizzjonali ġodda, mingħajr ma jkun hemm dannu għall-faċilità ta' qari tagħha, sabiex timmonitorja l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni attwali;

18. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta, fit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern, l-iżvilupp tat-tqassim tal-proċeduri ta' ksur miftuħa għal kull settur mit-Tabella ta' Valutazzjoni preċedenti 'l hawn, kif ukoll biex tipproponi valutazzjoni tar-raġunijiet għall-bidliet l-aktar sinifikanti f'termini ta' numru ta' proċeduri miftuħa;

19. Jistieden lill-Istati Membri biex iġeddu l-isforzi tagħhom sabiex itejbu l-ilħuq tal-miri; jafferma li t-tlestija tas-suq intern bi traspożizzjoni aħjar u iżjed puntwali ta' leġiżlazzjoni eżistenti u ġdida hija mod effettiv ta' kif tikkombatti l-kriżi ekonomika;

20. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom ikomplu jnaqqsu d-dewmien fit-traspożizzjonijiet sabiex jilħqu l-mira ta' 1 %; jinnota li għandha tingħata attenzjoni u prijorità speċjali lil direttivi li l-iskadenza għat-traspożizzjoni tagħhom fil-liġi nazzjonali skadiet b'aktar minn sena, biex id-dewmien fit-traspożizzjoni jiġi mtejjeb b'mod sinifikanti;

21. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Parlament dwar l-applikazzjoni tagħha tal-Artikolu 260(3) tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-possibbiltà għall-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja sabiex timponi multi immedjati fil-prim'istanza f'każijiet fejn l-Istati Membri jinstabu li jkunu naqsu mill-obbligu tagħhom li jittrasponu l-leġiżlazzjoni tal-UE;

22. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi evalwazzjonijiet ta' sejbiet bħala segwitu għal petizzjonijiet lill-Parlament dwar problemi fis-suq uniku u biex tgħaqqadhom fil-Kontroll Annwali fuq il-Governanza; jenfasizza li għandha tingħata aktar attenzjoni lill-proċess ta' petizzjonijiet sabiex jittejjeb il-proċess leġiżlattiv tal-UE b'tali mod li joqrob aktar lejn iċ-ċittadini;

23. Jinnota li d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona ta lill-Parlament Ewropew iżjed setgħat sabiex jistruttura u jeżamina mill-ġdid il-leġiżlazzjoni tal-UE; jitlob li s-sejbiet tat-Tabella jidħru fid-djalogu strutturat bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li t-tabelli ta' korrelazzjoni jsiru pubbliċi, tinsisti biex l-Istati Membri jaċċettaw b'mod formali t-tnaqqis fil-miri numeriċi li jillimitaw id-defiċit ta' traspożizzjoni u konformità għal-leġiżlazzjoni nazzjonali għal 0,5 % għad-defiċit ta' traspożizzjoni u 0,5 % għad-defiċit ta' konformità rispettivament, u tiżgura applikazzjoni iżjed effettiva tal-proċeduri ta' ksur permezz ta' miri numeriċi marbuta mal-istadji tal-proċedura, peress li, kif identifikat il-Kummissjoni fl-Att dwar is-Suq Uniku, dawn huma meħtieġa għal implimentazzjoni bir-reqqa u komprensiva tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq uniku;

25. Jitlob lill-Istati Membri biex jipprovdu b'mod sistematiku tabelli ta' korrelazzjoni xierqa li jistabbilixxu kif id-direttivi tas-suq intern jiġu applikati fir-regolamenti nazzjonali;

26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu miżuri biex ittejjeb il-kwalità tal-abbozzar fil-leġiżlazzjoni Ewropea; jilqa' l-isforzi ddedikati għat-tfassil aħjar u b'mod iżjed intelliġenti tal-liġijiet u jheġġeġ lit-tliet istituzzjonijiet involuti fil-proċess leġiżlattiv sabiex b'mod kostanti jagħmlu ħilithom biex itejbu l-kwalità tal-leġiżlazzjoni li jipproduċu flimkien;

Twassil tas-suq intern għan-negozji u ċ-ċittadini

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex issib modi kif iżżid il-koordinazzjoni u ttejjeb il-kooperazzjoni prattika bejn l-għodda eżistenti bħas-SOLVIT, is-Servizz tal-Informazzjoni għaċ-Ċittadin, in-Netwerk Ewropew tal-Intrapriżi, iċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumatur u s-Servizz Ewropew tax-Xogħol, l-IMI, in-netwerk ta' informazzjoni Europe Direct u l-punti ta' kuntatt uniku biex tevita d-duplikazzjoni ta' sforzi u riżorsi u b'hekk tikseb ġestjoni aktar effikaċi;

28. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi modi kif għodda bħas-SOLVIT tiġi integrata aħjar mal-proċess tal-petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew;

29. Jenfasizza li, matul is-snin, in-netwerk tas-SOLVIT wera li kien sempliċi, rapidu u kosteffikaċi biex isolvi l-problemi li jolqtu liċ-ċittadini u lin-negozji marbuta mal-applikazzjoni ħażina tar-regoli tas-suq uniku; jinnota madankollu li n-netwerk tas-SOLVIT jibqa' frammentat ħafna u mhux użat biżżejjed; iheġġeġ lill-Kummissjoni biex tiffoka iżjed sforzi fuq it-taħriġ, l-edukazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki fost il-persunal impjegat fin-netwerks tas-SOLVIT;

30. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li ċ-ċentri SOLVIT ikollhom biżżejjed persunal u li jkun hemm il-livell meħtieġ ta' koordinazzjoni u komunikazzjoni mal-livelli kollha tal-amministrazzjonijiet nazzjonali, kif ukoll mas-servizzi differenti tal-Kummissjoni, biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet jiġu implimentati; jistieden lill-Kummissjoni biex timmodernizza r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2001 dwar il-prinċipji għall-użu tas-"SOLVIT" – in-netwerk għas-soluzzjoni tal-problemi relatati mas-suq intern, b'konformità ma' dak li ġie propost fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Ir-rinfurzar tas-soluzzjoni effettiva tal-problemi fis-suq uniku";

31. Jinnota li l-proċeduri kkumplikati tas-sigurtà soċjali huma parti mit-tħassib ewlieni taċ-ċittadini li jiskoraġġixxi l-mobilità tal-ħaddiema fl-Ewropa; jitlob li jiġu allokati aktar riżorsi tas-SOLVIT sabiex dawn jintużaw biex jiġu trattati każijiet relatati mas-sigurtà soċjali;

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

32. Jenfasizza l-importanza tal-involviment tas-sħab assoċjati fil-qafas tas-SOLVIT, b'mod partikolari bil-ħsieb li jittaffa l-piż taċ-ċentri tas-SOLVIT; jenfasizza li l-kooperazzjoni mas-sħab assoċjati tat prova li kienet effikaċi fil-passat, inter alia minħabba l-kuntatt dirett tagħhom maċ-ċittadini u mal-impriżi; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tiżgura li l-aċċess tas-sħab assoċjati għas-SOLVIT jinżamm għalkollox;

33. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha biex toffri liċ-ċittadini u lin-negozji pakkett virtwali integrat ta' tagħrif u servizzi ta' għajnuna, b'mod partikolari billi tiżviluppa iżjed il-portal L-Ewropa Tiegħek bħala l-uniku portal onlajn għat-tagħrif u l-għajnuna kollha; jinnota, madankollu, l-importanza tal-kuntatt uman dirett u f'dan ir-rigward jissuġġerixxi li jikkumplimenta dawn l-isforzi b'punt ta' kuntatt f'ħin reali uniku għaċ-ċittadini u l-konsumaturi permezz tal-uffiċċji rappreżentattivi tal-Kummissjoni f'kull Stat Membru; huwa tal-fehma li jekk jinġiebu flimkien uffiċjali ta' kuntatt mis-SOLVIT, is-Servizz tal-Informazzjoni għaċ-Ċittadin, in-Netwerk Ewropew tal-Intrapriżi, iċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumatur u s-Servizz Ewropew tax-Xogħol fi ħdan l-uffiċċji rappreżentattivi jintlaħaq dan l-għan, kif ukoll li dan iwassal għal koordinazzjoni u koeżjoni aħjar;

34. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni sabiex jippromwovu l-portal L-Ewropa Tiegħek fl-amministrazzjonijiet nazzjonali u sabiex jiżviluppaw kooperazzjoni bejn L-Ewropa Tiegħek u l-websajts tal-amministrazzjonijiet nazzjonali;

35. Jitlob lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ lill-Istati Membri biex isaħħu aktar il-punti ta' kuntatt uniku (PSC) u jipprovdu liċ-ċittadini b'informazzjoni b'mod ċar u prattiku, billi jiżguraw u jieħdu vantaġġ sħiħ ta' sinerġiji fil-qasam tal-informazzjoni fil-livell Ewropew, bħal "Pariri tal-Ewropa Tiegħek";

36. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta dwar il-fattibbiltà li jiġi provdut persunal tal-Kummissjoni għall-punti ta' kuntatt uniċi f'ħin reali f'kull Stat Membru; iqis li dan jista' jkun soluzzjoni għall-problemi tal-livelli ta' persunal identifikati mis-SOLVIT f'diversi amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni biex tqis il-fattibbiltà li s-SOLVIT jingħata bażi legali speċifika;

37. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li jitwaqqfu Punti ta' Kuntatt Uniku onlajn permezz tal-portali elettroniċi tal-gvernijiet fl-Istati Membri kollha fil-lingwa uffiċjali tal-pajjiż ospitanti u bl-Ingliż; jinnota li l-Punti ta' Kuntatt Uniku għandhom importanza kbira fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi; jinsab iddispjaċut mill-fatt li terz biss tal-portali elettroniċi tal-gvern disponibbli onlajn jipprovdu aċċess għal proċeduri elettroniċi onlajn; jitlob lill-Istati Membri biex jipprovdu tagħrif faċli biex tifhmu f'diversi lingwi tal-UE rigward ir-regoli u l-proċeduri amministrattivi onlajn fir-rigward tal-forniment tas-servizzi, sabiex jiġi ffaċilitat in-negozju transkonfinali fl-Ewropa;

38. Jistieden lis-SOLVIT, is-Servizz tal-Informazzjoni għaċ-Ċittadin, in-Netwerk Ewropew tal-Intrapriżi, iċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumatur u s-Servizz Ewropew tax-Xogħol biex jieħdu nota tat-tħassib ewlieni taċ-ċittadini u n-negozji kif artikulat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Is-Suq Uniku f'għajnejn in-nies: Ħarsa lejn l-20 tħassib ewlieni taċ-ċittadini u n-negozji", u biex jagħtu prijorità lill-ħidma tagħhom b'dan il-mod;

39. Jistieden lill-Kummissjoni biex tqis li tinkludi s-sejbiet tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru fil-Kontroll Annwali fuq il-Governanza bħala parti mill-evalwazzjoni tagħha biex tinforma t-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod aħjar;

40. Jinnota l-pubblikazzjonijiet riċenti tal-Kummissjoni dwar "L-20 tħassib ewlieni", li nibtu mir-riżoluzzjoni hawn fuq imsemmija tal-20 ta' Mejju 2010; jenfasizza l-lakuni tal-informazzjoni, leġiżlattivi u fl-implimentazzjoni li jippersistu fis-Suq Uniku, kif ukoll in-nuqqas ta' għarfien fost il-konsumaturi u n-negozji fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom, li ma jħallihomx igawdu l-benefiċċji tas-Suq Uniku; jimpenja ruħu, u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, biex itejbu l-komunikazzjoni maċ-ċittadini rigward id-drittijiet li jistgħu jisiltu mis-Suq Uniku;

41. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta dwar l-ostakli ewlenin tas-suq intern li huma partikolari għaċ-ċittadini u l-konsumaturi b'diżabilità u biex tagħmel arranġamenti biex isiru l-isforzi speċjali għat-tneħħija ta' dawn l-ostakli;

42. Jirrakkomanda iżjed koordinazzjoni bejn is-SOLVIT u l-UE Pilot sabiex tinkiseb koordinazzjoni u skambju aħjar ta' prattiki tajba;

43. Jinnota s-suċċess tal-ewwel Forum tas-Suq Uniku bħala opportunità biex jiġi vverifikat il-progress tas-Suq Uniku u bħala għajnuna għaċ-ċittadini u n-negozji biex jiffamiljarizzaw ruħhom mad-drittijiet, l-intitolamenti u l-obbligi tagħhom fis-suq uniku; jilqa' dan l-avveniment bħala opportunità biex ikomplu jiġu enfasizzati l-ostakli eżistenti għall-funzjonament xieraq tas-suq uniku; itenni l-importanza li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu passi biex jeliminaw dawk l-ostakli u biex iġibu fuq quddiem it-tħassib taċ-ċittadini u tan-negozji; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex iżommu dan il-momentum u biex ikomplu jinvolvu u jagħtu s-setgħa lill-partijiet interessati billi jwettqu Forums tas-Suq Uniku regolari, u biex dawn jiġu ssupplimentati bi żjarat ta' spiss biex is-suq uniku jiġi vvalutat u promoss fl-Istati Membri individwali;

*

* *

44. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Perspettiva 2020 għan-Nisa fit-Turkija

P7_TA(2012)0212

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar perspettiva 2020 għan-nisa fit-Turkija (2011/2066(INI))

(2013/C 264 E/05)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Protokoll Fakultattiv tagħha, li jagħmlu parti mil-liġi internazzjonali u li fihom it-Turkija ilha tipparteċipa mill-1985 u l-2002 rispettivament, u wara li kkunsidra l-Artikolu 90 tal-Kostituzzjoni Torka, liema Artikolu jiddikjara li l-liġi internazzjonali tieħu l-preċedenza fuq il-liġi nazzjonali Torka,

— wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, bħall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, li t-Turkija kienet l-l-ewwel pajjiż li rratifikaha,

— wara li kkunsidra d-Dokument 11372 u r-Rakkomandazzjoni 1817(2007) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, it-tnejn intitolati "Parlamenti magħquda fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika kontra n-nisa, valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Kampanja",

— wara li kkunsidra l-acquis tal-Komunità fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2004 biex jinfetħu n-negozjati mat-Turkija dwar l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Rapporti dwar il-Progress tat-Turkija għall-2010 tal-Kummissjoni (SEC(2010)1327) u l-2011 (SEC(2011)1201),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "l-Istrateġija ta' tkabbir u l-isfidi Ewlenin 2010-2011" (COM(2010)0660),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "EWROPA 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" COM(2010)2020),

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-6 ta' Lulju 2005 ([1]) u tat-13 ta' Frar 2007 ([2]) dwar l-irwol tan-nisa fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika fit-Turkija,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2011 dwar ir-Rapport ta' Progress 2010 dwar it-Turkija ([3]) u r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2012 dwar ir-Rapport ta' Progress 2011 dwar it-Turkija ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0138/2012),

A. billi t-Turkija, bħala pajjiż kandidat, hija obbligata li tikkonforma mal-acquis communautaire u li timpenja ruħha li tosserva d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi t-Turkija hija mistiedna tkompli twettaq u tissorvelja l-implimentazzjoni tar-riforma leġiż-lattiva, kif ukoll torganizza attivitajiet ta' tqajjim ta' kuxjenza biex tiġġieled il-vjolenza fuq in-nisa, inkluża l-vjolenza domestika;

B. billi l-politika tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha potenzjal kbir li tilħaq tal-objettivi tal-Ewropa 2020 minħabba li tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-livell massimu ta' impjiegi;

C. billi t-Turkija qed tagħmel progress limitat fit-titjib u fl-implimentazzjoni tal-qafas leġiżlattiv sabiex tiżgura parteċipazzjoni ugwali min-nisa fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika;

D. billi l-Kummissjoni enfasizzat, fir-rapporti ta' progress tal-2010 u tal-2011 dwar it-Turkija, li huma meħtieġa sforzi kontinwi ulterjuri biex il-qafas legali eżistenti jinbidel f'realtà politika, soċjali u ekonomika; billi l-Kummissjoni ddikjarat, barra minn dan, li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, inkluż il-qtil għall-unur, u l-ġlieda kontra ż-żwiġijiet bikrija u sfurzati għadhom sfida ewlenija għat-Turkija; billi l-ugwaljanza tal-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneri għandhom jitħaddnu fil-Kostituzzjoni Torka l-ġdida li se tiġi abbozzata;

E. billi b'mod speċjali hemm il-ħtieġa ta' azzjoni koordinata u kkonċentrata fl-oqsma tal-vjolenza fuq in-nisa, l-edukazzjoni, ix-xogħol u r-rappreżentanza fil-livell nazzjonali u lokali;

Il-leġiżlazzjoni, il-koordinazzjoni u s-soċjetà ċivili

1. Jistieden lill-Gvern Tork biex jiddefendi u jsaħħaħ il-prinċipji tal-ugwaljanza u d-drittijiet tan-nisa meta jadotta u jemenda l-qafas leġiżlattiv tiegħu, anke fil-proċess ippjanat għal kostituzzjoni ġdida;

2. Jenfasizza li n-nuqqas ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fiż-żoni żvantaġġati tat-Turkija, kif ukoll il-problemi kkawżati mill-immigrazzjoni, il-faqar u mill-istrutturi soċjali patrijarkali prevalenti jiggravaw il-problemi tan-nisa u jdgħajfu l-pożizzjoni tagħhom; jitlob li tiġi enfasizzata iktar il-ħtieġa li jitqiesu d-diskrepanzi reġjonali meta jiġu indirizzati d-drittijiet tan-nisa u li jiġi fformulati politiki skont dan, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-problemi u l-inugwaljanzi li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa ta' oriġini Kurda huma ġeneralment ikbar; jistieden lill-Gvern Tork biex jinvolvi ruħu fir-riformi kollha neċessarji u biex jikkoopera mal-kunsilli lokali sabiex jiżgura li n-nisa kollha, anke dawk ta' oriġini Kurda, igawdu drittijiet ugwali;

3. Jilqa' l-ħatra ta' Ministru ġdid għall-Familja u l-Politiki Soċjali u l-istabbiliment tal-Kumitat għall-Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel fil-Parlament Tork, li qed jagħmel sforzi b'suċċess, b'rabta ma' kwistjonijiet importanti bħal pereżempju l-vjolenza fuq in-nisa u ż-żwiġijiet tat-tfal, biex iwettaq investigazzjonijiet, ifassal rapporti u jagħmel konsultazzjonijiet ma' firxa ta' organizzazzjonijiet, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi;

([1]) ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 385.
([2]) ĠU C 287 E, 29.11.2007, p. 174.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0090.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2012)0116.

4. Jenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni effettiva fl-iżgurar tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jilqa', għaldaqstant, l-isforzi li qed jagħmel il-Gvern Tork biex itejjeb il-kooperazzjoni dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri bejn l-awtoritajiet statali; iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex jadotta iktar strateġiji, bil-parteċipazzjoni attiva u nondiskriminatorja tas-soċjetà ċivili, immirati biex jiggarantixxu u jissorveljaw b'mod effettiv l-implimentazzjoni tal-ugwaljanza sħiħa, inkluża l-eliminazzjoni tad-differenza fil-pagi skont il-ġeneri, u biex jipprattikaw ir-riżultati ta' din il-kooperazzjoni;

5. Jenfasizza l-ħtieġa li l-leġiżlazzjoni eżistenti sensittiva għall-kwistjonijiet relatati mal-ġeneri tgħaddi għall-prattika fil-pajjiż kollu billi jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani, jiġi provdut għall-konsistenza u jiġu żviluppati mekkaniżmi ta' monitoraġġ li jkunu bbażati fuq objettivi ċari u li jistgħu jitkejlu;

6. Jistieden lill-Gvern Tork biex jirrikonoxxi l-importanza tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-ġeneri u biex jiżgura l-involviment tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-livell ċentrali u dak lokali bil-għan li jinħolqu l-iktar politiki favorevoli għan-nisa;

7. Jilqa' l-progress tat-Turkija fir-reġistrazzjoni ta' kull tarbija mat-twelid għal rata li bħalissa hija ta' 93 %; jenfasizza l-ħtieġa li l-istatistiki speċifiċi għall-ġeneri jinġabru b'mod konsistenti u sistematiku biex jiġi ssorveljat il-progress fil-qasam tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni jew il-lakuni fil-liġijiet nazzjonali;

8. Jixtieq ikun jaf xi progress għamel il-Gvern Tork fir-rikonoxximent tad-drittijiet tal-persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali u transġeneri fil-ħajja pubblika;

Il-vjolenza fuq in-nisa

9. Jenfasizza li, skont id-data uffiċjali mill-Istitut Statistiku Tork, 39 % min-nisa Torok ltaqgħu ma' vjolenza fiżika xi darba jew oħra f'ħajjithom; huwa mħasseb ħafna dwar ir-regolarità u s-severità tal-vjolenza fuq in-nisa, inklużi l-qtil għall-unur u ż-żwiġijiet bikrija u sforzati, u dwar l-ineffettività tar-rimedji eżistenti u dwar in-nuqqas ta' severità min-naħa tal-awtoritajiet Torok fir-rigward tal-ikkastigar tal-awturi ta' reati bbażati fuq il-ġeneru;

10. Jistieden lill-Gvern Tork biex jieħu azzjoni iktar effettivi fil-ġlieda kontra l-qtil għall-unur, fil-forma ta' miżuri leġiżlattivi, legali u finanzjarji biex jevita tali qtil u jikkastiga lill-awturi ta' tali reati, kif ukoll lill-membri kollha tal-familja li b'mod silenzjuż japprovaw il-vjolenza fuq in-nisa, speċjalment fil-każ tal-qtil għall-unur, u biex jassisti lill-vittmi; jistaqsi lill-Gvern jekk in-numru ta' vittmi uriex xi tnaqqis fis-snin wara li ġie emendat il-Kodiċi Penali Tork li jikklassifika l-qtil għall-unur bħala ċirkostanza aggravata f'każijiet ta' omiċidju; jistaqsih ukoll kemm-il darba l-imħallfin taw sentenzi dwar il-qtil għall-unur u x'kienu l-pieni li ngħataw;

11. Jistieden lill-Gvern Tork biex jagħmel riċerka dwar iż-żieda f'daqqa ta' każijiet ta' suwiċidji tan-nisa fit-Turkija tal-Lvant u biex jagħmel investigazzjoni fid-dettall dwar il-fenomenu tas-'suwiċidju għall-unur', kif ukoll biex jipprovdi għajnuna u appoġġ għan-nisa li jinsabu taħt pressjoni mill-familja tagħhom u minn dawk qrib tagħhom, bil-għan li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn, minflok ma jwettqu qtil għall-unur, il-familji jitfgħu pressjoni fuq in-nisa biex jagħmlu suwiċidju;

12. Hu tal-fehma li kwalunkwe vjolenza fuq in-nisa hija inaċċettabbli; jistieden lill-Gvern Tork biex jadotta u jimplimenta politika ta' tolleranza żero fir-rigward tal-vjolenza fuq in-nisa billi jadotta, jissorvelja u jimplimenta leġiżlazzjoni li tipproteġi l-vittmi, tikkastiga lill-awturi ta' reati u tevita l-vjolenza;

13. Jilqa' l-fatt li mit-8 ta' Marzu 2012, il-Liġi Nru 4320 dwar il-Protezzjoni tal-Familja ġiet sostitwita bil-Liġi Nru 6284 dwar il-Protezzjoni tal-Familja u l-Prevenzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa; jisħaq fuq l-importanza li jkun żgurat ambitu wiesa' ta' applikazzjoni, indipendentement min-natura tar-relazzjoni bejn il-vittma u l-awtur u mill-identità tal-ġeneru, rimedji legali effettivi u mekkaniżmi ta' protezzjoni, u implimentazzjoni stretta u immedjata tal-qafas legali, mingħajr l-ebda konċessjoni, biex tiġi eliminata l-vjolenza fuq in-nisa, kif ukoll pieni dissważivi u severi għall-awturi ta' reati ta' vjolenza fuq in-nisa; jenfasizza l-ħtieġa li tkun prevista kif meħtieġ it-tneħħija ta' konjugi u sieħba vjolenti, u li jiġi żgurat li l-vittmi jkollhom aċċess effettiv għall-qrati u għall-miżuri ta' protezzjoni;

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

14. Jistieden lill-Gvern Tork jiżviluppa sistema ta' monitoraġġ b'paramentri referenzjarji u bi żmien definit għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, u biex jieħu impenn iktar b'saħħtu bil-għan li jiffinanzja l-pjan sa punt suffiċjenti;

15. Jirrakkomanda taħriġ avvanzat tal-uffiċjali tal-pulizija, il-persunal tas-saħħa, l-imħallfin, il-prosekuturi, il-persunal reliġjuż u persuni oħra f'pożizzjonijiet uffiċjali dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza domestika; itenni, bħala żieda għal dawn l-isforzi, l-ħtieġa li jkun hemm mekkaniżmu li jidentifika u jinvestiga lil dawk li jonqsu milli jipproteġu u jassistu lill-vittmi u li jiġu allokati riżorsi baġitarji suffiċjenti għall-miżuri ta' protezzjoni;

16. Jilqa' l-istabbiliment ta' uffiċċju speċjalizzat fil-vjolenza domestika mal-Uffiċċju tal-Kap Prosekutur Pubbliku ta' Ankara; jenfasizza li billi jkun żgurat li l-proċess legali kollu fil-każijiet ta' vjolenza fuq in-nisa jiġi trattat minn prosekuturi pubbliki li jkunu esperti fil-vjolenza domestika, billi dan l-uffiċċju speċjalizzat jingħata l-awtorità li joħroġ ordnijiet diretti b'effett immedjat lill-puliziji biex jarresta lill-awtur tar-reat jistieden lill-Gvern Tork, bil-għan li dan il-livell ta' protezzjoni jiġi estiż għall-pajjiż kollu, biex jistabbilixxi uffiċċji ta' prosekuturi pubbliċi speċjalizzati fil-qasam tal-vjolenza domestika fil-provinċji kollha tal-pajjiż;

17. Jistieden lill-Gvern Tork jiżgura l-aċċess effettiv tal-vittmi għal informazzjoni legali xierqa, għajnuna legali u proċedimenti ġudizzjarji xierqa li permezz tagħhom issir ġustizzja magħhom b'tali mod li jiddefendu d-drittijiet tagħhom mingħajr it-theddida ta' aktar vjolenza;

18. Jappoġġja l-pożizzjoni li l-mekkaniżmi ta' protezzjoni jkunu aċċessibbli bl-istess mod għan-nisa ta' oriġini immigranta li jiffaċċjaw problemi addizzjonali (bħall-ostakli tal-lingwa, l-iżolament fil-familji, eċċ.);

19. Jilqa' l-inizjattivi tal-Gvern Tork biex jerġa' jorganizza s-sistema ta' rifuġji b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha; jinnota li l-għadd uffiċjali ta' djar ta' rifuġju għan-nisa li sfaw vittmi tal-vjolenza, skont id-Direttorat Ġenerali għall-Istatus tan-Nisa, hu ta' 81, li xorta waħda hu baxx ħafna u ma jissodisfax il-ħtiġijiet ta' popolazzjoni ta' madwar 70 miljun ruħ; jistieden lill-Gvern Tork biex jistabbilixxi numru suffiċjenti ta' rifuġji mferrxa b'mod ugwali mal-pajjiż b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-11 ta' Mejju 2011 dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza Kontra n-Nisa u l-Vjolenza Domestika, u b'hekk jilħaq il-mira li stabbilixxa għalih innifsu mal-Liġi dwar il-Muniċipalitajiet, u biex joħloq rifuġju f'kull muniċipalità li għandha mill-inqas 50 000 abitant; jinnota li r-rifuġji għandhom ikunu mxerrda mal-pajjiż kollu b'bilanċ xieraq bejn iż-żoni rurali u dawk urbani; jenfasizza l-importanza li jiddaħħlu mekkaniżmi li jżidu s-sigurtà, il-kapaċità u s-superviżjoni tar-refuġji eżistenti u li jimponu sanzjonijeit għan-nuqqas ta' osservanza, li jiġi impjegat persunal tas-servizzi soċjali li jkun imħarreġ u mħallas sew, permezz ta' korsijiet ta' taħriġ professjonali u servizzi oħra, u li n-nisa fir-refuġji jiksbu l-kapaċitajiet adegwati biex jibnu ħajja ġdida għalihom u għal uliedhom; jenfasizza l-importanza tan-nuqqas ta' żvelar tal-post ta' dawn ir-rifuġji għas-sigurtà tal-vittmi;

20. Jenfasizza l-importanza li l-irġiel li għandhom tendenza li jkunu vjolenti jingħataw trattament; jissuġġerixxi, għalhekk, li l-irġiel li tkun ħarġet ordni ta' trazzin kontrihom, jiġu riabilitati mill-uffiċċji għall-persuni b'libertà proviżżorja;

21. Jilqa' l-istabbiliment ta' linji telefoniċi għall-għajnuna u l-istabbiliment taċ-Ċentri għall-Prevenzjoni u l-Monitoraġġ tal-Vjolenza, fejn il-vittmi tal-vjolenza sessista jingħataw kura medika u konsulenza psikoloġika matul il-kawżi tagħhom il-qorti sabiex jiġi evitat li jiġu ripetuti l-każijiet ta' vittimizzazzjoni;

22. Jistieden lill-Gvern Tork biex jikkunsidra ż-żwieġ sfurzat bħala reat u biex permezz ta' kampanji ta' informazzjoni jiġbed l-attenzjoni tan-nisa u l-irġiel dwar id-dritt tagħhom li jagħżlu s-sieħeb jew is-sieħba tagħhom b'mod liberu; jenfasizza l-importanza tat-tqajjim ta' kuxjenza fl-iskejjel u għall-ġenituri dwar in-nuqqas ta' legalità taż-żwiġijiet sfurzati;

23. Huwa mħasseb ħafna dwar l-istatus inferjuri tan-nisa xebbiet, divorzjati, in-nisa li jiżżewġu b'ċerimonja reliġjuża biss (li jfisser li ż-żwieġ tagħhom ma jkollu ebda status legali), u n-nisa li ġejjin minn gruppi tal-minoranza;

24. Jenfasizza l-importanza li jitrawwen ir-rispett lejn in-nisa li jkunu memebri ta' minoranzi reliġjużi u li jiġi promoss d-djalogu interreliġjuż;

L-edukazzjoni

25. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni għall-għoti tas-setgħa lin-nisa u biex tkun żgurata l-integrazzjoni tal-ġeneri fil-livelli kollha tal-edukazzjoni;

26. Jiġbed l-attenzjoni li skont l-Artikolu 26 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1948, id-dritt għall-edukazzjoni huwa dritt tal-bniedem;

27. Jilqa' l-fatt li qed tiżdied il-parteċipazzjoni tal-bniet fl-edukazzjoni primarja (fil-gradi 1 sa 8)u li d-disparità bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni primarja issa kważi tneħħiet għalkollox; iqis, madankollu, li huwa ta' dispjaċir il-fatt li d-disparità bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni sekondarja twessgħet ftit u jħeġġeġ lill-Gvern Tork biex jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex inaqqas din id-disparità u biex idaħħal iktar miżuri li jiżguraw li t-tfal kollha jattendu l-iskola;

28. Jitlob li ssir promozzjoni fis-sistema tal-edukazzjoni tal-iskejjel vokazzjonali li tagħti lin-nisa l-opportunità li jitgħallmu xi sengħa jew jitħarrġu għal xogħlijiet fis-setturi tas-servizzi;

29. Jistieden lill-Gvern Tork biex jiġġieled l-isfruttament sesswali, l-abbuż sesswali, il-vjolenza domestika, il-faqar, l-analfabetiżmu u l-isfruttament ta' tfal bniet u biex jipprovdi opportunitajiet indaqs għall-aċċess għall-edukazzjoni, mingħajr distinzjonijiet li jsiru purament fuq bażi tal-età, il-lingwa, l-etniċità u l-ġeneru;

30. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-proporzjon ta' tfal tal-età mit-twelid sa ħames snin li jinkitbu fl-iskola preprimarja għadu baxx ħafna u li hemm nuqqas ta' progress fil-provvista ta' kura tat-tfal u ta' faċilitajiet tal-edukazzjoni preprimarja; iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex jalloka riżorsi suffiċjenti għall-estensjoni ta' servizzi ta' kura tas-saħħa għal dan il-grupp ta' età li wieħed ikun jiflaħ iħallashom; jistiednu wkoll biex jemenda r-regolamentazzjoni tiegħu dwar iċ-ċentri għall-kura tat-tfal, li tobbliga lill-intrapriżi li jħaddmu iktar minn 150 mara li jipprovdu kura tat-tfal bla ħlas, peress li din id-dispożizzjoni tirrifletti approċċ diskriminatorju li jimplika li t-trobbija tat-tfal hija responsabilità tan-nisa biss u tinfluwenza b'mod negattiv lill-intrapriżi meta dawn jiġu biex iħaddmu n-nisa;

31. Jistieden lill-Gvern Tork biex jintensifika l-isforzi u l-kampanji ta' tqajjim ta' kuxjenza tiegħu biex jiġu eliminati l-analfabetiżmu u l-faqar fost miljuni ta' nisa, speċjalment dawk ta' oriġini Kurda jew minn komunitajiet immigranti jew tar-Roma, u biex jagħti attenzjoni speċifika lin-nisa li jgħixu fiż-żoni rurali;

32. Jilqa' l-inizjattivi tal-Gvern Tork bħall-Proġett għall-Mitigazzjoni tar-Riskju Soċjali (trasferiment ta' flus kondizzjonali) li jinvolvi l-għoti ta' ammont ta' flus lill-familji fil-bżonn għal kull wild li jmur l-iskola primarja; jinnota li l-ammont mogħti lill-familji għall-bniet huwa ogħla minn dak mogħti għas-subien u li dan l-ammont jingħata lill-ommijiet; jilqa' l-fatt li b'dan il-mod il-kwistjonijiet tal-edukazzjoni tal-bniet u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fl-istruttura tal-familja jiġu indirizzati simultanjament; jinnota, madankollu, li l-fatt li ħafna tfal jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien jibqa' inkwetanti, b'mod speċjali fost il-familji ta' ħaddiema staġonali u t-tfal tar-Roma, u jistieden lill-Gvern Tork biex jappoġġja u jużа bis-sħiħ is-sistema ta' twissija bikrija għat-tfal li jkunu f'riskju li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien u biex jelimina d-disparitajiet reġjonali fl-edukazzjoni primarja u f'dik sekondarja;

33. Jenfasizza li l-problema tal-istereotipi tal-ġeneri jistgħu jiġu indirizzati l-aħjar fis-sistema edukattiva; jilqa', għaldaqstant, it-twaqqif tal-Kummissjoni għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni; jirrikonoxxi l-isforzi tagħha favur l-eliminazzjoni tal-lingwaġġ, l-istampi u l-espressjonijiet sessisti mill-materjal edukattiv; jinnota, madankollu, li l-eliminazzjoni tal-preġudizzju sessist mill-kotba tat-tagħlim fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ teħtieġ aktar sforzi u, għalhekk, jitlob lill-Gvern Tork jirrevedi l-progress li sar biex jiġu eliminati il-preġudizzji sessisti mill-materjal edukattiv;

34. Jistieden lill-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja biex jagħmlu obbligatorji l-korsijiet dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kurrikulu għall-għalliema futuri, u jistieden lill-Gvern Tork biex jinkludi dan is-suġġett fil-programmi ta' taħriġ kontinwu għall-għalliema;

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

35. Jenfasizza li sabiex tkun garantita l-parteċipazzjoni tal-bniet fl-edukazzjoni primarja obbligatorja u sabiex ikun evitat li dawn jiċċaħħdu mill-opportunitajiet tagħhom li jistudjaw jew li jiġu sfurzati jiżżewġu kmieni, hu kruċjali li s-sistema edukattiva primarja obbligatorja formali kollha kemm hi tkun organizzata b'mod li ma tħallix lakuni fis-sistema edukattiva li jistgħu iwasslu biex il-bniet jitilqu mill-iskola, speċjalment f'żoni rurali;

Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol

36. Jenfasizza l-livell baxx ħafna ta' parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol Torka, li huwa inqas mill-miri previsti mill-perspettiva tal-Istrateġija Ewropa 2020, u jistieden lill-Gvern Tork biex jistabbilixxi pjan ta' azzjoni nazzjonali sabiex jizgura parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol;

37. Jitlob li tittieħed aktar azzjoni skont l-iskema 'Miżuri attivi għas-suq tax-xogħol' li hija mfassla biex trażżan il-qgħad fost in-nisa u ż-żgħażagħ; jitlob lill-Gvern Tork biex jiddedika aktar finanzjament mill-baġit tiegħu stess biex jinkoraġġixxi lin-nisa qiegħda joħorġu jaħdmu;

38. Jistieden lill-Gvern Tork biex jonfoq il-finanzjament tal-UE b'mod kemm jista' jkun effettiv fuq il-proġetti li qed jitwettqu fit-Turkija; jistieden lill-Kummissjoni biex taġixxi bid-diliġenza dovuta fir-rigward tal-effettività tal-infiq.

39. Iħeġġeġ l-implimentazzjoni taċ-Ċirkolari tal-Prim Ministru 2010/14 dwar iż-żieda fl-impjieg tan-nisa u l-kisba ta' opportunitajiet indaqs; f'dan il-kuntest, jiġbed l-attenzjoni għall-istrateġiji u l-miżuri tal-UE favur allokazzjoni bbilanċjata u ġusta ta' karigi għoljin lin-nisa;

40. Jistieden lill-Gvern Tork jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni attiva tan-nisa fis-suq tax-xogħol billi jippromwovi, fost affarijiet oħra, miżuri li jiżguraw kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol, pagi ugwali għal xogħol ugwali, it-tagħlim tul il-ħajja, skedi flessibbli ta' xogħol u bilanċ ġust bejn il-ħajja tal-familja u dik tax-xogħol;

41. Jinnota li filwaqt li t-Turkija riċentement tejjbet il-leġiżlazzjoi tagħha dwar il-liv tal-maternità (b'żieda minn 12-il ġimgħa għal 16-il ġimgħa), il-liv tal-paternità jeżisti biss għall-uffiċjali ċivili u mhux għal ħaddiema oħra, u li skema tal-liv tal-ġenituri li tkun applikabbli b'mod wiesa' hija essenzjali biex ikun żgurat li l-ġenituri jikkondividu d-drittijiet u r-responsabilitajiet tagħhom fir-rigward tal-kura tat-tfal u għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi tal-ġeneri fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Gvern Tork jimplimenta skema ta' liv tal-ġenituri mħallas għall-ħaddiema kollha, li tippermetti lill-missirijiet jissodisfaw ir-responsabilitajiet ugwali tagħhom fil-kura tat-tfal;

42. Iħeġġeġ lin-nisa jibdew in-negozji tagħhom stess billi jużaw finanzjament li jsir disponibbli taħt skemi tas-self, bħal pereżempju l-Programm ta' Self lin-Negozji ż-Żgħar, u biex jieħdu vantaġġ mill-programmi ta' taħriġ tal-KOSGEB.

43. Jenfasizza l-importanza li tingħeleb kull xorta ta' diskriminazzjoni fil-post tax-xogħol, inkluża d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, fir-reklutaġġ, fil-promozzjoni u fil-benefiċċji; itenni t-talba tiegħu lill-Gvern Tork biex jiġbor data statistika preċiża u rilevanti;

44. Jenfasizza l-importanza li jingħataw korsijiet ta' taħriġ speċjali, finanzjament u għajnuna teknika lin-nisa qiegħda ta' livell mhux manwali u lill-imprendituri nisa, sabiex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għall-aċċess għas-suq tax-xogħol;

45. Jenfasizza li t-twessigħ riċenti tal-intitolament legali għall-liv tal-maternità (b'żieda minn tnax għal sittax-il ġimgħa) għandu jiġi segwit b'żieda fil-pagi, sabiex jiġi żgurat aħjar li l-familji u n-nisa ma jiġux penalizzati finanzjarjament talli jkollhom it-tfal;

46. Iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex jalloka fondi biex jiġu stabbiliti faċilitajiet għall-kura tat-tfal u l-kura tal-anzjani u l-persuni b'diżabilità li jkunu għall-but ta' kulħadd u aċċessibbli b'mod wiesa' sabiex jiżdied l-impjieg tan-nisa;

47. Josserva l-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa fl-unjonijiet sindikalisti u speċjalment fil-korpi ta' tmexxija tagħhom; jenfasizza l-importanza tal-fatt li l-attivitajiet tal-unjonijiet sindikalisti jsiru iktar aċċessibbli sabiex ikun hemm iktar parteċipazzjoni min-naħa tan-nisa;

48. Jenfasizza l-fatt li n-nisa ħafna drabi jaħdmu f'kundizzjonijiet ħżiena u f'ċirkostani mhux reġistrati u mhux imħallsa f'negozji tal-familja u, għalhekk, jisfaw vittmi u jiġu sfruttati; jistieden lill-Gvern Tork biex jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġġieled l-ekonomija s-sewda;

Il-parteċipazzjoni fil-politika

49. Jilqa' ż-żieda fin-numru ta' membri nisa fil-Parlament Tork li minn 9,1 % fl-elezzjonijiet tal-2007 tela' għal 14,3 % wara l-elezzjonijiet tal-2011; jinnota, madankollu, li dan il-perċentwal għadu baxx ħafna u jitlob liġi ġdida dwar il-partiti politiċi u l-elezzjonijiet li tistabbilixxi sistema ta' kwoti obbligatorja biex tiżgura r-rappreżentanza ġusta tan-nisa fil-listi elettorali; hu mħasseb dwar ir-rappreżentanza ġeneralment limitata ta' nisa Torok fil-politika, f'karigi maniġerjali fl-amministrazzjoni pubblika u fil-partiti politiċi;

50. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Gvern Tork u l-partiti politiċi jirrevedu l-liġi attwali dwar l-elezzjonijiet bil-għan li jkun hemm parteċipazzjoni ndaqs u demokratika tal-irġiel u n-nisa fil-politika, li tinkludi preżenza aktar bilanċjata f'termini tal-ġeneri ta' nisa f'karigi li jiġu eletti fil-listi tal-votazzjoni;

51. Iħeġġeġ il-partiti politiċi Torok kollha biex jadottaw strateġiji komprensivi dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u regoli interni li jiżguraw il-preżenza tan-nisa fil-livelli kollha;

52. Huwa mħasseb dwar il-perċentwal baxx ħafna tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika fil-livell lokali u jistieden lill-partiti politiċi kollha biex jiżguraw li din is-sitwazzjoni tinbidel fl-elezzjonijiet lokali tal-2014; filwaqt li jqis il-fatt li fit-Turkija 1 % biss tal-muniċipalitajiet għandhom sindku mara u l-ħtieġa konsegwenti li jiġi inkoraġġut l-involviment tan-nisa fil-politika, anke fil-livell lokali, jitlob li tiddaħħal sistema ta' kwoti għan-nisa fil-listi elettorali;

Il-perspettiva tal-2020

53. Jistieden lit-Turkija, bħala pajjiż kandidat għall-adeżjoni fl-UE, biex tadotta l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020 u biex tagħti s-setgħa lin-nisa biex jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq tax-xogħol;

54. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lill-kwistjoni tad-drittijiet tan-nisa fin-negozjati mat-Turkija; jenfasizza l-importanza li t-Turkija tissodisfa l-obbligi legali u politiċi tagħha li joriġinaw mill-acquis tal-UE u mid-deċiżjonijiet relevanti tal-UE u l-QEBD (Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem) sabiex tiffaċilita l-ftuħ tal-Kapitolu 23 tan-negozjati tal-adeżjoni dwar il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u bħala appoġġ għar-riformi tat-Turkija dwar id-drittijiet tan-nisa skont dan il-kapitolu;

55. Jistieden lit-Turkija biex tissodisfa l-obbligi kollha tagħha li joriġinaw mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-KE u t-Turkija u l-Protokoll Addizzjonali li t-Turkija għad trid timplimenta għas-sitt sena konsekuttiva, sabiex turi l-impenn reali tagħha li ssir demokrazija pluralista għalkollox, li fil-qalba tagħha jkollha l-osservanza u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kemm tal-irġiel kif ukoll tan-nisa;

56. Jenfasizza li għall-ftuħ tal-Kapitolu 19 tan-negozjati tal-adeżjoni dwar il-politika soċjali u l-impjiegi, li huwa strumentali ħafna għat-titjib tas-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tan-nisa u jżid il-preżenza tagħhom fis-suq tal-xogħol, wieħed mill-parametri referenzjarji hu li t-Turkija tipprovdi lill-Kummissjoni pjan ta' azzjoi għall-implimentazzjoni tal-acquis f'kull żona koperta mill-Kapitolu 19, inluża l-adozzjoni ta' approċċ ta' integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru; jipproponi li d-Direttorat Ġenerali għall-Istatus tan-Nisa jkun involut mill-qrib f'dan il-proċess;

57. Jenfasizza li l-Aġenda Pożittiva, kif introdotta mill-Kummissjoni biex tikkumplimenta n-negozjati dwar l-adeżjoni tat-Turkija, għandha tintuża bħala forum mexxej għall-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-Turkija; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li fil-gruppi ta' ħidma kollha tal-Aġenda Pożittiva tkun żgurata l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneri;

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

58. Jenfasizza l-importanza li jerġgħu jiġu evalwati l-valuri stretti eżistenti fir-rigward tar-rwol tan-nisa fl-istruttura soċjali, u jenfasizza li fl-aħħar mill-aħħar hija meħtieġa bidla fil-mentalità sabiex il-qafas leġiżlattiv isir realtà;

59. Jitlob li jiġu organizzati kampanji ta' tqajjim ta' kuxjenza li jimmiraw is-soċjetà kollha u li jiffokaw fuq id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-prevezjoni tal-vjolenza fuq il-bażi tal-ġeneru, il-kundannazzjoni tal-qtil għall-unur u l-preġudizzji sessisti fil-mezzi tax-xandir;

60. Jitlob li l-ġestjoni u l-impjieg jiġu involuti b'mod attiv fil-promozzjoni tad-drittijiet u r-rwoli tan-nisa fin-negozju, is-soċjetà u l-politika, u fl-inklużjoni tan-nisa fid-djalogu bejn iż-żewġ naħat tal-industrija;

61. Jistieden lill-Gvern Tork biex fil-livelli kollha tal-edukazzjoni jdaħħal l-ugwaljanza tal-ġeneri u t-tolleranza bħala suġġetti obbligatorji fil-kurrikula tal-iskola;

62. Jissuġġerixxi li jinħoloq proġett nazzjonali li fih jieħdu sehem persuni mudell tan-nisa u tal-irġiel u tfajliet u ġuvintur f'dibattiku dwar il-futur tat-Turkija sabiex in-nisa u l-irġiel minn kull grupp ta' età u kull twemmin politiku jkunu jistgħu jaħdmu flimkien dwar strateġija biex b'suċċess jittrasformaw l-istruttura patrijarkali tas-soċjetà f'waħda fejn ikun hemm il-parteċipazzjoni ġusta u soċjalment aċċettabbli tan-nisa fil-ħajja politika, ekonomika u soċjali;

63. Jirrikonoxxi li qatt ma jista' jkun hemm bidla fil-mentalità mingħajr il-parteċipazzjoni u l-involviment tal-irġiel u, għaldaqstant, jistieden lill-Gvern Tork biex jistabbilixxi dibattiti pubbliċi għall-iskambju ta' opinjonijiet bejn irġiel u nisa mis-setturi kollha tas-soċjetà Torka bħala mezz kif jiġu trattati l-kawżi tal-vjolenza sessista u fl-aħħar mill-aħħar biex wieħed jasal għal ugwaljanza ġenwina tal-ġeneri;

64. Jemmen li għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-għoti tas-setgħa lin-nisa fir-reġjuni tat-Turkija l-inqas żviluppati; jilqa', għaldaqstant, il-proġetti tal-Gvern Tork bħal dak li joffri korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali fi ħdan il-CATOMs (Ċentri tas-Soċjetà bi Skop Multiplu) fix-Xlokk tat-Turkija, iżda jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal iktar inizjattivi li jirrispettaw u jippromwovu d-drittijiet tan-nisa kollha, u li jiffukaw b'mod partikolari fuq l-inklużjoni soċjali tan-nisa u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fiż-żoni rurali, in-nisa qiegħda u n-nisa li jgħixu fil-faqar;

65. Jemmen li jekk it-Turkija trid li jkollha rwol bħala mudell għall-pajjiżi tar-'Rebbiegħa Għarbija', hija għandha tkompli twettaq ir-riformi tagħha b'determinazzjoni u tiżgura l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tkun għaddiet; ifakkar li t-Turkija teħtieġ tikseb riżultati viżibbli u konkreti fl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza u l-osservanza tad-drittijiet tan-nisa;

66. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-mezzi tax-xandir għad-difiża tad-drittijiet tan-nisa u jħeġġeġ l-inklużjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fit-taħriġ kontinwu tal-organizzazzjonijiet tax-xandir; jindika l-importanza li tiġi ppreżentata immaġni tan-nisa fil-mezzi tax-xandir li tevita l-istereotipi sessisti;

67. Jenfasizza l-importanza tal-baġitjar għall-ġeneri, ladarba l-ebda waħda mir-riformi ma tista' tiġi implimentata mingħajr il-fondi adegwati;

68. Jistieden lit-Turkija biex iżżid l-isforzi tagħha fir-rigward tar-riformi komprensivi, biex tissodisfa l-kriterji ta' Kopenhagen, għall-ġid tal-modernizzazzjoni tagħha nnifisha, u biex tistabbilixxi klima ta' fehim u rispett reċiproċi mas-27 Stat Membru kollha tal-UE, u b'hekk tagħmilha possibbli li jsir skambju tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri ma' kulħadd, għall-benefiċċju tan-nisa fit-Turkija;

*

* *

69. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, lin-NU Nisa, lid-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u lill-Gvern u l-Parlament tat-Turkija.

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

L-UE u ċ-Ċina: kummerċ żbilanċjat?

P7_TA(2012)0218

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 dwar l-UE u ċ-Ċina: kummerċ żbilanċjat? (2010/2301(INI))

(2013/C 264 E/06)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 6 u 21 tat-Trattat dwar Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 153, 191, 207 u 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 12, 21, 28, 29, 31 u 32 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Protokoll ta' Adeżjoni tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fit-23 ta' Novembru 2001,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Frar 2009 ([1]) u r-rapport tad-Direttorat għall-Politika Esterna tiegħu ta' Lulju 2011 dwar ir-Relazzjonijiet Kummerċjali u Ekonomiċi maċ-Ċina,

— wara li kkunsidra l-komunikat konġunt tat-13-il samit UE-Ċina li sar fi Brussell fis-6 ta' Ottubru 2010,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija – Il-Politika tal-Kummerċ bħala element prinċipali mill-Istrateġija tal-UE 2020" (COM(2010)0612) u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2011 dwar Politika Kummerċjali Ġdida għall-Ewropa fl-ambitu tal-Istrateġija Ewropa 2020 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2008 dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea li tiżgura aċċess għas-suq għall-kumpaniji Ewropej ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea u l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2006 bit-titolu "Ewropa Globali: Strumenti għad-Difiża tal-Kummerċ tal-UE f'ekonomija dinjija li qed tinbidel",

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Suq Uniku għad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali" tal-24 ta' Mejju 2011, il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (COM(2011)0285), ir-rapport tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2011 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kif ukoll ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-impatt tal-iffalsifikar fuq il-Kummerċ Internazzjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tad-WTO tal-5 ta' Lulju 2011 dwar il-miżuri ta' esportazzjoni taċ-Ċina ta' diversi materji primi u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2011 dwar strateġija effettiva tal-materja prima għall-Ewropa ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-13 ta' Diċembru 2011 dwar ostakli għall-Kummerċ u l-Investiment ([5]),

([1]) ĠU C 67 E, 18.3.2010, p. 132.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0412.
([3]) ĠU C 184 E, 6.8.2009, p. 16.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2011)0364.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2011)0565.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar il-politika Ewropea futura ta' investiment internazzjonali ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali ([2]), dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Internazzjonali ([3]) u dwar il-Politika dwar il-Kummerċ Internazzjonali fil-kuntest tal-imperattivi marbuta mat-tibdil fil-klima ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2008 bit-titolu "Lejn Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ riformata" ([5]) u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp ([6]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu "UE – Ċina: Msieħba aktar mill-qrib, tkabbir tar-responsabbiltajiet" (COM(2006)0631) u d-dokument ta' politika li jakkumpanjaha "Kompetizzjoni u Partnerjat – politika dwar il-kummerċ u l-investiment bejn l-UE" (COM(2006)0632),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Frar 2009 dwar it-tisħiħ tal-irwol tal-SMEs Ewropej fil-kummerċ internazzjonali ([7]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2011 u d-dikjarazzjoni finali tas-samit tal-G20: "Building our common future: renewed collective action for the benefit of all" (Biex nibdu l-ġejjieni komuni tagħna, insaħħu l-azzjoni kollettiva tagħna għall-ġid ta' kulħadd), magħmula f'Cannes fl-4 ta' Novembru 2011,

— wara li kkunsidra l-White Paper tal-Gvern Ċiniż tat-23 ta' Diċembru 2010 dwar il-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali bejn iċ-Ċina u l-Afrika,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0141/2012),

A. billi ċ-Ċina ssieħbet mad-WTO fl-2001 u sussegwentement saret l-ewwel esportatur dinji ta' merkanzija, b'10,36 % ta' esportazzjonijiet fl-2010, u t-tieni qawwa ekonomika dinjija;

B. billi l-UE hija l-ewwel destinazzjoni tal-esportazzjonijiet Ċiniżi, li żdiedu minn 39,5 % bejn l-2009 u l-2010, u li ċ-Ċina hija t-tieni sieħba kummerċjali tal-UE;

C. billi l-UE ħadet post il-Ġappun bħala l-akbar oriġini tal-importazzjonijiet taċ-Ċina; billi ż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi kienu fundamentali għall-andament reċenti tal-ekonomija tal-Istati Membri tal-UE li huma orjentati lejn l-esportazzjonijiet, bħall-Ġermanja;

D. billi l-iżvilupp ikbar tal-ekonomija tagħha u l-adeżjoni tagħha mad-WTO jimplikaw mhux biss vantaġġi notevoli, iżda wkoll responsabbiltà akbar għaċ-Ċina fl-iżvolġiment ta' rwol attiv u pożittiv fl-ordni ekonomiku dinji, partikolarment fil-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u fil-grupp tal-Bank Dinji;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0141.
([2]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 101.
([3]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 31.
([4]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 94.
([5]) ĠU C 259 E, 29.10.2009, p. 77.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2011)0380.
([7]) ĠU C 67 E, 18.3.2010, p. 101.

E. billi mill-iffirmar tal-ftehim ta' kooperazzjoni UE-Ċina fl-1985, ir-relazzjonijiet kummerċjali żviluppaw konsiderevolment, u għalhekk huwa essenzjali li dan il-ftehim isir konformi mal-konġuntura ekonomika attwali; billi l-Kummissjoni Ewropea adottat, fl-2006, l-istrateġija politika saljenti tagħha dwar iċ-Ċina u, fl-ambitu ta' tali strateġija, bdew in-negozjati f'Jannar 2007 dwar Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensiv bil-għan li jitjiebu ulterjorment ir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina fl-oqsma tal-kummerċ u l-investiment;

F. billi l-kummerċ bejn l-UE u ċ-Ċina rreġistra f'dawn l-aħħar tletin sena żieda rapida u bla waqfien sa ma laħqu l-ogħla ammont ta' kummerċ totali ta' EUR 395 biljun fl-2010, billi l-iżbilanċ fil-kummerċ bitalaterali ilu favur iċ-Ċina mill-1997, u li dan id-defiċit kummerċjali kien jammonta għal EUR 168.8 biljun fl-2010 meta mqabbel ma' EUR 49 biljun fl-2000; filwaqt li l-valur miżjud tal-esportazzjonijiet Ċiniżi huwa ferm skars ladarba jitnaqqas il-valur tal-komponenti importati mill-UE jew minn reġjuni oħra; billi l-kumpaniji barranin stabbiliti fiċ-Ċina jirrappreżentaw madwar 85 % tal-esportazzjoni kollha li ġejja minn operazzjonijiet ta' assemblaġġ;

G. billi fl-2010, l-investimenti barranin tal-UE fiċ-Ċina kienu jammontaw għal EUR 4.9 biljun filwaqt l-investimenti barranin Ċiniżi fl-UE kienu jammontaw fl-istess sena għal EUR 0.9 bilun;

H. billi d-diverġenza bejn il-mudelli soċjali, ekonomiċi u demokratiċi tal-UE u taċ-Ċina, kif anki r-riżorsi naturali u demografiċi rispettivi tagħhom, għandhom rwol rilevanti fl-iżbilanċi kummerċjali bejn iż-żewġ reġjuni;

I. billi l-isfida maħluqa miċ-Ċina hija ta' natura aktar industrijali milli kummerċjali u timponi lill-Ewropa l-implimentazzjoni ta' politika industrijali ambizzjuża, maħsuba f'livell Ewropew, billi l-approċċi purament nazzjonali jimpedixxu approċċ Komunitarju koerenti fil-konfront taċ-Ċina;

J. billi d-delokalizzazzjoni tal-produzzjoni ta' bosta beni ta' konsum fiċ-Ċina eliminaw ħafna impjiegi fl-Unjoni Ewropea; billi tali delokalizzazzjoni kienet ukoll akkumpanjata minn tnaqqis drastiku tal-prezzijiet, li bis-saħħa tiegħu ħafna minn dawn il-beni ta' konsum saru aċċessibbli għan-nuklei familjari tal-Unjoni Ewropea b'introjtu baxx, u li kkontribwixxa għal kuntest ta' inflazzjoni relattivament baxx;

K. billi fost il-parteċipanti fl-aħħar Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, organizzata f'Durban, ma ntlaħaqx ftehim vinkolanti, u billi l-impenji assunti minn ċerti pajjiżi dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra mhumiex biżżejjed, fid-dawl tal-urġenza li tiġi limitata ż-żieda tat-temperaturi għal żewġ gradi matul is-seklu 21 jekk l-aġenda dwar it-tibdil fil-klima għandha tiġi rispettata;

L. billi huwa stmat li t-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa huwa ħafna aktar dgħajjef meta mqabbel mat-tkabbir fiċ-Ċina, li mistenni jiżdied għal madwar 9 % fl-2012;

M. billi t-tip ta' żbilanċi ekonomiċi interni li qegħdin jolqtu lill-ekonomiji Ewropej qegħdin jikbru wkoll fl-ekonomija Ċiniża, mhux anqas fis-settur immobiljari, kif turi bħala eżempju l-bużżieqa immobiljari reċenti;

N. billi l-impatt tal-politika kummerċjali komuni tal-UE jirriżulta kultant kompromess minn interessi nazzjonali diverġenti li l-Istati Membri jsegwu fil-konfront taċ-Ċina;

O. billi l-kostijiet soċjali tal-kriżi ekonomika attwali huma għoljin; billi r-rata tal-impjiegi fl-UE tbaxxiet b'1,8 %, u li, b'konsegwenza, 9,6 % tal-popolazzjoni ekonomikament attiva huma qiegħda (23 miljun ruħ), ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ hija 21 %, għadhom inċerti l-prospettivi ta' rkupru tal-livelli tal-impjiegi, u 17 % taċ-ċittadini tal-UE jirriskja li jisfa fqir;

P. billi ċ-Ċina, peress li aderiet mad-WTO fl-2011, għandha tirrispetta r-regoli tad-WTO billi tilliberalizza l-kummerċ tagħha u tiftaħ is-suq tagħha; billi sal-lum għadha lura ferm milli tilħaq livell sodisfaċenti fl-isforzi tagħha;

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

Q. billi l-adeżjoni taċ-Ċina mal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi (GPA) għandha tkun faċilitata mill-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-GPA permezz ta' reviżjoni kif miftiehem fil-15 ta' Diċembru 2011 waqt l-aħħar Konferenza Ministerjali tad-WTO;

R. billi l-isforzi tal-impriżi Ewropej intiżi li jaċċessaw is-suq Ċiniż huma mxekkla mill-politiki industrijali intervenzjonistiċi tal-Gvern Ċiniż, mill-protezzjoni inadegwata tal-proprjetà intellettwali, minn sistema ta' regoli li hija ambigwa fis-sustanza kif ukoll fl-applikazzjoni, u minn ostakli mhux tariffarji u tekniċi oħrajn għall-kummerċ;

S. billi s-sottovalutazzjoni tal-yuan għadha toħloq vantaġġi kummerċjali artifiċjali għaċ-Ċina u billi l-pajjiżi membri tal-G20 impenjaw ruħhom li jiffaċilitaw flessibilità aħjar tar-rati tal-kambju;

T. billi l-UE ssekwestrat fl-2010 aktar minn 103 miljun prodott issuspettat ta' ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali fil-fruntieri esterni tagħha ta' valur totali ta' EUR 1.11 biljun; billi ċ-Ċina hija l-pajjiż fl-oriġini ta' 85 % ta' tali prodotti; billi karatteristika importanti tal-ħarsien tal-proprjetà intellettwali tikkonsisti fl-eżekuzzjoni korretta tal-liġijiet u tal-impenji internazzjonali eżistenti, fosthom is-sanzjonijiet; billi tali prodotti sikwit jiġu prodotti f'faċilitajiet li jipproduċu wkoll prodotti leġittimament tikkettati, u spiss huma prodotti mhux fir-rispett kemm tad-dritt tax-xogħol kif ukoll tar-rekwiżiti dwar is-saħħa u s-sikurezza, u b'hekk huma ta' periklu għall-konsumaturi u, fil-każ tas-sustanzi kimiċi, għall-ambjent kollu kemm hu;

U. billi ċ-Ċina, skont it-12-il pjan fuq ħames snin tagħha u li xi objettivi fih huma simili għall-objettivi ppreżentati fl-Istrateġija UE 2020, għandha tiżviluppa s-setturi strateġiċi tal-enerġija, tal-kostruzzjoni, tat-trasport u se jkollha tħabbat wiċċha ma' eżiġenzi kbar fis-settur tas-servizzi; billi dan jaf joffri opportunitajiet ta' investiment ġodda għall-impriżi Ewropej u għal kooperazzjoni msaħħa;

Titjib tal-aċċess għas-suq

1. Jitlob lill-Kummissjoni tapplika l-prinċipju tar-reċiproċità fil-politika kummerċjali komuni tal-UE mal-pajjiżi żviluppati u emerġenti bħaċ-Ċina biex terġa' ġġib kompetizzjoni ġusta u tiggarantixxi kundizzjonijiet indaqs għal kulħadd;

2. Jilqa' b'sodisfazzjon it-tisħiħ tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina; jistieden lill-UE u liċ-Ċina jsegwu relazzjoni ta' sħubija u vantaġġi reċiproċi aktar milli jidħlu f'kompetizzjoni u rivalità akkanita;

3. Jinnota li l-ekonomija Ċiniża ma tissodisfax il-kriterji tal-ekonomija tas-suq hekk kif definiti mid-WTO; jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mal-Gvern Ċiniż biex sal-2016 jiġu eliminati l-ostakli kollha li fadal, meta suppost l-istatus ta' ekonomija tas-suq jiġi konċess liċ-Ċina min-naħa tad-WTO; jenfasizza li tali status għandu jiġi konċess qabel din id-data biss jekk iċ-Ċina tissodisfa l-kriterji kollha; jitlob li l-UE tipproċedi bil-valutazzjoni regolari, f'forma ta' rapporti annwali dwar ir-rispett min-naħa taċ-Ċina tal-obbligi inklużi fil-Protokoll ta' Adeżjoni tagħha mad-WTO;

4. Filwaqt li jirrikonoxxi li huwa improbabbli li l-kundizzjonijiet oġġettivi biex iċ-Ċina tikkwalifika għal status ta' ekonomija tas-suq jiġu sodisfatti fil-futur qrib, jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta, sa tmiem l-2012, proposta lill-Parlament Ewropew dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni qabel tali status jiġi rikonoxxut mill-UE;

5. Jiddispjaċih bl-eżistenza ta' bosta ostakli tariffarji u mhux tariffarji fis-suq Ċiniż, bħal ċerti diskriminazzjonijiet fir-rigward tal-operaturi barranin partikolarment fis-settur bankarju, tal-assigurazzjoni u tat-telekomunikazzjonijiet, u l-kumplessità tal-istruttura tariffarja u l-ostakli tekniċi għall-kummerċ bħan-nuqqas ta' trasparenza tar-regoli tekniċi u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità kif ukoll tas-sistema Ċiniża taċ-ċertifikazzjoni obbligatorja (CCC); jiddispjaċih li ċ-Ċina, bil-maqlub ta' li hemm previst fil-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji (ASCM), ma tinnotifikax sistematikament is-sussidji speċifiċi tagħha;

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

6. Ifakkar li ċ-Ċina stabbiliet vantaġġi kummerċjali kunsiderevoli ħafna għaliha fil-konfront tal-UE permezz ta' sussidji statali mmirati, bis-saħħa ta' strutturi ġuridiċi differenti; iħeġġeġ liċ-Ċina tadegwa l-programmi statali tas-sussidji għad-dritt rilevanti tad-WTO; jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni tipproċedi bir-riforma tar-regolament kontra s-sussidji bil-għan li l-UE tkun tista' tirreaġixxi b'mod effikaċi għall-isfidi sinifikattivi maħluqa miċ-Ċina;

7. Josserva li ċ-Ċina tiddeplora l-eżistenza ta' ostakli kummerċjali għas-suq Ewropew, bħas-sussidji konsiderevoli tal-UE lill-bdiewa Ewropej, is-sistema kkumplikata ta' tariffi agrikoli, l-ostakli tekniċi għall-kummerċ, kif ukoll l-ostakli mtellgħa biex jimblokkaw l-investimenti ta' pajjiżi terzi f'ċerti Stati Membri;

8. Jinsab imħasseb bl-inaffidabbiltà tas-sistema ġudizzjarja, li mhijiex kapaċi tinforza l-obbligi kuntrattwali, bin-nuqqas ta' trasparenza u uniformità fl-applikazzjoni tar-reġim regolatorju li jirregola l-investimenti;

9. Jesprimi t-tħassib tiegħu għan-nuqqas ta' prevedibbiltà u pubbliċità tar-regoli u tal-istandards tekniċi applikabbli għall-prodotti, partikolarment fil-qasam taċ-ċertifikazzjoni, li għall-impriżi li jesportaw fiċ-Ċina joħolqu ostakli sinifikattivi għall-kummerċ;

10. Jistieden liċ-Ċina tadotta standards internazzjonali għall-prodotti u s-servizzi bil-għan li tippromwovi aktar kummerċ bejn iċ-Ċina u pajjiżi oħra; jilqa' favorevolment iż-żieda fl-involviment taċ-Ċina fl-entitajiet internazzjonali inkarigati mid-definizzjoni ta' standards u jqis bħala opportun li tali involviment jitħeġġeġ kif ukoll dak tal-Unjoni Ewropea fl-entitajiet Ċiniżi inkarigati mill-istess kompitu; jenfasizza l-importanza li l-prodotti importati miċ-Ċina jirrispettaw l-istandards Ewropej fil-qasam tal-prodotti tal-ikel u dawk li mhumiex tal-ikel;

11. Jesprimi t-tħassib tiegħu għall-fatt li l-impriżi barranin iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet meta jaċċessaw l-akkwist pubbliku Ċiniż, li jinsab f'kuntrast mal-fatt li l-aċċess għall-akkwist pubbliku Ewropew huwa garantit; huwa mħasseb bil-kundizzjonijiet possibbilment inġusti tal-kompetizzjoni li japplikaw li bis-saħħa tagħhom, b'mod partikolari, l-għajnuna mill-Istat moħbija tħalli lill-impriżi Ċiniżi jressqu offerti notevolment aħjar meta mqabbla mal-kompetituri Ewropej tagħhom; jilqa' pożittivament ir-reviżjoni, u l-kamp ta' applikazzjoni aktar estiż, tal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi (GPA) li ntlaħaq qbil dwaru matul l-aħħar Konferenza Ministerjali tad-WTO fil-15 ta' Diċembru 2011, u l-impenji assunti miċ-Ċina f'dik l-okkażjoni, minkejja li għadhom mhux biżżejjed; jinkoraġġixxi, għaldaqstant, liċ-Ċina toffri li tingħaqad mal-ftehim bil-kundizzjonijiet paragunabbli ma' dawk ta' partijiet oħrajn tal-Ftehim, konformement mal-impenn tagħha fil-protokoll tiegħu dwar l-adeżjoni mad-WTO; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa malajr, fl-2012 jekk hu possibbli, strument Ewropew biex tiġi garantita r-reċiproċità fil-konfront tal-ftuħ tas-swieq tal-akkwist pubbliku; iqis li huwa wkoll kruċjali li jissaħħu l-istrumenti mmirati għall-inkoraġġiment, il-koordinament u s-sostenn tal-aċċess għas-suq għall-SMEs Ewropej fi swieq prijoritarji bħaċ-Ċina;

12. Josserva li l-krediti għall-esportazzjoni permessi mill-awtoritajiet u mill-banek Ċiniżi jiffavorixxu d-distorsjonijiet kummerċjali; jistieden, għaldaqstant, liċ-Ċina tikkonforma mal-linji gwida tal-arranġament tal-OECD dwar il-krediti għall-esportazzjoni li jibbenefikaw minn sostenn pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni sostni l-isforzi tal-OECD biex tinkiseb il-parteċipazzjoni taċ-Ċina f'dan l-arranġament; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, liċ-Ċina ssir firmatarja tal-konvenzjoni tal-OECD dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

13. Ifakkar li l-forma awtorizzata prinċipali ta' stabbiliment għall-impriżi barranin fiċ-Ċina hija l-mekkaniżmu tal-joint venture, sistema vinkolanti ħafna u wisq ta' spiss assoċjata ma' trasferimenti ta' teknoloġiji strateġiċi li jistgħu jiffavorixxu l-iżvilupp kompetittiv taċ-Ċina askapitu tal-industrija Ewropej fl-oqsma li fihom l-UE hija fuq quddiem nett; huwa konvint li ftuħ akbar taċ-Ċina dwar il-mekkaniżmu ta' joint venture, flimkien ma' ħarsien aħjar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, se jġib vantaġġi għaż-żewġ naħat, u jaġevola aċċess akbar għall-impriżi Ewropej fis-suq Ċiniż;

14. Jistieden lill-UE, fil-każ li ċ-Ċina tipprattika skambji kummerċjali illegali, tirrikorri, meta meħtieġ, għal tali strumenti ta' difiża tal-kummerċ li jkunu konsistenti mar-regoli tad-WTO, bħall-miżuri ta' anti-dumping, kontra s-sussidji u ta' salvagwardja, u tagħmel użu usa' tal-mekkaniżmu ta' konċiljazzjoni tad-WTO bil-għan li tiggarantixxi kundizzjonijiet ta' parità għall-kummerċ UE-Ċina; huwa inkwetat biż-żieda, min-naħa taċ-Ċina, fl-użu ta' miżuri ta' anti-dumping li jimmiraw għall-esportazzjonijiet tal-UE kif ukoll miżuri ta' dumping tal-prezzijiet u ta' sussidji statali; jistieden, għaldaqstant, liċ-Ċina tiggarantixxi li l-miżuri ta' anti-dumping tagħha jkunu konsistenti mar-regoli tad-WTO;

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

Difiża tal-interessi industrijali Ewropej

15. Jiddeplora l-protezzjoni insuffiċjenti tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali fiċ-Ċina u jiddispjaċih bin-nuqqas ta' mezzi konkreti għad-dispożizzjoni tal-impriżi Ewropej, partikolarment l-SMEs, għall-ġlieda effikaċi kontra l-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali; jilqa' favorevolment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipproponi reviżjoni tad-direttiva dwar l-implimentazzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiddefendu aħjar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali fl-organizzazzjonijiet multilaterali kollha li fihom iċ-Ċina hija membru (Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO)); irid li ċ-Ċina tkompli tittrasponi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha d-dritt internazzjonali fis-seħħ dwar il-ħarsien tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u, aktar fl-ispeċifiku, tiġġieled kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi jiggarantixxu l-infurzar, speċjalment fuq livell reġjonali; jiddispjaċih li ċ-Ċina ma pparteċipatx fin-negozjati dwar il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA); jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffurmaw aktar kooperazzjoni doganali fl-UE u mal-pajjiżi terzi, partikolarment maċ-Ċina, fis-sekwestru ta' merkanzija ffalsifikata, u jissemplifikaw il-proċeduri doganali; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw aktar mill-qrib ma' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur u mal-liċenzji;

16. Huwa konvint li ħarsien aħjar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u implimentazzjoni effikaċi tar-regoli relatati ma' dawn fiċ-Ċina jafu jixprunaw bil-kbir lill-investituri tal-UE u ta' reġjuni oħrajn għall-investimenti, għall-kondiviżjoni tal-kompetenzi teknoloġiċi ġodda u għall-modernizzazzjoni tat-teknoloġiji eżistenti f'dak il-pajjiż;

17. Josserva li ċ-Ċina tipproduċi 97 % tal-elementi rari tal-art użati fid-dinja u jistidinha tiggarantixxi lis-sħab kummerċjali tagħha metodi produttivi sostenibbli u aċċess ġust għas-suq; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari għal kull restrizzjoni eventwali taċ-Ċina f'dawk li huma tal-esportazzjoni tal-materja prima tagħha; ifakkar f'dan ir-rigward il-kundanna taċ-Ċina min-naħa tad-WTO fil-5 ta' Lulju 2011, ikkonfermata fl-appell, billi stabbiliet restrizzjonijiet għall-esportazzjoni ta' ċerti materji primi; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija Ewropea ta' ġestjoni tajba tal-materji primi permezz taż-żieda tal-effiċjenza enerġetika, ir-riċiklaġġ, użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u l-iżvilupp tal-kooperazzjoni industrijali fis-setturi promettenti u innovattivi tal-ekonomija ħadra; jitlob negozjati mmirati għall-adozzjoni ta' regoli u prinċipji komuni fil-qasam tal-kummerċ tal-materji primi, b'hekk jinħoloq qafas għall-użu tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet fi ħdan id-WTO u l-G20, billi din il-kwistjoni tikkonċerna primarjament lill-pajjiżi industrijalizzati u ċ-Ċina;

18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinnegozja ftehim ta' investiment UE-Ċina ambizzjuż u bbilanċjat intiż li joħloq ambjent aħjar għall-investituri tal-UE fiċ-Ċina, u li jiggarantixxi t-trasparenza fil-konfront tal-governanza tal-kumpaniji Ċiniżi li jinvesti fl-UE filwaqt li jiżdied il-livell ta' flussi ta' kapital reċiproċi; jistieden lill-Kunsill jelabora l-mandat tiegħu għal ftehim ta' investiment futur maċ-Ċina waqt li jqis l-fehmiet u l-pożizzjonijiet tal-Parlament kif definiti fir-riżoluzzjoni tas-6 ta' April 2011 dwar il-politika Ewropea futura ta' investiment internazzjonali;

19. Jilqa' pożittivament l-inawgurazzjoni, f'Novembru 2010, taċ-Ċentru tal-Unjoni Ewropea għall-Impriżi Żgħar u ta' daqs Medju (Ċentru tal-UE għall-SMEs) f'Pekin, li fetaħ il-bibien tiegħu għall-SMEs f'Marzu 2011, u li joffri kompetenzi biex jgħin lill-SMEs Ewropej jegħlbu l-isfidi li jiltaqgħu magħhom huma u joperaw fuq is-suq Ċiniż, partikolarment fl-ewwel fażijiet ta' żvilupp tal-attività; jilqa' favorevolment il-fatt ukoll li ċ-Ċentru jfittex setturi ta' opportunitajiet għall-SMEs tal-UE fiċ-Ċina u jgħinhom fil-kuntest regolatorju Ċiniż;

20. Jisħaq fuq l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-impriżi, u l-istabbiliment ta' sħubiji bejn universitajiet Ċiniżi u kumpaniji tal-UE bil-għan li jżidu l-innovazzjoni fiċ-Ċina; ifakkar fil-benefiċċji offruti mill-bażi tad-data tal-UE dwar l-Aċċess għas-Swieq li minnha l-impriżi tal-UE jistgħu jsibu informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-swieq bħad-dazji fuq l-importazzjoni, ir-rekwiżiti tal-prodotti, l-ostakli kummerċjali, id-dokumentazzjoni u l-istatistika; jesprimi sodisfazzjon għall-attività tal-Kamra tal-Kummerċ Ewropea fiċ-Ċina;

21. Iqis li l-ħolqien, mill-Kummissjoni, ta' mekkaniżmu għal skambju ta' informazzjoni dwar ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi fil-qasam tal-kummerċ maċ-Ċina se jiffaċilita approċċ koerenti fir-rigward taċ-Ċina;

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

Taffija tal-kompetizzjoni monetarja

22. Ifakkar li ċ-Ċina tiddetjeni d-dejn sovran ta' xi pajjiżi membri taż-żona euro; jenfasizza li din id-detenzjoni ħadet dimensjoni politika ġdida wara l-problemi gravi ta' dejn fi ħdan iż-żona euro; jitlob lill-Kummissjoni tagħti bidu għal riflessjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-Istati Membri dwar il-ħolqien ta' sistema kkoordinata biex tidentifika d-detenturi tad-dejn sovran; jinsab imħasseb li l-kapaċità ta' negozjar tal-UE fin-negozjati kummerċjali maċ-Ċina tirriżulta mminata minħabba l-kontribut li din qiegħda tagħti għall-istabbilizzazzjoni finanzjarja taż-żona euro;

23. Jenfasizza li l-allegata sottovalutazzjoni u n-nonkonveritibilità tal-yuan jafu jġibu vantaġġ kompetittiv inġust għall-esportaturi Ċiniżi billi ċ-Ċina tiddetjeni terz tar-riservi dinjin tal-kambju; jappella li r-regolamenti finanzjarji internazzjonali applikabbli għall-pajjiżi tal-G20, u l-koordinament makroekonomiku bejniethom, jissaħħu billi l-istabbiltà ekonomika u l-kummerċ dinji jistgħu nkella jkunu f'riskju; jitlob liċ-Ċina tħalli r-rivalutazzjoni tal-yuan biex jilħaq rata ta' kambju xierqa; ifakkar li, kif jipprevedu t-Trattati Ewropej, l-UE tista', f'każ ta' żbilanċi monetarji dinjija insostenibbli, tadotta politika tal-kambju;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi liċ-Ċina tilliberalizza l-kontijiet kurrenti tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta provi tal-modi kif ir-reġim tar-rati ta' kambju fissi jagħmel ħsara lill-kompetittività tal-UE u, wara dan, tqis il-prijoritajiet adegwati għal azzjoni.

Lejn qafas istituzzjonali ġdid għar-relazzjonijiet UE-Ċina

25. Jistieden lill-Istati Membri, bl-użu ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ xierqa, jiggarantixxu li l-impriżi barranin li joperaw fl-UE jirrispettaw il-leġiżlazzjoni kollha fis-seħħ fis-Suq Uniku, inklużi l-istandards soċjali u ambjentali, jiggarantixxu l-ħarsien tal-privattivi u jikkontribwixxu għall-isforzi li jippromwovu s-sostenibbiltà tal-impjiegi meta jixtru impriżi Ewropej jew joħolqu sussidjarji fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni toħloq korp inkarigat li jivvaluta l-investimenti strateġiċi barranin ex ante fuq il-mudell tal-Committee on Foreign Investment (CFIUS) fl-Istati Uniti biex ikollha stampa ċara tal-impriżi li joperaw u jinvestu fit-territorju tagħha kif ukoll tirrapporta lill-Parlament fuq bażi regolari;

26. Jistieden lill-UE taġixxi fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali adegwati, bħad-WTO, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u n-Nazzjonijiet Uniti (NU) ħalli tagħti bidu għal proċess ta' riforma orjentat għall-inklużjoni ta' standards soċjali, ambjentali u tas-saħħa vinkolanti fir-regoli dwar l-organizzazzjoni tal-kummerċ irregolata mid-WTO;

27. Jiddeplora l-qafas istituzzjonali għar-relazzjonijiet kummerċjali UE-Ċina, li hu frammentat u mingħajr koordinament; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi b'mod urġenti l-organigramma tar-relazzjonijiet bilaterali biex jiġi segwit koordinament aħjar u biex jitneħħa s-superfluwu fil-livell tal-pletora ta' gruppi ta' xogħol, tal-korpi ta' djalogu u ta' korpi formali u informali oħrajn; jistieden lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-muniċipalitajiet individwali jikkoordinaw aħjar il-politiki tagħhom relatati maċ-Ċina, u jieħdu passi urġenti biex jintlaħaq kunsens operattiv intiż li jkompli l-għanijiet komuni tal-UE;

28. Jistieden lill-UE tiżviluppa strateġija biex tevita t-trasferimenti furzati tat-teknoloġija; jawspika, f'dan ir-rigward, il-konklużjoni rapida tal-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-privattiva Komunitarja;

29. Jeżiġi li l-prodotti kollha fiċ-ċirkolazzjoni fis-suq intern jirrispettaw rigorożament ir-regoli u l-istandards Ewropej u jitlob lill-Kummissjoni tipproponi malajr xenarju, konformi mar-regoli tad-WTO, ta' introduzzjoni progressiva ta' kundizzjonalità għall-iskambji kummerċjali u/jew ġabra ta' miżuri ta' adegwament mal-fruntieri bħall-beni li jkunu ġejjin minn pajjiż terz li ma jirrispettax dawn l-istandards;

Valutazzjoni tar-rwol dinji taċ-Ċina

30. Jenfasizza l-influwenza dejjem ikbar taċ-Ċina fuq ix-xena tal-kummerċ internazzjonali; jistieden, għalhekk, lill-UE tibqa' tgħasses l-impatt politiku, ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-investimenti dejjem ikbar taċ-Ċina fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u partikolarment fl-Afrika u fl-Amerika Latina;

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

31. Itenni l-bżonn li l-investimenti Ċiniżi fl-Amerika Latina u fl-Afrika, speċjalment fiż-Żoni Ekonomiċi Speċjali (ŻES), jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiżi kkonċernati u għall-iżvilupp ta' katini ta' produzzjoni lokali bl-użu tal-ħaddiema tal-post;

32. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li xi kumpaniji Ewropej jinvestu fiċ-Ċina l-aktar minħabba l-kostijiet baxxi tal-produzzjoni li ġejjin minn standards soċjali, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem ta' kwalità baxxa; jirrakkomanda enerġikament li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu l-applikazzjoni ta' prassi effettivi tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji (CSR) min-naħa tal-kumpaniji Ewropej fiċ-Ċina u jinkoraġġixxi t-tixird u l-pubbliċità tal-aħjar prassi tal-inizjattivi fil-qasam tas-CSR; jitlob barra minn hekk li l-Kummissjoni tivvaluta b'liema mod jistgħu jiddaħħlu dispożizzjonijiet fil-qasam tas-CSR fil-ftehim ta' investiment futur UE-Ċina;

33. Iqis li jekk l-impenn taċ-Ċina fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jitqies bħala kompetizzjoni inġusta u jekk isir tentattiv biex jinstab rispons konfliġġenti, dan ma jikkostitwixxix soluzzjoni produttiva, fuq kollox għall-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp; jenfasizza li fl-aħjar interess tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll tal-kompetizzjoni u t-tkabbir globali usa', l-impriżi u l-atturi tal-UE li jixtiequ jikkompetu maċ-Ċina fir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jistinkaw biex jagħmlu offerti li huma l-aktar attraenti f'termini ta' sostenibbiltà u benefiċċju fit-tul, li jinkludu aspetti ambjentali, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem u ta' governanza;

34. Ifakkar li ċ-Ċina hija l-ewwel pajjiż fid-dinja f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra; jistieden lill-UE tipproponi fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali li l-aspetti ekoloġiċi u l-objettivi fil-qasam tat-tibdil fil-klima għandhom jiġu inklużi fit-taħdidiet relatati mal-kummerċ internazzjonali; iqis li l-qawwa ekonomika taċ-Ċina u l-kapaċità tagħha li trawwem l-innovazzjoni teknoloġika għandhom jintużaw bħala sostenn għall-ġlieda dinjija kontra t-tibdil fil-klima;

35. Iqis li l-isforzi tal-awtoritajiet Ċiniżi għal dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti drittijiet bażiċi fiċ-Ċina, speċjalment id-drittijiet soċjali u ta' ħarsien tal-ħaddiema, mhumiex suffiċjenti; iħeġġeġ, għaldaqstant, lill-UE u liċ-Ċina jagħtu bidu għal djalogu strateġiku aktar mill-qrib u responsabbli msejjes fuq il-fehim reċiproku;

Tisħiħ tal-UE biex taffronta l-kompetizzjoni dinjija

36. Jitlob li l-UE tiżviluppa politika industrijali komuni ambizzjuża bbażata fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, li tibbenefika minn finanzjamenti innovattivi bħall-project bonds u li tappoġġa l-iżvilupp tal-SMEs, partikolarment permezz tal-aċċess għall-akkwist pubbliku, bil-għan li żżomm il-kompetittività tagħha quddiem atturi ewlenin ġodda tal-industrija u tar-riċerka; jistieden lill-UE tivvalorizza l-produzzjoni Ewropea billi tforni informazzjoni ta' kwalità aħjar lill-konsumaturi, partikolarment permezz tal-adozzjoni tar-regolament dwar il-marki tal-oriġini ("made-in") ta' prodotti impurtati fl-UE.

37. Jawspika li l-UE ssaħħaħ il-governanza ekonomika, baġitarja, fiskali u politika tagħha bil-għan li ssir interlokutur kredibbli u ta' piż fix-xena internazzjonali; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jitkellmu b'vuċi waħda bil-għan li jiġi evitat li s-sħubiji u l-ftehimiet bilaterali jdgħajfu l-pożizzjoni tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mal-Istati Membri huma u jiddefinixxu l-politiki kummerċjali tagħhom u l-politiki tagħhom relatati maċ-Ċina; jeżiġi li l-UE timplimenta strateġija fit-tul fir-rigward taċ-Ċina, tiggarantixxi l-koordinament operattiv kemm bejn l-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll bejn l-UE u l-Istati Membri;

38. Jenfasizza l-bżonn ta' adozzjoni ta' approċċ bilanċjat fil-konfront taċ-Ċina; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibnu kooperazzjoni estensiva maċ-Ċina fl-oqsma tar-riċerka konġunta, bħas-sikurezza tal-prodotti u s-saħħa tal-bniedem, u jistabbilixxu aktar skambji fil-qasam xjentifiku, teknoloġiku u kulturali;

39. Ħafna problemi dwar il-kummerċ maċ-Ċina jirrigwardaw il-kwalità tar-regolamentazzjoni u l-implimentazzjoni relatata fid-diversi oqsma politiċi, fosthom il-politika industrijali, il-politika ambjentali, il-miżuri f'każ ta' kriżi, l-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tal-konsumaturi; jappella biex tali kwistjonijiet jissolvew permezz ta' żieda fil-kooperazzjoni bilaterali jew riżoluzzjoni tat-tilwim fi ħdan id-WTO;

*

* *

40. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Id-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew

P7_TA(2012)0219

Proposta adottata mill-Parlament Ewropew fit-23 ta' Mejju 2012 għal regolament tal-Parlament Ewropew dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew li jibdel id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (95/167/KE, Euratom, KEFA) (2009/2212(INI)) (1)

(2013/C 264 E/07)

(1) Il-Parlament iddeċieda li jipposponi l-vot fuq il-mozzjoni għal riżoluzzjoni, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 41 tar-Regoli tal-Proċedura (A7-0352/2011).

PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (95/167/KE, Euratom, KEFA)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 226 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Kunsill (1),

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Kummissjoni (2),

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

(1) ĠU …
(2) ĠU …

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

Billi:

(1) It-Trattat ta' Lisbona ħoloq il-kundizzjonijiet għal bilanċ istituzzjonali mġedded u mtejjeb fi ħdan l-Unjoni, li jagħti lok lill-istituzzjonijiet tagħha jiffunzjonaw b'mod aktar effiċjenti, miftuħ u demokratiku. F'dan il-kuntest, il-funzjonijiet tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-kontroll politiku ġew imsaħħa u estiżi. Għaldaqstant, skont il-prattika parlamentari nazzjonali kif ukoll ir-rekwiżiti tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (minn issa 'l quddiem "it-Trattati"), il-kumitati ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew għandhom jissaħħu u għandhom jingħataw setgħat speċifiċi, ġenwini u b'limiti ċari li jkunu jaqblu aktar mal-istatura politika u l-kompetenzi tiegħu, filwaqt li jkun rispettat il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Is-setgħat tal-kumitati ta' inkjesta, li huma strumenti eċċezzjonali ta' kontroll politiku, għandhom ikunu bla ħsara għar-responsabilitajiet ta' istituzzjonijiet oħra.

(2) Fid-19 ta' April 1995 il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottaw id-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA ([1]), li stipulat id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew. Dik id-deċiżjoni alludiet għall-possibilità li d-dispożizzjonijiet tagħha jaf jiġu riveduti fid-dawl tal-esperjenza.

(3) Bil-ħsieb tal-bilanċ istituzzjonali mġedded li nħoloq permezz tat-Trattat ta' Lisbona u l-esperjenza miksuba grazzi għax-xogħol tal-kumitati ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew, id-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA għandha tiġi mħassra u mibdulha b'regolament ġdid.

(4) Skont il-prinċipju tal-utilità kif rikonoxxut fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ([2]) is- setgħat li huma indispensabbli sabiex jitwettqu l-ħidmiet li jirriżultaw mid-dritt ta' inkjesta għandhom jiġu mogħtija lill-Parlament Ewropew u lill-kumitati ta' inkjesta tiegħu. Għaldaqstant, jeħtieġ ukoll li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha sabiex jiffaċilitaw it-twettiq ta' dawk il-ħidmiet.

(5) L-ebda kumitat ta' inkjesta m'għandu jitwaqqaf fejn il-fatti allegati jkunu qed jiġu eżaminati quddiem qorti u waqt li l-każ ikun għadu suġġett għal proċeduri legali. Madankollu, biex ikun evitat kwalunkwe kunflitt bejn l-inkjesti ta' natura politika u dawk ta' natura ġuridika, il-Parlament Ewropew għandu jkun jista' – jeżamina jekk ikunx meħtieġ jissospendi l-investigazzjoni ta' kumitat ta' inkjesta jekk, wara li dan ikun ġie stabbilit, jinbdew proċeduri legali li jkollhom rabta mal-allegati fatti.

(6) Skont il-prinċipji tat-trasparenza, tal-governanza tajba u tar-responsabbilizzazzjoni demokratika, il-proċeduri tal-kumitati ta' inkjesta u b'mod partikolari s-seduti ta' smigħ għandhom isiru pubblikament. Min-naħa l-oħra, għandha tkun prevista l-possibilità ta' proċeduri in camera u regoli xierqa dwar il-kunfidenzjalità sabiex tiġi żgurata l-effiċenza tal-inkjesti, il-ħarsien tal-interessi vitali tal-Istati Membri, il-ħarsien tal-privatezza u tal-integrità tal-individwu, b'mod partikolari skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, jew il-ħarsien ta' interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika.

(7) Id-dritt ta' inkjesta, bħala element importanti tas-setgħat superviżorji parlamentari, hu maħsub biex jiddetermina l-mod ta' kif il-ġabra ta' liġijiet eżistenti ġiet implimentata fil-passat. Għaldaqstant, hu essenzjali li kumitat ta' inkjesta jkun jista' joqgħod fuq evidenza fattwali miġbura tul il-kors tal-investigazzjoni tiegħu. Għal dan il-għan, kumitat ta' inkjesta għandu jkun jista' jisma' l-membri tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-membri ta' gvernijiet tal-Istati Membri, jikseb evidenza mill-uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, jikseb evidenza minn kwalunkwe individwu ieħor li jgħix fl-Unjoni, jitolob rapporti minn esperti, kif ukoll dokumenti, u jwettaq investigazzjonijiet fuq il-post.

([1]) ĠU L 78, 6.4.1995, p. 1.
([2]) Is-sentenza fil-Kawżi Konġunti 281, 283 sa 285 u 287/85 *il-Ġermanja, Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi, id-Danimarka u r-Renju Unit v l-Kummissjoni* [1987] ECR 3203, fil-paragrafu 28.

(8) L-investigazzjonijiet għandhom isiru b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipju tal-ġustizzja, u tad-dritt tal-persuni involuti li jesprimu l-fehma tagħhom dwar il-fatt li jikkonċernawhom.

(9) Il-kumitati ta' inkjesta għandhom jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet ta' dawk imsejħa minnhom biex jixhdu, skont il-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(10) L-investigazzjonijiet għandhom ukoll iqisu l-prinċipju li l-konklużjonijiet ta' inkjesta għandhom ikunu msejsa biss fuq elementi li għandu valur evidenzjali. Għaldaqstant, kumitat ta' inkjesta għandu jkun jista' b'mod partikolari jkollu aċċess għal kwalunkwe dokument relevanti fil-pussess tal-istituzzjonijiet jew entitajiet tal-Unjoni, tal-Istati Membri tagħhom jew, jekk id-dokument ikun meqjus pertinenti għas-suċċess tal-inkjesta, ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra.

(11) Skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera u l-impenn li jingħata kontribut għaż-żamma tal-ordni legali tal-Unjoni, l-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Unjoni jew l-Istati Membri għandhom jaħtru l-uffiċjali jew impjegati oħrajn li huma jawtorizzaw biex jidhru quddiem kumitat ta' inkesta meta l-kumitat jistedinhom jagħmlu dan. Barra minn hekk, għandu jkun possibbli li kumitat ta' inkjesta jisma' lill-membri tal-Kummissjoni responsabbli mill-fatti li qed jiġu investigati jekk ix-xhieda tagħhom titqies ta' importanza fundamentali u neċessarja għal valutazzjoni profonda tal-fatti li qed jiġu investigati.

(12) Madankollu, sabiex ikun żgurat li kumitat ta' inkjesta jista' jkun ċert li l-konklużjonijiet tiegħu huma msejsa fuq elementi li għandhom valur evidenzjali, il-kumitat għandu jkollu wkoll id-dritt li jitlob li jisma' lil kwalunkwe individwu li hu residenti fl-Unjoni, bħala xhud li għandu jkun obbligat iwieġeb il-mistoqsijiet minn jeddu, b'mod sħiħ u b'onestà. Barra minn hekk, jekk l-uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni ma jkunux awtorizzati skont l-Artikoli 17 u 19 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]), u f'Artikolu 11 tal-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea, stipulati fl-istess Regolament, li jobdu t-talba tal-kumitat, li jattendu għall-eżami u li jissottomettu dikjarazzjonijiet u jagħtu evidenza personalment, l-uffiċjal jew awtorità responsabbli li tiċħad l-awtorizzazzjoni għandhom jidhru quddiem il-kumitat u għandhom jispjegaw ir-raġunijiet għal dan.

(13) Meta rratifikaw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri qablu wkoll li jagħtu lill-Parlament Ewropew id-dritt li jinvestiga allegazzjonijiet ta' ksur jew amministrazzjoni ħażina fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni. Konsegwentement, għandhom jaraw li l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali, jagħtu l-appoġġ meħtieġ biex jippermettu lill-kumitati ta' inkjesta jwettqu l-ħidma tagħhom.

(14) Bil-għan li jissaħħaħ il-kontroll demokratiku fil-livell tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jagħti setgħat estiżi lill-kumitati ta' inkjesta. Biex dawk id-dispożizzjonijiet ikollhom effett, biex tiżdied l-effiċenza tal-inkjesti u biex joqorbu aktar lejn il-prattika parlamentari nazzjonali, dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-possibilità ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi f'każijiet definiti sew. Għandhom ikunu l-Istati Membri li jiżguraw li ċertu ksur ikun suġġett għal sanzjonijiet xierqa fl-ambitu tal-liġi nazzjonali tagħhom u li jittieħdu proċeduri xierqa kontra minn iwettaq ksur tali.

(15) Għandu jiġi rispettat il-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat li skontu, sabiex jiġi evitat abbuż ta' setgħa, il-leġiżlatura (il-parlament), l-eżekuttiv (il-gvern) u l-ġudikatura (il-qrati) għandhom ikunu separati minn xulxin.

(16) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Taqsima 1

Suġġett u regoli ġenerali dwar l-istabbiliment ta' kumitat ta' inkjesta

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistipula dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-Parlament Ewropew, fit-twettiq ta' dmirijietu, li, bla preġudizzju għas-setgħat konferiti mit-Trattati lil istituzzjonijiet jew entitajiet oħra, jinvestiga allegazzjonijiet ta' ksur jew amministrazzjoni ħażina fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni min istituzzjoni jew entità tal-Unjoni, minn korp amministrattiv pubbliku ta' Stat Membru jew minn persuna inkarigata mil-liġi tal-Unjoni li timplimenta dik il-liġi.

2. Għandhom jiġu stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew dispożizzjonijiet li jiggvernaw l-organizzazzjoni interna tal-kumitati ta' inkjesta.

Artikolu 2

It-twaqqif u l-mandat ta' kumitati ta' inkjesta

1. Skont il-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet stipulati permezz tat-trattati, il-Parlament Ewropew jista' jwaqqaf kumitati ta' inkjesta temporanji.

2. Il-Parlament Ewropew jista' jwaqqaf dan it-tip ta' kumitati ta' inkjesta fuq talba ta' kwart tal-membri komponenti tiegħu.

3. Id-deċiżjoni li jitwaqqaf kumitat ta' inkjesta għandha tispeċifika il-mandat tiegħu, u tinkludi b'mod partikulari:

(a) is-suġġett u l-iskop tal-inkjesta, b'referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni;

(b) il-kompożizzjoni tiegħu msejsa fuq rappreżentanza bbilanċjata tal-forzi politiċi;

(c) il-limitu taż-żmien għas-sottomissjoni tar-rapport tiegħu, li m'għandux ikun itwal minn 12-il xahar mid-data li fiha jkun iltaqa' l-ewwel darba u jista', permezz ta' deċiżjoni motivata mill-Parlament Ewropew, jiġi estiż darbtejn b'mhux aktar minn tliet xhur.

Artikolu 3

Tmiem il-kumitati ta' inkjesta

Il-kumitat ta' inkjesta għandu jintemm:

(a) Meta jissottometti r-rapport tiegħu; jew

(b) Meta jilħaq il-limitu ta' żmien tiegħu għas-sottomissjoni tar-rapport tiegħu; kif ukoll

(c) Fi kwalunkwe każ, fi tmiem it-terminu parlamentari.

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

Artikolu 4

Inkjesti mill-ġdid

Kumitat ta' inkjesta temporanju ma għandux jiġi kkostitwit jew stabbilit mill-ġdid fir-rigward ta' fatti diġà investigati minn kumitat ta' inkjesta qabel l-iskadenza ta' terminu ta' mill-inqas 12-il xahar minn meta ntemmet l-eżistenza tal-kumitat ta' inkjesta ta' qabel skont il-punt (a) jew il-punt (b) tal-Artikolu 3, sakemm ma jkunux tfaċċaw fatti ġodda. Jista' jiġi stabbilit kumitat ta' inkjesta fi kwalunkwe każ fejn ikunu tfaċċaw fatti ġodda u serji li jiġu kkunsidrati tali li jibdlu l-konstatazzjonijiet sostantivi.

Taqsima 2

Regoli ta' proċedura ġenerali

Artikolu 5

Inkompatibilitajiet

1. Kumitat ta' inkjesta ma jistax jinvestiga fatti allegati li jkunu qed jiġu eżaminati quddiem qorti sakemm il-każ ikun għadu suġġett għal proċedimenti legali;.

2. Jekk wara t-twaqqif ta' kumitat ta' inkjesta jiġu inizjati proċedimenti legali relatati mal-fatti allegati, il-Parlament Ewropew għandu jeżamina jekk ikunx jeħtieġ li jissospendi l-investigazzjoni tal-kumitat għal kemm idumu dawk il-proċedimenti bi qbil mal-Artikolu 226 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-perjodu tas-sospensjoni m'għandux jitkejjel fiż-żmien imsemmi fl-Artikolu 2(3), punt (c).

3. Fi żmien xahrejn minn meta jiġi stabbilit kumitat ta' inkjesta jew minn meta l-Kummissjoni tiġi infurmata b'allegazzjoni li tkun saret quddiem kumitat ta' inkjesta temporanju dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni minn Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-Parlament Ewropew li materja li għandu jeżamina l-kumitat ta' inkjesta għandha tkun is-suġġett ta' proċediment ta' prelitigazzjoni tal-Unjoni. F'każijiet bħal dawn, il-kumitat ta' inkjesta għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jippermetti li l-Kummissjoni tkun tista' teżerċita s-setgħat konferiti lilha mit-Trattati.

Artikolu 6

In-natura pubblika tal-proċeduri

1. Il-proċeduri tal-kumitat ta' inkjesta, u b'mod partikolari s-seduti ta' smigħ tal-kumitat, għandhom isiru fil-pubbliku.

2. B'eċċezzjoni, il-proċeduri jistgħu isiru in camera jekk dan jintalab minn kwart tal-membri tal-kumitat ta' inkjesta, minn istituzzjoni jew entità tal-Unjoni jew mill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati. Jekk persuna li tkun qed tixhed jew espert titlob/jitlob smigħ in camera, il-kumitat ta' inkjesta għandu jikkunsidra t-talba u r-raġunijiet allegati għaliha in camera.

Informazzjoni kunfidenzjali, fl-Artikolu 8, għandha tiġi studjata in camera.

Artikolu 7

Persuni msemmija tul inkjesta

Il-kumitat ta' inkjesta għandu jinforma lil kwalunkwe persuna msemmija tul l-inkjesta li għaliha dan jista' jkun ta' ħsara. Jekk il-persuna titlob li tinstema', il-kumitat għandu jismagħha.

Artikolu 8

Kunfidenzjalità

1. L-informazzjoni miksuba mill-kumitat ta' inkjesta għandha tintuża biss għat-twettiq tad-doveri tiegħu. Ma tistax tiġi żvelata jekk tkun tinkludi fiha materjal ta' natura kunfidenzjali. Informazzjoni kunfidenzjali għandha tiġi trattata u mħarsa mill-Parlament Ewropew f'konformità mar-regoli interni tiegħu aplikabbli għal-"informazzjoni klassifikata tal-UE" u għal "informazzjoni oħra kunfidenxzjali" mhux klassifikata".

2. Il-paragrafu 1 japplika wkoll għal

(a) jimmina l-protezzjoni tal-privatezza u tal-integrità ta' individwu, b'mod partikolari rigward leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali,

(b) jimmina l-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluża l-proprjetà intellettwali, jew

(c) jikkawża preġudizzju sinifikanti għall-interessi tal-Unjoni jew għal dawk ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri.

3. Il-membri tal-kumitat ta' inkjesta u kwalunkwe persuna oħra li, minħabba dmirijiethom, ikunu saru jafu fatti, informazzjoni, għarfien, dokumenti jew oġġetti li dwarhom għandha tinżamm is-segretezza skont id-dispożizzjonijiet adottati minn Stat Membru jew minn istituzzjoni tal-Unjoni għandu jkollhom l-obbligu li, anki wara li dmirijiethom ikunu ntemmew, iżommu s-sigriet minn kwalunkwe persuna mhux awtorizzata u mill-pubbliku.

Artikolu 9

Kooperazzjoni

L-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Unjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, għandhom jassistu lill-kumitat ta' inkjesta fil-qadi tal-kompiti tiegħu bi qbil mal-prinċipju tal-kooperazzjoni sinċiera.

Artikolu 10

Komunikazzjoni

Kwalunkwe komunikazzjoni indirizzata lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri għall-iskopijiet tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom isiru permezz tar-Rappreżentanzi Permanenti tal-Unjoni.

Artikolu 11

Ir-riżultati tal-inkjesti

1. Ir-rapport finali tal-kumitat ta' inkjesta għandu jitressaq lill-Parlament Ewropew.

2. Ir-rapport finali tal-kumitat jista' jinkludi konklużjonijiet tal-minoranza sakemm tali konklużjonijiet ikollhom l-appoġġ ta' mill-anqas kwart tal-membri tal-kumitat.

3. Il-Parlament Ewropew jista' jgħaddi lill-istituzzjonijiet jew entitajiet tal-Unjoni jew lill-Istati Membri ħalli jintbagħtu lill-awtoritajiet kompetenti, kwalunkwe rakkomandazzjoni li jadotta fuq il-bażi tar-rapport finali.

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

Taqsima 3

Investigazzjoni

Artikolu 12

It-twettiq tal-investigazzjoni

1. Biex iwettaq l-investigazzjonijiet, fi ħdan il-mandat tiegħu u soġġett għall-Artikoli 14 sa 18, il-kumitat ta' inkjesta jista':

— jisma'lil membri tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u membri tal-gvernijiet tal-Istati Membri;

— jikseb evidenza minn uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni jew tal-Istati Membri;

— jikseb evidenza minn kwalunkwe individwu ieħor residenti fl-Unjoni;

— jitlob rapporti tal-esperti;

— jitlob dokumenti;

— jwettaq investigazzjonijiet fil-post.

2. Il-kumitat ta' inkjesta jista' jitlob lill-awtorijiet nazzjonali għal assistenza waqt l-investigazzjoni tagħhom.

3. Meta l-allegat ksur jew amministazzjoni ħażina fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jinvolvi l-eventwalità ta' responsabbiltà ta' entità jew awtorità ta' Stat Membru, il-kumitat ta' inkjesta jista' jitlob lill-Parlament tal-Istat Membru kkonċernat jikkoopera fl-investigazzjoni.

Għal dan l-iskop, il-Parlament Ewropew jista' jikkonkludi ftehimiet interparlamentari mal-parlamenti tal-Istati Membri.

Artikolu 13

Investigazzjonijiet fuq il-post

Il-kumitat ta' inkjesta jista' jwettaq investigazzjonijiet fuq il-post. Dawn għandhom isiru fejn ikun xieraq f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali.

Artikolu 14

Talbiet għal dokumenti

1. Fuq it-talba tal-kumitat ta' inkjesta indirizzata lill-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Unjoni, kwalunkwe dokument relevanti fil-pussess tagħhom għandu jkun magħmul disponibbli lill-kumitat.

2. Fuq talba tal-kumitat ta' inkjesta indirizzata lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, kwalunkwe dokument relevanti fil-pussess tagħhom għandu jkun magħmul disponibbli lill-kumitat b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali, skont ir-regoli stipulati fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 346(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3. Il-kumitat ta' inkjesta jista' jistaqsi lil kwlaunkwe persuna fiżika jew ġuridika konċernata tagħmel disponibbli kwalunkwe dokument li jista' jqis pertinenti għas-suċċess tal-inkjesta tiegħu. Persuni tali għandhom, bla ħsara għall-obbligi tagħhom li jirriżultaw mil-liġi tal-Unjoni u mil-liġi nazzjonali, jikkonformaw mat-talba tal-kumitat. Dawn jistgħu jinvokaw id-drittijiet li jgawdu fl-ambitu tal-liġi nazzjonali fil-każ ta' qbid ta' oġġetti minn awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi.

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

4. It-talbiet għal dokumenti għandhom jispeċifikaw il-bażi legali u l-iskop tat-talbi u jispeċfikaw liema dokumenti huma meħtieġa u jistipulaw il-limitu taż-żmien li fih għandhom jiġu pprovduti d-dokumenti. Għandhom ukoll jispeċifikaw il-konsegwenzi possibbli għal min mingħajr raġuni jiċħad li jipprovdi d-dokumenti mitluba.

Artikolu 15

Xhieda

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "individwu" tfisser persuna fiżika li taxhed fi smigħ ta' kumitat ta' inkjesta skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

Il-kumitat ta' inkjesta jista' jitlob lil kwalunkwe persuna residenti fl-Unjoni biex tipparteċipa fi smigħ quddiemu jekk iqis li dan ikun meħtieġ biex il-kumitat ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu.

Kull talba għandha tinkludi l-isem, il-kunjom u l-indirizz tal-individwu kkonċernat u tispeċifika b'mod preċiż is-suġġett u għal-liema raġuni l-kumitat ta' inkjesta jixtieq jisma' lil dak l-individwu. Għandha tiġi mgħoddija mill-kumitat lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-istat Membri fejn ikun residenti l-individwu bi qbil mal-Artikolu 10. Bi qbil mal-prinċipju tal-kooperazzjni sinċiera u mad-dispożizzjonijietlegali relevanti, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tħarrek lill-individwu biex jidher quddiem il-kumitat ta' inkjesta.

2. L-indivdidwi għandhom iwieġbu minn jeddhom, b'mod sħiħ u veritier kwalunkwe mistoqsija magħmula lilhom mill-membri tal-kumitat ta' inkjesta. Huma jistgħu jinvokaw id-dritt li jirrifjutaw li jagħtu evidenza li jgawdu kieku kellhom jintalbu jixhdu minn kumitat ta' inkjesta parlamentari jew entità simili fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom jew, fl-assenza ta' tali kumitat jew korp, fl-Istat membru fejn isir is-smigħ.

L-individwi għandhom jiġu informati minn qabel dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom u l-konsegwenzi possibbli fil-każ li jirrifjutaw mingħajr raġuni t-talba li jixhdu, fil-każ li jagħtu evidenza falza u fil-każ ta' tixħim tal-individwi.

Artikolu 16

Xhieda minn membri tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u minn membri tal-gvernijiet tal-Istati Membri

Il-kumitat ta' inkjesta jista' jistieden lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni – bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, – jew lill-gvernijiet tal-Istati Membri biex jaħtru wieħed jew iktar minn fost il-membri tagħhom biex jieħ(d)u sehem fil-proċeduri jekk ix-xhieda tagħhom titqies ta' importanza kruċjali u neċessarja għal valutazzjoni profonda tal-fatti li qed jiġu investigati.

Fuq talba skont l-ewwel paragrafu, il-Kummissjoni għandha tinnomina Membru wieħed jew iktar tal-Kummissjoni responsabbli mill-kwistjoni li tkun qed tiġi investigata, biex jidhru quddiem il-kumitat ta' inkjesta.

Artikolu 17

Uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni u tal-Istati Membri

1. Il-kumitat ta' inkjesta jista' jistieden lill-istituzzjonijiet jew entitajiet tal-Unjoni jaħtru wieħed jew aktar uffiċjali jew impjegati oħrajn tagħhom jieħdu sehem fil-proċeduri tiegħu.

L- istituzzjonijiet jew entitajiet tal-Unjoni għandhom jaħtru l-uffiċjali jew impjegati oħrajn li huma jawtorizzaw biex jidhru quddiem il-kumitat ta' inkjesta.

2. Il-kumitat ta' inkjesta jista' jsejjaħ uffiċjal speċifiku jew impjegat ieħor tal-Unjoni biex jixhed fi kwistjoni assoċjata mad-doveri professjonali tiegħu jew tagħha jekk iqis li s-smigħ ta' dik il-persuna hu meħtieġ għat-twettiq tal-ħidma tiegħu. Jekk L-uffiċjal jew impjegat ieħor konċernat ma jkunx awtorizzat skont l-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 11 tal-Kundizzjonijiet ta' impjieg ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea li jobdi s-sejħa tal-kumitat, li jattendi l-eżami bħala xhud u li jissottometti stqarrijiet u jagħti evidenza in persona, l-uffiċjal jew l-awtorità responsabbli għaċ-ċaħda tal-awtorizzazzjoni għandu jitla'/għandha titla' quddiem il-kumitat ta' inkjesta u jispjega/tispjega r-raġunijiet għal dik iċ-ċaħda.

3. Il-kumitat ta' inkjesta jista' jitlob lill-Istati Membri biex jaħtru wieħed jew aktar mill-uffiċjali tagħhom biex jipparteċipa(w) fil-proċedimenti tiegħu.

4. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jaħtru lill-uffiċjal li huma jawtorizzaw biex jidher quddiem il-kumitat ta' inkjesta, soġġett għal-liġi tal-Istat Membru kkonċernat.

L-uffiċjali kkonċernati għandhom jitkellmu f'isem il-gvern u fuq l-istruzzjonijiet tiegħu. Huma għandhom jibqgħu marbuta bl-obbligi li joħorġu mil-liġi li għaliha huma soġġetti.

Jekk kwalunkwe uffiċjal ikkonċernat ma jiġix awtorizzat jixhed quddiem il-kumitat ta' inkjesta, rappreżentant awtorizzat li jimpenja lill-gvern tal-Istat Membru kkonċernat għandu jidher quddiem il-kumitat u jispjega r-raġunijiet għal dan.

Artikolu 18

Esperti

1. Il-kumitat ta' inkjesta jista' jiddeċiedi li r-rapporti jinkisbu minn espert wieħed jew diversi. Id-deċiżjoni tiegħu f'dan ir-rigward għandha tiddefinixxi l-ħidma tal-esperti u tistipula l-limitu taż-żmien li fih għandu jsir ir-rapport.

2. L-esperti jistgħu jagħtu opinjoni biss fuq punt li jkun ġew espressament riferuti lilhom.

3. Fuq il-proposta ta' espert, il-kumitat ta' inkjesta jista' jitlob li jisma' lil kwalunkwe persuna residenti fl-Unjoni bi qbil mal-Artikoli 15 sa 17.

4. Wara li jkun sar rapport, espert jista' jiġi mismugħ mill-kumitat ta' inkjesta.

Artikolu 19

Sanzjonijiet

1. Għandha tittieħed nota formali ta' kwalunkwe rifjut jew nuqqas ta' konformità mal-obbligi stipulati permezz ta' dan ir-Regolament.

Il-President tal-Parlament Ewropew jista' jħabbar, kompletament jew parzjalment, il-punti li fuqhom ittieħdet nota formali u jagħmel l-arranġamenti biex din il-komunikazzjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ksur li ġej ta' dan ir-Regolament ikun suġġett għal sanzjonijiet xierqa fl-ambitu tal-liġi nazzjonali:

— rifjut mingħajr raġuni li jiġi provdut kwalunkwe dokument mitlub;

— rifjut mingħajr raġuni min-naħa tal-individwi tat-talba li jixhdu;

— l-għoti ta' evidenza falza; kif ukoll

— it-tixħim ta' individwi.

Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u għandhom jirriflettu s-sanzjonijiet għal ksur korrispondenti fir-rigward tal-ħidma tal-kumitati ta' inkjesta fil-parlamenti nazzjonali.

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

3. Meta persuna tkun raġonevolment suspettata li wettqet xi ksur speċifikat f'paragrafu 2, l-Istat Membru fejn il-persuna tkun residenti għandu jibda proċeduri xierqa kontrih/a fl-ambitu tal-liġi nazzjonali.

Artikolu 20

L-ispejjeż

L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni tal-membri u l-uffiċjali u impjegati oħrajn tal-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Unjoni għandhom jiġu mġarrba minn dawn l-istituzzjonijiet u entitajiet. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni ta' persuni oħra li jidhru quddiem il-kumitat ta' inkjesta għandhom jitħallsu lura mill-Parlament Ewropew f'konfirmità mal-limiti ffissati li jirregolaw is-smigħ tal-esperti.

Taqsima 4

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 21

Tħassir

Id-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA hija hawnhekk imħassra.

Artikolu 22

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika minn … (*).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament f'kull Stat Membru.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

(*) ĠU: Daħħal id-data: tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Is-sitwazzjoni fl-Ukraina u l-każ ta' Yulia Timoshenko

P7_TA(2012)0221

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar l-Ukraina (2012/2658(RSP))

(2013/C 264 E/08)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukraina, b'mod partikolari dawk tad-9 ta' Ġunju 2011 ([1]), tas-27 ta' Ottubru 2011 ([2]) u tal-1 ta' Diċembru 2011 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Euronest tat-3 ta' April 2012 dwar is-sitwazzjoni ta' Yulia Tymoshenko,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-26 ta' April 2012 maħruġa mir-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton dwar is-sitwazzjoni ta' Yulia Tymoshenko,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-4 ta' Mejju 2012 dwar l-Euro 2012 maħruġa minn Androulla Vassiliou, Kummissarju Ewropew responsabbli għall-Isport,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-9 ta' Mejju 2012 mill-President tal-Polonja Bronislaw Komorowski, li l-Kampjonat tal-Futbol Ewropew 2012 għandu jibqa' għaddej,

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' Progress ippublikat fil-15 ta' Mejju 2012 dwar l-Implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-Ukraina ([4]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Ukraina tal-15 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit dwar is-Sħubija tal-Lvant li sar fi Praga fis-7 ta' Mejju 2009,

— wara li kkunsidra l-konklużjoni tan-negozjati bejn l-UE u l-Ukraina dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż in-negozjati dwar Żona ta' Kummerċ Ħieles Profond u Komprensiv (DCFTA) u t-tnedija ta' dan il-ftehim,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998 ([5]), u n-negozjati li għadhom għaddejjin dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (FA) maħsub biex jieħu post il-FSK,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Ukraina hija pajjiż ta' importanza strateġika għall-UE; billi d-daqs, ir-riżorsi, il-popolazzjoni u l-lokazzjoni ġeografika tal-Ukraina jtuha pożizzjoni li tispikka fl-Ewropa, fattur li jrendiha attur reġjonali ewlieni li jeżerċita influwenza konsiderevoli fuq is-sigurtà, l-istabilità u l-prosperità tal-kontinent kollu, u li għalhekk għandu jġorr is-sehem rispettiv tiegħu mir-responsabilità politika;

B. billi r-rekord tad-drittijiet tal-bniedem tal-Ukraina, ir-rispett tagħha għal-libertajiet ċivili u l-libertajiet fundamentali u għall-istat tad-dritt, bl-inklużjoni ta' proċessi legali ġusti, imparzjali u indipendenti, il-konċentrazzjoni tagħha fuq ir-riforma interna, huma prerekwiżiti għall-iżvilupp ulterjuri għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0272.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0472.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0545.
([4]) SWD(2012)0124.
([5]) ĠU L 49, 19.2.1998, p. 1.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

C. billi l-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina, inkluż id-DCFTA, se tkun importanti għall-prospetti Ewropej tal-Ukraina, billi aktar ma l-Ukraina taqsam valuri komuni mal-UE u aktar ma twettaq riformi fl-ispirtu tal-Ftehim, aktar jissaħħu r-rabtiet tagħha mal-UE; billi hu importanti ħafna li l-UE tespandi iż-żona tal-istat tad-dritt u ta' prosperità fil-fruntiera tal-Lvant tagħha, li parti sinifikanti minnha tinsab fil-fruntiera mal-Ukraina;

D. billi riforma komprensiva ta' parti mill-ġudikatura u miżuri li jiżguraw ir-rispett tal-istat tad-dritt fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet kriminali, inkluż il-prinċipju ta' proċedimenti ġudizzjarji ġusti, imparzjali u indipendenti, għadhom ma ġewx implimentati fl-Ukraina; billi dawn ir-riformi għandhom jiġu żviluppati b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni ta' Venezja; billi s-sentenza tal-appell tal-kassazzjoni tal-każ tas-Sinjura Tymoshenko kontra d-deċiżjoni tal-Qorti Distrettwali ta' Pechersk f'Kyiv hi mistennija fis-26 ta' Ġunju 2012;

E. billi s-sentenza mogħtija lill-ex Prim Ministru, Yulia Tymoshenko fil-11 ta' Ottubru 2011, ta' seba' snin ħabs u l-proċessi kontra uffiċjali għoljin oħrajn tal-gvern preċedenti qajmu tħassib serju fl-UE u jitqiesu minn bosta bħala att ta' ġustizzja selettiva; billi kienu nnutati nuqqasijiet serji fir-rigward tal-indipendenza tal-ġudikatura u n-nuqqas ta' riforma fl-aspetti kollha tal-proċess ġudizzjarju; prosekuzzjoni, proċess, kundanna, detenzjoni u appelli;

F. billi l-UE tkompli tenfasizza l-ħtieġa li jintwera rispett għall-istat tad-dritt, li jinkorpora proċessi legali ġusti, imparzjali u indipendenti, filwaqt li jevita l-periklu li jagħti lok għall-perċezzjoni li miżuri ġudizzjarji jkunu qed jintużaw selettivament; billi l-UE dawn il-prinċipji tqishom speċjalment importanti f'pajjiż li jaspira li jidħol f'relazzjoni kuntrattwali aktar profonda msejsa fuq assoċjazzjoni politika,

G. billi l-korruzzjoni u l-abbuż tal-poter għadhom mifruxa fl-Ukraina u jirrikjedu rispons bla ekwivoċi mill-awtoritajiet, inkwantu jressqu 'l dawk responsabbli quddiem il-ġustizzja; billi jeħtieġ li l-prosekuzzjonijiet u l-investigazzjonijiet ikunu imparzjali u indipendenti, u jeħtieġ li ma jintużawx għal finijiet politiċi,

H. billi fir-rapport preliminari tiegħu il-Kumitat Daniż ta' Ħelsinki għad-Drittijiet tal-Bniedem, li kien qiegħed jissorvelja l-proċedimenti ġudizzjarji fil-każ kontra Yulia Tymoshenko, identifika n-nuqqasijiet fundamentali min-naħa tas-sistema tal-ġustizzja kriminali tal-Ukraina, li affettwaw b'mod ħażin il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem individwali u l-istat tad-dritt;

I. billi l-perspettiva Ewropea tal-Ukraina għandha tkun ibbażata fuq politika ta' riformi sistematiċi u irriversibbli f'numru ta' oqsma istituzzjonali, ekonomiċi u soċjali importanti; billi riformi importanti twettqu jew qed jitwettqu, waqt li oħrajn għad iridu jkunu introdotti; billi l-qafas ipprovdut mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprovdi strument kruċjali għall-modernizzazzjoni u pjan direzzjonali biex jiggwida r-riformi interni domestiċi, kif ukoll għodda għar-rikonċiljazzjoni nazzjonali, li għandu jgħin lill-pajjiż jegħleb it-tendenzi negattivi reċenti, jirbaħ id-differenzi enormi li jeżistu fis-soċjetà Ukraina u jgħaqqadha fl-għan tagħha fir-rigward tal-perspettiva Ewropea, fuq il-bażi tal-valuri tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba;

J. billi l-Ukraina se tospita l-Kampjonat Ewropew tal-Futbol 2012 flimkien mal-Ukraina f'Ġunju; billi s'issa politiċi ewlenin Ewropej indikaw li ma kinux se jattendu għal-logħob li jseħħ fl-Ukraina, iżda ma talbux għal bojkott tal-partiti tal-Kampjonat Ewropew tal-Futbol;

1. Jenfasizza li wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Parlament fil-qasam tal-politika barranija hu li jsaħħaħ u jrawwem ir-relazzjonijiet mal-Ukraina u jsaħħaħ il-Politika Ewropea tal-Viċinat, immirata biex tħeġġeġ ir-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kulturali tal-pajjiżi kkonċernati mal-UE u l-Istati Membri tagħha, jenfasizza l-fatt li l-iffirmar u r-ratifika tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tiegħu jirrikjedu t-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża d-dekriminalizzazzjoni tad-deċiżjonijiet politiċi skont kodiċi penali riformat, l-istat tad-dritt u demokrazija profonda, u elezzjonijiet ħielsa, ġusti u trasparenti, minflok ma titrażżan l-oppożizzjoni politika;

2. Jenfasizza li l-problemi attwali fir-relazzjonijiet bejn l-Ukraina u l-Unjoni Ewropea jistgħu jissolvew biss abbażi ta' rieda ċara mill-awtoritajiet tal-Ukraina li jwettqu u jimplimentaw ir-riformi meħtieġa, b'mod partikolari tas-sistema legali u ġudizzjarja, bil-għan li jkun hemm adeżjoni sħiħa għall-prinċipji tad-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, tad-drittijiet tal-minoranzi u tal-istat tad-dritt; jitlob l-appoġġ attiv u effikaċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Kummissjoni ta' Venezja tiegħu għal dan il-proċess ta' riforma;

3. Jinsisti li l-proċeduri ġudizzjarji kollha kontra ex uffiċjali għolja tal-gvern u dawk attwali għandhom iseħħu skont l-istandards Ewropej ta' ġustizzja, imparzjalità, trasparenza u indipendenza; jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjoni tal-priġunieri kollha li ngħataw sentenza abbażi ta' raġunijiet politiċi, inkluż tal-kapijiet tal-oppożizzjoni;

4. Jiddeplora l-kundanna tal-ex Prim Ministru Yulia Tymoshenko; jenfasizza li t-tisħiħ tal-istat tad-dritt u ġudikatura indipendenti, kif ukoll it-tnedija ta' ġlieda kredibbli kontra l-korruzzjoni, huma essenzjali mhux biss għall-approfondiment tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina iżda wkoll għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija fl-Ukraina;

5. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Ukraina jiddistingwu bejn ir-responsabilità politika u kriminali u jbiddlu l-kodiċi kriminali penali attwali kif meħtieġ; Jenfasizza li l-ġlieda demokratika dwar deċiżjonijiet politiċi għandha sseħħ fil-Parlament, bil-parteċipazzjoni tal-votanti f'elezzjonijiet ħielsa u ma għandhiex titfarrak b'atti b'motivazzjoni personali jew politika ta' prosekuzzjoni kriminali u sentenzi manipulati fil-qrati kriminali

6. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Ukraina jiċċaraw is-sitwazzjoni tal-priġunieri li ġew kkundannati għal raġunijiet politiċi qabel il-bidu tal-kampanja elettorali;

7. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Ukraina jiżguraw l-imparzjalità u t-trasparenza tal-proċess ta' kassazzjoni tal-każ tas-Sinjura Tymoshenko, li għandu jseħħ b'konformità ma' standards u prattiki legali ekwi u ġusti li huma komuni fl-Ewropa, u jitlob it-tmiem tal-użu ta' ġustizzja selettiva mmirata għall-oppożituri politiċi u oppożituri oħrajn; jiddeplora l-fatt li l-Qorti Għolja Speċjalizzata tal-Ukraina dwar Każijiet Kriminali u Ċivili ppostponiet is-sentenza tagħha dwar l-appell tal-kassazzjoni tal-każ tas-Sinjura Tymoshenko kontra d-deċiżjoni tal-Qorti Distrettwali ta' Pechersk f'Kyiv; jinnota l-aġġornament tas-smigħ ta' kassazzjoni dwar il-każ ta' Yulia Tymoshenko għas-26 ta' Ġunju 2012, iqis dan id-dewmien ta' dispjaċir, u jwissi kontra d-dewmien tal-proċess legali;

8. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Ukraina jiżguraw ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-priġunieri kollha ikkundannati abbażi ta' raġunijiet politiċi, inklużi s-Sinjura Tymoshenko, is-Sur Lutsenko u s-Sur Ivashchenko, assistenza medika xierqa f'istituzzjoni adegwata, id-dritt tagħhom għal aċċess mingħajr restrizzjoni għall-avukati tagħhom u d-dritt għal żjajjar minn qraba jew min-nies oħrajn, pereżempju bħall-ambaxxatur tal-UE; jenfasizza l-bżonn li l-Ukraina tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet legali u umani tal-konvenuti u tal-priġunieri, inkluż id-dritt għal kura medika, konformi mal-istandards internazzjonali; jikkundanna l-użu tal-forza mill-gwardji tal-ħabs kontra Yulia Tymoshenko, u jfakkar l-obbligu tal-Ukraina li teżamina minnufih u b'mod imparzjali kull ilment ta' tortura u kwalunkwe forma ta' trattament krudili, inuman jew degradanti;

9. Jitlob l-awtoritajiet tal-Ukraina joħolqu bord legali internazzjonali indipendenti u imparzjali biex jirrapporta dwar il-ksur possibbli ta' drittijiet u libertajiet fundamentali fil-każijiet ta' Yulia Tymoshenko u ta' membri oħrajn tal-gvern tagħha; jinnota b'sodisfazzjon l-eżitu tal-laqgħa tal-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Martin Schulz mal-Prim Ministru tal-Ukraina, is-Sur Mykola Azarov u jistenna li l-awtoritajiet tal-Ukraina jwieġbu għal proposta miftiehma billi jipprovdu linjigwida għal implimentazzjoni f'waqtha sabiex jiżguraw, b'kooperazzjoni ma' u b'appoġġ għat-tim mediku Charité, il-kura medika adegwata għas-Sinjura Yulia Tymoshenko, kif ukoll it-twettiq ta' skrutinju ġudizzjarju minn personalità awtoritattiva u kompetenti tal-UE dwar il-proċessi ta' appell u ta' kassazzjoni u proċessi futuri tal-ex Prim Ministru tal-Ukraina;

10. Jilqa' l-fatt li s-Sinjura Tymoshenko kienet trasferita mill-ħabs ta' Kachanivska sal-isptar fuq deċiżjoni tagħha stess u jinnota ż-żjara reċenti li saritilha mill-esperti mediċi internazzjonali;

11. Jinsisti li l-proċeduri ġudizzjarji kollha kontra ex uffiċjali għolja tal-gvern u dawk attwali għandhom iseħħu skont l-istandards Ewropej ta' ġustizzja, imparzjalità, trasparenza u indipendenza; jikkundanna l-fatt li l-awtoritajiet tal-Ukraina qegħdin iressqu każijiet ġodda b'motivazzjoni politika kontra s-Sinjura Tymoshenko u oħrajn bi ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt;

12. Jesprimi dispjaċir dwar l-istat tal-libertajiet demokratiċi, kif ukoll il-prattika ta' strumentalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-istat għal raġunijiet partiġġjani u għal vendetta politika;

13. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm elezzjonijiet parlamentari ħielsa, ġusti u trasparenti fl-Ukraina aktar tard din is-sena, inkluż id-dritt ta' parteċipazzjoni tat-tmexxija tal-oppożizzjoni, u l-bżonn li jinżamm l-impenn profond għal valuri demokratiċi u għall-istat tad-dritt, inkluż fi żmien il-perjodu ta' bejn l-elezzjonijiet; jistieden lill-Parlament Ewropew biex jipparteċipa bi dritt f'missjoni internazzjonali għall-osservazzjoni tal-elezzjonijiet parlamentari li jmiss;

14. Ifakkar lill-awtoritajiet tal-Ukraina dwar il-ħtieġa ta' riformi komprensivi, li għandhom jiġu implimentati sabiex titwitta t-triq għall-konverġenza tal-Ukraina man-normi u l-istandards Ewropej; jenfasizza li t-tiġdid tal-qrubijabejn l-Ukraina u l-UE għandu jinbena fuq l-impenn tal-Ukraina għall-valuri u l-libertajiet tal-UE; jenfasizza li ġudikatura indipendenti hi waħda mis-sisien ta' dawn l-istandards;

15. Jenfasizza li r-rispett sħiħ tal-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem li tistabbilixxi l-istandards bażiċi tal-OKSE għandha ssaħħaħ il-kredibilità tal-presidenza tal-OKSE tal-Ukraina, li għandha sseħħ fl-2013;

16. Filwaqt li jesprimi t-tama tiegħu għas-suċċess tal-Kampjonat tal-Futbol Ewropew 2012 fil-Polonja u l-Ukraina, jistieden lill-politiċi Ewropej li jixtiequ jattendu għal-logħob tal-Euro 2012 fl-Ukraina, biex jesprimu pubblikament u b'mod ċar l-għarfien tagħhom dwar is-sitwazzjoni politika fil-pajjiż u biex ifittxu opportunitajiet li jżuru lill-priġunieri politiċi fil-ħabs, jew biex jattendu għall-Euro 2012 bħala ċittadini privati u mhux bħala VIPs;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lis-SEAE, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-President, lill-Gvern u l-Parlament tal-Ukraina u lill-Assemblej Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OSKE.

Il-ġlieda kontra l-omofobija fl-Ewropa

P7_TA(2012)0222

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar il-ġlieda kontra l-omofobija fl-Ewropa (2012/2657(RSP))

(2013/C 264 E/09)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3(5), 6, 7, 21 u 27 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 10 u 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,

— wara li kkunsidra s-Sett ta' Miżuri għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tat-Tgawdija tad-Drittijiet tal-Bniedem kollha minn Persuni Leżbjani, Omosesswali, Bisesswali u Transesswali (LGBT) adottat mill-Grupp ta' Ħidma għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 1728 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa tad-29 ta' April 2010 dwar id-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentament sesswali u l-identità tal-ġeneru, u r-rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)5 tal-Kumitat tal-Ministri tal-31 ta' Marzu 2010 dwar miżuri sabiex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentament sesswali jew l-identità tal-ġeneru,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ta' Novembru 2010 dwar l-omofobija, it-transfobija u d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentament sesswali u l-identità tal-ġeneru,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni preċedenti tiegħu tat-18 ta' April 2012 dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni, inklużi l-implikazzjonijiet għall-politika strateġika tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni preċedenti tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar is-Samit bejn l-UE u r-Russja li jmiss ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni preċedenti tiegħu tat-28 ta' Settembru 2011 dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentament sesswali u l-identità tal-ġeneru fin-Nazzjonijiet Uniti ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni preċedenti tiegħu tad-19 ta' Jannar 2011 dwar il-ksur tal-libertà ta' espressjoni u diskriminazzjoni abbażi tal-orjentament sesswali fil-Litwanja ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni preċedenti tiegħu tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-Liġi Litwana dwar il-Ħarsien tal-Minorenni kontra l-Effetti Negattivi tal-Informazzjoni Pubblika ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-omofobija, u partikolarment dawk tas-26 ta' April 2007 dwar l-omofobija fl-Ewropa ([6]), tal-15 ta' Ġunju 2006 dwar iż-żieda fil-vjolenza razzista u omofoba fl-Ewropa ([7]), u dik tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-omofobija fl-Ewropa ([8]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, u trid tirrispetta u tippromwovi dawn il-valuri fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja;

B. billi l-omofobija hija l-biża' irrazzjonali u l-istmerrija tal-omosesswalità maskili u femminili u tal-persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali u transġeneru (LGBT) abbażi tal-preġudizzju, u simili għar-razziżmu, il-ksenofobija, l-antisemitiżmu u s-sessiżmu, u billi timmanifesta ruħha fl-oqsma pubbliċi u privati f'forom differenti, bħad-diskors ta' mibegħda u l-inċitament għad-diskriminazzjoni, iż-żufjett u l-vjolenza verbali, psikoloġika u fiżika, il-persekuzzjoni u l-qtil, id-diskriminazzjoni bi ksur tal-prinċipju tal-ugwaljanza u l-limitazzjoni inġustifikata u irraġonevoli tad-drittijiet, li spiss ikunu mistura wara ġustifikazzjonijiet ibbażati fuq l-ordni pubbliku, il-libertà tar-reliġjon u d-dritt għall-oġġezzjoni ta' kuxjenza;

Ċ. billi, fir-Russja, ġew adottati liġijiet kriminali u amministrattivi kontra l-'propaganda tal-omosesswalità' fir-reġjuni ta' Ryazan fl-2006, Arkhangelsk fl-2011 u Kostroma u San Pietruburgu fl-2012, filwaqt li r-reġjuni ta' Novosibirsk, Samara, Kirov, Krasnoyarsk u Kaliningrad attwalment qed jikkunsidraw liġijiet bħal dawn; billi dawn il-liġijiet jippreskrivu varji multi sa EUR 1 270 għal individwi u sa EUR 12 700 għal assoċjazzjonijiet u kumpaniji, u billi d-Duma tal-Istat qed tikkunsidra liġi simili;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0126.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0575.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0427.
([4]) ĠU C 136 E, 11.5.2012, p. 50.
([5]) ĠU C 224 E, 19.8.2010, p. 18.
([6]) ĠU C 74 E, 20.3.2008, p. 776.
([7]) ĠU C 300 E, 9.12.2006, p. 491.
([8]) ĠU C 287 E, 24.11.2006, p. 179.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

D. billi, fl-Ukraina, il-Parlament qed jeżamina żewġ abbozzi ta' liġi mressqa fl-2011 u fl-2012 li permezz tagħhom it-"tixrid tal-omosesswalità" jkun reat, inkluża "l-organizzazzjoni ta' laqgħat, parati, azzjonijiet, dimostrazzjonijiet u avvenimenti tal-massa bl-għan tat-tqassim intenzjonat ta' kwalunkwe informazzjoni pożittiva dwar l-omoesswalità", u li jippreskrivu multi u pieni sa ħames snin ħabs, billi l-Kumitat għal-Libertà ta' Espressjoni u Informazzjoni tal-Parlament Ukrain jappoġġa dawn l-abbozzi ta' liġi;

E. billi, fil-Moldova, il-bliet ta' Bălţi, Sorochi, Drochia, Cahul, Ceadîr Lunga u Hiliuţi, kif ukoll id-distretti ta' Anenei Noi u Basarabeasca reċentement adottaw liġijiet li jipprojbixxu "propaganda aggressiva ta' orjentamenti sesswali mhux tradizzjonali" u f'każ wieħed "attività Musulmana", billi tali miżuri diġà kienu ġew iddikjarati antikostituzzjonali mill-Kanċellerija tal-Istat fil-każ ta' Chetriş;

F. billi, fil-Litwanja, għadu mhux ċar legalment jekk l-informazzjoni pubblika tista' jew ma tistax tipp-romwovi l-aċċettazzjoni tal-omosesswalità skont il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Minorenni mill-Effetti Detrimentali tal-Informazzjoni Pubblika li ġiet emendata fl-2010;

G. billi, fil-Latvja, membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Riga reċentement ressaq abbozz ta' liġi biex tiġi pprojbita l-"propaganda tal-omosesswalità" bl-għan li ma titħalliex issir il-parata "Baltic Pride" ta' Marzu 2012, u billi din il-proposta għadha ma ġietx eżaminata;

H. billi, fl-Ungerija, il-partit tal-lemin estrem Jobbik reċentement ressaq diversi abbozzi ta' liġi bl-għan li jinħoloq ir-reat ġdid ta' "propagazzjoni ta' disturbi tal-imġiba sesswali", u fil-Kunsill tal-Belt ta' Budapest tressqet ordinanza lokali minn Fidesz biex "jiġu limitati d-dimostrazzjonijiet oxxeni" qabel il-Gay Pride ta' Budapest, u billi dawn il-proposti sussegwentement ġew irtirati;

I. billi d-Delegazzjoni tal-UE għall-Moldova esprimiet "dispjaċir kbir u preokkupazzjoni kbira" rigward "dawn il-manifestazzjonijiet ta' intolleranza u diskriminazzjoni";

J. billi l-Kummissjoni ddikjarat l-impenn tagħha li tiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fl-UE u ddikjarat li l-omofobija mhijiex aċċettabbli fl-Ewropa;

K. billi l-omofobija għadha timmanifesta ruħha, fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi, f'forom bħal qtil, il-projbizzjoni ta' parati "gay pride" u dimostrazzjonijiet favur l-ugwaljanza, l-użu pubbliku ta' lingwaġġ xewwiexi, ta' theddid u ta' mibegħda, in-nuqqas min-naħa tal-pulizija li tipprovdi protezzjoni adegwata u dimostrazzjonijiet vjolenti awtorizzati minn gruppi omofobi;

L. billi l-Parlament Ewropew għadu impenjat favur l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni abbażi tal-orjen-tament sesswali u l-identità tal-ġeneru fl-UE, u b'mod partikolari favur l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali, li hija mblukkata minħabba l-oġġezzjonijiet ta' xi Stati Membri; billi huwa favur proposti li se jitressqu dalwaqt dwar ir-rikonoxxi-ment reċiproku tal-effetti tad-dokumenti ta' stat ċivili; jemmen li r-reviżjoni li se ssir tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija għandha tinkludi r-reat ta' omofobija; u billi huwa favur pjan direzz-jonali komprensiv għall-ugwaljanza mingħajr diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' orjentament sesswali u identità tal-ġeneru;

Sitwazzjoni fl-Unjoni Ewropea

1. Jikkundanna bil-qawwa kull diskriminazzjoni abbażi tal-orjentament sesswali u l-identità tal-ġeneru, u jiddispjaċih ħafna li, fl-Unjoni Ewropea, id-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBT mhux dejjem huma rispettati totalment; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri jiżguraw li l-persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali u transġeneru jkunu mħarsa mid-diskors ta' mibegħda omofoba u mill-vjolenza u jiżguraw li s-sħab tal-istess sess igawdu mil-istess rispett, dinjità u protezzjoni bħall-bqija tas-soċjetà; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkundannaw b'konvinzjoni d-diskors ta' mibegħda omofoba u l-inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza, u jiżguraw li l-libertà li wieħed jipparteċipa f'dimostrazzjoni - garantita mit-trattati kollha tad-drittijiet tal-bniedem - tkun rispettata fil-prattika;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina d-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija bil-għan li jissaħħaħ u jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha biex jinkludi r-reati ta' mibegħda abbażi tal-orjentament sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentament sesswali fis-setturi kollha tkun projbita billi jiġi komplut il-pakkett ta' kontra d-diskriminazzjoni bbażat fuq l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li d-Direttiva 2004/38/KE dwar il-moviment liberu tiġi implimentata mingħajr ebda diskriminazzjoni abbażi tal-orjentament sesswali, u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri biex jiġu rikonoxxuti reċiprokament l-effetti tad-dokumenti tal-istat ċivili abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku;

5. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-konklużjonijiet tal-Aġenzija Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fir-rapport tagħha dwar l-Omofobija, it-transfobija u d-diskriminazzjoni għal raġunijiet tal-orjentament sesswali u l-identità tal-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw kemm jista' jkun l-opinjonijiet inkorporati fir-rapport;

6. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina bir-reqqa r-riżultati futuri tal-istħarriġ dwar l-LGBT tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, u tieħu azzjoni xierqa;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-rapport annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jinkludi strateġija biex jissaħħaħ il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-UE, kif ukoll informazzjoni sħiħa u komprensiva dwar l-inċidenza tal-omofobija fl-Istati Membri u soluzzjonijiet u azzjonijiet proposti biex din tingħeleb;

8. Itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni toħloq pjan direzzjonali komprensiv għall-ugwaljanza mingħajr diskriminazzjoni abbażi tal-orjentament sesswali u l-identità tal-ġeneru;

9. Iqis li huwa aktar probabbli li d-drittijiet fundamentali ta' persuni LGBT jkunu mħarsa jekk ikun hemm aċċess għal istituzzjonijiet legali bħall-koabitazzjoni, sħubija reġistrata jew żwieġ; jilqa' pożittivament il-fatt li 16-il Stat Membru attwalment joffru dawn l-għażliet u jistieden lil Stati Membri oħra jikkunsidraw li jagħmlu dan;

Liġijiet omofobi u libertà ta' espressjoni fl-Ewropa

10. Huwa preokkupat immens bl-iżviluppi li jillimitaw il-libertà ta' espressjoni u ta' għaqda abbażi ta' kunċetti żbaljati dwar l-omosesswalità u t-transġeneriżmu; iqis li l-Istati Membri tal-UE għandhom ikunu eżemplari fl-applikazzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-Ewropa;

11. Jiddispjaċih li liġijiet ta' dan it-tip diġà jintużaw biex jiġu arrestati u mmultati ċittadini, inklużi ċittadini eterosesswali, li jesprimu appoġġ, tolleranza jew aċċettazzjoni għall-persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali u transġeneru; jiddispjaċih ukoll li dawn il-liġijiet jilleġittimaw l-omofobija u, kultant, il-vjolenza, bħalma ġara fil-każ tal-attakk vjolenti fuq xarabank b'attivisti LGBT fis-17 ta' Mejju 2012 f'San Pietruburgu;

12. Jikkundanna l-vjolenza u t-theddid marbuta mal-manifestazzjoni "Kiev Pride" tal-20 ta' Mejju 2012 li matulha żewġ mexxejja tal-gay pride ssawtu u dan wassal biex il-parata titħassar; ifakkar li l-ftehimiet tal-UE huma kkundizzjonati għar-rispett tad-drittijiet fundamentali, kif stabbiliti fit-Trattati, u għaldaqstant jistieden lill-Ukraina tintroduċi leġiżlazzjoni li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni, inkluża d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' orjentament sesswali; huwa tal-fehma li l-iżviluppi attwali fl-Ukraina ma jirriżultawx koerenti ma' dan ir-rekwiżit; jistieden lill-awtoritajiet Ukraini jirrevokaw minnufih l-abbozzi ta' liġijiet rilevanti, jipproponu leġiżlazzjoni li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni – inkluża d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' orjentament sesswali – u jintrabtu li s-sena d-dieħla l-organizzazzjoni tal-manifestazzjoni "Kiev Pride" tkun bla periklu;

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

13. Jissottolinja l-fatt li t-terminu "propaganda" rarament jiġi definit; jesprimi kosternazzjoni li l-organizzazzjonijiet tal-midja ċċensuraw lilhom infushom b'mod ċar, iċ-ċittadini qed jiġu intimidati u jibżgħu jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, u l-assoċjazzjonijiet u l-kumpaniji li jużaw simboli favur l-omosesswali, bħall-qawsalli, jistgħu jittellgħu l-qorti;

14. Jenfasizza l-fatt li dawn il-liġijiet u l-proposti huma inkoerenti mal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li jimpedixxi liġijietu prattiki diskriminatorji ([1]) abbażi tal-orjentament sesswali u li r-Russja, l-Ukraina, il-Moldova u l-Istati Membri kollha tal-UE huma firmatarji tiegħu; jistieden lill-Kunsill tal-Ewropa jinvestiga dan il-ksur tad-drittijiet fundamentali, jivverifika l-kompatibbiltà tiegħu mal-impenji marbuta mal-adeżjoni mal-Kunsill tal-Ewropa u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u jieħu miżuri xierqa;

15. Barra minn hekk, jenfasizza li l-edukazzjoni hi kruċjali u għaldaqstant jesprimi l-ħtieġa ta' edukazzjoni sesswali tajba, aċċessibbli u ta' rispett; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jintensifikaw il-ġlieda kontra l-omofobija permezz tal-edukazzjoni kif ukoll permezz ta' mezzi amministrattivi, ġudizzjarji u leġiżlattivi;

16. Fl-aħħar nett, jisħaq fuq l-fatt li l-qrati nazzjonali u internazzjonali affermaw konsistentement li l-preokkupazzjonijiet rigward il-moralità pubblika ma jiġġustifikawx trattament differenti, anke fir-rigward tal-libertà ta' espressjoni; jinnota l-maġġoranza l-kbira ta' pajjiżi fl-Ewropa li m'għandhomx liġijiet bħal dawn, u għandhom soċjetajiet reċiprokament rispettużi, varjati u mexjin 'il quddiem;

17. Jistieden lill-awtoritajiet rilevanti fir-Russja, fl-Ukraina, fil-Moldova u fl-Istati Membri kollha tal-UE juru u jiżguraw ir-rispett għall-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, u jikkunsidraw mill-ġdid dawn il-liġijiet fid-dawl tad-dritt internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-impenji tagħhom skont dan id-dritt;

18. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jieħdu nota ta' dawn il-projbizzjonijiet u jikkundannawhom, partikolarment fil-kuntest tal-affarijiet interni, id-djalogu bilaterali u l-Politika Ewropea tal-Viċinat; jistieden ukoll lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jqajmu l-kwistjoni f'fora internazzjonali rilevanti, bħall-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti;

*

* *

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-gvernijiet u lill-parlamenti nazzjonali tar-Russja u tal-Ukraina, lill-parlamenti reġjonali tar-Russja msemmija f'din ir-riżoluzzjoni, u lill-kunsilli lokali tal-Moldova msemmija f'din ir-riżoluzzjoni.

([1]) *Toonen v. l-Awstralja*, Komunikazzjoni Nru 488/1992, Dok. NU CCPR/C/50/D/488/1992 (1994); *Young v. l-Awstralja*, Komunikazzjoni Nru 941/2000, Dok. NU CCPR/C/78/D/941/2000 (2003); *X v. il-Kolombja*, Komunikazzjoni Nru 1361/2005, Dok. NU CCPR/C/89/D/1361/2005 (2007);

Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza

P7_TA(2012)0223

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza (2011/2068(INI))

(2013/C 264 E/10)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi" (COM(2011)0571),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza – Inizjattiva ewlenija taħt l-Istrateġija Ewropa 2020" (COM(2011)0021),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Nisfruttaw aħjar il-benefiċċji tal-miżuri ambjentali tal-UE: nibnu l-fiduċja permezz ta' għarfien u rispons aħjar" (COM(2012)0095);

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2011 dwar strateġija effikaċi dwar il-materja prima għall-Ewropa [1],

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Ambjent dwar il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi adottat fid-19 ta' Diċembru 2011 (18786/11) il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Kompetizzjoni tad-29 ta' Settembru 2011 għal ekonomija Ewropea kompetittiva u l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Ambjent tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar l-"Amministrazzjoni sostenibbli tal-materjali u l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli: kontribut ewlieni għal Ewropa effiċjenti fl-użu tar-riżorsi",

— wara li kkunsidra r-rapport taż-ŻEE dwar "L-Ambjent Ewropew - il-qagħda u l-prospetti 2010" (SOER2010),

— wara li kkunsidra l-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fil-Brażil, li se ssir fl-20-22 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-materja prima ssir disponibbli għall-benesseri tal-Ewropa fil-ġejjieni – Proposta għal sħubija Ewropea tal-innovazzjoni dwar il-materja prima" (COM(2012)0082);

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2012 dwar kif nevitaw il-ħela tal-ikel: strateġiji għal katina tal-ikel aktar effiċjenti fl-UE [2],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, u l-Kumitat għas-Sajd (A7-0161/2012),

[1] Testi adottati, P7_TA(2011)0364.
[2] Testi adottati, P7_TA(2012)0014

A. billi l-kriżi ekonomika, finanzjarja u ambjentali turi li l-Ewropa għandha l-bżonn urġenti ta' sorsi ġodda ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli;

B. billi l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' riżorsi, bħalma hija ż-żieda fil-prezzijiet, jaffettwaw partikolarment ħażin lill-persuni b'inqas dħul u fir-reġjuni l-aktar żvantaġġjati; billi, għaldaqstant, hija meħtieġa aktar minn qatt qabel is-sinerġija bejn il-politiki soċjali u dawk ambjentali;

C. billi ż-żieda fid-domanda għar-riżorsi naturali u s-soprasfruttament tagħhom u l-bdil fl-użu tal-art assoċjat iwasslu għal degradazzjoni ambjentali, għal tibdil aktar mgħaġġel tal-klima u għall-qerda tal-kapital naturali limitat tad-dinja inkluż it-telfien tal-bijodiversità;

D. billi l-iskarsezza tar-riżorsi li tirriżulta mill-użu intensiv, l-ispekulazzjoni tal-prezzijiet fis-swieq tal-prodotti u ż-żieda sostanzjali fil-konsum globali qed jgħollu l-prezzijiet tal-materja prima, bil-prezzijiet reali tal-prodotti jiżdiedu b'147 % mill-bidu ta' dan is-seklu; billi probabbilment l-UE se taffronta sfidi serji sabiex tiżgura l-aċċess għal riżorsi ewlenin u l-provvista kontinwa tagħhom; billi l-użu effiċjenti tal-materja prima jiġi rikonoxxut fl-ekonomija u l-politika bħala ċ-ċavetta biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi;

E. billi l-bidla lejn ekonomija li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti u li tirrispetta l-limitazzjonijiet planetarji, kif ukoll iż-żieda fil-popolazzjoni tad-dinja u l-livelli tal-popolazzjoni ta' dawk li fil-ġejjieni jgħixu f'nazzjonijiet industrijalizzati, twassal għal aktar kompetittività u għal sorsi ġodda ta' tkabbir u tal-impjiegi permezz tal-iffrankar tal-ispejjeż minħabba aktar effiċjenza, il-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet u minħabba ġestjoni aħjar tar-riżorsi tul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom;

F. billi r-riċiklaġġ huwa aktar milli l-ġbir ta' skart riċiklabbli u għalhekk, għandhom jiġu inklużi l-fażijiet kollha matul il-katina tal-valur fil-miżuri tal-ġejjieni;

G. billi l-politika integrata tal-ġejjieni dwar ir-riżorsi m'għandhiex tagħmel aktar differenza biss bejn riżorsi "rinnovabbli" u "mhux rinnovabbli", iżda għandha tinkludi wkoll materjali permanenti;

H. billi l-Eurobarometer ta' Marzu 2011 juri li l-użu tar-riżorsi b'mod effiċjenti u l-produzzjoni u l-konsum sostennibli huma parti mit-tħassib ewlieni taċ-ċittadini tal-UE; billi, fi kwalunkwe każ, ma jistax ikun hemm progress lejn is-sostenibbiltà mingħajr ma ċ-ċittadini jkunu involuti b'mod dirett, permezz ta' bidla fil-mentalità u fid-drawwiet tas-soċjetà fir-rigward tal-użu tar-riżorsi;

I. billi l-iżgurar tal-aċċess u l-provvista tar-riżorsi mingħajr interruzzjonijiet hija sfida dejjem tikber minħabba ż-żieda fil-konsum tar-riżorsi, l-użu tal-ilma u l-art;

J. billi industrija kompetittiva tippermetti investiment ġdid f'teknoloġiji aktar effiċjenti;

Azzjonijiet prijoritarji

1 Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi Task Forces konġunti għat-tlett oqsma ewlenin tal-ikel, l-akkomodazzjoni u l-mobilità sabiex tiżviluppa, malajr kemm jista' jkun, Pjanijiet ta' Azzjoni Ewropej għall-Użu Effiċjenti tar-Riżorsi b'azzjonijiet ċari għat-tnaqqis tar-riżorsi; dawn it-Task Forces għandhom jikkumplimentaw ix-xogħol tal-Pjattaforma għar-Riżorsi Effiċjenti tal-UE, u għandhom ikunu magħmula minn esperti mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri, mill-industrija, mis-soċjetà ċivili u minn partijiet interessati oħra ewlenin, u jkollhom ir-rwol li jinkoraġġixxu sħubijiet bejn l-atturi fil-katina tal-valur;

2. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jneħħu l-ostakli li jfixklu l-funzjonament tas-suq Ewropew fir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid u biex jinkoraġġixxu tali suq billi jħeġġu d-domanda u d-disponibilità għal materjali riċiklati u prodotti sekondarji, permezz ta' mezzi li għandhom jinkludu l-iżvilupp ulterjuri u mgħaġġel ta' kriterji stretti għat-twaqqif tal-ħela u permezz ta' inċentivi ekonomiċi, bħat-tnaqqis tar-rati tal-VAT għal materjali sekondarji, għall-oqsma li fihom hemm falliment fis-suq jew miżuri promozzjonali għall-użu ta' teknoloġiji innovattivi għall-ġbir u s-separazzjoni, sas-sena 2013; f'dan il-kuntest, jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni attwali dwar l-iskart u ż-żieda fis-sorveljanza u l-infurzar;

3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu r-riċerka u l-innovazzjoni teknoloġika biex titħaffef it-tranżizzjoni għal ekonomija li tuża r-riżorsi b'effiċjenza; jenfasizza li "l-Unjoni tal-Innovazzjoni", inklużi Horizon 2020, is-sħubija Ewropea tal-innovazzjoni dwar il-materja prima, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Eko-Innovazzjoni u ċ-Ċentri ta' Għarfien Innovattiv, hija wieħed mill-muturi għal Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza; jistieden lill-Kummissjoni twaqqaf bażi tad-data, online u faċilment aċċessibbli, dwar l-użu effiċjenti tar-riżorsi;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex, sal-2013, jaqblu li jużaw indikaturi ċari, robusti u li jistgħu jitkejlu għall-attività ekonomika li tikkunsidra t-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u l-użu effiċjenti tar-riżorsi mill-perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja, pereżempju fil-forma ta' basket ta' indikaturi tal-użu tar-riżorsi, jiġifieri l-impronta tal-art, l-impronta tal-ilma, l-impronta tal-materjal u l-impronta tal-karbonju,u l-użu ta' dawn l-indikaturi bħala l-bażi ta' inizjattivi leġiżlattivi u ta' objettivi konkreti ta' tnaqqis; jenfasizza li dan il-proċess irid ikun trasparenti u jinkludi l-partijiet interessati ewlenin;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi estensjoni għall-ambitu tad-direttiva dwar l-ekodisinn għal prodotti li mhumiex relatati mal-enerġija u biex tistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn dwar l-effiċjenza ġenerali fl-użu tar-riżorsi u dwar il-prestazzjoni tal-prodotti, inkluż il-kontenut riċiklat, id-durabbiltà, il-kapaċità ta' riċiklaġġ, ta' tiswija u ta' użu mill-ġdid, sabiex jittejjeb l-impatt ambjentali tagħhom u jiġu promossi s-swieq tar-riċiklaġġ; jenfasizza li kwalunkwe proposta bħal din għandha tkun ibbażata fuq valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi u għandha tkun koerenti ma' regolamenti relevanti oħra;

6. Iħeġġeġ lill- Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw l-aġenda tal-effiċjenza tar-riżorsi bl-aktar mod komprensiv possibbli fil-politiki l-oħra kollha, inklużi l-politiki ta' governanza ekonomika ġenerali bħall-Ewropa 2020, u jimplimentawha fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE;

Aġenda għat-tkabbir futur

7. Japprova l-Inizzjattiva Ewlenija dwar Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza u l-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi u l-viżjoni tagħha tal-2050, inklużi l-miri speċifiċi; jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq malajr il-leġiżlazzjoni u l-inizzjattivi l-oħra neċessarji kollha biex jinkisbu l-istadju intermedji u biex ikun żgurat li l-politiki tal-UE kollha huma konformi magħhom u mal-viżjoni ġenerali tal-UE dwar il-ħolqien ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju sal-2050 billi, fost l-oħrajn, tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra bi 80-95 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990; ifakkar li d-distinzjoni bejn it-tkabbir ekonomiku u l-użu tar-riżorsi hija essenzjali sabiex l-Ewropa ssir iktar kompetittiva u titnaqqas id-dipendenza tagħha fuq ir-riżorsi; jirrakomanda li l-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm qafas leġiżlattiv stabbli sabiex ma tikkompromettix l-investimenti fit-tul;

8. Jenfasizza l-importanza tal-użu tar-riżorsi b'effiċjenza għall-kisba tal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020; jemmen bis-sħiħ li l-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Horizon 2020 għandu jkollu rwol vitali f'dan ir-rigward; jitlob lill-Istati Membri jadottaw Pjanijiet Direzzjonali Nazzjonali ta' Effiċjenza fl-Użu tar-Riżorsi li jinkludu miżuri u miri speċifiċi bi qbil mal-objettivi tal-Pjan Direzzjonali tal-UE;

9. Jistieden lill-Kummissjoni, biex sal-aħħar tal-2012, tipproponi qafas ta' politika dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli (SCP), billi tistabbilixxi proċess li jidentifika l-prodotti u servizzi ta' prijorità li jikkontribwixxu l-iżjed lejn l-oqsma ewlenin tal-konsum globali (l-ilma, l-art, il-materjali u l-karbonju), f'konformità mal-indikaturi tal-konsum kif stabbilit fil-Pjan Direzzjonali dwar l-Użu Effiċjenti tar-Riżorsi; dan għandu jkun akkompanjat bi proposti leġiżlattivi li jindirizzaw il-prodotti u s-servizzi ta' prijorità bl-għodda rilevanti, inklużi l-mekkaniżmi li jistgħu jtejbu l-effiċjenza tar-riżorsi fil-katina ta' provvista, u l-possibbiltà li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi jew punti ta' riferiment tal-aqwa prestazzjoni permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni;

10. Jifhem li azzjonijiet intiżi sabiex tinkiseb effiċjenza ikbar fl-użu tar-riżorsi m'għandhom taħt l-ebda ċirkustanza jkunu limitati biss għad-dominju pubbliku, għalhekk jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lin-negozji biex jiffukaw l-istrateġiji ekonomiċi tagħhom fuq it-titjib radikali fl-użu effiċjenti tar-riżorsi li jwassal għas-separazzjoni tat-tkabbir ekonomiku mill-konsum tar-riżorsi; jemmen ukoll li jeħtieġ niffukaw kemm fuq l-effiċjenza kif ukoll fuq l-effettività tal-użu tar-riżorsi;

11. Jenfasizza l-urġenza li tittieħed azzjoni immedjata biex jiġu appoġġati l-innovazzjoni u l-investiment f'tekniki ġodda u mudelli kummerċjali, inklużi strateġiji industrijali settorjali u mudelli kummerċjali sostenibbli bħal soċjetà ta' kiri, u li jinħolqu l-inċentivi li se jwasslu għal benefiċċji għall-ekonomija; jenfasizza r-rwol prinċipali tas-settur privat, inklużi l-SMEs, biex ikun hemm tkabbir ekonomiku ekoloġiku;

12. Jenfasizza li l-Ewropa bħala soċjetà li tirriċikla jeħtieġ li tuża mill-ġdid u tirriċikla fil-parti l-kbira l-iskart tagħha stess u tipproduċi materja prima sekondarja bl-iktar mod effiċjenti;

13. Isejjaħ għal żvilupp ta' standard adatt għall-SMEs għall-użu tar-riżorsi bbażati fuq kunċetti bħalma hu l-Patt Globali;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jintegraw bis-sħiħ l-għanijiet tal-użu effiċjenti tar-riżorsi fis-Semestru Ewropew dwar il-koordinament tal-politika ekonomika; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkonfermaw dan ir-rekwiżit fil-Kunsill Ewropew; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi aktar dettalji dwar kif il-progress tal-Istati Membri lejn aktar effiċjenza fl-użu tar-riżorsi se jiġi vvalutat b'mod konkret bħala parti mill-proċess tas-Semestru Ewropew.

15. Jenfasizza li l-vantaġġ ta' min jagħmel l-ewwel pass fl-użu effiċjenti tar-riżorsi jista' jattira s-swieq li qed jikbru, u jfakkar li l-UE għandha bejn wieħed u ieħor terz tas-suq dinji tat-teknoloġiji ambjentali;

Nittrasformaw l-ekonomija

16. Ifakkar li t-tnaqqis fl-użu tar-riżorsi huwa meħtieġ b'mod urġenti sabiex jiġu evitati l-problemi mistennija bħall-iskarsezza tar-riżorsi u ż-żieda fil-prezzijiet tar-riżorsi;

17. Jinnota li biex isseħħ it-tranżizzjoni lejn ekonomija li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti, il-prezzijiet tas-suq jeħtieġ jirriflettu bis-sħiħ il-livell tal-iskarsezza tar-riżorsi kif ukoll l-ispejjeż involuti fil-proċess tal-produzzjoni; jenfasizza li s-swieq jistimulaw l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi jekk il-prezzijiet jirriflettu l-ispiża vera tar-riżorsi użati; jitlob għall-implimentazzjoni tal-approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja fil-proċess tal-kontabbiltà u għall-internalizzazzjoni tal-ispejjeż ambjentali esterni bi qbil mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas;

18. Japprova l-impenn tal-Kummissjoni fil-Pjan Direzzjonali għall-iżvilupp ta' strumenti bbażati fuq is-suq sabiex ikunu jistgħu jiġu inklużi esternalitajiet negattivi fil-prezzijiet tas-suq u għaldaqstant dan ikun jirrifletti l-ispiża vera tal-użu ta' riżorsi u l-impatt ambjentali tagħhom;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw inċentivi li jinkorraġġixxu kumpaniji u korpi pubbliċi biex ikejlu, isibu punti ta' referenza u jtejbu kontinwament l-impronti tagħhom fuq l-ilma, l-art, il-materjal u l-karbonju, kif ukoll miżuri biex jestendu l-prinċipju tar-responsabbiltà tal-produtturi u biex jeliminaw ostakoli li jnaqqsu l-użu effiċjenti tar-riżorsi;

20. Iheġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu bidla lejn tassazzjoni ambjentali, jenfasizza li dan għandu jippermetti t-tnaqqis ta' taxxi oħrajn bħal dawk fuq ix-xogħol, iżid il-kompetittività, joħloq ambjent ekwu, u jwitti t-triq għal żvilupp teknoloġiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissorveljaw u jikkumparaw l-effetti ta' dan l-istrument;

21. Iheġġeġ lill-Kummissjoni tirriċerka l-iżvilupp ta' mudell ta' ġerarkija bil-għan li tiżgura l-ogħla valur miżjud mill-użu tar-riżorsi mingħajr ma jiġi kompromess l-ambjent;

22. Iheġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw pjanijiet konkreti, mingħajr dewmien u sal-2014, ibbażati fuq definizzjoni ċara għat-tneħħija b'mod gradwali tas-sussidji li huma ta' ħsara għall-ambjent qabel l-2020, inklużi s-sussidji li jagħtu inċentiv għall-użu ineffiċjenti ta' riżorsi rinovabbli, u jirrapurtaw dwar il-progress permezz tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma;

23. Iheġġeġ lill-Kummissjoni tinvestiga opportunitajiet għat-twaqqif ta' skemi estiżi ta' responsabbiltà tal-produtturi fl-UE għal titjib fil-prestazzjoni fl-Istati Membri kollha inklużi dawk fejn ir-rati tal-użu mill-ġdid u tar-riċiklaġġ huma ħafna aktar baxxi mill-medja tal-UE;

24. Jenfasizza l-importanza tar-rwol li ċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom biex iġibu l-bidla fit-trasformazzjoni tal-ekonomija; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati strateġiji ta' għarfien u strateġiji li jbiddlu l-imġiba tal-konsumatur u jevitaw l-effetti tar-reazzjoni(rebound effect);

25. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata provvista Ewropea sostenibbli ta' materja prima meħtieġa biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tas-settur li dejjem jikber tar-riċiklaġġ, u li tgħin biex tespandi l-ekonomija miftuħa Ewropea u li jinħolqu l-impjiegi;

26. Jitlob għal rekwiżiti iktar b'saħħithom dwar l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (APE) għal prodotti u servizzi li għandhom impatti ambjentali sinifikanti u li jikkontribwixxu l-iżjed għall-konsum tar-riżorsi globali ewlenin (l-ilma, l-art, il-materjali u l-karbonju), kif stipulat fil-Pjan Direzzjonali dwar l-Użu Effiċjenti tar-Riżorsi; iheġġeġ lill-Kummissjoni biex tevalwa fejn l-APE jista' jiġi marbut ma' proġetti ffinanzjati mill-UE; jitlob għal sforzi li jippromwovu l-akkwist konġunt u netwerks ta' uffiċjali ta' akkwist pubbliku bħala appoġġ għall-APE sat-tmiem ta' din is-sena mingħajr ma dan joħloq żvantaġġ kompetittiv għall-intrapriżi pubbliċi;

27. Jitlob li tiġi estiża l-informazzjoni ambjentali għall–prodotti ta' konsum konvenzjonali tal-massa; jappoġġja l-provi nazzjonali fil-qasam ta' ttikkettar ambjentali u jheġġeġ lill-Kummissjoni biex taħdem fuq metodu armonizzat Ewropew għall-kalkolu tal-impatt ambjentali tal-prodotti, sabiex jiżdied l-għarfien fost il-konsumaturi dwar prodotti mhux koperti minn skemi eżistenti bħalma huma l-ekotikkettar, l-ittikkettjar tal-enerġija, jew l-ittikkettar tal-agrikultura organika;

28. Jenfasizza kemm hu importanti li jkun hemm tikketta li tkun tiġbor fiha kollox inkluż, imma mhux limitata għalih, l-użu ta' riżorsi fit-tagħrif mogħti dwar il-prodott; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-passi meħtieġa biex itejbu r-regolamentazzjoni tat-tikkettar li hemm fis-seħħ bħalissa billi t-tikketti jiġu integrati b'tali mod li l-konsumaturi jkunu jistgħu, b'deskrizzjoni waħda tal-punti prinċipali, jagħmlu għażliet infurmati u sostenibbli;

29. Iheġġeġ lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-acquis tal-UE dwar l-iskart, fosthom l-objettivi minimi, ikun implimentat bis-sħiħ permezz tal-istrateġiji u l-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-iskart; ifakkar li l-objettivi eżistenti rigward il-ġbir u s-separazzjoni tal-iskart jeħtieġ jiġu elaborati iżjed u stabbiliti biex isir l-aħjar irkupru tal-materjali u dak l-iżjed kwalitattiv f'kull fażi; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa tal-finanzjament tal-UE filwaqt illi tingħata prijorità lill-attivitajiet iktar 'il fuq fil-ġerarkija tal-iskart, kif stipulat fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (eż.l-għoti ta' prijorità lill-impjanti tar-riċiklaġġ fuq ir-rimi tal-iskart); jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħtieġa li ttejjeb u tarmonizza l-metodi u l-istatistiċi għall-kalkolu rigward l-iskart, sabiex tipprovdi basis affidabbli li tippromwovi r-riċiklaġġ;

30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni aktar effettiva kontra l-ġarr illegali tal-iskart f'pajjiżi terzi, speċjalment skart perikoluż, u b'mod partikolari biex jissaħħu dawn il-mekkaniżmi ta' kontroll rilevanti; f'dan ir-rigward jissuġġerixxi l-ħolqien ta' "Politika Barranija tal-Ewropa dwar l-Iskart", li tfittex li tifrex l-aqwa standards Ewropej dwar it-trattament tal-iskart, ukoll 'il barra mill-Unjoni Ewropea;

31. Jinnota li madwar 20 fil-mija tal-prodotti tal-ikel jintremew bħala skart u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jittieħdu azzjonijiet konkreti biex inaqqsu b'mod sinifikanti l-ħela tal-ikel; jirrimarka, madankollu, li mhux biss l-ikel qed jinħela, iżda wkoll ir-riżorsi fil-qasam tal-ipproċessar tal-ikel u l-ippakkjar;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jenfasizzaw aktar l-informazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħolqien ta' kuxjenza, speċjalment dwar is-separazzjoni tal-iskart, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, filwaqt li jitqies li l-edukazzjoni għandha impatt dirett fuq drawwiet dwar l-użu effiċjenti tar-riżorsi;

33. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita l-acquis dwar l-iskart filwaqt illi tqis il-ġerarkija tal-iskart u l-ħtieġa li l-iskart residwu jonqos kważi fix-xejn; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tagħmel proposti sal-2014 bil-għan li gradwalment tintroduċi projbizzjoni ġenerali dwar landfills tal-iskart fuq livell Ewropew u biex telimina gradwalment, sa tmien dan id-deċennju, l-inċinerazzjoni ta' skart riċiklabbli u li jista' jsir kompost; dan għandu jkun akkumpanjat minn miżuri tranżizzjonali xierqa inkluż żvilupp addizzjonali ta' standards komuni bbażati fuq il-ħsieb taċ-ċiklu tal-ħajja; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-objettivi dwar ir-riċiklaġġ tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart 2020; huwa tal-fehma, li anke l-istrument ta' taxxa fuq il-miżbla – li ġie diġà introdott minn xi Stati Membri – jista' jkun ta' għajnuna biex jintlaħaq dan l-għan;

34. Jinnota, li l-miżbliet eżistenti jistgħu jintużaw bħala maħżen għall-materja prima ("urban mining"), madankollu dwar dan għad hemm biss ftit riċerka konklussiva;

35. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jespandu l-ħidma tagħhom fuq linji gwida għall-iżvilupp ta' standards għal materjali riċiklati permezz tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN);

36. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura politiki li jmexxu l-użu sekwenzjali ta' materja prima naturali u li tiffavorixxi l-prodotti bl-ogħla valur miżjud u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, filwaqt illi tqis b'mod partikolari l-potenzjal tat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra;

37. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi wkoll approċċ sekwenzjali għall-użu tal-bijomassa, li jiffavorixxi r-riċiklaġġ, il-prodotti bl-ogħla valur miżjud u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, bħal prodotti b'bażi bijoloġika u l-materjali industrijali, fuq il-bijoenerġija;

38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iwaqqfu programm li joħloq il-kuxjenza u jipprovdu gwida lill-kumpaniji, speċjalment lill-SME's;

39. Jenfasizza li sabiex approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja jkun sinifikanti dan għandu jiġi bbażat fuq kontabbiltà kemm jista' jkun preċiża; jinsisti, f'dan il-kuntest, li fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Fjuwil, il-fornituri għandhom japplikaw valur predefinit separat għal ramel taż-żift;

40. Jenfasizza l-importanza tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni sabiex tithaffef il-bidla għal Ewropa li tagħmel użu effiċjenti tar-riżorsi; jinnota l-bżonn ta' aktar innovazzjoni b'mod partikolari fl-esplorazzjoni u l-estrazzjoni ta' materjali favur l-ambjent, fl-agrikultura, fil-kimika, fit-trattament tal-iskart, fir-riċiklaġġ, fil-ġestjoni tal-ilma, fil-potenzjal tal-użu mill-ġdid, u s-sostituzzjoni ta' materjali li għandhom impatt ambjentali, ta' teknoloġiji u t-tfassil għal inqas użu ta' materjal u enerġija, l-enerġija rinnovabbli u l-użu effiċjenti tal-enerġija; jinnota li anke l-għoti ta' "tax credits" marbuta mal-użu tar-riżorsi jibbenefika wkoll l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp;

41. Ifakkar li l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi għandu jkollha l-għan li tgħin lill-Ewropa żżid il-prestazzjoni teknika sabiex ikun hemm aktar estrazzjoni mill-materja prima tul il-katina kollha tal-valur (fil-kuntest ta' tħaffir fil-minjieri, l-ipproċessar, l-irfinar, ir-riċiklaġġ);

42. Jitlob lill-Kummissjoni tinvestiga kif l-użu effiċjenti fl-użu tar-riżorsi jista' jiżdied fl-industrija tat-tħaffir fil-minjieri u tal-ipproċessar tal-UE sabiex tiżdied il-kompetittività u s-sostenibilità, billi jiġi promoss inter alia l-użu ta' teknoloġiji ġodda u t-titjib fil-produzzjoni ta' prodotti sekondarji flimkien ma' metalli bażiċi;

43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkunsidraw it-twaqqif ta' ċentri għal teknoloġiji tal-innovazzjoni sabiex jappoġġjaw l-estrazzjoni, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' komponenti utli minn prodotti tal-iskart tal-minjieri u biex jiffaċilitaw l-użu sussegwenti ta' prodotti tal-iskart tal-minjieri, li jinsabu f'diversi tipi ta' mħażen tal-iskart u fl-industrija tal-kostruzzjoni kif ukoll l-immaniġġjar ta' dawn il-ħażniet tal-iskart b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent;

44. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jintużaw prodotti alternattivi li jimmodifikaw il-mudelli ta' konsum intensiv tal-enerġija u l-materjal, filwaqt li jżommu l-istess livell ta' prestazzjoni, u l-ħtieġa ta' materja prima alternattiva u ta' materjali oħra li jnaqqsu l-livell ta' intensità tal-enerġija fil-proċessi tal-manifattura;

45. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina l-effetti ta' taxxa fuq ir-riżorsi u l-materja prima pura, u b'mod partikolari kwalunkwe effett sekondarju, bħal sostituzzjoni mhux sostenibbli, evażjoni fiskali jew ċaqliq tal-attività ekonomika lejn pajjiżi terzi;

46. Jenfasizza l-importanza tal-ħiliet u t-taħriġ; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom fi djalogu mill-qrib mas-sħab soċjali, l-akkademja u l-industrija f'dan il-kuntest; jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mal-industrija u l-akkademja, biex tappoġġja l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi permezz ta' programmi universitarji speċjali u boroż ta' studju; ikompli jappoġġja, f'dan il-kuntest, il-programmi ta' skambju f'dan il-qasam bħall-Programm dwar il-Minerali u l-Ambjent Erasmus Mundus;

47. Jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment fir-riċiklaġġ ta' materja prima u ta' elementi terrestri rari, peress li t-tħaffir fil-minjieri, ir-raffinar u r-riċiklaġġ tal-elementi terrestri rari għandhom impatt ambjentali sever jekk ma jiġux immaniġġjati kif suppost;

Il-kapital naturali u s-servizzi tal-ekosistemi

48. Jenfasizza li l-bijodiversità hija essenzjali għall-eżistenza tal-ħajja tal-bniedem u għall-benessri tas-soċjetajiet, kemm b'mod dirett kif ukoll b'mod indirett, permezz tas-servizzi tal-ekosistemi li tipprovdi; jilqa' u jappoġġja l-istrateġija tal-UE dwar il-bijodiversità sal-2020, flimkien mal-objettivi u l-azzjonijiet tagħha kollha; jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni tal-protezzjoni tal-bijodiversità, anki fi ħdan Ewropa li tagħmel użu effiċjenti tar-riżorsi;

49. Jilqa', għaldaqstant, l-implimentazzjoni ta' miżuri speċjali kontra l-ispeċi invażivi u jitlob li jiġu implimentati mingħajr dewmien;

50. Jenfasizza l-importanza tal-ilma bħala riżors naturali li huwa kruċjali kemm għall-bniedem kif ukoll għall-ekosistemi; ifakkar fil-pressjoni akbar fuq id-disponibbiltà u l-kwalità ta' riżorsi tal-ilma sikuri u żguri minħabba f'fatturi bħad-deforestazzjoni, l-urbanizzazzjoni, it-tkabbir tal-popolazzjoni u dak ekonomiku u l-bidla fil-klima; jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ fil-livelli kollha fil-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma tagħna, jenfasizza r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kuntest tal-Inizjattiva Ewlenija għal Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza;

51. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkalkola u tiżvela wkoll l-ispiża tal-ħsara ambjentali b'konsegwenza tal-politiki tal-UE dwar l-agrikoltura u s-sajd;

52. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħmel użu mill-aħjar prattiċi fil-qasam tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi sabiex tfassal kriterji xierqa u tibda proġetti pilota għal diversi riżorsi, bħal pereżempju l-fosforu, bil-għan li jkun hemm użu mill-ġdid ta' kważi 100 % fl-2020 kif ukoll l-aħjar użu u riċiklaġġ tagħhom; jenfasizza li dawn il-proġetti piloti għandhom ikunu finanzjati b'mod diretti mill-UE;

53. Jikkunsidra li r-riżorsi Ewropej għandhom jiġu ġestiti b'mod strateġiku u ambjentalment aktar b'saħħtu; jemmen li għandu jitwettaq sforz akbar fil-ġestjoni tar-riżorsi eżistenti fl-UE, b'mod partikolari ta' minerali, metalli u injam kif ukoll riżorsi tal-enerġija li jinkludu l-fjuwils fossili; jenfasizza l-potenzjal tal-UE li tikkontribwixxi għall-bżonnijiet ta' materja prima tagħha stess u jitlob għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Ewropa fuq l-importazzjonijiet tal-materja prima prodotta b'metodi ambjentalment mhux sostenibbli;

54. Huwa tal-fehma li l-industriji fl-Istati Membri għandhom jiddependu dejjem aktar fuq materja prima domestika; jirrimarka li l-ġestjoni ta' riżorsi domestiċi għandha tiżgura li dawn ma jinħlewx;

55. Jenfasizza l-importanza tal-agrikoltura sostenibbli li jwassal biex jitnaqqas l-użu tal-art kif ukoll jonqos l-impatt tal-karbonju tal-Ewropa;

56. Jemmen li l-għarfien tal-konsumatur għandu rwol kruċjali fit-titjib tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi fil-konsum tal-ikel u jappoġġja inizjattivi f'livell lokali, nazzjonali u tal-UE biex jiġu promossi tendenzi tal-konsum tal-ikel aktar sostenibbli;

57. Jiġbed l-attenzjoni għar-rwol tar-riżorsi naturali rinnovabbli, bħalma huma l-foresti, fl-użu effiċjenti tar-riżorsi; jistieden lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi l-użu ta' materja prima u materjali oħra rinnovabbli, bijoloġiċi, riċiklabbli, u favur l-ambjent; jindika b'mod partikolari li l-użu ta' materjali rinnovabbli b'emissjonijiet baxxi, bħall-injam, għal skopijiet ta' bini, huwa effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;

58. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ il-ħarsien tal-forestrija fl-UE u li jiġu kkonsolidati l-metodi ta' prevenzjoni ta' riskju assoċjati magħha, peress li r-riżorsi tal-forestrija u l-kwalitajiet ambjentali tal-injam jikkostitwixxu kapital naturali importanti; jitlob li jiġu stabbiliti strumenti finanzjarji għall-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti u miżuri għall-prevenzjoni tal-parassiti; jitlob lill-Kummissjoni, flimkien mal-industrija tal-injam, biex teżamina l-iskop għat-teħid ta' miżuri speċifiċi bl-għan li r-riżorsi tal-forestriji jiġu sfruttati b'mod sostenibbli, b'mod partikolari permezz ta' proġetti pilota; jappoġġja użu aħjar tal-miżuri tal-forestrija li huma diġà fis-seħħ, sabiex jissaħħaħ il-valur ekonomiku tal-foresti u tiġi żgurata aktar disponibbiltà tal-injam, pereżempju permezz ta' xogħol ta' tħawwil mill-ġdid skont programmi ta' żvilupp rurali;

59. Jenfasizza li t-telf tas-sustanzi li jidħol fl-ambjent permezz tal-produzzjoni agrikola joħloq spejjeż esterni kbar għall-ekosistemi, is-saħħa tal-bniedem u l-klima; jistieden lill-Kummissjoni biex tintroduċi tekniki moderni għall-ġestjoni tas-sustanzi biex jitnaqqas it-telf tas-sustanzi hekk kif tiġi intensifikata l-produzzjoni;

60. Jirrimarka li l-pakkett ta' riforma tal-PKS hi element importanti tal-inizjattiva ewlenija attwali tal-Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza; iqis li l-ogħla rendiment sostenibbli, li jiġi evitat l-iskart, magni aktar effiċjenti u li ma jniġġsux, tagħmir tas-sajd aktar selettiv, kundizzjonijiet internazzjonali ugwali, u kapaċità żejda tal-flotta huma kwistjonijiet li jeħtieġ jiġu indirizzati biex ikollna settur tal-akwakultura u tas-sajd ambjentalment u ekonomikament b'saħħtu; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza soċjali u ekonomika ta' flotot kostali fuq skala żgħira;

Governanza u monitoraġġ

61. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta, f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha, indikaturi b'saħħithom u li jinftiehmu malajr, pereżempju għall-impronta tal-art, l-impronta tal-ilma, l-impronta tal-materjal u l-impronta tal-karbonju, sabiex ikun sorveljat il-progress li jwassal lejn dawn l-objettivi; dawn l-indikaturi għandhom ikunu bbażati fuq għodda tal-kontabilità integrata u fuq metodi bbażati fuq ix-xjenza li jkunu konsistenti u aċċettati b'mod wiesa', u għandhom ikunu definiti b'mod espliċitu sabiex japplikaw fl-UE kollha, mill-atturi li jfasslu l-politiki għal dawk privati; barra minn hekk, għandhom jiġu kkunsidrati l-impatti taċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja u jitkejlu r-riżorsi li jintużaw mill-ekonomija sabiex jippermettu li jiġu indirizzati l-aspetti kollha tal-iskarsezza tar-riżorsi, u b'hekk jiġu integrati l-flussi li ma jidhrux; iwissi li l-indikatur tal-produttività tar-riżorsi mhuwiex se jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa;

62. Ifakkar fl-importanza ta' għadd ta' miri settorjali koerenti, li jistgħu jkunu verifikati u ċari, fosthom objettiv ġenerali, sabiex ikunu implimentati l-viżjoni u l-objettivi speċifiċi tal-Pjan Direzzjonali; jirrikonoxxi l-kumplessità tas-suġġett u l-ħtieġa konsegwenti ta' bażi xjentifika solida; jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta konkreta għal dawn l-objettivi għall-UE u l-Istati Membri, sa mhux aktar tard minn sena mill-adozzjoni tal-indikaturi relevanti, u biex tiżgura li l-politiki tal-UE jkunu konsistenti mal-objettivi stabbiliti; jikkunsidra li l-miri speċifiċi inklużi fil-Pjan Direzzjonali għandhom jitqiesu bħala miri sakemm ma jkunux stabbiliti miri aktar dettaljati; jistieden lill-Istati Membri biex jinkludu objettivi korrispondenti fl-istrateġiji tagħhom għall-użu effiċjenti tar-riżorsi;

63. Jenfasizza li l-indikaturi tal-użu effiċjenti tar-riżorsi speċifiċi huma importanti ħafna fl-oqsma tal-politika kollha u jistieden lill-Kummissjoni biex tintegra l-indikaturi tal-użu effiċjenti tar-riżorsi fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha kollha; huwa wkoll tal-fehma li anke "Eżami tal-Kompetittività" kif inhu pprovdut fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2010)0614, għandu jkun parti obbligatorja ta' kull valutazzjoni tal-impatt;

64. Jistieden lill-Kummissjoni tinforza l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-ilma, sabiex jiġu utilizzati l-opportunitajiet kollha bl-aħjar mod possibbli;

65. Jilqa' d-Direttiva tal-UE dwar il-Kwalità tal-Fjuwil (FQD) bħala pass importanti fl-approċċ li jqis iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja fir-rigward tal-konsum tar-riżorsi u jinsisti li, fl-implimentazzjoni tal-FQD, il-fornituri japplikaw valur predefinit separat għar-ramel taż-żift;

66. Jikkunsidra li s-seba' EAĠ għandu jipprovdi l-qafas politiku t-tajjeb biex jinkisbu l-viżjoni, il-miri speċifiċi u l-objettivi tal-Pjan Direzzjonali lejn Ewropa li tagħmel użu effiċjenti tar-riżorsi;

67. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina politiki tal-UE, u tevalwa fost l-oħrajn il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali Rinnovabbli u l-Politika Agrikola Komuni, mil-latt tal-impatt tagħhom fuq l-użu effiċjenti tar-riżorsi;

68. Jikkunsidra li Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi tkun qafas xieraq għall-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi għal kulħadd, u mingħajr diskriminazzjoni.

69. Isostni li l-użu effiċjenti tar-riżorsi huwa ta' sikwit imfixkel minn proċeduri amministrattivi ikkumplikati; jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika l-proċessi ta' awtorizzazzjoni sabiex tippermetti li l-effiċjenza tar-riżorsi tkun implimentata b'mod aħjar; jilqa, f'dan ir-rigward, l-inizjattiva tal-Kummissjoni fid-Direttiva dwar it-Trasparenza;

70. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw kampanji ta' informazzjoni u ta' edukazzjoni pubbliċi bil-għan li jiġu adottati prodotti magħmula minn skart riċiklat;

71. Jitlob għal azzjoni li tiżgura li l-użu l-aktar effiċjenti tar-riżorsi jkun meqjus sew fi ħdan il-politika reġjonali; jenfasizza li l-effiċjenza tar-riżorsi teħtieġ wkoll li tkun indirizzata fuq livell reġjonali u lokali, filwaqt li jkunu meqjusa n-nuqqasijiet potenzjali u l-livelli ta' żvilupp differenti tar-reġjuni tal-Ewropa; u jenfasizza li huwa neċessarju li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jallinjaw il-miżuri fil-qasam tal-użu effiċjenti tar-riżorsi mal-istrateġija Ewropa 2020;

Dimensjoni internazzjonali

72. Iqis l-użu effiċjenti u sostenibbli u l-allokazzjoni tar-riżorsi bħala element ewlieni tal-politika industrijali tal-UE, li għandu wkoll ikun applikat fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni issa u fil-futur; jemmen, f'dan ir-rigward, li l-kummerċ fi prodotti u servizzi ambjentali hu strument ta' żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli ta' benefiċċju kemm għall-kummerċ kif ukoll għall-ambjent;

73. Hu tal-fehma li sistema ta' kummerċ multilaterali ġusta, miftuħa u mhux diskriminatorja u l-ħarsien ambjentali għandhom isaħħu lil xulxin u għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-komunitajiet lokali, sakemm ir-regoli tal-kummerċ multilaterali jiġu riformati ħalli jirrispondu aħjar għall-isfidi ambjentali u l-ħtiġijiet umani bażiċi;

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

74. Jitlob lill-Kummissjoni tinkorpora kwistjonijiet relatati ma' materja prima, bħal (a) il-limiti fuq l-esportazzjonijiet u (b) l-aspetti tal-investiment, b'mod aktar estensiv fin-negozjati attwali u futuri tal-UE fuq bażi bilaterali jew multilaterali;

75. Jenfasizza li l-ftuħ b'mod ġust tas-swieq globali għal prodotti u servizzi ambjentali b'mod li jinkoraġġixxi l-konsum sostenibbli, joħloq opportunitajiet ta' esportazzjoni, impjiegi ġodda marbuta mat-tixrid ta' teknoloġiji ħodor ġodda, innovazzjoni u kompetittività, u jwassal għal prezzijiet aktar baxxi, kwalità ogħla u għażla akbar għall-konsumatur;

76. Jilqa' l-ħidma li saret matul ir-Rawnd ta' Doha tad-WTO ta' negozjati kummerċjali dwar it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' ostakli tariffarji u mhux tariffarji għall-kummerċ ta' prodotti u servizzi ambjentali, u jheġġeġ bis-sħiħ lill-Partijiet biex ikomplu jaħdmu – indipendentement mill-futur tar-Rawnd ta' Doha – favur definizzjoni ċara ta' prodotti u servizzi ambjentali, li tkun tinkludi r-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji, l-istandards ambjentali tal-UE u prinċipji ta' kummerċ ġust;

77. Jafferma mill-ġdid li l-ftehimiet kummerċjali Ewropej bilaterali u reġjonali attwali kollha jeħtieġ li jinkludu kapitolu ambizzjuż dwar is-sostenibilità, bħal fil-każ tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles l-iktar riċenti tal-Unjoni Ewropea mar-Repubblika tal-Korea, il-Kolombja u l-Peru, u l-Amerika Ċentrali; iqis li l-kapitoli dwar is-sostenibbiltà soċjali u ambjentali għandhom jitqiegħdu fuq livell indaqs mal-aspetti kummerċjali tal-ftehim u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel dawn il-kapitoli suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' soluzzjoni tat-tilwim ta' FTAs futuri;

78. Iqis li l-inklużjoni ta' preferenzi tariffarji għall-prodotti u s-servizzi ambjentali maħduma b'mod soċjalment responsabbli fis-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati tista' tiġġenera valur miżjud fil-qasam tal-kummerċ tal-Unjoni Ewropea mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u tista' tkun inċentiv addizzjonali biex jintlaħqu l-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-għanijiet fuq perjodu ta' żmien twil tal-Unjoni fir-rigward tal-klima u l-enerġija;

79. Jemmen li fil-kuntest tal-konferenza Rio+20 u fit-tħejjija għaliha, jeħtieġ li jsir dibattitu ġdid u msaħħaħ li jkun jinvolvi l-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti, is-soċjetà ċivili u t-trejdjunjins, b'mod partikolari dwar l-effikaċja tan-natura volontarja tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji;

80. Jenfasizza li l-innovazzjoni ekoloġika tal-UE tistimula aktar użu aktar effiċjenti tar-riżorsi lil hinn mill-fruntieri tagħna, u għalhekk tonqos il-qerda tar-riżorsi globali; għalhekk iħeġġeġ lill-Istati Membri biex isaħħu l-istrateġija nazzjonali dwar l-użu effiċjenti tar-riżorsi u jaqsmu t-tagħrif tagħhom f'forum globali bħas-summit Rio+20; isostni li ż-żieda mgħaġġla fil-konsum dinji u t-tnaqqis fl-istokkijiet ta' materja prima jimplikaw bżonn għal investiment fl-effiċjenza globali tar-riżorsi;

81. Jirrimarka li s-Summit dwar id-Dinja Rio+20 li se jsir dalwaqt, jista' jkun forum importanti għad-diskussjoni ta' kwistjonijiet dwar l-użu effiċjenti ta' riżorsi u l-iżvilupp sostenibbli; jemmen li sett ġdid ta' għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs) ikun jista' jimla l-lakuni li ħallew l-MDGs u jkun jista' jsir proġett suċċessur dinji ta' qawwa kbira li jirrikonoxxi r-rabtiet indissolubbli bejn l-ambjent u kull dimensjoni tal-iżvilupp; iħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri tagħha sabiex jassumu rwol deċiżiv u pożittiv f'din il-konferenza ħalli jilqgħu l-isfidi tat-twaqqif ta' ekonomija ekoloġika u inklużiva fuq skala globali;

*

* *

82. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.

L-Inizjattiva "Opportunitajiet għaż-Żgħażagħ"

P7_TA(2012)0224

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar l-Inizjattiva Opportunitajiet għaż-Żgħażagħ (2012/2617(RSP))

(2013/C 264 E/11)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-mistoqsija tas-26 ta' April 2012 lill-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva Opportunitajiet għaż-Żgħażagħ (O-000106/2012 – B7-0113/2012),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-ħames miri ewlenin tagħha,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ" (COM(2011)0933),

— wara li kkunsidra l-pakkett dwar l-impjiegi bit-titolu "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi", ippreżentat mill-Kummissjoni fit-18 ta' April 2012 (COM(2012)0173),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "L-Att dwar is-Suq Uniku – Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja – Flimkien għal tkabbir ġdid" (COM(2011)0206),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Żgħażagħ mobbli – Inizjattiva biex jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażagħ biex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni Ewropea" (COM(2010)0477),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012" (COM(2011)0815),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tal-istejtus ta' min jitħarreġ, tal-internship u l-apprendistat [1],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 [2],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-istrateġija tal-UE dwar l-inklużjoni tar-Roma [3],

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-impjegar taż-żgħażagħ biex jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, adottati f'Lussemburgu fis-17 ta' Ġunju 2011,

— wara li kkunsidra l-Istqarrija tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Jannar 2012 bit-titolu "Lejn Konsolidazzjoni Favur it-Tkabbir u Tkabbir Favur l-Impjiegi",

— wara li kkunsidra l-ittra dwar il-qgħad fost iż-żgħażagħ mibgħuta mill-President tal-Kummissjoni Ewropea Barroso fil-31 ta' Jannar 2012 lil tmien Stati Membri,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma (SOC)450 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-28 ta' Marzu 2012 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2011)0933) lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni,

(1) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p.29..
(2) Testi adottati, P7_TA(2011)0453.
(3) Testi adottati, P7_TA(2011)0092.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 15, 31 u 32 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra t-Titolu XII tat-TFUE,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura,

A. billi l-Parlament Ewropew iddikjara l-pożizzjoni tiegħu dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol u t-tisħiħ tal-istejtus ta' min jitħarreġ, tal-internship u l-apprendistat fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-2010 li stiednet lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri, lis-sħab soċjali u lil partijiet interessati oħra, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, inter alia, biex:

— jaħdmu urġentement fuq strateġiji u politiki għas-suq ekonomiku u tax-xogħol biex jinħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar għaż-żgħażagħ, biex b'hekk tiġi evitata n-nassa tal-prekarjetà ta' żgħażagħ li jkollhom sensiela ta' impjiegi temporanji u internships mhux imħallsa li ma jwasslu għal ebda titjib reali fis-salarju u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u lanqas ma jwasslu għal forom aktar stabbli ta' impjieg;

— jappoġġaw il-politiki nazzjonali għat-taħriġ, l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol b'Garanzija għaż-Żgħażagħ li tiżgura d-dritt ta' kull persuna żagħżugħa fl-UE li tiġi offruta xogħol, apprendistat, taħriġ addizzjonali jew taħlita ta' xogħol u taħriġ wara perjodu massimu ta' 4 xhur qgħad;

— jintensifikaw l-isforzi biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u biex jiġu żviluppati strateġiji ta' għajnuna għaż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ (NEETs);

— itejbu r-rabtiet bejn l-oqsma tal-edukazzjoni u x-xogħol billi jaġġustaw aħjar il-kurrikuli edukattivi għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, jipprovdu internships ta' kwalità li joffru pagi diċenti u kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa, jintroduċu Karta Ewropea tal-Kwalità dwar l-Internships li tistabbilixxi standards minimi għall-internships biex jiġi żgurat il-valur edukattiv tagħhom u jiġi evitat l-isfruttament filwaqt li tingħata protezzjoni soċjali, u joħolqu aktar apprendistati, u apprendistati aħjar fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ETV) biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni taż-żgħażagħ mill-edukazzjoni għall-impjegar;

— iżidu l-isforzi biex jistabbilixxu u jimplimentaw sistema Ewropea għaċ-ċertifikazzjoni u r-rikonoxximent tat-tagħlim formali u informali, biex b'hekk tittejjeb il-mobilità tas-suq tax-xogħol kemm nazzjonali kif ukoll transkonfinali;

— jiżguraw politiki inklużivi biex tiġi evitata d-diskriminazzoni taż-żgħażagħ u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' gruppi li spiss jaffaċċjaw ostakli speċifiċi meta jidħlu fis-suq tax-xogħol, bħall-migranti żgħażagħ, il-ġenituri żgħażagħ, ir-Rom żgħażagħ u l-persuni b'diżabilità;

B. billi wara rkupru ekonomiku fjakk mill-2010, il-qgħad qed jerġa' jiżdied u l-medja tal-qgħad laħqet l-10 % u l-qgħad fost iż-żgħażagħ qabeż it-22 % fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li l-previżjonijiet ekonomiċi jindikaw perjodu mġedded ta' staġnar ekonomiku bil-livelli tal-qgħad jogħlew aktar u l-ebda prospett ta' rkupru li jwassal għal ħafna impjiegi fil-futur qrib;

C. billi s-sitwazzjoni tal-qgħad għaż-żgħażagħ tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri differenti, u r-rati tal-qgħad ivarjaw minn sew taħt l-10 % f'xi pajjiżi għal kważi 50 % fil-pajjiżi li ntlaqtu l-aktar mill-kriżi;

D. billi l-qgħad fost iż-żgħażagħ jista' jiġi indirizzat verament biss meta jiġi analizzat fil-kuntest usa' tas-sitwazzjoni tal-impjieg totali fi Stat Membru u tal-qafas ġenerali tal-politika ekonomika li jħaddan is-suq tax-xogħol nazzjonali;

E. billi raġuni waħda għal-livell għoli ta' qgħad fost iż-żgħażagħ hija n-nuqqas ta' impjiegi ġodda;

F. billi l-effetti negattivi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja u speċjalment tal-kriżi tad-dejn sovran taż-żona euro fl-Ewropa kellhom impatt saħansitra aktar serju fuq iż-żgħażagħ, speċjalment dawk li ma spiċċawx jew ma rnexxewx fl-edukazzjoni obbligatorja jew sekondarja tagħhom, dawk li qed jaffaċċjaw il-qgħad u l-esklużjoni soċjali fit-tul, u dawk li jgħixu f'reġjuni ekonomikament żvantaġġati, u għalhekk iż-żgħażagħ jinsabu f'sitwazzjoni agħar minn qabel;

G. billi ż-żieda allarmanti fil-qgħad fost iż-żgħażagħ thedded il-futur ekonomiku u soċjali ta' ħafna żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea, li għalhekk se jbatu ħafna minħabba l-kriżi;

H. billi l-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ teħtieġ aktar investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ fl-UE;

I. billi miżuri effikaċi jinvolvu t-trasferiment ta' ħaddiema minn industriji u setturi li qed imajnaw għal dawk li qed jikbru, u dan iwassal għall-innovazzjoni u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda;

J. billi fis-17 ta' Ġunju 2010 l-Kunsill Ewropew qabel dwar l-Istrateġija Ewropa 2020 u ħames Miri Ewlenin, li jinkludu:

— "it-tnaqqis tar-rati ta' tluq bikri mill-iskola għal inqas minn 10 %";

— "iż-żieda tas-sehem ta' persuni bejn it-30 u l-34 sena li jikkompletaw l-edukazzjoni terzjarja għal mill-inqas 40 %";

— "l-għan li r-rata tal-impjiegi għan-nisa u l-irġiel ta' bejn l-20 u l-64 sena togħla għal 75 %, anke permezz ta' parteċipazzjoni akbar taż-żgħażagħ, tal-ħaddiema aktar avvanzati fl-età u tal-ħaddiema bi ftit kwalifiki u permezz ta' integrazzjoni aħjar tal-migranti legali";

— "il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-faqar, billi jiġi stabbilit l-għan li mill-inqas 20 miljun ruħ jinħarġu mir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni";

K. billi l-Kummissjoni Ewropea, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Att dwar is-Suq Uniku, tiddikjara korrettament li approfondiment ulterjuri tas-Suq Uniku għandu l-potenzjal li joħloq l-impjiegi u l-prosperità meħtieġa urġentement biex tinbidel ix-xejra ekonomika u tiġi miġġielda l-kriżi ekonomika attwali;

L. billi l-Kummissjoni Ewropea, fil-Komunikazzjoni tagħha bit-titolu "Żgħażagħ Mobbli", ħeġġet lill-Istati Membri jintroduċu Garanzija għaż-Żgħażagħ u konsegwentement stiednet lill-Istati Membri jagħmlu aktar biex jimplimentaw tali garanziji;

M. billi waqt il-laqgħa tagħhom tat-30 ta' Jannar 2012, il-Membri tal-Kunsill Ewropew ippubblikaw dikjarazzjoni li stiednet lill-Istati Membri jtejbu l-provvista ta' ħaddiema u jnaqqsu l-qgħad fost iż-żgħażagħ u kkonkludew li, "l-objettiv għandu jkun li wara ftit xhur li jitilqu mill-iskola, iż-żgħażagħ jingħataw offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat, jew taħriġ";

N. billi fil-31 ta' Jannar 2012 il-President tal-Kummissjoni Ewropea Barroso bagħat ittri lil tmien Stati Membri li għandhom rati ta' qgħad fost iż-żgħażagħ ferm ogħla mill-medja tal-UE, u "Timijiet ta' azzjoni" ntbagħtu f'dawk l-Istati Membri biex jiżviluppaw pjanijiet għall-impjieg taż-żgħażagħ;

O. billi fatturi komuni f'dawn it-tmien pajjiżi huma rata għolja ħafna ta' tluq bikri mill-iskola u żgħażagħ bi ftit kwalifiki li jfittxu l-impjieg fis-suq tax-xogħol;

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

P. billi f'Mejju 2012 il-Kummissjoni Ewropea se tipproponi r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tagħha tal-2012, filwaqt li tiddikjara fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ" li l-Istati Membri, b'mod partikolari dawk bl-ogħla rati ta' qgħad fost iż-żgħażagħ għandhom, mingħajr ma jistennew ir-Rakkomandazzjonijiet imsemmija, jieħdu miżuri deċiżivi biex jevitaw it-tluq bikri mill-iskola, jiżviluppaw ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, jappoġġaw l-ewwel esperjenza ta' xogħol u t-taħriġ waqt ix-xogħol u jiffaċilitaw l-aċċess għall-(ewwel) impjieg;

Q. billi waqt il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Jannar 2012 il-President tal-Kummissjoni Ewropea Barroso ħabbar li EUR 82 biljun mill-baġit tal-Fondi Strutturali għad iridu jiġu allokati u jistgħu jiġu riallokati;

1. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ" li tibni fuq inizjattivi preċedenti tal-Kummissjoni bħal "Żgħażagħ Mobbli" u "Ħiliet ġodda u impjiegi ġodda" u l-bosta inizjattivi ppreżentati f'din is-sensiela ta' komunikazzjonijiet, iżda għandu dubji serji dwar jekk il-kobor tal-azzjonijiet proposti huwiex proporzjonat għall-gravità tal-kriżijiet attwali tal-qgħad fost iż-żgħażagħ esperjenzata f'ħafna Stati Membri;

2. Jenfasizza li s-sitwazzjoni tal-impjieg taż-żgħażagħ tiddependi ferm mis-sitwazzjoni ekonomika ġenerali; jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi" u jħeġġeġ lill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fl-UE jippreżentaw mill-aktar fis possibbli Pjan Ewropew ta' Investiment li jagħti spinta lit-tkabbir inklużiv, sostenibbli u li joħloq ħafna impjiegi;

3. Jilqa' d-dikjarazzjoni li saret mill-Kunsill Ewropew li tistieden lill-Istati Membri jintroduċu skemi nazzjonali simili għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġaw din it-talba b'miżuri rapidi u konkreti fil-livell nazzjonali sabiex ikun żgurat li ż-żgħażagħ ikollhom impjieg diċenti, edukazzjoni jew taħriġ (mill-ġdid) fi żmien erba' xhur minn meta jitilqu mill-iskola;

4. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-inizjattiva Garanzija għaż-Żgħażagħ u biex talloka EUR 4 miljun lill-Istati Membri biex tgħinhom jistabbilixxu skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, li għandhom ikun appoġġati b'politiki attivi għas-suq tax-xogħol biex jitnaqqas id-distakk bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u s-suq tax-xogħol, iżda jiddubita kemm din is-somma hija ambizzjuża biżżejjed biex il-pajjiżi li qed jaffaċċjaw rati għoljin ta' qgħad flimkien ma' restrizzjonijiet baġitarji nazzjonali jiġu megħjuna jimplimentaw dawn it-tipi ta' garanziji;

5. Jenfasizza li l-Garanzija għaż-Żgħażagħ trid ittejjeb b'mod effikaċi s-sitwazzjoni taż-żgħażagħ li la jkollhom impjieg u lanqas ikunu qed jitgħallmu jew jitħarrġu u tegħleb gradwalment il-problema tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE;

6. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni, kif deskritta fil-Komunikazzjoni bit-titolu "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi", li tippreżenta proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Garanziji għaż-Żgħażagħ sa tmiem l-2012 u jħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri jadottaw il-proposta sa tmiem l-2012;

7. Jagħraf il-fatt li ż-żgħażagħ qed ibatu minħabba diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol fir-rigward tal-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol u l-permanenza tagħhom fih bħala konsegwenza tas-sitwazzjoni prekarja u l-kuntratti temporanji tagħhom, u li din is-sitwazzjoni teħtieġ konformità sħiħa mal-prinċipju tat-trattament ugwali stabbilit mil-leġiżlazzjoni Ewropea;

8. Jenfasizza li l-ommijiet żgħażagħ ibatu b'mod partikolari minħabba d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol billi jieqfu jaħdmu temporanjament minħabba impenji tal-familja; għalhekk, jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, speċjalment billi jirrinfurzaw id-Direttiva dwar il-Liv tal-Maternità fil-livell tal-UE u billi jipprovdu servizzi ta' kura aċċessibbli, għall-but ta' kulħadd u ta' kwalità tajba għat-tfal u l-adulti dipendenti;

9. Huwa konvint li mod effikaċi li bih iż-żgħażagħ jiġu mħajra jerġgħu jibdew jaħdmu huwa li jiġu żviluppati riformi sistemiċi biex jiġi indirizzat il-qgħad strutturali;

10. Jilqa' s-sens ta' urġenza espress mill-inizjattiva tal-President tal-Kummissjoni Barroso biex jintbagħtu "Timijiet ta' azzjoni" fl-Istati Membri li għandhom l-ogħla rati ta' qgħad fost iż-żgħażagħ; jitlob lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament infurmat kif xieraq dwar l-aġendi u l-eżiti konkreti ta' dawn l-attivitajiet; jiddispjaċih li t-"Timijiet ta' azzjoni" twaqqfu u ngħataw il-mandat mill-Kummissjoni biss, u jissuġġerixxi li filfutur il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu involuti aktar mill-qrib fil-proċess;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tar-riformi tas-suq tax-xogħol marbuta mal-proposti li saru mit-"Timijiet ta' azzjoni" fuq ir-rata ta' impjieg u l-istandards ta' kwalità tal-impjieg fl-Istati Membri konċernati;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta r-regolament Ewropew dwar il-qafas ta' kwalità mill-aktar fis possibbli fl-2012 u tiddefinixxi standards minimi li jappoġġaw il-provvediment u l-użu ta' traineeships ta' kwalità għolja;

13. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kwalità ta' u l-għarfien dwar, u għaldaqstant l-istatus ta', l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, li huma alternattiva kruċjali għall-edukazzjoni għolja;

14. Jemmen li l-mobbiltà u l-opportunità li wieħed jaħdem fi Stat Membru ieħor jistgħu jkunu pass importanti għaż-żgħażagħ biex jiksbu aċċess aħjar għas-suq tax-xogħol; għalhekk, japprezza l-espansjoni talinizjattiva "Erasmus għal kulħadd" u jirrakkomanda li f'dan il-programm issir enfasi kbira fuq esperjenza ta' xogħol barra l-pajjiż għal studenti u żgħażagħ f'taħriġ vokazzjonali;

15. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu u jivvalutaw miri vinkolanti ġodda rigward iż-żgħażagħ b'attenzjoni partikolari għal strateġiji ta' kwalità u mmirati għaż-żgħażagħ skont l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 li għandhom jiġu inklużi fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tinkorpora b'mod ċar il-qgħad fost iż-żgħażagħ fis-Semestru Ewropew billi tistabbilih bħala submira fl-Istrateġija Ewropa 2020;

17. Jistieden lill-Istati Membri b'rati ta' qgħad baxxi jew li introduċew il-garanziji għaż-żgħażagħ b'suċċess, bħall-Awstrija, biex jikkollaboraw attivament ma' dawk l-Istati Membri affettwati ferm mill-qgħad fost iż-żgħażagħ, billi jittrasferixxu l-għarfien u l-mudelli li rnexxew tagħhom biex inaqqsu d-distakk li qed jikber bejn ir-rati ta' qgħad tagħhom u jiżviluppaw flimkien politiki aqwa u aktar inklużivi mmirati għaż-żgħażagħ b'impatt pożittiv fil-prattika;

18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw l-isfidi speċjali li ż-żgħażagħ jaffaċċjaw flaċċess tagħhom għall-protezzjoni soċjali u r-riskju tal-esklużjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu miżuri biex jittejjeb l-aċċess tagħhom għall-protezzjoni soċjali u r-remunerazzjoni;

19. Jiddeplora l-fatt li minkejja li issa qegħdin fir-raba' sena tal-kriżi, EUR 82 biljun mill-baġit tal-Fondi Strutturali taħt il-Perspettiva Finanzjarja 2007-2013 għadhom ma ntefqux; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi bħala prijorità r-riallokazzjoni ta' parti sostanzjali tat-82 biljun euro favur proġetti għaż-żgħażagħ, speċjalment favur impriżi żgħar u medji (SMEs) sabiex tingħata spinta lill-opportunitajiet ta' impjieg diċenti għaż-żgħażagħ u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li żżid r-rati ta' kofinanzjament għat-tmien pajjiżi li qed jaffaċċjaw rati partikolarment għoljin ta' qgħad;

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

20. Jistieden lill-Kummissjoni tfittex sorsi oħra u aktar ambizzjużi ta' finanzjament biex tgħin lill-Istati Membri jegħlbu r-rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ;

21. Iqis li huwa partikolarment importanti li jiġu allokati riżorsi għaż-żgħażagħ meta titfassal il-Qafas Finanzjarja għas-snin 2014-2020, b'enfasi partikolari fuq iż-żgħażagħ barra mill-impjieg, l-edukazzjoni jew it-taħriġ (NEETs);

22. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li dawn il-fondi jiġu allokati bl-involviment sħiħ tas-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ;

23. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex titheġġeġ il-mobbiltà fis-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ bħala parti mill-Programm il-ġdid għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni sabiex jitheġġew ifittxu impjiegi fi Stati Membri u f'reġjuni li jaffaċċjaw nuqqas ta' ħiliet u nuqqas ta' ħaddiema; jitlob, f'dan il-kuntest, li ssir enfasi akbar fuq is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ, speċjalment fir-rigward tat-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg, it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u l-kwalità tat-traineeships u l-apprendistati; jenfasizza li l-promozzjoni tal-mobbiltà fis-suq tax-xogħol trid timxi id f'id ma' protezzjoni soċjali aħjar u mat-tnaqqis tal-ostakli għall-mobbiltà f'termini ta' drittijiet soċjali u kopertura tas-sigurtà soċjali, speċjalment għaż-żgħażagħ f'riskju;

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffinanzjaw programmi ta' mobbiltà li jiffukaw fuq it-taħriġ u l-impjieg taż-żgħażagħ f'oqsma ġodda li jistgħu jsaħħu rkupru li jwassal għal ħafna impjiegi, partikolarment impjiegi ħodor u impjiegi fis-settur tal-kura kemm għall-ġuvintur kif ukoll għat-tfajliet;

25. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu sistemi edukattivi paralleli ta' edukazzjoni għax-xogħlijiet kollha li ma jeħtiġux edukazzjoni għolja, inklużi miri biex kumpaniji ta' ċertu daqs joffru apprendistati u inċentivi biex jiġu impjegati ż-żgħażagħ;

26. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġija aktar koordinata bejn il-pjanijiet nazzjonali ta' edukazzjoni u taħriġ u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, mhux biss fuq perjodu qasir ta' żmien iżda b'mod partikolari fuq perjodu medju u twil ta' żmien, sabiex jiġi evitat li ċerti setturi jikbru żżejjed, jitheġġeġ l-iżvilupp ta' swieq ġodda u biex ir-riżorsi jiġu trasferiti mis-setturi li fejn l-impjiegi qed jonqsu għas-setturi li qed jiżviluppaw bħall-ekonomija sostenibbli;

27. Jinkuraġġixxi l-adozzjoni ta' Strateġija Ewropea għall-Impjieg taż-Żgħażagħ li tappoġġa l-kumpaniji, l-organizzazzjonijiet tal-assistenza soċjali, l-awtoritajiet pubbliċi u impjegaturi oħra fil-ħolqien ta' impjiegi diċenti u ta' kwalità;

28. Huwa partikolarment preokkupat dwar l-impatt negattiv li t-tnaqqis baġitarju sostanzjali fl-edukazzjoni f'xi Stati Membri se jkollu fuq is-sitwazzjoni diffiċli li qed jaffaċċjaw iż-żgħażagħ u fuq l-implimentazzjoni tal-proposti fl-inizjattiva Żgħażagħ; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri dwar il-ksib mill-ġdid tas-sostenibbiltà fiskali ma jipperikolawx jew jeqirdu politiki u programmi bl-għan li jippromwovu l-impjieg taż-żgħażagħ u l-inklużjoni soċjali u/jew li jipprevjenu l-marġinalizzazzjoni u t-tbegħid taż-żgħażagħ mis-suq tax-xogħol;

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali

P7_TA(2012)0225

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali (2011/2285(INI))

(2013/C 264 E/12)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 157 TFUE,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) [1];

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 bl-isem "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015" (COM(2010)0491),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2010 bl-isem "Impenn Imsaħħaħ għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel: Karta f'Isem il-Mara" (COM(2010)0078),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ta' Mejju 2010 bl-isem "Id-Differenza fil-Pagi bejn in-Nisa u l-Irġiel fl-Ewropa minn Perspettiva Legali",

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ta' Frar 2009 min-netwerk Ewropew ta' esperti legali fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi bl-isem "It-Traspożizzjoni tad-Direttiva riformulata 2006/54/KE",

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2007 li ġġib l-isem "Niġġieldu kontra l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel" (COM(2007)0424),

— wara li kkunsidra r-rapport tan-netwerk ta' esperti legali tal-Kummissjoni fl-oqsma tax-xogħol, l-affarijiet soċjali u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa ta' Frar 2007 li jġib l-isem "Aspetti Legali tad-Differenza fil-Pagi bejn in-Nisa u l-Irġiel",

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-ugwaljanza bejn is-sessi (2011 - 2020) adottat mill-Kunsill fis-7 ta' Marzu 2011,

— wara li kkunsidra l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bbażata fuq l-Artikolu 157 tat-TFUE,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol tal-5 ta' Marzu 2010, li jġib l-isem "Addressing the gender pay gap: Government and social partner actions",

— wara li kkunsidra l-Qafas ta' Azzjonijiet dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tas-Sħab Soċjali Ewropej tal-1 ta' Marzu 2005, ir-rapporti ta' segwitu tiegħu tal-2006, l-2007 u l-2008 u r-rapport ta' evalwazzjoni finali tal-2009,

[1] ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

— wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1994 tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) dwar Xogħol Part Time ([1]), li teżiġi li l-pajjiżi jinkorporaw fil-kuntratti tal-akkwisti pubbliċi tagħhom klawżola dwar ix-xogħol li tinkludi l-kwistjoni ta' pagi indaqs,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni 100 tal-ILO, "Remunerazzjoni Indaqs",

— wara li kkunsidra l-webinar Global Compact tal-ILO u n-NU ta' Marzu 2011: "Ħlas Ugwali għal Xogħol ta' Valur Ugwali: Kif ser naslu?",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11(1)(d) tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Għamla ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU permezz tar-Riżoluzzjoni 34/180 tat-18 ta' Diċembru 1979,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Novembru 2008 dwar l-Applikazzjoni tal-prinċipju ta' ħlas indaqs għall-irġiel u n-nisa ([2]),

— wara li kkunsidra s-segwitu tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2009 għar-riżoluzzjoni tat-18 ta' Novembru 2008,

— wara li kkunsidra l-proposta tat-8 ta' Marzu 2010 minn 10 tal-Membri tiegħu għat-tfassil ta' rapport ta' inizjattiva leġiżlattiva dwar "Pagi Ugwali għal Xogħol Ugwali" skont l-Artikolu 42 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 42 u 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7–0160/2012),

A. billi skont l-aħħar ċifri proviżorji u mhux kompluti fl-Unjoni, il-paga medja tan-nisa fl-Unjoni hija 16,4 % inqas minn tal-irġiel, u d-differenza fil-pagi bejn is-sessi tvarja bejn 4,4 % u 27,6 % fl-Istati Membri, u billi – minkejja l-korp ta' leġiżlazzjoni sinifikanti fis-seħħ għal kważi 40 sena u l-azzjonijiet meħuda u r-riżorsi li ntefqu fit-tentattiv sabiex titnaqqas id-differenza ([3]) – il-livell ta' progress kien baxx ħafna (id-disparità fil-livell tal-Unjoni kienet 17,7 % fl-2006, 17,6 % fl-2007, 17,4 % fl-2008, 16,9 % fl-2009 u 16,4 % fl-2010) u f'xi Stati Membri d-differenza kompliet tikber; filwaqt li d-differenza tal-pagi bejn is-sessi tista' tkun ogħla milli indikat peress li d-dejta ta' tliet Stati Membri għadha nieqsa;

B. billi l-kawżi tad-differenza konsistentement kbira fil-pagi bejn is-sessi huma kumplessi, multipli u ħafna drabi interrelatati, u jmorru lil hinn ħafna mill-kwistjoni unika ta' pagi ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali; billi dawn il-kawżi jinkludu diskriminazzjoni diretta u indiretta, kif ukoll fatturi soċjali u ekonomiċi bħal swieq tax-xogħol segregati ħafna kemm orizzontalment kif ukoll vertikalment, sottovalutazzjoni tax-xogħol tan-nisa, inugwaljanza fl-ibbilanċjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u tradizzjonijiet u sterjotipi, anke fl-għażla ta' toroq edukattivi, fil-gwida għall-istudju, fl-aċċess għas-snajja u l-professjonijiet u konsegwentement għall-karrieri professjonali, b'mod partikolari għall-bniet u għan-nisa, li jwassluhom għal professjonijiet tipikament femminili li jitħallsu inqas; billi, skont analiżi minn esperti, id-diskriminazzjoni diretta u indiretta hija responsabbli għal madwar nofs id-differenza;

C. billi sikwit id-differenzi fil-pagi huma relatati ma' wirt kulturali u ma' fatturi legali u ekonomiċi preżenti fis-soċjetà ta' llum;

D. billi bħala medja n-nisa kellhom jaħdmu sat-2 ta' Marzu 2012 sabiex jaqilgħu daqs il-medja tal-qligħ tal-irġiel fis-sena sal-31 ta' Diċembru 2011;

([1]) http://www.ilo.org/ilolex/cgi-lex/pdconv.pl?host=status01&textbase=iloeng&document=178&chapter=1&query=%23status%3D01&highlight=on&querytype=bool&context=0
([2]) ĠU C 16 E, 22.1.2010, p. 21.
([3]) L-iżvilupp sostenibbli fl-Unjoni Ewropea: Rapport ta' monitoraġġ 2011 tal-istrateġija tal-iżvilupp sostenibbli tal-UE, Eurostat, 2011.

E. billi l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' pagi ugwali għal xogħol ugwali u għal xogħol tal-istess valur hija kruċjali sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi; billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikunu mistiedna jikkompilaw u regolarment joħorġu statistika li turi mhux biss il-medja tar-rata tal-paga f'siegħa, iżda wkoll l-ammonti ta' pagi li l-irġiel u n-nisa jirċievu għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali;

F. billi d-Direttiva 2006/54/KE kkontribwiet għat-titjib tas-sitwazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol iżda ma bidlitx b'mod profond il-leġiżlazzjoni dwar it-tnaqqis tad-differenza fil-pagi bejn is-sessi; billi studji preliminari minn esperti juru li sar ftit jew ma sar l-ebda tibdil fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri u ma ttieħdu l-ebda sanzjonijiet kontra dawk li jħaddmu; billi l-kumplessità tal-kwistjoni ma tirrkjedix biss it-titjib tal-leġiżlazzjoni iżda wkoll strateġija madwar l-Ewropa sabiex tiġi indirizzata d-differenza fil-pagi bejn is-sessi, li, min-naħa tagħha, teħtieġ tmexxija soda min-naħa tal-Unjoni fil-koordinazzjoni ta' politiki, il-promozzjoni tal-prattiki tajba u l-involviment ta' atturi varji;

G. billi t-tendenzi juru li s-salarji qegħdin iżjed ta' spiss jiġu nnegozjati b'mod individwali, li jirriżulta f'nuqqas ta' informazzjoni u trasparenza dwar is-sistema ta' ħlas individwalizzat li twassal għal iżjed disparitajiet fil-pagi fost dawk li jħaddmu f'livelli simili, u jista' jirriżulta fit-twessigħ tad-differenza fil-ħlas bejn is-sessi; billi sistema iżjed deċentralizzata u individwalizzata sabiex jiġu stabbiliti l-pagi għandha għalhekk tiġi vvalutata bħala żvilupp li pjuttost iqajjem tħassib, waqt li l-ħarsien tad-data ma jistax jiġi użat bħala skuża leġittima sabiex ma tiġix ippubblikata informazzjoni statistika dwar is-salarji;

H. billi, fl-Istati Membri kollha, l-istudenti nisa jiksbu rata ta' suċċess edukattiv ogħla mill-istudenti rġiel u jirrappreżentaw daqs 59 % tal-gradwati universitarji kollha; billi, madankollu, minħabba t-tradizzjonijiet u l-isterjotipi fl-edukazzjoni huma minoranza tal-gradwati universitarji f'oqsma bħall-matematika u l-inġinerija tal-kompjuter;

I. billi l-ħiliet u l-kompetenzi tan-nisa ħafna drabi huma sottovalutati, bħalma huma sottovalutati l-professjonijiet u x-xogħlijiet li fihom jippredominaw in-nisa, minkejja li dan mhux neċessarjament ġustifikat permezz ta' xi kriterju oġġettiv; billi t-twessigħ tal-prospetti tal-karriera u l-bidliet fix-xejriet edukattivi tan-nisa jista' jkollhom influwenza pożittiva fuq l-indirizzar tad-differenza fil-pagi bejn is-sessi;

J. billi n-nisa jiġu impjegati iżjed ta' spiss f'xogħol part-time, u billi d-differenza fil-pagi bejn is-sessi tammonta għal kważa d-doppju fost il-ħaddiema part-time milli fost il-ħaddiema full-time;

K. billi, skont analiżi minn esperti, id-differenza fil-pagi bejn is-sessi tibda tidher wara li l-mara tmur lura lejn is-suq tax-xogħol mil-liv tal-maternità tagħha, tiżdied minħabba interruzzjonijiet ripetuti fil-karriera minħabba fatturi esterni, bħal waqfien mix-xogħol biex tieħu ħsieb tfal jew membri dipendenti tal-familja, u aktarx li tkompli tikber bl-età u l-livell edukattiv; billi l-karrieri anqas rapidi, iqsar u/jew interrotti tan-nisa joħolqu wkoll differenza tas-sessi fil-kontribuzzjonijiet għas-sistemi tas-sigurtà soċjali u b'hekk iżidu r-riskju li n-nisa jispiċċaw foqra f'età anzjana;

L. billi l-istatistika disponibbli tindika li l-kwalifiki u l-esperjenza li jiksbu n-nisa jirriżultaw f'kumpens finanzjarju anqas minn dawk li jiksbu l-irġiel; billi, barra mill-kunċett ta' pagi ugwali għal xogħol ta' valur ugwali, li m'għandux ikun ippreġudikat minn approċċ sterjotipiku għad-differenza bejn is-sessi, jeħtieġ li jitwarrbu rwoli tradizzjonali fis-soċjetà, li s'issa influwenzaw b'mod sinifikattiv l-għażla ta' edukazzjoni u l-karriera; billi huwa possibbli u neċessarju li jiġu eliminati l-perċezzjonijiet soċjali tas-sessi mill-qasam edukattiv; billi bl-istess mod il-liv tal-maternità jew tal-ġenituri m'għandux iwassal għal diskriminazzjoni kontra n-nisa fis-suq tax-xogħol;;

M. billi min iħaddem f'industriji u impjiegi femminizzati jħallas pagi inqas bħala medja, u billi dawn l-industriji u l-impjiegi normalment ikollhom inqas rappreżentanza u saħħa tan-negozjar kollettiv;

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

N. billi, skont il-leġiżlazzjoni u l-każistika Ewropea, dawk li jħaddmu għandhom japplikaw l-istess kriterji ta' valutazzjoni għall-persunal kollu, l-arranġamenti ta' remunerazzjoni għandhom ikunu jiftiehmu u trasparenti, u l-kriterji applikati għandhom jikkunsidraw in-natura u t-tip ta' xogħol u għandhom ikunu ħielsa minn elementi dikriminatorji;

O. billi d-differenza fil-pagi hija aktar qawwija fost in-nisa bi żvantaġġi multipli, bħal nisa b'diżabbiltà, nisa minn minoranzi u nisa bla kwalifiki;

P. billi l-għadd ta' klejms dwar diskriminazzjoni fil-forma ta' differenza fil-pagi bejn is-sessi li jaslu għand il-qrati kompetenti huwa żgħir ([1]); billi jeżistu ħafna spjegazzjonijiet għal din l-iskarsezza, inkluż nuqqas ta' informazzjoni dwar il-pagi, l-ambitu problematiku tat-tqabbil, in-nuqqas ta' riżorsi personali tar-rikorrent;

Q. billi l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jista' jkollu rwol fundamentali fil-monitoraġġ tal-iżvilupp tad-differenza fil-pagi bejn is-sessi, l-analiżi tal-kawżi tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt tal-leġiżlazzjoni;

R. billi l-Parlament talab ripetutament lill-Kummissjoni biex tieħu inizjattivi, inkluża r-reviżjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti, sabiex tindirizza d-differenza fil-pagi bejn is-sessi, u biex jiġi eradikat ir-riskju tal-faqar fost il-pensjonanti, li huwa akbar fost in-nisa bħala effett dirett tad-differenza fil-pagi bejn is-sessi;

1. Jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva 2006/54/KE sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar 2013, skont l-Artikolu 32 tagħha, u tipproponi emendi għaliha fuq il-bażi tal-Artikolu 157 TFUE, wara rakkomandazzjonijiet dettaljati stabbiliti fl-anness ta' din ir-riżoluzzjoni, mill-inqas għal dak li jirrigwarda l-aspetti li ġejjin tal-kwistjoni dwar id-differenza fil-pagi bejn is-sessi:

— definizzjonijiet,

— analiżi tas-sitwazzjoni u t-trasparenza tar-riżultati,

— evalwazzjoni tax-xogħol u l-klassifikazzjoni tal-impjieg,

— korpi għall-ugwaljanza u rimedju legali,

— id-djalogu soċjali,

— prevenzjoni tad-diskriminazzjoni

— integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi,

— sanzjonijiet,

— is-simplifikazzjoni ta' regolazzjoni tal-Unjoni u tal-politika tal-Unjoni;

2. Jikkonferma li r-rakkomandazzjonijiet jirrispettaw il-prinċipji fundamentali u l-prinċipju ta' sussisdjarjetà;

3. Iqis li l-proposti mitluba mhuma se jkollhom l-ebda implikazzjoni finanzjarja;

([1]) Dokument ta' sfond li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem: "Strateġija għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel 2010-2015" SEC(2010)1080, p. 36.

4. Jirrikonoxxi li jeżistu bosta kawżi li jkabbru d-differenza fil-pagi u għalhekk, li approċċ b'ħafna livelli u aspetti jeħtieġ tmexxija soda mill-Unjoni Ewropea għall-koordinazzjoni tal-politiki, il-promozzjoni tal-prattiki tajba u l-involviment ta' diversi atturi bħas-sħab soċjali u l-NGOs Ewropej, bl-għan li tinħoloq strateġija madwar l-Ewropa kollha sabiex tindirizza d-differenza fil-pagi bejn is-sessi;

5. Jitlob lill-Istati Membri jimplimentaw u jinfurzaw id-Direttiva 2006/54/KE riformulata b'mod konsistenti u jħeġġu lis-settur privat u lis-settur pubbliku jieħdu parti iżjed attiva fit-tnaqqis tad-differenza fil-pagi bejn is-sessi; l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom iħeġġu lis-sħab soċjali, inklużi dawk li jħaddmu, biex iwettqu skemi għall-evalwazzjoni ta' impjiegi mingħajr preġudizzji relatati mas-sessi, biex jimplimentaw sistemi ta' klassifikazzjoni tal-impjiegi, u biex irawwmu l-kunċett ta' xogħol imsejjes fuq paga indaqs;

6. Jitlob lill-Istati Membri jkunu huma stess eżemplari fil-ġlieda kontra l-inugwaljanzi fil-pagi għan-nisa f'karigi governattivi, istituzzjonijiet u kumpaniji pubbliċi b'mod ġenerali;

7. Jinnota li negozjati u diskussjonijiet kollettivi għandhom rwol importanti fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra n-nisa, u mhux lanqas f'dak li jirrigwarda l-aċċess għax-xogħol, pagi, kundizzjonijiet tax-xogħol, avvanz fil-karrieri u taħriġ vokazzjonali;

8. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni "Ġurnata Ewropea għal Pagi Indaqs" li twaqqfet għall-ewwel darba fil-5 ta' Marzu 2011 u li ġiet organizzata għat-tieni darba fit-2 ta' Marzu 2012;

9. Jinnota li inugwaljanzi fil-pagi minħabba xi fattur ieħor bħal razza, etniċità, orjentazzjoni sesswali u reliġjon ma tridx tkun tollerata;

10. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kunsill taħt il-Presidenza Belġjana fl-2010 dwar l-evalwazzjoni u l-aġġornament tal-grupp ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi;

11. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tħeġġeġ koordinazzjoni eqreb fost l-Istati Membri rigward ir-riċerka, l-analiżi u l-isfruttament bis-sħiħ tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki;

12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, bl-involviment tas-sħab soċjali kull meta jkun possibbli, biex jiskambjaw l-aħjar prattiki u jżidu l-kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' ideat ġodda għall-indirizzar tad-differenzi fil-pagi bejn is-sessi;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jopponu l-inugwaljanzi fil-pagi bejn is-sessi fil-politiki tal-Unjoni u l-programmi nazzjonali relevanti kollha, b'mod partikulari dawk maħsuba għall-ġlieda kontra l-faqar;

14. Jissuġġerixxi li l-Istati Membri jistgħu jkunu jixtiequ jaħtru Difensur tal-Pagi Indaqs sabiex iwettaq monitoraġġ tas-sitwazzjoni fi Stati Membri individwali u jirrapporta lura lill-parlamenti nazzjonali tagħhom u lill-Parlament Ewropew dwar il-progress li jkun qiegħed isir;

15. Jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC ([1]), bl-għan li tiġi eliminata d-differenza fil-pagi bejn is-sessi;

16. Iħeġġeġ lis-sħab soċjali jerfgħu r-responsabbiltà tagħhom għall-ħolqien ta' struttura ta' pagi iżjed ugwali bejn is-sessi; sabiex jipprovdu taħriġ dwar il-ħiliet fin-negozjar, inkluż in-negozjar ta' pagi; sabiex jippromwovu l-kuxjenza dwar pagi ugwali fl-ewwel istanza, bil-ħsieb li jaħdmu lejn awditi obbligatorji tal-pagi; u sabiex issaħħu l-pożizzjonijiet tan-nisa fl-istruttura tas-sħubija soċjali, b'mod partikolari f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

([1]) ĠU L 14, 20.1.1998, p. 9.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

17. Jistieden lill-Istati Membri jipprevedu l-possibilità ta' rimedju kollettiv kontra ksur tal-prinċipju ta' pagi indaqs, bħala mezz biex l-individwi u/jew korpi rappreżentattivi biex iressqu każ f'isem kwerelanti li jagħtu l-kunsens fi proċedimenti tal-qorti u biex l-NGOs u t-trejdunjins jingħataw rikonoxximent legali biex jirrappreżentaw vittmi ta' diskriminazzjoni anke fi proċedimenti amministrattivi; jistieden lill-Kummissjoni teżamina, fil-kuntest tal-proposta imminenti tagħha għal strument orizzontali dwar rimedju kollettiv, l-inklużjoni ta' rimedju kollettiv kontra ksur tal-prinċipju ta' pagi indaqs;

18. Jenfasizza li għad żgħir ħafna ta' klejms ta' diskriminazzjoni fil-pagi bejn is-sessi waslu sal-qrati kompetenti (regolari jew amministrattivi); iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għaldaqstant, biex ikomplu l-kampanji ta' qawmien ta' kuxjenza, anke billi jipprovdu informazzjoni adegwata dwar l-oneru tal-provi, minħabba li dan għandu rwol importanti fl-iżgurar tal-prinċipju ta' trattament indaqs;

19. Huwa tal-fehma li jeħtieġ li l-proċeduri u l-mekkaniżmi għad-difiża tal-prinċipju tal-paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali u biex jipprojbixxu kull forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sessi, jitjiebu u jiġu semplifikati;

20. Jitlob lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u 'l dawk ta' min iħaddem biex flimkien jiżviluppaw strumenti oġġettivi ta' valutazzjoni ta' impjiegi sabiex jitnaqqsu d-differenzi fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa;

21. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jiddeterminaw l-objettivi, l-istrateġiji u l-limiti taż-żmien biex jitnaqqsu d-differenzi fil-pagi bejn is-sessi u biex il-ħlas għall-istess xogħol u għal xogħol tal-istess valur ikun indaqs;

22. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi aktar riċerka dwar strateġiji ta' flessigurtà sabiex tevalwa l-impatt tagħhom fuq id-differenzi fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa u tiddetermina kif dawk l-istrateġiji jistgħu jgħinu l-indirizzar tad-diskriminazzjoni bejn is-sessi;

23. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2010 li stiednu lill-Istati Membri jwettqu miżuri b'ambitu wiesa' biex jegħlbu l-kawżi ta' din l-inugwaljanza fil-pagi;

24. Isostni li ż-żieda fl-impjiegi tan-nisa, speċjalment fil-pożizzjonijiet ta' livell għoli, tista' tgħin biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel; jirrimarka dwar il-ħtieġa li n-nisa jkollhom irwol aktar attiv fit-teħid tad-deċiżjonijiet fis-settur ekonomiku, bl-użu tal-influwenza tagħhom biex jittieħdu deċiżjonijiet li jqisu perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi; jiġbed l-attenzjoni għall-istudji li kkonkludew li teżisti korrelazzjoni qawwija bejn preżenza akbar femminili fil-pożizzjonijiet ta' tmexxija fil-kumpaniji u profitti akbar tal-kumpaniji minn assi, bejgħ u mill-kapital investit;

25. Ifakkar lill-Istati Membri bl-impenji tagħhom rigward rieżami tal-effett li l-politiki fiskali u ta' impjieg għandhom fuq id-differenza fil-pagi;

26. Jipproponi li l-Parlament għandu joffri premju "In-nisa u n-Negozju fl-Ewropa' li jkun jista' jingħata lil dawk li jħaddmu (impriżi, istituzzjonijiet u awtoritajiet) li jkunu fuq quddiem fil-promozzjoni tan-nisa, li jappoġġjaw lin-nisa f'pożizzjonijiet għolja u li jipprattikaw paga indaqs;

27. Jenfasizza l-ħtieġa li jittieħdu miżuri favur il-promozzjoni tal-iżvilupp professjonali u tal-karrieri f'kundizzjonijiet ta' ugwaljanza reali bejn in-nisa u l-irġiel; jirrimarka li dan il-prinċipju jifforma parti mill-kunċett tar-responsabilità soċjali tal-impriżi, li hija promossa fuq livell internazzjonali u nazzjonali u jeħtieġ li jkun żviluppat fl-Istati Membri kollha;

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dettaljati mehmużin magħha lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

ANNESS

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI RIGWARD IL-KONTENTUT TAL-PROSPOSTA MRESSQA

Rakkomandazzjoni 1: DEFINIZZJONIJIET

Id-Direttiva 2006/54/KE tagħti definizzjoni ta' pagi ugwali billi tikkopja d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 75/117/KEE tal-Kunsill ta' l-10 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa ([1]). Biex ikun hemm kategoriji aktar preċiżi bħala għodda biex tiġi trattata d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa (gender pay gap - GPG) huwa importanti li tingħata definizzjoni aktar preċiża tal-kunċetti differenti, bħal pereżempju:

— GPG, li d-definizzjoni tagħha m'għandhiex tkopri biss il-paga grossa fis-siegħa, waqt li jrid ikun hemm distinzjoni bejn il-GPG mhux aġġustata u dik "netta";

— Diskriminazzjoni diretta u indiretta fil-pagi;

— Rimunerazzjoni, li d-definizzjoni tagħha għandha tkopri kull paga netta u salarju nett kif ukoll kull dritt finanzjarju marbut max-xogħol u kull benefiċċju in natura;

— Differenza fil-pensjonijiet (f'pilastri differenti tas-sistemi ta' pensjoni, pereżempju fis-sistemi ta' rtirar mhux iffinanzjati u fl-iskemi tal-pensjoni ta' kumpanija, bħala kontinwazzjoni tad-differenzi fil-pagi wara li wieħed jirtira);

— Xogħol trattat bħala "ugwali" (f'kategoriji individwali ta' xogħlijiet);

— Xogħol tal-istess valur, sabiex ikunu msemmija fatturi rilevanti;

— Min iħaddem, biex ikun żgurat li r-responsabilità għall-pagi tal-ħaddiema u kwalunkwe inugwaljanza possibbli tkun definita b'mod ċar;

— Professjonijiet u ftehimiet kollettivi – għandu jkun iċċarat aktar li impjiegi relatati ma' ftehimiet kollettivi differenti u professjonijiet differenti jistgħu jitqabblu fil-qorti, sakemm l-impjiegi jkunu komparabbli bħala xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali.

Rakkomandazzjoni 2: ANALIŻI TAS-SITWAZZJONI U T-TRASPARENZA TAR-RIŻULTATI

2.1. In-nuqqas ta' informazzjoni u għarfien fost l-impjegati u min iħaddem dwar l-eżistenza ta' differenzi possibbli fil-pagi fil-kumpanija tagħhom kif ukoll in-nuqqas ta' għarfien tagħhom idgħajjef l-implimentazzjoni tal-prinċipju mħaddan fit-Trattat u fil-leġiżlazzjoni eżistenti.

2.2. Billi jirrikonoxxi li hemm nuqqas ta' data statistika preċiża, komparabbli u koerenti, inkluż dwar id-differenza fil-ħlas part-time bejn is-sessi (GPG) u fil-pensjonijiet, u r-rati eżistenti tal-pagi aktar baxxi għan-nisa, speċjalment fi professjonijiet fejn tradizzjonalment hemm predominanza ta' nisa, l-Istati Membri għandhom jagħtu kunsiderazzjoni sħiħa għad-differenza fil-pagi bejn is-sessi fil-politiki soċjali tagħhom u jittrattawha bħala problema serja.

2.3. Huwa għalhekk essenzjali li awditi regolari tal-pagi, kif ukoll il-pubblikazzjoni tar-riżultati tagħhom, filwaqt li titqies il-protezzjoni tad-data personali, isiru obbligatorji fi ħdan il-kumpaniji (pereżempju kumpaniji li jħaddmu tal-anqas 30 impjegat u fejn kull sess hu rappreżentat b'mill-inqas 10 % tal-impjegati). Dan ir-rekwiżit jista' japplika wkoll għal tagħrif dwar remunerazzjoni addizzjonali mal-pagi. Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-impjegati, it-trejdjunjins u l-awtoritajiet adegwati (pereżempju spezzjonijiet tax-xogħol, korpi għall-ugwaljanza).

2.4. Min iħaddem għandu jipprovdi lill-impjegati u lir-rappreżentanti tagħhom riżultati taħt forma ta' statistika dwar il-pagi, kategorizzata skont is-sess iżda filwaqt li tkun ikkunsidrata l-protezzjoni tad-dejta personali. Din l-informazzjoni għandha tinġabar fil-livelli settorjali u nazzjonali f'kull Stat Membru.

2.5. Għandu jkun hemm rekwiżit fuq min iħaddem sabiex jadotta politika ta' trasparenza rigward il-kompożizzjoni u l-istrutturi tas-salarji, inkluż ħlas żejjed, bonusijiet u vantaġġi oħra li jagħmlu parti mir-remunerazzjoni.

([1]) ĠU L 45, 19.2.1975, p. 19.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

2.6. Meta l-istatistika dwar il-pagi turi differenzi ta' gruppi jew individwali fil-pagi fuq bażi ta' sess, min iħaddem huwa obbligat li janalizza aktar dawn id-differenzi u jirreaġixxi biex jeliminahom.

Rakkomandazzjoni 3: EVALWAZZJONI TAX-XOGĦOL U KLASSIFIKAZZJONI TAL-IMPJIEGI

3.1. Il-kunċett tal-valur tax-xogħol irid ikun ibbażat fuq kwalifiki, ħiliet interpersonali u responsabbiltà li jenfasizzaw il-kwalità tax-xogħol, bl-għan li jiġu promossi l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel. Dan il-kunċett m'għandux ikun karatterizzat minn approċċ sterjotipiku li jisfavorixxi n-nisa, billi pereżempju jenfasizza s-saħħa fiżika aktar mill-ħiliet interpersonali u għandu jiżgura li xogħol li jinvolvi responsabbiltà minn persuni ma jitqiesx li għandu valur aktar baxx minn xogħol b'responsabbiltà minn riżorsi materjali jew finanzjarji. Għalhekk, in-nisa trid tingħatalhom informazzjoni, għajnuna u/jew taħriġ fin-negozjar tal-pagi, il-klassifikazzjoni tax-xogħol u l-livelli ta' pagi. Irid ikun hemm il-possibilità li setturi u kumpaniji jintalbu jeżaminaw jekk is-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-impjiegi tagħhom jirriflettux id-dimensjoni tas-sessi differenti kif meħtieġ, u sabiex jagħmlu l-korrezzjonijiet meħtieġa.

3.2. L-inizjattiva tal-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex idaħħlu klassifikazzjoni ta' impjiegi li taqbel mal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn l-irgiel u n-nisa, u li tippermetti kemm lil min iħaddem u kemm lill-ħaddiema jidentifikaw diskriminazzjoni fil-pagi li jista' jkun hemm fuq il-bażi ta' definizzjoni ta' skala ta' pagi preġudikata. Għandu jibqa' importanti r-rispett tal-liġijiet u tradizzjonijiet nazzjonali rigward is-sistema ta' relazzjonijiet industrijali. Elementi bħal dawn ta' evalwazzjoni u klassifikazzjoni tax-xogħol għandhom ikunu wkoll trasparenti u jkunu għad-dispożizzjoni ta' kull min hu kkonċernat u tal-ispettorati tax-xogħol u ta' korpi għall-ugwaljanza.

3.3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu evalwazzjoni bir-reqqa ffukata fuq il-professjonijiet iddominati minn nisa,

3.4. Evalwazzjoni newtrali tax-xogħol dwar id-diffferenza bejn is-sessi għandha tkun ibbażata fuq sistemi ġodda ta' klassifikazzjoni u organizzazzjoni ta' persunal u ta' xogħol u fuq esperjenza professjonali u prodottività li tkun fuq kollox evalwata f'termini kwalitattivi, bħal edukazzjoni u kwalifiki oħra, rekwiżiti mentali u fiżiċi, responsabbiltà għal riżorsi umani u materjali, biex tintuża bħala sors ta' data u grids ta' evalwazzjoni li jiddeterminaw il-pagi, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju tal-komparabilità.

Rakkomandazzjoni 4: KORPI GĦALL-UGWALJANZA U RIMEDJU LEGALI

Il-korpi ta' promozzjoni tal-ugwaljanza u ta' monitoraġġ għandhom ikollhom rwol akbar fit-tnaqqis tal-GPG. Il-korpi għandu jkollhom is-setgħa li jimmonitorjaw, jirrappurtaw, u fejn ikun possibbli jinfurzaw b'mod aktar effikaċi u independent l-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi waqt li għandhom jiġu ffinanzjati b'mod adegwat. L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/54/KE għandu jigi rivedut sabiex iseddaq il-mandat tal-korpi billi:

— jagħtu appoġġ u pariri lill-vittmi ta' diskriminazzjoni fil-pagi;

— jipprovdu stħarriġ indipendenti rigward id-differenza fil-pagi;

— jippubblikaw rapporti indipendenti u jagħtu rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni relatata ma' diskriminazzjoni fil-pagi;

— ikollhom setgħat legali sabiex jibdew l-investigazzjoni tagħhom stess;

— ikollhom setgħat legali sabiex jimponu sanzjonijiet f'każijiet ta' ksur tal-prinċipju ta' pagi ugwali għal xogħol ugwali u/jew jiftħu kawżi fil-qrati dwar diskriminazzjoni fil-pagi;

— jipprovdu taħriġ speċjali għas-sħab soċjali u għall-avukati, l-imħallfin u l-ombudsmen ibbażat fuq ġabra ta' strumenti analitiċi u miżuri mmirati sabiex jintużaw jew fit-tfassil ta' kuntratti jew sabiex jiġi vverifikat jekk ir-regoli u l-politiki li jindirizzaw id-differenza fil-pagi humiex qegħdin jiġu implimentati, kif ukoll billi jipprovdu korsijiet ta' taħriġ u materjali ta' taħriġ dwar evalwazzjoni mhux diskriminatorja tal-impjiegi għal min iħaddem;

Rakkomandazzjoni 5: DJALOGU SOĊJALI

Jeħtieġ aktar skrutinju ta' ftehimiet kollettivi u skali ta' pagi applikabbli tagħhom u skemi ta' evalwazzjoni tax-xogħol, l-aktar rigward it-trattament ta' ħaddiema part-time u ta' ħaddiema b'arranġamenti atipiċi ta' xogħol oħrajn jew pagamenti addizzjonali/bonusijiet inklużi ħlasijiet in natura. Skrutinju bħal dan għandu jkopri mhux biss kundizzjonijiet ta' xogħol primarji, imma wkoll kundizjonijiet ta' xogħol sekondarji u skemi ta' sigurtà soċjali rigward xogħol (regoli għal-liv, skemi tal-pensjoni, karozzi tal-kumpaniji, arranġamenti għall-kura tat-tfal, ħin tax-xogħol flessibbli, bonusijiet eċċ.). L-Istati Membri, filwaqt li jirrispettaw il-liġi nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattiki, għandhom jinkoraġġixxu lis-sħab soċjali biex jintroduċu klassifikazzjonijiet tal-impjiegi newtrali fir-rigward tal-ġeneru, hekk li kemm min iħaddem u kemm l-impjegati jkunu jistgħu jidentifikaw diskriminazzjonijiet fil-pagi li jista' jkun hemm li jkunu bbażati fuq definizzjoni ta' skala ta' paga preġudikata.

Il-ġestjoni tista' wkoll ikollha rwol importanti mhux biss rigward l-ekwità tal-ħlas, iżda wkoll f'termini ta' ħolqien ta' klima għall-appoġġ ta' kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet tal-kura u l-avvanz tal-karriera kemm għall-impjegati rġiel kif ukoll għal dawk nisa.

Is-sħab soċjali għandhom jingħataw is-setgħa li jinkludu fl-aġenda kwistjonijiet dwar pagi indaqs, mhux biss fi ħdan is-setturi tagħhom stess, iżda wkoll li jagħżlu li jkun hemm bilanċ intersettorjali ([1]).

Il-Kummissjoni għandha tfassal ktieb ta' gwida għad-djalogu soċjali fil-kumpaniji u l-Istati membri li jkun operattiv, prattiku u faċli biex jintuża. Dan għandu jinkludi linji gwida u kriterji biex ikun deċiż il-valur tax-xogħol u għat-tqabbil tal-impjiegi. Għandha tinkludi wkoll suġġerimenti għal metodi ta' evalwazzjoni tal-impjieg possibbli.

Rakkomandazzjoni 6: PREVENZJONI TAD-DISKRIMINAZZJONI

Għandu jkun hemm referenza speċifika għad-diskriminazzjoni fil-pagi fl-Artikolu 26 (dwar il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni) tad-Direttiva 2006/54/KE, bil-għan li jiġi żgurat li l-Istati Membri, bl-involviment tas-sħab soċjali u organizzazzjonijiet favur opportunitajiet indaqs, jaddottaw:

— miżuri speċifiċi rigward taħriġ u klassifikazzjoni ta' impjiegi, immirati lejn sistemi ta' taħriġ vokazzjonali u mfassla biex jneħħu u jipprevjenu d-diskriminazzjoni fit-taħriġ u l-klassifikazzjoni u fil-valutazzjoni ekonomika tal-ħiliet,

— politiki speċifiċi sabiex ikun possibbli li tintlaħaq armonija bejn ix-xogħol u l-ħajja personali, li tkopri l-kura tat-tfal u ta' persuni dipendenti oħra u servizzi oħra ta' kura ta' kwalità bi prezzijiet raġonevoli, organizzazzjoni u sigħat tax-xogħol flessibbli, u liv tal-maternità, tal-paternità, tal-ġenituri u tal-familja,

— azzjonijiet konkreti (skont l-Artikolu 157(4) tat-TFUE) biex jirrimedjaw id-differenzi fil-pagi u s-segregazzjoni minħabba differenza tas-sessi, li jiddaħħlu fis-seħħ mis-sħab soċjali u organizzazzjonijiet favur opportunitajiet indaqs fil-livelli varji, kemm kuntrattwali u kemm settorjali, bħalma huma: il-promozzjoni ta' ftehimiet rigward pagi biex jikkumbattu l-GPG, investigazzjonijiet rigward pagi ndaqs għal xogħol ugwali, l-iffissar ta' objettivi kwalitattivi u kwantitattivi u benchmarking u l-appoġġ tal-iskambji tal-aħjar prattika,

— klawsola f'kuntratti pubbliċi li tesiġi rispett għall-ugwaljanza bejn is-sessi u għall-pagi ndaqs għal xogħol ugwali.

Rakkomandazzjoni 7: INTEGRAZZJONI TAL-ĠENERU

L-integrazzjoni tal-ġeneru għandu jisseddaq bl-inklużjoni fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2006/54/KE ta' linji gwida preċiżi għall-Istati Membri rigward il-prinċipju tal-pagi ndaqs u biex jitnaqqsu d-differerenza fil-pagi. Il-Kummissjoni għandha tarma ruħha biex tipprovdi għajnuna lill-Istati Membri u lil min hu involut fir-rigward ta' miżuri prattiċi biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn is-sessi permezz ta' dan li ġej:

— jitfasslu skemi ta' rappurtar bl-iskop li jevalwaw id-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa,

— jinħoloq bank ta' data li jiġbor l-informazzjoni dwar bidliet fis-sistemi ta' klassifikazzjoni u organizzazzjoni tal-ħaddiema,

— jinġabru u jitqassmu r-riżultati ta' esperimenti dwar ir-riforma tal-organizzazzjoni tax-xogħol,

([1]) Fondazzjoni Ewropea għal Titjib fil-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u x-Xogħol: Nindirizzaw id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa: Azzjonijiet tal-gvern u tas-sħab soċjali, 5 ta' Marzu 2010, p. 30.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

— jixterdu informazzjoni u linji gwida rigward mezzi prattiċi, b'mod partikulari għall-SMEs (pereżempju dwar l-għodda LOGIB-D ibbażata fuq l-IT) biex jitnaqqsu d-differenzi fil-pagi, inklużi ftehimiet kollettivi nazzjonali u settorjali,

— l-iżvilupp, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali u mal-assoċjazzjonijiet, ta' ċertifikat ta' kwalità għall-ugwaljanza fil-pagi Ewropew li l-istituzzjonijiet, impriżi u awtoritajiet ikunu jistgħu jużaw biex jirreklamaw il-konformità tagħhom ma' kriterji speċifiċi li jikkonċernaw l-ugwaljanza fil-pagi, bħal, pereżempju, it-trasparenza tal-pagi,

— it-tfassil ta' linji gwida speċifiċi għall-monitoraġġ tad-differenzi fil-pagi fil-qafas ta' ftehimiet kollettivi, li għandu jkun disponibbli fuq sit tal-Internet tradott f'numru ta' lingwi u aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha.

Rakkomandazzjoni 8: SANZJONIJIET

8.1. Għal raġunijiet differenti, il-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam jidher biċ-ċar li hija anqas effikaċi u, jekk wieħed iżomm f'moħħu li l-problema kollha ma tistax tissolva bil-leġiżlazzjoni biss, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom isaħħu l-leġiżlazzjoni preżenti b'għamliet xierqa ta' sanzjonijiet effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

8.2. Huwa importanti li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ksur tal-prinċipju ta' pagi ugwali għal xogħol ugwali jkun suġġett għal sanzjonijiet xierqa skont id-dispożizzjoni legali fis-seħħ.

8.3. Minkejja l-leġiżlazzjoni eżistenti, l-ispezzjonijiet u l-azzjoni punittiva huma spiss inadegwati b'mod serju ħafna safejn ikun ikkonċernat il-prinċipju tal-pagi ugwali. Dawn il-kwistjoniiet jeħtieġ li jiġu trattati bħala prijorità, u l-aġenziji u l-korpi responsabbli għalihom għandhom ikunu pprovduti bir-riżorsi tekniċi u finanzjarji meħtieġa.

8.4. Qed jiġi mfakkar li skont id-Direttiva 2006/54/KE, l-Istati Membri diġà huma obbligati jipprovdu kumpens jew riparazzjoni (Artikolu 18), kif ukoll pieni (Artikolu 25). Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex biżżejjed biex jevitaw ksur tal-prinċipju ta' paga ugwali. Għal din ir-raġuni huwa propost li jsir studju dwar il-fattibiltà, l-effikaċja u l-impatt tat-tnedija ta' sanzjonijiet possibbli, bħalma huma:

— penali, li jridu jinkludu l-ħlas ta' kumpens lill-vittma;

— multi amministrattivi (pereżempju fil-każ ta' nuqqas ta' notifika jew ta' komunikazzjoni mandatorja jew nuqqas ta' disponibilità ta' analiżi u evalwazzjoni ta' statistiċi ta' pagi mqassma skont il-ġeneru (skont ir-Rakkomandazzjoni 2)) mitlubin mill-ispettorati tax-xogħol jew mill-korpi ta' ugwaljanza kompetenti;

— skwalifika minn benefiċċji pubbliċi, sussidji (inkluż finanzjament tal-UE mmanniġġjat mill-Istati Membri) u proċeduri ta' akkwist pubbliku, kif diġà stipulat fid-Direttivi 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali ([1]) u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ([2]);

— l-iżvelar tal-identità min ma jikkonformax, li għandha ssir magħrufa pubblikament.

Rakkomandazzjoni 9: SIMPLIFIKAZZJONI TA' REGOLAZZJONI TAL-UE U TAL-POLITIKA TAL-UE

9.1. Qasam fejn hi meħtieġa azzjoni urġenti jirrigwarda l-fatt li hemm penalizzazzjoni fil-pagi marbuta ma' xogħol part time. Dan jeħtieġ evalwazzjoni u possibilment reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE, li jippreskrivi trattament ugwali bejn min jaħdem full time u min jaħdem part time, kif ukoll azzjonijiet aktar immirati u aktar effettivi fi ftehimiet kollettivi.

9.2. Objettiv konkret biex jitnaqqsu d-differenzi fil-pagi għandu jiddaħħal b'urġenza fil-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, inkluż fir-rigward ta' aċċess għal taħriġ vokazzjonali u r-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-kompetenzi tan-nisa.

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1
([2]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

Kwoti Svizzeri dwar in-numru ta' permessi ta' residenza mogħtija liċ-ċittadini tal-Polonja, il-Litwanja, il-Latvja, l-Estonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka u l-Ungerija

P7_TA(2012)0226

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar il-kwoti Svizzeri dwar in-numru ta' permessi ta' residenza mogħtija liċ-ċittadini tal-Polonja, il-Litwanja, il-Latvja, l-Estonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka u l-Ungerija (2012/2661(RSP))

(2013/C 264 E/13)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Ftehim tal-Kummerċ Ħieles tat-22 ta' Lulju 1972 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni ([2]), u b'mod partikolari l-Anness I tiegħu dwar il-moviment ħieles tal-persuni u l-Anness III dwar ir-rikonox-ximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali,

— wara li kkunsidra l-Protokoll tas-26 ta' Ottubru 2004 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera fuq in-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni fir-rigward tal-parteċipazzjoni, bħala Partijiet Kontraenti, tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka skont l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea ([3]),

— wara li kkunsidra l-Protokoll tas-27 ta' Mejju 2008 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera fuq in-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni fir-rigward tal-parteċipazzjoni, bħala Partijiet Kontraenti, tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubb-lika tar-Rumanija skont l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar iż-ŻEE-Svizzera: Ostakli fir-rigward tal-implimentazzjoni sħiħa tas-suq intern ([5]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Pajjiżi tal-EFTA,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Federali Svizzeru tat-18 ta' Mejju 2012 dwar l-invokazzjoni tal-klawżola ta' salvagwardja għar-rigward ta' tmien Stati Membri tal-UE,

— wara li kkunsidra l-mistoqsijiet tal-14 ta' Mejju 2012 u tas-16 ta' Mejju 2012 lill-Kummissjoni dwar il-kwoti Svizzeri dwar in-numru ta' permessi ta' residenza mogħtija liċ-ċittadini tal-Polonja, il-Litwanja, il-Latvja, l-Estonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka u l-Ungerija (O-000113/2012 – B7-0115/2012 u O-000115/2012 – B7-0116/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Kunsill Federali tal-Isvizzera ddeċieda li jdaħħal, mill-1 ta' Mejju 2012, limitazzjonijiet kwantit-tattivi fuq il-permessi ta' residenza tal-kategorija B għal permanenzi sa ħames snin mogħtijin lil nazz-jonali tal-Polonja, il-Litwanja, il-Latvja, l-Estonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka u l-Unge-rija;

([1]) ĠU L 300, 31.12.1972, p. 189.
([2]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 6.
([3]) ĠU L 89, 28.3.2006, p. 30.
([4]) ĠU L 124, 20.5.2009, p. 53.
([5]) ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 18.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

B. billi fit-teħid ta' din id-deċiżjoni, l-awtoritajiet Svizzeri fakkru klawżola hekk-imsejħa ta' salvagwardja minquxa fl-Artikolu 10 tal-Ftehim tal-1999, li tippermettilhom idaħħlu miżuri restrittivi temporanji jekk, f'xi sena li tkun, il-għadd ta' permessi ta' residenza mogħtijin ikun jeċċedi t-tliet snin ta' qabel b'mill-anqas 10 %; billi l-awtoritajiet Svizzeri ddikjaraw li sitwazzjoni bħal din kienet seħħet fil-każ ta' nazzjonali tat-tmien Stati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE);

C. billi l-klawżola ta' salvagwardja mfakkra mill-awtoritajiet Svizzeri, kif tinsab fl-Artikolu 10 tal-Ftehim tal-1999, ma tipprevedix differenzjazzjoni abbażi tan-nazzjonalità fejn ikunu għandhom jiġu stabbiliti limiti massimi għall-permessi ta' residenza, jew kwoti fuq il-għadd tagħhom, u tirreferi għal "persuni impjegati u li jaħdmu għal rashom tal-Komunità Ewropea";

D. billi, f'dak li għandu x'jaqsam man-nazzjonali ta' tmienja mill-Istati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004, ir-restrizzjonijiet kwantitattivi ġew applikati mill-Isvizzera sat-30 ta' April 2011, kif permess mill-Protokoll tal-2004; billi f'għeluq dak il-perijodu tranżitorju, japplika l-Artikolu 10(4) tal-Ftehim tal-1999;

E. billi s-sitwazzjoni jeħtieġ li tiġi perċepita f'kuntest usa' peress li l-awtoritajiet Svizzeri ħadu għadd ta' miżuri li jistgħu jqiegħdu fil-periklu l-progress ġa miksub fl-implementazzjoni tal-ftehimiet bilaterali, u li dwaru l-Parlament ġa esprima t-tħassib tiegħu fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Settembru 2010;

F. billi l-Isvizzera addottat għadd ta' hekk-imsejħa miżuri ta' akkumpanjament, li jakkumpanjaw il-Ftehim dwar il-Moviment Ħieles tal-Persuni (FMĦP), li jistgħu jxekklu l-forniment ta' servizzi min-negozji tal-UE – l-aktar l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) – fl-Isvizzera, u billi, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għadd minn dawn il-miżuri ta' sostenn jistgħu biss jintlaqgħu jekk kemm-il darba jipproteġu, b'manjiera proporzjonata, l-interess ġenerali li mhux ġa protett fl-istat tal-oriġini tal-fornituri tas-servizzi;

G. billi wħud minn dawn il-miżuri ta' akkumpanjament huma sproporzjonati apparagun tal-objettivi intiżi, bħalma huwa l-obbligu tal-għoti ta' preavviż b'terminu ta' stennija ta' tmint ijiem, ir-rekwiżit tal-kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-eżekuzzjoni tal-kommissjonijiet tripartitiċi, u l-obbligu għall-impriżi barranin li jagħtu servizzi transfruntiera li jagħtu garanzija ta' serjetà finanzjarja; billi dawn il-miżuri u ta' piż speċjali għall-SMEs li jixtieq jagħtu s-servizzi tagħhom fl-Isvizzera;

H. billi l-awtoritajiet Svizzeri ddeċidew, bi ksur tal-FMĦP, li ma jippermettux lit-taxis Ġermaniżi u Awstrijaċi jieħdu lill-passiġġieri fl-ajruporti Svizzeri;

I. billi dawn il-kwestjonijiet ġew ripetutament diskussi mal-Isvizzera fil-Kumitat Konġunt imwaqqaf skont il-FMĦP; billi l-Kumitat Konġunt ma rnexxilux isolvihom;

J. billi huma permessi biss bidliet żgħar lill-FMĦP għall-fini ta' adattament għall-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni; billi l-FMĦP ma fihx mekkaniżmu effettiv ta' sorveljanza u kontroll ġudizzjarju jixbah lil dawk li jintużaw fl-UE u fiż-ŻEE;

Kwoti Svizzeri fuq il-għadd ta' permessi ta' residenza mogħtijin lin-nazzjonali tal-UE

1. Jiddispjaċih ħafna li l-awtoritajiet Svizzeri ddeċidew li jistabbilixxu mill-ġdid il-limiti kwantitattivi fuq il-permessi ta' residenza fit-tul mogħtijin liċ-ċittadini tal-UE li huma nazzjonali ta' tmienja mill-Istati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004, u b'hekk illimitaw il-moviment liberu tan-nies kif sanċit fil-Ftehim tal-1999 mal-UE;

2. Iqis li din id-deċiżjoni hija diskriminatorja u illegali billi ma għandha l-ebda bażi ġuridika għal xi differenzjazzjoni nazzjonali bħal din fit-trattati eżistenti bejn l-Isvizzera u l-UE; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Svizzeri jirrevedu d-deċiżjoni tagħhom u jirtiraw mill-invokazzjoni tal-klawżola ta' salvagwardja;

3. Jinnota li l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(4) tal-Ftehim tal-1999, kif kompletati mill-Protokoll tal-2004, ma ġew sodisfatti;

4. Jilqa' d-dikjarazzjoni f'waqtha u kritika tar-Rappreżentant Għoli/Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea, li biha ħeġġet lis-servizzi tagħha jieħdu l-azzjoni kollha neċessarja ħalli tintalab l-abrogazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet Svizzeri tad-deċiżjoni tagħhom;

5. Jinnota li l-Isvizzera estendiet il-jeddijiet tal-libertà tal-moviment għall-Bulgarija u r-Rumanija fil-Protokoll II fl-2008; jiddispjaċih, imma, li l-ftehim jipprevedi perijodi ta' tranżizzjoni sa mhux aktar minn seba' snin; jiddeplora l-fatt li f'Mejju 2011 il-Gvern Svizzera ddeċieda li jipproroga l-perijodu tranżitorju għall-Bulgari u r-Rumeni sal-31 ta' Mejju 2014;

6. Iqis li flok ma jdaħħlu l-miżuri restrittivi fil-qafas kurrenti, iż-żewġ naħiet għandhom jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' sistema aktar adegwata, effettiva u flessibbli ta' kooperazzjoni ħalli jiffaċilitaw aktar il-moviment liberu tal-persuni; jistieden lill-Kummissjoni tqanqal il-kwestjoni mal-awtoritajiet Svizzeri mal-ewwel opportunità, u tqiegħed il-kwestjoni fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Konġunt imwaqqaf bis-saħħa tal-Ftehim;

Xkilijiet għall-implementazzjoni sħiħa tas-suq uniku

7. Jitlob lill-Kummissjoni tindika liema azzjonijiet ittieħdu, mill-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-7 ta' Settembru 2010 'l hawn, għar-riżoluzzjoni tal-problemi marbutin mal-miżuri ta' akkumpanjament li jagħmluha diffiċli għall-SMEs mill-UE li jagħtu s-servizzi tagħhom fl-Isvizzera, u sabiex l-awtoritajiet Svizzeri jiġu persważi jabrogaw ir-regolamenti li jobbligaw lill-impriżi barranin li jagħtu servizzi transfruntiera li jiddepożitaw garanzija ta' serjetà finanzjarja;

8. Huwa mħasseb dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill Federali Svizzeru li jeżamina miżuri addizzjonali ta' akkumpanjament;

9. Itenni t-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni fl-ajruporti Svizzeri fejn, b'konsegwenza tar-rifjut tal-awtoritajiet Svizzeri, it-taxis Ġermaniżi u Awstrijaċi ma jitħallewx jieħdu l-passiġġieri u jħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina l-kompatibilità ta' din id-deċiżjoni mal-FMĦP;

10. Jiddispjaċih li l-Ftehim ma jqisx id-Direttiva 2004/38/KE tal-KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri; jitlob li jkun hemm adattament dinamiku tal-ftehimiet fl-oqsma marbutin mas-suq intern għall-evoluzzjoni fl-acquis tal-UE;

11. Jemmen li huwa kruċjali li jkun hemm żvilupp ulterjuri tal-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fis-suq uniku u li r-regoli jagħtu lill-operaturi ekonomiċi miż-żewġ naħiet ambjent aktar trasparenti u prevedibbli;

12. Jitlob li jkun hemm progress ġdid fis-sejbien ta' soluzzjonijiet orizzontali għal kwestjonijiet marbutin mal-ħtieġa ta' adattament dinamiku tal-ftehimiet mal-acquis li qiegħed jevolvi, interpretazzjoni omoġenea tal-ftehimiet, mekkaniżmi ta' sorveljanza indipendenti u eżekuzzjoni ġudizzjarja fis-sistema ta' teħid ta' deċiżjonijiet u fil-komunikazzjoni bejn il-Kumitati Konġunti;

13. Jisħaq li l-mekkaniżmi għall-kontroll tal-ottemperanza li jmorru lil hinn mill-mezzi purament nazzjonali huma importanti għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern;

14. Ifisser li huwa mħejji jagħti s-sostenn tiegħu għall-approfondiment tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Isvizzera ħalli jingħelbu l-isfidi li ż-żewġ naħiet qed iħabbtu wiċċhom magħhom;

*

* *

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-gvern u l-parlament tal-Isvizzera.

Il-Veneżwela: possibbiltà ta' rtirar mill-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

P7_TA(2012)0227

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar l-irtirar possibbli tal-Veneżwela mill-Kummisjsoi Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem (2012/2653(RSP))

(2013/C 264 E/14)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu fuq il-Veneżwela, jiġifieri dik tal-24 ta' Mejju 2007 dwar il-kanal televiżiv Radio Caracas ([1]), dik tat-23 ta' Ottubru 2008 dwar l-iskwalifiki politiċi ([2]), dik tas-7 ta' Mejju 2009 dwar il-każ ta' Manuel Rosales ([3]), dik tal-11 ta' Frar 2010 dwar il-Veneżwela ([4]), u dik tat-8 ta' Lulju 2010 dwar il-każ ta' María Lourdes Afiuni ([5]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Amerikana tal-Jeddijiet u d-Dmirijiet tal-Bniedem tal-1948, illi fformalizzat il-bidu tas-Sistema Inter-Amerikana tal-Protezzjoni tal-Jeddijiet tal-Bniedem (IAHRS), u wara li kkunsidra l-ħolqien mill-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS) fl-1959 tal-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem (IACHR), li l-Veneżwela ilha parti għaliha sa mill-1977, u għat-twaqqif statutorja tal-IACHR fl-1979,

— wara li kkunsidra t-twaqqif tal-1979 tal-Qorti Inter-Amerikana tal-Jeddijiet tal-Bniedem, li tagħha l-Veneżwela ilha membru sa mill-1981,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar Politiki tal-UE favur id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem ([6]) u tat-18 ta' April 2012 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni, inklużi l-implikazzjonijiet għall-politika strateġika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem ([7]),

— wara li kkunsidra l-preokkupazzjonijiet espressi fl-4 ta' Mejju 2012 mill-kelliem għall-Kummissarju Għoli tan-NU għall-Jeddijiet tal-Bniedem, Rupert Colville, dwar l-irtir possibbli tal-Veneżwela mill-IACHR,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tal-Jeddijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

([1]) ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 484.
([2]) ĠU C 15 E, 21.1.2010, p. 85.
([3]) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 113.
([4]) ĠU C 341 E, 16.12.2010, p. 69
([5]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 130.
([6]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 69.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2012)0126.

A. billi OAS ħolqot is-sistema reġjonali tagħha proprja tal-jeddijiet tal-bniedem, b'Kummissjoni Inter-Amerikana tal-Jeddijiet tal-Bniedem, li nħolqot fl-1959, u Qorti Inter-Amerikana tal-Jeddijiet tal-Bniedem, li ġiet stabbilita fl-1979 u li d-deċiżjonijiet tagħha huma bbażati fuq il-Konvenzjoni Amerikana tal-Jeddijiet tal-Bniedem magħrufa wkoll bħala l-"Patt ta' San José", li daħlet fis-seħħ fl-1978, bħala komplement u korrettiv għas-sistemi nazzjonali dgħajfa tal-ġustizzja;

B. billi d-Dikjarazzjoni Amerikana tal-Jeddijiet u d-Dmirijiet tal-Bniedem tinkludi fost il-prinċipji tat-twaqqif tal-OAS il-"jeddijiet fundamentali tal-individwu";

C. billi 24 mill-34 membru tal-OAS s'issa rratifikaw il-Konvenzjoni Amerikana tal-Jeddijiet tal-Bniedem;

D. billi l-Veneżwela hija parti għall-Konvenzjoni Amerikana tal-Jeddijiet tal-Bniedem u membru kurrenti tal-IACHR, u hi soġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti Inter-Amerikana tal-Jeddijiet tal-Bniedem, li hi responsabbli għall-interpretazzjoni u l-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni; billi l-Venezwela tipparteċipa fil-mekkaniżmi tal-Kunsill tan-NU tal-Jeddijiet tal-Bniedem;

E. billi fit-2 ta' Mejju 2012, il-President Chávez ħabbar it-twaqqif ta' kumitat tal-istat għall-valutazzjoni tal-possibilità tal-irtirar mill-IACHR; billi fit-3 ta' Mejju 2012 il-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Venezwela stieden lill-gvernijiet l-oħrajn fir-reġjun jagħmlu l-istess;

F. billi mill-1970 sal-2011 erbgħa deċiżjonijiet tal-IACHR kienu dwar il-Venezwela, u billi l-Qorti ddeċidiet fi 12-il każ mill-2004 sal-2012; billi l-OAS, permezz tal-IACHR, widdbet lill-Venezwela bosta drabi dwar il-vjolazzjonijiet tal-libertà tal-espressjoni, tas-sigurtà personali u l-impunità, u l-jeddijiet politiċi;

G. billi fl-aħħar ftit snin il-Venezwela f'bosta okkażjonijiet ikkritikat lill-IACHR u lill-Qorti, u bosta drabi tenniet it-theddida tagħha li tirtira, bl-argument li l-IACHR hi parzjali u tapplika wżin doppji; billi din hi l-ewwel darba li l-Venezwela ħadet passi serji fid-direzzjoni tal-irtirar; billi l-Venezwela ilha mill-2002 tirrifjuta kull talba mill-IACHR għal żjara fil-pajjiż;

H. billi l-kontenut tar-riżoluzzjonijiet tal-PE, l-aktar dawk dwar l-iskwalifiki politiċi tal-mexxejja tal-oppożizzjoni u l-atti ta' persekuzzjoni politiċi bħalma kien l-għeluq tal-RCTV, kienu approvati minn bosta deċiżjonijiet u rakkamondazzjonijiet tal-IACHR; billi, wara dawk ir-rakkomandazzjoni sfavorevoli kollha u d-dispett jew non-implementazzjoni tagħhom min-naħa tal-awtoritajiet Venezweljani, il-President Chávez attiva l-mekkaniżmu għall-irtirar ta' pajjiżu mill-imsemmi korp internazzjonali;

I. billi l-President tal-Qorti Suprema ta' Ġustizzja u l-Avukat-Ġenerali tar-Repubblika Bolvarjana tal-Venezwela t-tnejn approvaw il-proposta tal-President Chávez li l-Venezwela tirtira mill-IACHR, li ċara juri s-sottomissjoni totali tal-awtoritajiet pubbliċi, u b'mod partikolari l-awtoritajiet ġudizzjarji, għad-deċiżjonijiet politiċi magħmul mill-kap tal-istat;

J. billi l-IACHR, korp rispettat ħafna li għandu impatt pożittiv fir-reġjun, kien kruċjali fl-otteniment tal-ġustizzja għal għadd kbir ta' vittmi ta' vjolazzjonijiet tal-jeddijiet tal-bniedem, u li wkoll kellu rwol fundamentali fit-tranżizzjoni għad-demokrazija mid-dittaturi li qabel ħakmu bosta pajjiżi fir-reġjun;

K. billi l-IACHR, bħala bord awtonomu konsistenti f'seba' membri indipendenti li jaġixxu f'kapaċità personali mingħajr ma jirrappreżentaw ebda pajjiż, jippreżenta l-każijiet lill-Qorti Inter-Amerikana, jitlob lill-istati membri tal-OAS jadottaw "miżuri ta' prekawzjoni" għall-prevenzjoni ta' dannu irreparabbli għall-jeddijiet tal-bniedem f'każijiet gravi u urġenti, u jirċievi, janalizza u jinvestiga petizzjonijiet individwali li jallegaw il-vjolazzjonijiet tal-jeddijiet tal-bniedem;

L. billi l-korpi reġjonali tal-jeddijiet tal-bniedem għandhom rwol importanti ħafna fil-promozzjoni u l-protezzjoni tal-mekkaniżmi tal-jeddijiet tal-bniedem u jsaħħu l-istandards u t-trattati tal-jeddijiet tal-bniedem universali, bħalma ġie rikonoxxut bosta drabi mill-Assemblea Ġenerali tan-NU u l-Kunsill tagħha tal-Jeddijiet tal-Bniedem, kif ukoll mill-NGOs u d-difensuri tal-jeddijiet tal-bniedem;

M. billi skont l-Artikolu 1 tal-Istatut tagħha, il-Qorti Inter-Amerikana hija istituzzjoni ġudizzjarja awtonoma li l-objettiv tagħha huwa li tapplika u tinterpreta l-Konvenzjoni Amerikana; billi d-deċiżjonijiet tagħhom jivvinkolaw lill-firmatarji tal-Konvenzjoni;

1. Huwa mħasseb bid-dikjarazzjoni tal-Venezwela li qed tistabbilixxi Kummissjoni tal-Istat biex tivvaluta l-possibbiltà li l-pajjiż jirtira mill-Kummissjoni Inter-Amerikana tal-Jeddijiet tal-Bniedem, u jistieden lill-awtoritajiet Veneżweljani jirrikonsidraw din il-pożizzjoni;

2. Jibża' li l-irtirar mis-Sistema Inter-Amerikana jista' jwassal għall-iżolament tal-Veneżwela u deterjorament akbar tar-rekora tagħha fil-qasam tal-jeddijiet tal-bniedem;

3. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Venezwela u lill-membri l-oħra kollha tal-OAS biex jirrikonoxxu u jimplementaw id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-IACHR u li jikkooperaw mal-mekkaniżmi reġjonali u internazzjonali tal-jeddijiet tal-bniedem, u jħeġġiġhom biex ma jieħdu l-ebda miżura li ddgħajjef il-ħarsien tal-jeddijiet tal-bniedem;

4. Jilqa' l-ħidma kollha magħmula mill-IACHR, l-aktar fuq il-kwestjonijiet marbutin mal-libertà tal-espressjoni, il-jeddijiet tal-popli indiġeni, il-prevenzjoni tat-tortura, il-jeddijiet soċjali u l-jeddijiet tan-nisa, kif ukoll it-trawwim tas-sensibilità pubblika dwar il-jeddijiet tal-bniedem fir-reġjun, u jħeġġiġha tissokta b'din il-ħidma bl-iskop li tikseb rispett sħiħ għall-jeddijiet tal-bniedem;

5. Jappoġġja l-korpi reġjonali tal-jeddijiet tal-bniedem bħala parti mis-sistema internazzjonali tal-jeddijiet tal-bniedem, u jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jintensifikaw l-appoġġ globali għall-Qorti Inter-Amerikana tal-Jeddijiet tal-Bniedem il-IAHCR u l-Konvenzjoni;

6. Jistieden lil dawk il-pajjiż li għadhom ma aċċedewx għas-Sistema Inter-Amerikana tal-Jeddijiet tal-Bniedem li jagħmel dan malajr u jipparteċipaw bis-sħiħ fiha, ħalli b'hekk isaħħu l-awtorità istituzzjonali ta' din is-sistema;

7. Jistieden lill-Gvern tar-Repubblika Bolivarjana tal-Veneżwela li jottempera ruħu mal-konvenzjonijiet u mal-karti internazzjonali u reġjonali li tagħhom il-Veneżwela hija firmatarja; ifakkar li skont il-Kostituzzjoni Veneżweljana l-konvenzjonijiet internazzjonali kollha ffirmati huma vinkolati fuqha;

8. Jiddeplora d-deċiżjonijiet tal-leġiżlatura u l-ġudikatura Veneżweljani li jappoġġjaw it-tentattiv tal-President li jirtira mill-IACHR, li jaċċenta n-non-ottemperanza tal-pajjiż mal-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri u s-sottomissjoni assoluta tal-leġiżlatura u l-ġudikatur għad-deċiżjonijiet politiċi tal-President;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jippreżenta din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju-Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS), l-Assemblea Parlamentari EuroLat, u l-Gvern tar-Repubblika Bolivarjana tal-Veneżwela.

L-Azerbajġan

P7_TA(2012)0228

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Azerbajġan (2012/2654(RSP))

(2013/C 264 E/15)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Azerbajġan, b'mod partikolari dawk dwar id-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2012 bir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna dwar in-negozjati tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Azerbajġan ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Azerbajġan, li daħal fis-seħħ fl-1999 u n-negozjati li għadhom għaddejjin bejn iż-żewġ partijiet, dwar il-ftehim ta' assoċjazzjoni ġdid sabiex jissostitiwixxi dak preċedenti,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Inwettqu politika ġdida Ewropea tal-Viċinat" tal-15 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra l-Programm ta' Azzjoni Nazzjonali ġdid għall-ħarsien aktar effikaċi tad-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem fir-Repubblika tal-Azerbajġan li ġie approvat mill-President tal-pajjiż fis-27 ta' Diċembru 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Azerbajġan qed jipparteċipa b'mod attiv fil-Politika Ewropea tal-Viċinat u fis-Sħubija tal-Lvant, u billi huwa impenjat li jirrispetta d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, li huma valuri ċentrali ta' dawk iż-żewġ inizjattivi; billi, madankollu, is-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem fl-Azerbajġan kompliet tmur għall-agħar b'ritmu mgħaġġel tul dawn l-aħħar snin, minkejja l-impenji inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, b'żieda fil-pressjoni fuq l-NGOs u l-midja indipendenti u intimidazzjoni fil-konfront tagħhom li rriżultat f'firxa ta' sensazzjoni ta' biża fost il-qawwiet tal-oppożizzjoni u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll fost l-attivisti żgħażagħ u dawk tan-netwerk soċjali li wasslet għal ċensura proprja fost il-ġurnalisti;

B. billi l-protesti paċifiċi fil-15 ta' Mejju 2012 fil-belt kapitali ta' Baku li appellaw għall-ħelsien tal-priġunieri politiċi qabel l-Azerbajġan jospita l-Eurovision Song Contest fis-26 ta' Mejju 2012 twaqqfu mill-pulizija; billi l-użu tal-vjolenza kontra dimostranti paċifiċi huwa mudell ta' mġiba min-naħa tal-awtoritajiet tal-Azerbajġan li juri nuqqas ta' konformità mal-impenji li ttieħdu mill-Azerbajġan lejn l-UE u fi ħdan l-ambitu tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE);

C. billi ġurnalisti indipendenti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u persuni oħra li jixtiequ jesprimu l-opinjoni tagħhom, jinvestigaw kwistjonijiet ta' interess pubbliku, jew jikkritikaw lill-awtoritajiet tal-gvern fl-Azerbajġan ġew attakkati, ingħataw fastidju, ġew mhedda jew impriġjunati, fejn il-każijiet tal-ġurnalisti Idrak Abbasov u Khadija Ismaylova huma ta' tħassib partikolari;

D. billi Elnur Mecidli, attivist u membru tal-partit tal-oppożizzjoni tal-Front popolari, inħeles mill-ħabs fis-16 ta' Mejju 2012;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0127.

E. billi l-Eurovision Song Contest tal-2012 li se jsir fis-26 ta' Mejju 2012 ġewwa Baku għandu jservi ta' opportunità għall-Azerbajġan sabiex juri l-impenn tiegħu lejn id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem;

F. billi mijiet ta' proprjetajiet ġew esproprjati b'mod mhux trasparenti u mhux responsabbli u mijiet ta' sidien tad-djar ġewwa Baku tkeċċew bil-forza f'isem il-proġetti ta' żvilupp, inkluż il-viċinat ħdejn il-Pjazza tal-Bandiera Nazzjonali, li huwa l-post fejn jinsab il-Palazz tal-Kristall ta' Baku, fejn se jsir il-Eurovision Song Contest tal-2012 fost avvenimenti futuri oħra;

G. billi l-libertajiet tal-istampa u tal-midja spiss ma jiġux ikkunsidrati; billi l-libertà diġitali mingħajr restrizzjonijiet, inklużi l-libertà tal-espressjoni u ta' għaqda onlajn, fil-prattika mhijiex żgurata;

H. billi l-Azerbajġan ingħata siġġu mhux permanenti fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU għall-perjodu 2012-2013, u ħa l-impenn li jirrispetta l-valuri espressi fil-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU;

I. billi l-Azerbajġan huwa membru tal-Kunsill tal-Ewropa u firmatarju tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

1. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Azerbajġan iwaqqfu immedjatament l-azzjonijiet kollha mmirati li jrażżnu l-libertà tal-espressjoni u ta' għaqda, billi dawn imorru kontra l-impenji tal-Azernajġan rigward id-demokrazija, il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

2. Jikkundanna s-swat brutali ta' Idrak Abbasov, ġurnalist tal-gazzetta "Zerkalo" u tal-Istitut għal-libertà u s-sikurezza tal-korrispondenti, min-naħa tal-pulizija u l-għassiesa tas-sikurezza tal-kumpanija statali taż-żejt SOCAR meta kien qed jiġbed film tat-twaqqigħ tad-djar fil-kwartier ta' Sulutapa ġewwa Baku;

3. Jikkundanna l-kampanja ta' rikatti u intimidazzjonijiet imwettqa kontra l-ġurnalista investigattiva Khadija Ismaylova minħabba l-investigazzjonijiet tagħha fl-allegati interessi kummerċjali tal-familja tal-President Aliyev;

4. Jinnota l-investigazzjonijiet li għaddejjin imnedija mill-awtoritajiet tal-Azerbajġan dwar l-attakki fuq il-ġurnalisti; jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw l-investigazzjoni effikaċi ta' dawn l-inċidenti u t-teħid ta' passi legali kontra dawk li wettqu dawn l-attakki;

5. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Azerbajġan jippermettu protesti paċifiċi u jipprojbixxu l-indħil min-naħa tal-pulizija fix-xogħol tal-ġurnalisti li jirrapurtaw dwar id-dimostrazzjonijiet;

6. Jikkundanna l-fastidji, l-intimidazzjoni u l-vjolenza kontra l-ġurnalisti u persuni oħra li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom b'mod paċifiku; jistieden lill-awtoritajiet jeħilsu immedjatament mill-ħabs jew mid-detenzjoni qabel il-proċess lil dawk miżmuma fuq akkużi b'motivazzjoni politika, inklużi sitt ġurnalisti – Anar Bayramli, Ramil Dadashov, Vugar Gonagov, Zaur Guliyev, Aydin Janiyev u Avaz Zeynalli –, l-attivist tal-midja soċjali Bakhtiyar Hajiyev, l-avukat u mexxej ta' NGO Vidadi Isganderov, l-attivist tad-drittijiet tal-bniedem u avukat Taleh Khasmammadov, u l-attivisti impriġjunati fuq akkużi b'motivazzjoni politika relatati mal-protesti paċifiċi f'April 2011;

7. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Azerbajġan li qed jiġi nnegozjat attwalment għandu jinkludi klawżoli u punti ta' referenza dwar il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fir-rigward tal-libertà tal-midja u d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, li jirriflettu l-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti fil-Kostituzzjoni tal-Azerbajġan u l-impenji li ttieħdu min-naħa tal-Azerbajġan fl-ambitu tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OSKE;

8. Jesprimi s-simpatija tiegħu għall-promoturi tal-kampanja "Sing for Democracy", imnedija fl-okkażżjoni tal-Eurovision Song Contest li se jsir f'Baku u jittama li l-azzjoni tagħhom tista' tikkontribwixxi sabiex tqanqal ir-riformi demokratiċi indispensabbli u t-titjib sostanzjali fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ġewwa l-pajjiż;

9. Jinsab imħasseb dwar it-tkeċċijiet furzati u t-twaqqigħ ta' bini b'rabta mal-pjan ta' rikostruzzjoni ewlieni ġewwa Baku, marbut parzjalment mal-Eurovision Song Contest li ġej; jistieden lill-awtoritajiet tal-Azerbajġan jiżguraw li l-kostruzzjoni ta' bini ġdid li għaddejja ġewwa Baku tikkonforma mal-leġiżlazzjoni rilevanti u li r-risistemazzjoni taċ-ċittadini titwettaq bi proċedura legali trasparenti u b'kumpens ġust;

10. Jilqa' l-ħelsien mill-ħabs ta' Elnur Mecidli, membru tal-partit tal-oppożizzjoni tal-Front Popolari; jistieden lill-gvern tal-Azerbajġan jagħti viża lir-Rapporteur Speċjali tal-PACE dwar il-Priġunieri Politiċi sabiex ikun jista' jżur il-pajjiż, skont il-mandat tiegħu;

11. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Azerbajġan jiżguraw il-libertajiet diġitali, inkluż l-aċċess mingħajr ċensura għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, li huma drittijiet universali u huma indispensabbli għad-drittijiet tal-bniedem bħal dawk tal-libertà tal-espressjoni u l-aċċess għall-informazzjoni, u sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabilità fil-ħajja pubblika;

12. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Azerbajġan jadottaw l-abbozz ta' liġi dwar il-malafama, li jipprevedi t-tneħħija tar-responsabilità kriminali għall-malafama u l-insult; jilqa' d-diskussjonijiet dwar l-adozzjoni ta' liġi bħal din fi ħdan is-soċjetà tal-Azerbajġan, il-kooperazzjoni mill-qrib mal-OSKE f'dan ir-rigward, u l-intenzjoni tal-awtoritajiet tal-Azerbajġan li jadottaw abbozz ta' liġi qabel l-aħħar tas-sena;

13. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Azerbajġan jallinjaw il-leġiżlazzjoni dwar l-elezzjonijiet, il-libertà ta' għaqda, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-midja mal-istandards internazzjonali, u jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tagħha;

14. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Azerbajġan iżidu l-isforzi tagħhom għar-riforma tal-aspetti kollha tas-sistema ġudizzjarja: il-prosekuzzjoni, il-proċess, il-kundanna, id-detenzjoni u l-appelli;

15. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Azerbajġan jikkonformaw mas-sentenzi kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jikkonċernaw lill-Azerbajġan;

16. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jissorveljaw mill-qrib is-sitwazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali fl-Azerbajġan wara l-Eurovision Song Contest; jistieden lill-Kunsill jikkunsidra l-possibilità ta' sanzjonijiet immirati kontra dawk responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, jekk dawn jibqgħu jippersistu;

17. Jikkundanna bil-qawwi t-theddid li sar min-naħa tal-organizzazzjonijiet Iżlamiċi radikali u l-individwi fil-konfront tal-parteċipanti tal-European Song Contest li ġej, b'mod partikolari dawk li jappartienu għall-komunità LGBT; jappoġġa bil-qawwi l-identità sekulari tal-Azerbajġan u l-għażla libera tagħha tal-orjentazzjoni tal-politika barranija;

18. Jikkundanna bil-qawwi t-terroriżmu fil-forom u l-manifestazzjonijiet kollha tiegħu, u japprezza ħafna l-kontribut tal-Azerbajġan fil-qlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu fuq livell reġjonali u internazzjonali;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-SEAE, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tar-Repubblika tal-Azerbajġan u lill-Istati Membri tal-UE, u lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

Is-sitwazzjoni tar-refuġjati tal-Korea ta' Fuq

P7_TA(2012)0229

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar is-sitwazzjoni tar-refuġjati tal-Korea ta' Fuq (2012/2655(RSP))

(2013/C 264 E/16)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Korea ta' Fuq (ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea - RDPK) u b'mod partikulari, dik adottata fit-8 ta' Lulju 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra s-samit UE-Ċina tal-14 ta' Frar 2012 u d-29 djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-drittijiet tal-bniedem tad-29 ta' Ġunju 2010 f'Madrid, li fih ġiet diskussa l-kwistjoni tar-refuġjati tal-Korea ta' Fuq,

— wara li kkunsidra r-rapport dwar ir-RDPK ippreżentat fis-6 sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma tar-Reviżjoni Perjodika Universali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (30 ta' Novembru sal-11 ta' Diċembru 2009),

— wara li kkunsidra r-rapport ippreżentat fil-21 ta' Frar 2011 mir-Rapporteur Speċjali dwar is-Sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea, li fih esprima thassib għall-fatt li "r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea s'issa għadha ma wriet l-ebda impenn biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-reviżjoni perjodika universali",

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni A/HRC/19/L.29 adottata b'kunsens mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tad-19 ta' Marzu 2012, li fiha l-Kunsill esprima t-tħassib serju ħafna tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem gravi, mifrux u sistematiku li għaddej fir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea, u r-riżoluzzjoni A/RES/66/174 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, adottata fid-29 ta' Marzu 2012,

— wara li kkunsidra r-rapport ta' Mejju 2012 mill-Kummissjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Korea t'Isfel dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Korea ta' Fuq, ibbażat fuq madwar 800 intervista ma' refuġjati, inklużi mijiet ta' intervisti ma' persuni li baqgħu ħajjin wara ż-żmien fil-kampijiet tal-priġunieri u li ħarbu mill-pajjiż,

— wara li kkunsidra d-digriet tal-2010 tal-Ministeru tas-Sigurtà Pubblika tar-RDPK li ddikjara l-ħarba mill-pajjiż bħala krimini ta' "tradiment kontra n-nazzjon",

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' Diċembru 2011 tal-awtoritajiet tar-RDPK li fiha indikaw l-intenzjoni tagħhom li "jeqirdu" sa tliet ġenerazzjonijiet ta' familja jekk membru ta' dik il-familja jaħrab mill-pajjiż waqt il-perjodu ta' 100 ġurnata ta' lutt għall-mewt ta' Kim Jong-il,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, imsemmija aktar kmieni, tikkundanna l-abbużi serji, mifruxa u sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem fil-Korea ta' Fuq, b'mod partikolari l-użu tat-tortura u ta' kampijiet ta' xogħol kontra priġunieri poltiċi u ċittadini ripatrijati tar-RDPK; billi l-awtoritajiet tal-istat sistematikament iwettqu u jippermettu li jsir qtil extra-ġudizzjarju, detenzjonijiet arbitrarji u għajbiet furzati;

B. billi partijiet kbar mill-popolazzjoni qed isofru ġuħ estrem u billi l-Programm Dinji tal-Ikel irrapporta f'Settembru 2009 li terz min-nisa u t-tfal tal-Korea ta' Fuq kienu nieqsa mill-ikel;

([1]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 132.

C. billi, b'riżultat dirett tal-politiki tal-Gvern tar-RDPK u minkejja l-perikli, huwa stmat li matul is-snin sa 400 000 persuna mill-Korea ta' Fuq ħarbu mill-pajjiż, li ħafna minnhom jgħixu fiċ-Ċina, pajjiż ġar, bħala "immigranti illegali";

D. billi ħafna mir-refuġjati mir-RDPK m'għandhom l-ebda intenzjoni li jibqgħu fiċ-Ċina iżda jkollhom jgħaddu minn dak il-pajjiż biex jaslu fil-Korea t'Isfel jew f'partijiet oħra tad-dinja;

E. billi, abbażi tal-ftehim tagħha ta' ripatrijazzjoni tal-1986 mal-Korea ta' Fuq, iċ-Ċina ma tħallix liċ-ċittadini mill-Korea ta' Fuq jagħmlu użu mill-proċeduri tal-ażil tal-UNHCR, bi ksur tal-Konvenzjoni tan-NU tal-1951 dwar ir-Refuġjati u tal-Protokoll għaliha tal-1967, li għalihom ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina hija firmatarja; billi, skont stimi tal-NGOs, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina tarresta u tibgħat lura bil-forza sa 5 000 refuġjat mill-Korea ta' Fuq lejn ir-RDPKorea kull sena;

F. billi għadd kbir ta' refuġjati mill-Korea ta' Fuq fiċ-Ċina huma nisa, li ħafna minnhom huma vittmi ta' traffikar tal-persuni, skjavitù sesswali u żwieġ furzat u billi t-tfal imwielda minn dawn il-vjolazzjonijiet huma meqjusa bla ċittadinanza fiċ-Ċina u qed jisfaw abbandunati jew jitħallew għall-istess destin bħal t'ommijiethom;

G. billi fid-29 ta' Marzu 2012, Kim Young-hwan u tliet attivisti oħrajn min-Netwerk għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem fil-Korea ta' Fuq ibbażat f'Seoul, ġew arrestati fil-belt Ċiniża ta' Dalian, fil-provinċja ta' Liaoning, u qed iħabbtu wiċċhom ma' allegazzjonijiet li kienu ta' "theddida għas-sigurtà taċ-Ċina" waqt li kienu, kif irrappurtat, qed jgħinu lil persuni li kienu ħarbu mill-Korea ta' Fuq;

H. billi, skont rapporti minn xhieda li raw il-ġrajjiet, ir-refuġjati li jintbagħtu lura bil-forza lejn il-Korea ta' Fuq isofru sistematikament tortura, priġunerija f'kampijiet ta' konċentrament u jistgħu saħansitra jisfaw maqtula, filwaqt li allegatament in-nisa tqal jiġu furzati jabbortu u t-trabi minn missirijiet Ċiniżi jissograw li jinqatlu; billi l-prattika tal-Istat, ta' ħtija b'assoċjazzjoni, tirriżulta fit-tfigħ il-ħabs ta' familji sħaħ, inkluż tfal u nanniet;

I. billi l-immaġini tas-satelliti u diversi rakkonti minn persuni li ħarbu mill-Korea ta' Fuq jissostanzjaw l-allegazzjonijiet li r-RDPK tħaddem tal-anqas sitt kampjiet ta' konċentrament u għadd numeruż ta' "kampijiet ta' riedukazzjoni" li jista' jkun li fihom jgħajxu sa 200 000 priġunier, li ħafna minnhom ikunu politiċi;

1. Itenni s-sejħa tiegħu lir-RDPK biex ittemm minnufih il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem gravi, mifrux u sistematiku mwettaq kontra l-poplu tagħha stess u li qed iwassal biex il-Koreani ta' Fuq jaħarbu minn pajjiżhom;

2. Jistieden lill-awtoritajiet tar-RDPK jaġixxu fuq ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-Grupp ta' Ħidma tar-Reviżjoni Perjodika Universali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u, bħala l-ewwel pass, jippermettu li jsiru spezzjonijiet fit-tipi kollha ta' faċilitajiet ta' detenzjoni minn esperti internazzjonali indipendenti;

3. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw approċċ aktar sistematiku fl-organizzazzjoni ta' protezzjoni Ewropea u internazzjonali għall-Koreani ta' Fuq li jaħarbu minn pajjiżhom u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkompli tappoġġja l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jgħinu lir-refuġjati mill-Korea ta' Fuq;

4. Iqis ta' dispjaċir kbir li, fil-każ ta' Kim Young-hwan u l-attivisti sħabu, l-awtoritajiet Ċiniżi, skont kif irrappurtat, għall-ewwel darba applikaw it-tixlija ta' "theddida għas-sigurtà nazzjonali", li tista' twassal għall-piena tal-mewt; jistieden l-awtoritajiet Ċiniżi jagħtu aċċess konsulari sħiħ lill-awtoritajiet tal-Korea t'Isfel u rappreżentanza legali lill-erba' attivisti detenuti, u biex jeħilsuhom malajr;

5. Jistieden lir-Repubblika Popolari Ċiniża tonora l-obbligazzjonijiet tagħha skont il-liġi internazzjonali, partikolarment il-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati u l-Protokoll għaliha tal-1967, kif ukoll il-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u t-Trattament jew il-Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra tal-1984, u sabiex ma tibqax tiddeporta lill-Koreani ta' Fuq lura lejn ir-RDPK, peress li dawk li jirritornaw lura u l-familji tagħhom huma f'riskju kbir ta' abbuż u saħansitra li jinqatlu;

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

6. Għaldaqstant iħeġġeġ lir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ttemm il-ftehim tagħha tal-1986 mal-Korea ta' Fuq dwar ir-ripatrijazzjoni tar-refuġjati, u jilqa' r-rapporti riċenti li ċ-Ċina jista' għandha l-intenzjoni li tbiddel il-politika tagħha; ifakkar li ċ-ċittadini tal-Korea ta' Fuq huma meqjusa bħala ċittadini sħaħ tar-Repubblika tal-Korea u jistieden lir-Repubblika Popolari taċ-Ċina tagħtihom passaġġ sikur lejn il-Korea t'Isfel jew lejn pajjiżi terzi oħrajn;

7. Jappella lill-awtoritajiet Ċiniżi jikkunsidraw lill-Koreani ta' Fuq li ħarbu minn pajjiżhom bħala refuġjati "sur place", jippermettu aċċess lill-UNHCR biex tiddetermina l-istatus tagħhom u tassistihom biex isibu sistemazzjoni ġdida sikura, jeħilsu lil dawk kollha maħruba li jinsabu detenuti fil-mument, jiddikriminalizzaw li dawk li jippruvaw jgħinu lir-refuġjati għal raġunijiet umanitarji, u li jagħtu lin-nisa Koreani ta' Fuq miżżewġa lil ċittadini Ċiniżi l-istatus ta' residenti legali;

8. Jistieden ukoll liċ-Ċina ttemm il-kooperazjoni tagħha mal-aġenti tas-sigurtà tal-Korea ta' Fuq fl-intraċċar tar-refuġjati Koreani ta' Fuq bil-għan li jarrestawhom; iħeġġeġ lir-Repubblika Popolari taċ-Ċina tagħti lill-NGOs u lill-fornituri ta' servizz komunitarju aċċess umanitarju lill-persuni mill-Korea ta' Fuq li huma refuġjati jew li qed ifittxu ażil fiċ-Ċina, inklużi l-provvista ta' ikel, kura medika, edukazzjoni, u servizzi legali u oħrajn;

9. Jistieden lill-Viċi-President/Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jqajjmu s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK u l-kwistjoni tar-refuġjati mill-Korea ta' Fuq li jinsabu fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina waqt it-taħdidiet kollha ta' livell għoli bejn l-UE u ċ-Ċina u bħala parti mid-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina;

10. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Viċi-President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Istati membri tal-UE, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet tar-Repubblika tal-Korea, tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea, tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Refuġjati, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-Korea ta' Fuq u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

Sostenn kontinwu u ikbar għall-vaċċinazzjonijiet f'pajjiżi li qiegħdin jiżviluppaw

P7_TA(2012)0230

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar sostenn kontinwu u ikbar għall-vaċċinazzjonijiet f'pajjiżi li qiegħdin jiżviluppaw

(2013/C 264 E/17)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-mard li jista' jiġi prevenut permezz ta' vaċċini, inklużi l-epatite, il-ħosba, il-mard tal-pnewmokokku, id-dijarrea tar-rotavirus, il-poljo u d-deni tas-suffejra, jikkostitwixxu kawża ewlenija ta' mwiet infantili fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

B. billi l-prevalenza tal-mard hija ostakolu għall-kisba ta' żvilupp soċjoekonomiku sostenibbli;

C. billi l-mard li jista' jiġi prevenut permezz ta' vaċċini huwa magħruf li jaffetwa lin-nisa u lill-irġiel b'mod differenti;

D. billi n-nisa jiffurmaw nofs il-popolazzjoni globali, u billi l-iżvilupp u s-saħħa ma jistgħux jintlaħqu jekk il-vuċi tagħhom tiġi injorata;

E. billi l-kura tas-saħħa bażika – l-isptarijiet, it-tobba, l-infermiera, it-tagħmir mediku eċċ. - hija ta' importanza vitali u m'għandhiex tiġi traskurata;

F. billi l-Alleanza Globali għall-Vaċċinazzjonijiet u l-Immunizzazzjoni (GAVI) ġiet rikonoxxuta bħala mezz effiċjenti ħafna li bih jistgħu jintlaħqu għanijiet umanitarji u ta' żvilupp;

G. billi, fl-aħħar għaxar snin, GAVI għamlet progress kbir biex jiġu salvati l-ħajjiet u tiġi mkabbra l-kopertura tal-immunizzazzjoni fl-ifqar pajjiżi fid-dinja, u billi, bħala riżultat, 288 miljun tifel u tifla addizzjonali ġew immunizzati u 'l fuq minn ħames miljun mewta futura ġiet evitata;

H. billi, minkejja dawn l-avvanzi, 1.7 miljun tifel u tifla jmutu kull sena minn mard li jista' jiġi prevenut permezz ta' vaċċini;

1. Jifraħ lill-Kummissjoni għall-appoġġ li tat lill-GAVI permezz tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bejn l-2003 u l-2012;

2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex turi impenn kontinwu fl-azzjonijiet esterni futuri tagħha biex jitnaqqas in-numru ta' mwiet minn mard li jista' jiġi prevenut permezz ta' vaċċini;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ([1]), lill-parlamenti tal-Istati Membri.

([1]) Il-lista ta' firmatarji hija ppubblikata fl-Anness 1 għall-Minuti tal-24 ta' Mejju 2012 (P7_PV(2012)05-24(ANN1)).

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

Emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

P7_TA(2012)0213

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar l-emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (2011/2302(REG))

(2013/C 264 E/18)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-emenda tar-Regolament tiegħu B7–0539/2011 u B7–0732/2011,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 211 u 212 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0148/2012),

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;

2. Ifakkar li dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tas-sessjoni parzjali li jmiss;

3. Jistieden lill-President tiegħu biex jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jkun stabbilit punt ta' kuntatt uniku fil-Parlament, li ċ-ċittadini, l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u s-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jikkuntattjaw dwar affarijiet marbuta ma' inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonferma f'ittra indirizzata fil-President tal-Parlament Ewropew l-intenzjoni tagħha li tkun irrappreżentata, fi kwalunkwe smigħ pubbliku dwar l-inizjattivi taċ-ċittadini, fil-prinċipju mill-Kummissarju responsabbli għas-suġġett, jew, jekk hu jew hi ma jkunx/tkunx disponibbli, preferibilment minn Membru ieħor tal-Kummissjoni jew mid-Direttur Ġenerali responsabbli għas-suġġett;

5. Jitlob lill-Bureau u lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw l-ikbar viżibilità possibbli tas-seduti ta' smigħ pubbliku dwar l-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej billi jipprovdu faċilitajiet xierqa, inkluż l-użu tal-aqwa teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni disponibbli;

6. Huwa tal-fehma li l-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu mħeġġa jattendu s-seduti ta' smigħ dwar inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

TEST FIS-SEĦĦ	EMENDA

Emendi 5 u 4
Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 197a (ġdid)

Artikolu 197a

Seduti ta' smigħ pubbliku dwar inizjattivi taċ-ċittadini

1. Meta l-Kummissjoni tkun ippubblikat inizjattiva taċ-ċittadini fir-reġistru rilevanti skont l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 [1], il-President tal-Parlament, fuq talba mill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati:

(a) għandu jagħti l-kompitu lill-kumitat leġiżlattiv responsabbli mis-suġġett skont l-Anness VII biex jorganizza s-smigħ pubbliku stipulat fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011; il-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu jkun awtomatikament assoċjat mal-kumitat leġiżlattiv skont l-Artikolu 50 ta' dawn ir-Regoli;

(b) jista', fejn żewġ inizjattivi taċ-ċittadini jew aktar, ippubblikati fir-reġistru rilevanti skont l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, ikollhom suġġett simili, jiddeċiedi, wara li jikkonsulta lill-organizzaturi, li jiġi organizzat smigħ pubbliku konġunt fejn jiġu indirizzati l-inizjattivi taċ-ċittadini kollha fuq l-istess livell.

2. Il-kumitat responsabbli:

(a) għandu jiżgura li l-Kummissjoni tirċievi lill-organizzaturi fil-livell xieraq skont l-Artikolu 10(1)(b), tar-Regolament (UE) Nru 211/2011;

(b) għandu jiżgura, jekk ikun hemm bżonn bl-appoġġ tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, li l-Kummissjoni tipparteċipa kif xieraq fl-organizzazzjoni tas-smigħ pubbliku u li, f'din l-okkażjoni, tkun rappreżentata fil-livell xieraq.

3. Il-President tal-kumitat responsabbli għandu jagħżel id-data għas-smigħ pubbliku fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni tal-inizjattiva lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011.

4. Il-kumitat responsabbli għandu jorganizza s-smigħ pubbliku fil-Parlament, jekk ikun il-każ flimkien mal-istituzzjonijiet u l-entitajiet l-oħrajn tal-Unjoni f'każ li juru x-xewqa li jipparteċipaw. Jista' jistieden lil partijiet interessati oħrajn biex jattendu.

Il-kumitat responsabbli għandu jistieden lil grupp rappreżentattiv tal-organizzaturi, inkluż tal-inqas waħda mill-persuni ta' kuntatt imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, biex tippreżenta l-inizjattiva fis-seduta ta' smigħ.

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

TEST FIS-SEHH	EMENDA
	5. Il-Bureau għandu, skont l-arranġamenti maqbulha mal-Kummissjoni, jadotta regoli dwar ir-rimborż ta' spejjeż imġarrba.
	6. Il-President tal-Parlament u l-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jista' jiddelega s-setgħat tagħhom fil-qafas ta' dan l-Artikolu lil Viċi President jew president ieħor tal-kumitat rispettivament;
	7. Jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 50 jew fl-Artikolu 51, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll mutatis mutandis għal kumitati oħrajn. L-Artikolu 188 għandu japplika wkoll.
	L-Artikolu 23(9) ma għandux japplika għas-seduti ta' smigħ pubbliku dwar inizjattivi taċ-ċittadini.

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65, 11.3.2011, p.1).

Emenda 2

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 203a

TEST FIS-SEHH	EMENDA
Meta l-Parlament ikun mgħarraf li l-Kummissjoni tkun ġiet mistiedna biex tressaq proposta għal att legali skont l-Artikolu 11(4) tat-Trattat UE, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu jaċċerta ruħu jekk din il-ħaġa tistax taffettwa l-ħidma tiegħu u, jekk ikun meħtieġ, għandu jgħarraf lil dawk il-petizzjonanti li jkunu indirizzaw petizzjoni dwar suġġetti relatati.	Meta l-Parlament ikun mgħarraf li l-Kummissjoni tkun ġiet mistiedna biex tressaq proposta għal att legali skont l-Artikolu 11(4) tat-Trattat UE ***u b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 211/2011, il-kumitat responsabbli għal kwistjonijiet relatati mal-petizzjonijiet*** għandu jaċċerta ruħu jekk din il-ħaġa tistax taffettwa l-ħidma tiegħu u, jekk ikun meħtieġ, għandu jgħarraf lil dawk il-petizzjonanti li jkunu indirizzaw petizzjonijiet dwar suġġetti relatati.
	Il-proposti għal inizjattivi taċ-ċittadini li jkunu ġew reġistrati b'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, iżda li ma jistgħux jitressqu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament minħabba li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stipulati ma ġewx rispettati, jistgħu jiġu eżaminati mill-kumitat kompetenti għall-petizzjonijiet jekk dan iqis xieraq li jingħata segwitu. L-Artikoli 201, 202 u 203 għandhom japplikaw mutatis mutandis.

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

Denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni *

P7_TA(2012)0206

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/98 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (COM(2011)0296 – C7-0189/2011 – 2011/0128(NLE))

(2013/C 264 E/19)

(Proċedura ta' Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2011)0296),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 128(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0189/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0440/2011),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tibdel il-proposta tagħha kif xieraq, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 1

Proposta għal regolament
Artikolu 1
Regolament (KE) 975/98
Artikolu 1g – paragrafu 2

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, abbozzi ġodda ta' disinji ta' muniti tal-euro għandhom jitressqu *mill-Istat Membri* li joħroġhom quddiem il-Kummissjoni, mill-inqas sitt xhur qabel id-data ppjanata tal-ħruġ. Il-Kummissjoni għandha tivverifika l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mingħajr dewmien u f'mhux iktar tard minn *għaxart'ijiem* tax-xogħol.	2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, abbozzi ġodda ta' disinji ta' muniti tal-euro għandhom jitressqu *mill-Istat Membru* li joħroġhom quddiem il-Kummissjoni, mill-inqas sitt xhur qabel id-data ppjanata tal-ħruġ. Il-Kummissjoni għandha tivverifika l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mingħajr dewmien u f'mhux iktar tard minn *10 ijiem* tax-xogħol. ***Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri u lill-BĊE dwar dak li rriżultalha fi żmien 10 ijiem ta' xogħol minn tali verifika.***

Il-ħruġ tal-muniti tal-euro ***I

P7_TA(2012)0210

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-muniti tal-euro (COM(2011)0295 – C7-0140/2011 – 2011/0131(COD))

(2013/C 264 E/20)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0295),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 133 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0140/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-23 ta' Awissu 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-25 ta' April 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0439/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 273, 16.9.2011, p. 2.

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

P7_TC1-COD(2011)0131

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' Mejju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-muniti tal-euro

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 651/2012.)

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

Tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran ***I

P7_TA(2012)0214

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 302/2009 li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (COM(2011)0330 – C7-0154/2011 – 2011/0144(COD))

(2013/C 264 E/21)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0330),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0154/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-18 ta' April 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0449/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni tal-Parlament mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 24, 28.1.2012, p. 116.

P7_TC1-COD(2011)0144

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Mejju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 500/2012).

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

Anness mar-riżoluzzjoni leġiżlattiva

Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew dwar l-atti implimentattivi

Il-Parlament Ewropew jiddikjara li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rigward l-atti implimentattivi huma r-riżultat ta' kompromess delikat. Sabiex jintlaħaq ftehim fl-ewwel qari qabel il-bidu tal-istaġun tas-sajd għat-tonn, il-Parlament Ewropew aċċetta għalhekk il-possibilità ta' atti implimentattivi f'ċerti każijiet speċifiċi. Madankollu jenfasizza li dawk id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jitqiesu jew jintużaw bħala preċedent biex jiġu rregolati sitwazzjonijiet simili għat-traspożizzjoni effettiva ta' miżuri għall-konservazzjoni u l-ġestjoni internazzjonali futuri li ġew stabbiliti mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd u li jorbtu lill-Unjoni bi qbil mat-termini tal-konvenzjonijiet internazzjonali li jwaqqfu dawk l-organizzazzjonijiet.

Id-dħul gradwali aċċellerat ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed (tfassil mill-ġdid) ***I

P7_TA(2012)0215

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dħul gradwali aċċellerat ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed (tfassil mill-ġdid) (COM(2011)0566 – C7-0269/2011 – 2011/0243(COD))

(2013/C 264 E/22)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – tfassil mill-ġdid)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0566),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0269/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-7 ta' Diċembru 2011 ([1]),

— wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali ([2]),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-25 ta' Novembru 2011 tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizzata lill-Kumitat għat-trasport u t-Turiżmu skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-4 ta' April 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 87 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0034/2012),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata ma tinkludi ebda tibdil sostantiv ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta, u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tinkludi kodifikazzjoni sempliċi tat-testi eżistenti mingħajr tibdil fis-sostanza tagħhom,

([1]) ĠU C 43, 15.2.2012, p. 98.
([2]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt, filwaqt li jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P7_TC1-COD(2011)0243

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Mejju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed (Riformulazzjoni)

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 530/2012).

L-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Możambik ***

P7_TA(2012)0216

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Możambik (18059/2011 – C7-0028/2012 – 2011/0378(NLE))

(2013/C 264 E/23)

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (18059/2011),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Protokoll ġdid li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Możambik (18058/2011),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6) it-tieni subparagrafu, punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0028/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0147/2012),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-protokoll;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tgħaddi lill-Parlament il-minuti u l-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt previsti fl-Artikolu 9 tal-Ftehim, il-programm settorjali pluriennali msemmi fl-Artikolu 3 tal-Protokoll il-ġdid u r-riżultati tal-evalwazzjonijiet annwali tiegħu; jitlobha wkoll li tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tal-Parlament fil-funzjoni ta' osservaturi fil-laqgħat tal-kumitat konġunt u li tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill, fl-aħħar sena ta' implimentazzjoni tal-Protokoll il-ġdid u qabel jinfetħu n-negozjati għat-tiġdid tiegħu, rapport ta' evalwazzjoni komplut dwar l-implimentazzjoni tiegħu, mingħajr restrizzjonijiet mhux meħtieġa fuq l-aċċess għal dan id-dokument;

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, fil-kuntest tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, iżommu lill-Parlament mgħarraf immedjatament u b'kollox, fl-istadji kollha tal-proċedura marbuta mal-Protokoll il-ġdid u t-tiġdid tiegħu, skont l-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Możambik.

Sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji *

P7_TA(2012)0217

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE (COM(2011)0594 – C7-0355/2011 – 2011/0261(CNS))

(2013/C 264 E/24)

(Proċedura leġislattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2011)0594),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0355/2011),

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati mressqa, fi ħdan il-qafas tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, mill-Parlament Ċiprijott u l-Parlament Svediż, li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġislattiv ma jikkonformax mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0154/2012),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 1
Proposta għal direttiva
Premessa 1

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
(1) Il-kriżi finanzjarja riċenti wasslet għal dibattiti fil-livelli kollha dwar il-possibbiltà ta' taxxa addizzjonali fuq is-settur finanzjarju u b'mod partikolari taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (FTT). Dan id-dibattitu joriġina mix-xewqa li jiġi żgurat li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi biex ikopri l-***kostijiet*** tal-kriżi u li jiġi ntaxxat b'mod ekwu fil-konfront ta' setturi oħrajn fil-ġejjieni; sabiex jiġu disinċentivati attivitajiet riskjużi wisq minn istituzzjonijiet finanzjarji; sabiex jiġu kkumplimentati miżuri regolatorji maħsuba biex jiġu evitati kriżijiet futuri u biex jiġi ġġenerat dħul addizzjonali għall-baġits ġenerali jew għal skopijiet speċifiċi ta' politika.	(1) Il-kriżi finanzjarja riċenti wasslet għal dibattiti fil-livelli kollha dwar il-possibbiltà ta' taxxa addizzjonali fuq is-settur finanzjarju u b'mod partikolari taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (FTT). Dan id-dibattitu joriġina mix-xewqa li jiġi żgurat li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi biex ikopri l-*ispejjeż* tal-kriżi u li jiġi ntaxxat b'mod ekwu fil-konfront ta' setturi oħrajn fil-ġejjieni; sabiex jiġu disinċentivati attivitajiet riskjużi wisq minn istituzzjonijiet finanzjarji; sabiex jiġu kkumplimentati miżuri regolatorji maħsuba biex jiġu evitati kriżijiet futuri u biex jiġi ġġenerat dħul addizzjonali għall-baġits ġenerali ***inter alia bħala kontribut għall-konsolidazzjoni fiskali, sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u jinħoloq l-impjieg***, jew ***għal*** skopijiet speċifiċi ta' politika, ***bħall-għajnuna għall-iżvilupp u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima***.

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 2
Proposta għal direttiva
Premessa 2

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
(2) Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet permezz ta' miżuri meħudin unilateralment mill-Istati Membri, filwaqt li jingħata kas tal-mobilità estremament għolja ta' ħafna mit-tranżazzjonijiet finanzjarji rilevanti, u biex b'hekk jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern, huwa importanti li l-karatteristiċi bażiċi ta' FTT fl-Istati Membri jiġu armonizzati fil-livell tal-Unjoni. B'hekk għandhom jiġu evitati inċentivi għall-arbitraġġ fiskali fl-Unjoni u d-distorsjonijiet ta' allokazzjonijiet bejn is-swieq finanzjarji fl-Unjoni, kif ukoll il-possibilitajiet ta' tassazzjoni doppja jew ta' nuqqas ta' tassazzjoni.	(2) Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet permezz ta' miżuri meħudin unilateralment mill-Istati Membri, filwaqt li jingħata kas tal-mobilità estremament għolja ta' ħafna mit-tranżazzjonijiet finanzjarji rilevanti, u biex b'hekk jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern, huwa importanti li l-karatteristiċi bażiċi ta' FTT fl-Istati Membri jiġu armonizzati, ***u din id-Direttiva tiġi implimentata***, fil-livell tal-Unjoni. B'hekk għandhom jiġu evitati inċentivi għall-arbitraġġ fiskali fl-Unjoni u d-distorsjonijiet ta' allokazzjonijiet bejn is-swieq finanzjarji fl-Unjoni, kif ukoll il-possibilitajiet ta' tassazzjoni doppja jew ta' nuqqas ta' tassazzjoni. ***B'kont meħud tal-għan aħħari tal-applikazzjoni ta' FTT mal-Unjoni kollha, jekk grupp ta' Stati Membri, inkluż, imma mhux limitat għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, jiddeċiedi li jgħaġġel aktar permezz ta' kooperazzjoni miżjuda skont l-Artikolu 329 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-mudell żviluppat f'din id-Direttiva jkun jidher xieraq bħala bażi għall-implimentazzjoni ġewwa dak il-grupp ta' Stati Membri. Madankollu, l-introduzzjoni ta' FTT f'numru partikolarment limitat ta' Stati Membri tista' twassal għal distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni fis-suq intern u għandhom jittieħdu miżuri komprensivi sabiex jiġi żgurat li din l-azzjoni ma taffettwax b'mod negattiv il-funzjonament tas-suq intern.***

Emenda 3
Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	(2a) F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 u b'kont meħud tal-fatt li l-FTT tilħaq verament l-objettivi tagħha jekk tkun introdotta fuq livell globali, l-Unjoni għandha tmexxi l-isforzi biex jintlaħaq ftehim dwar l-FTT fil-livell globali. Biex tagħti eżempju għall-introduzzjoni ta' FTT, l-Unjoni trid tinsisti reżolutament għal ftehim globali fil-qasam internazzjonali rilevanti, speċjalment il-G20, biex tistabbilixxi bażi komuni għall-introduzzjoni ta' FTT globali. L-azzjonijiet konkreti f'din id-direzzjoni għandhom ikunu parti mir-rapport tal-Kummissjoni fil-qafas tal-ewwel rieżami ta' din id-Direttiva.

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 3

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
(3) ***Biex is-suq intern jaħdem kif suppost***, l-FTT għandha tapplika għall-kummerċ fuq firxa wiesgħa ta' strumenti finanzjarji, inklużi prodotti strutturati, kemm fis-swieq organizzati kif ukoll *barra minn dawn is-swieq*, u wkoll għall-konklużjoni u l-modifika ta' kull kuntratt *derivat*. Għall-istess raġuni, din għandha tapplika għal firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet finanzjarji.	(3) ***Biex tonqos il-possibilità ta' evitar tat-taxxa, ir-riskju ta' rilokazzjoni u arbitraġġ regolatorju***, l-FTT għandha tapplika għall-kummerċ fuq firxa wiesgħa ta' strumenti finanzjarji, inklużi prodotti strutturati, kemm dawk *nnegozjati* fis-swieq organizzati kif ukoll *dawk li huma "over-the-counter"*, u wkoll għall-konklużjoni u l-modifika ta' kull kuntratt *ta' derivati*. Għall-istess raġuni, din għandha tapplika għal firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet finanzjarji. ***L-inklużjoni tal-firxa l-aktar wiesgħa possibbli ta' strumenti u atturi finanzjarji għandha tiżgura wkoll li l-piż tat-taxxa jitqassam ugwalment bejn l-atturi kollha imma relattivament akbar għal tranżazzjonijiet finanzjarji aktar spekulattivi u aktar destabbilizzanti. Ma jistax jintlaħaq l-istess riżultat jekk l-ambitu tal-FTT ikun aktar limitat, eż. jekk jieħu l-forma ta' taxxa tal-bolla, li jitfa' l-piż kollu tat-taxxa fuq grupp aktar limitat ta' strumenti nnegozjati fis-swieq regolati, mingħajr ma jintlaħaq l-għan li titrażżan is-spekulazzjoni eċċessiva u ta' ħsara***.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 11a (ġdida)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	(11a) Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-pożizzjoni tan-negozju fil-boroż, li huwa strettament irregolat, ikkontrollat u trasparenti meta mqabbel man-negozju mhux regolat, mhux ikkontrollat u inqas trasparenti li jsir barra mill-boroż, l-Istati Membri għandhom japplikaw rati ta' taxxa aktar baxxi għal tranżazzjonijiet finanzjarji fil-boroż milli għal tranżazzjonijiet li jsiru barra mill-boroż. Dan se jagħmilha possibbli li jkun hemm ċaqliq minn negozju fis-swieq bi ftit jew mingħajr regolazzjoni għal boroż li huma suġġetti għal regolazzjoni u kontroll stretti.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 12

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
(12) Sabiex it-tassazzjoni tiġi kkonċentrata fuq is-settur finanzjarju bħala tali aktar milli fuq iċ-ċittadini u minħabba li l-istituzzjonijiet finanzjarji jesegwixxu l-maġġoranza vasta ta' tranżazzjonijiet fis-swieq finanzjarji, it-taxxa għandha tapplika għal dawk l-istituzzjonijiet, sew jekk jinnegozjaw f'isimhom stess, f'isem persuni oħra, akkont tagħhom stess jew akkont ta' persuni oħra.	(12) Sabiex it-tassazzjoni tiġi kkonċentrata fuq is-settur finanzjarju bħala tali aktar milli fuq iċ-ċittadini u minħabba li l-istituzzjonijiet finanzjarji jesegwixxu l-maġġoranza vasta ta' tranżazzjonijiet fis-swieq finanzjarji, it-taxxa għandha tapplika ***biss*** għal dawk l-istituzzjonijiet, sew jekk jinnegozjaw f'isimhom stess, f'isem persuni oħra, akkont tagħhom stess jew akkont ta' persuni oħra.

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 7
Proposta għal direttiva
Premessa 13

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
(13) Minħabba l-mobilità għolja ta' tranżazzjonijiet finanzjarji u sabiex tgħin biex ittaffi l- potenzjali ta' evażjoni fiskali, l-FTT għandha tiġi applikata abbażi tal-prinċipju ta' residenza.	(13) Minħabba l-mobilità għolja ta' tranżazzjonijiet finanzjarji u sabiex tgħin biex ittaffi l-potenzjali ta' evażjoni fiskali ***u sabiex tiżgura l-kopertura l-aktar wiesgħa possibbli tal-atturi u t-tranżazzjonijiet***, l-FTT għandha tiġi applikata abbażi ta' prinċipju ta' residenza ***definit b'mod wiesa' ħafna, issupplimentat mill-elementi tal-prinċipju tal-ħruġ. Barra minn hekk, għandu japplika l-prinċipju ta' sjieda għal infurzar aħjar tal-FTT***.

Emenda 8
Proposta għal direttiva
Premessa 14

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
(14) Ir-rati minimi tat-taxxa għandhom jiġu stabbiliti f'livell għoli biżżejjed sabiex jintlaħaq l-għan ta' armonizzazzjoni ta' din id-Direttiva. Fl-istess ħin, dawn għandhom ikunu baxxi biżżejjed sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' delokalizzazzjoni.	(14) Ir-rati minimi tat-taxxa għandhom jiġu stabbiliti f'livell għoli biżżejjed sabiex jintlaħaq l-għan ta' armonizzazzjoni ta' din id-Direttiva, ***sabiex is-settur finanzjarju jagħti kontribut xieraq għall-ispejjeż tal-kriżi ekonomika u b'hekk jagħti spinta lill-ekonomija reali***. Fl-istess ħin, ***sakemm tiġi implimentata sistema ta' FTT uniformi u globali,*** *dawk ir-rati* għandhom ikunu baxxi biżżejjed sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' delokalizzazzjoni.

Emenda 9
Proposta għal direttiva
Premessa 15a (ġdida)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	(15a) Minħabba li r-rati ta' evitar, evażjoni u abbuż se jiddependu parzjalment mill-kapaċità tal-Istati Membri li jivverifikaw it-tranżazzjonijiet taxxabbli li jitwettqu f' post ta' negozju f'pajjiż terz, l-Istati Membri u, fejn applikabbli, il-Kummissjoni, għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti għall-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tat-taxxa stabbiliti mill-OECD, il-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn. Jekk ikun neċessarju, għandhom jittieħdu inizjattivi kooperattivi bilaterali u multilaterali ġodda f'dan ir-rigward.

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 16

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
(16) Sabiex tkun tista' ssir l-adozzjoni ta' regoli aktar dettaljati għad-determinazzjoni dwar jekk ċerti attivitajiet finanzjarji jikkostitwixxux parti sinifikanti mill-attività ta' impriża, sabiex l-impriża tkun tista' titqies istituzzjoni finanzjarja għall-finijiet ta' din id-Direttiva, u kif ukoll regoli aktar dettaljati dwar il-protezzjoni kontra l-evażjoni, l-evitar u l-abbuż tat-taxxa, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-miżuri neċessarji għal dan il-għan. Huwa ta' importanza partikolari li matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, ***inkluż fil-livell ta' esperti***. Waqt li tkun qiegħda tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni, għandha tiżgura trażmissjoni fil-ħin u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Kunsill.	(16) Sabiex tkun tista' ssir l-adozzjoni ta' regoli aktar dettaljati għad-determinazzjoni dwar jekk ċerti attivitajiet finanzjarji jikkostitwixxux parti sinifikanti mill-attività ta' impriża, sabiex l-impriża tkun tista' titqies istituzzjoni finanzjarja għall-finijiet ta' din id-Direttiva, u kif ukoll regoli aktar dettaljati dwar il-protezzjoni kontra l-evażjoni, l-evitar u l-abbuż tat-taxxa, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-miżuri neċessarji għal dan il-għan. Huwa ta' importanza partikolari li matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, ***partikolarment ma' esperti, organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u partijiet interessati oħrajn***. Waqt li tkun qiegħda tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni, għandha tiżgura trażmissjoni fil-ħin u xierqa ta' dokumenti rilevanti ***lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kunsill.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 17a (ġdida)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	(17a) Din id-Direttiva ma tindirizzax l-immaniġġjar tad-dħul minn FTT. Madankollu, b' kont meħud tal-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020 u b'mod partikolari rigward id-dispożizzjonijiet dwar ir-riżorsi proprji tal-Unjoni, parti mill-introjtu minn FTT tista' tkun immaniġġjata fil-livell tal-Unjoni, jew bħala parti mir-riżorsi proprji tal-Unjoni jew marbuta direttament ma' politika u prodotti pubbliċi speċifiċi tal-Unjoni. L-użu ta' parti mid-dħul mill-FTT bħala riżorsi proprji tal-Unjoni jnaqqas il-kontributi nazzjonali għall-baġit tal-Unjoni u għalhekk jirrilaxxa fondi mill-baġits nazzjonali għal użu ieħor.

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 17b (ġdida)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	(17b) L-Istati Membri biss għandhom il-kompetenza li jinponu t-taxxa.

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 13
Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 2

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
2. Din id-Direttiva għandha tapplika għat-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha, ***bil-kondizzjoni li*** mill-inqas parti waħda għat-tranżazzjoni tkun stabbilita fi Stat Membru u ***li*** istituzzjoni finanzjarja stabbilita fit-territorju tal-Istat Membru tkun parti għat-tranżazzjoni, li taġixxi jew akkont tagħha stess jew akkont ta' persuna oħra, jew li tkun qiegħda taġixxi f'isem parti għat-tranżazzjoni.	2. Din id-Direttiva għandha tapplika, ***skont l-Artikolu 3***, għat-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha ***soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:*** ***(a)*** mill-inqas parti waħda għat-tranżazzjoni tkun stabbilita fi Stat Membru u istituzzjoni finanzjarja stabbilita fit-territorju tal-Istat Membru tkun parti għat-tranżazzjoni, li taġixxi jew akkont tagħha stess jew akkont ta' persuna oħra, jew li tkun qiegħda taġixxi f'isem parti għat-tranżazzjoni; ***jew*** ***(b) it-tranżazzjoni tinvolvi strument finanzjarju maħruġ minn entitajiet legali rreġistrati fl-Unjoni.***

Emenda 14
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	(ca) tranżazzjonijiet immedjati tal-muniti barra fejn ikunu direttament relatati mal-attivitajiet kummerċjali ta' kontroparti mhux finanzjarja li tkun utent finali.

Emenda 15
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 7 – punt f

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
(f) *fond* tal-pensjonijiet jew istituzzjoni għall-provvista tal-irtirar okkupazzjonali kif definiti fl-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, maniġer ta' investiment ta' tali fond jew istituzzjoni;	(f) *fond* tal-pensjonijiet jew istituzzjoni għall-provvista tal-irtirar okkupazzjonali kif definiti fl-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet għall-provvista tal-irtirar okkupazzjonali***, maniġer ta' investiment ta' tali fond jew istituzzjoni, ***u entità mwaqqfa għall-iskop ta' investiment ta' tali fondi jew istituzzjonijiet li joperaw esklussivament fl-interess ta' tali fondi jew istituzzjonijiet, m'għandhomx jitqiesu bħala istituzzjoni finanzjarja, għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, sad-data tar-rieżami ta' din id-Direttiva skont l-Artikolu 16;***

Emenda 16
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	(ea) hija parti, li qiegħda taġixxi akkont tagħha stess jew akkont ta' persuna oħra, jew qiegħda taġixxi f'isem parti għat-tranżazzjoni fir-rigward ta' strument finanzjarju maħruġ fit-territorju ta' Stat Membru jew tal-Unjoni.

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

2a. Għall-iskop li jiġi applikat b'mod konsistenti l-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin u mal-AETS fir-riward tas-superviżjoni tas-swieq finanzjarji.

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 3a (ġdid)

Artikolu 3a

Ħruġ

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, strument finanzjarju huwa meqjus bħala maħruġ fit-territorju ta' Stat Membru jew tal-Unjoni meta jkun maħruġ minn entità legali li hija rreġistrata fi Stat Membru.

2. Fil-każ ta' ftehim dwar derivati, il-kundizzjoni tal-ħruġ fit-territorju ta' Stat Membru jew tal-Unjoni hija ssodisfatta fejn ir-referenza jew strument sottostanti jkun maħruġ minn entità legali li tkun irreġistrata fi Stat Membru.

3. Fil-każ ta' strument strutturat, il-kundizzjoni tal-ħruġ fit-territorju ta' Stat Membru jew tal-Unjoni hija ssodisfatta meta l-istrument strutturat ikun ibbażat fuq jew appoġġjat minn proporzjon sinifikanti ta' assi jew strumenti finanzjarji u ftehim dwar derivati b'referenza għal strumenti finanzjarji jkun maħruġ minn entità legali li tkun irreġistrata fi Stat Membru.

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 3b (ġdid)

Artikolu 3b

It-trasferiment ta' titolu legali

1. Tranżazzjoni finanzjarja li fir-rigward tagħha l-ebda FTT ma tkun ġiet imposta għandha titqies legalment mhux infurzabbli u ma għandhiex tirriżulta fi trasferiment ta' titolu legali tal-istrument sottostanti.

2. Tranżazzjoni finanzjarja kif imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex titqies li tissodisfa r-rekwiżiti għal rilaxx ċentrali skont ir-Regolament (UE) Nru…/2012 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' … dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet [EMIR] jew l-adegwatezza kapitali skont ir-Regolament (UE) Nru…/2012 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' … dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment [CRR IV].

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	3. Fil-każ ta' skemi awtomatiċi ta' pagament elettroniku bil-parteċipazzjoni, jew mingħajrha, tal-aġenti għall-ħlas tal-pagamenti, l-awtoritajiet tad-dħul ta' Stat Membru jistgħu jistabbilixxu sistema ta' ġbir elettroniku awtomatiku tal-FTT u ċertifikati tat-trasferiment ta' titoli legali.

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 3

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
3. L-Istati Membri għandhom japplikaw l-istess rata għat-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha li jaqgħu taħt l-istess kategorija skont il-paragrafu 2 (a) u (b).	3. ***Sabiex jiġi evitat l-arbitraġġ tat-taxxa***, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-istess rata għat-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha li jaqgħu taħt l-istess kategorija skont il-paragrafu 2 (a) u (b).

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	3a. L-Istati Membri għandhom japplikaw rata aktar baxxa ta' taxxa għal tranżazzjonijiet finanzjarji fuq il-boroż minn dawk applikati għall-kummerċ barra mill-boroż. Dan għandu japplika għat-tranżazzjonijiet finanzjarji imsemmija fl-Artikoli 5 u 6.

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
2. Meta istituzzjoni finanzjarja taġixxi għan-nom jew ***akkont*** ta' istituzzjoni finanzjarja oħra, dik l-istituzzjoni finanzjarja l-oħra biss għandha tkun responsabbli li tħallas FTT.	2. Meta istituzzjoni finanzjarja taġixxi għan-nom, ***akkont*** jew ***b'ordni ta***' istituzzjoni finanzjarja oħra, dik l-istituzzjoni finanzjarja l-oħra biss għandha tkun responsabbli li tħallas FTT. ***Meta bosta istituzzjonijiet finanzjarji jkunu mdaħħlin fi proċess bħal dan, tkun biss l-istituzzjoni oriġinarja mniżżla bħala trader li tkun responsabbli biex tħallas l-FTT.***

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-obbligi ta' ***reġistrazzjoni, ta'*** kontabilità, ta' rappurtar u obbligi oħra maħsuba biex jiżguraw li l-FTT dovuta lill-awtoritajiet fiskali titħallas b'mod effettiv.	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-obbligi ta' kontabilità ***u*** ta' rappurtar u obbligi oħra maħsuba biex jiżguraw li l-FTT dovuta lill-awtoritajiet fiskali titħallas b'mod effettiv.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	1a. Istituzzjoni finanzjarja għandha, fi żmien sitt xhur middħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, tirreġistra mal-awtoritajiet tat-taxxa fi Stat Membru fejn ikun meqjus li tkun ġiet stabbilita skont l-Artikolu 3(1).

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid)

	1b. Stat Membru jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji rreġistrati fit-territorju tagħhom.

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

	5a. L-Istati Membri għandhom jiżvelaw kull sena lill-Kummissjoni u lill-Eurostat il-volumi ta' tranżazzjonijiet li fuqhom inġabar d-dħul.

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – titolu

Dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni tal-evażjoni, tal-evitar u tal-abbuż	Dispożizzjonijiet speċifiċi relatati ***mat-trasparenza u*** **mal-prevenzjoni tal-evażjoni, tal-evitar u tal-abbuż** ***tat-taxxa***

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1

1. ***L-Istati Membri*** għandhom ***jadottaw miżuri*** għall-prevenzjoni tal-evażjoni, tal-evitar u tal-abbuż mit-taxxa.	1. ***Ir-regoli tal-Unjoni*** għandhom ***jiġu adottati*** għall-prevenzjoni tal-evażjoni, tal-evitar u tal-abbuż mit-taxxa.

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

	1a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' ħidma espert (Kumitat FTT), li jinkludi rappreżentanti mill-Istati Membri, li jissorvelja l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jaħtru entitajiet u jagħtuhom kompetenza adegwata ħalli jieħdu azzjoni immedjata fil-każ ta' abbuż. ***Il-Kumitat FTT għandu jissorvelja t-tranżazzjonijiet finanzjarji sabiex, fejn hu xieraq, jiġu identifikati skemi ta' evitar tat-taxxa, jiġu proposti kontromiżuri u tiġi kkoordinata l-implimentazzjoni ta' tali kontromiżuri fil-livell nazzjonali.***

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

	3a. Il-piż amministrattiv impost fuq l-awtoritajiet tat-taxxa permezz tal-introduzzjoni tal-FTT għandu jinżamm għal minimu u, għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali.

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 3b (ġdid)

	3b. L-Eurostat għandha tiġbor u tippubblika kull sena l-flussi finanzjarji soġġetti għall-FTT fl-Unjoni.

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 3c (ġdid)

	3c. Bl-iskop li jkunu vverifikati t-tranżazzjonijiet taxxabbli magħmulin f' post ta' negozju f'pajjiż terz, l-Istati Membri u, fejn applikabbli, il-Kummissjoni għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti tal-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tat-taxxa mwaqqfin mill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 3d (ġdid)

	3d. Sabiex jiġu adattati l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u, b'mod partikolari, fir-rigward ta' kooperazzjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jipprovduhom bir-riżorsi umani u t-tagħmir tekniku neċessarji u adegwati. Attenzjoni partikolari għandha tintefa fuq l-għoti ta' taħriġ għall-uffiċjali.

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 3e (ġdid)

	3e. Il-Kummissjoni għandha tagħmel eżami dettaljat biex tanalizza l-ispejjeż amministrattivi għall-awtoritajiet reġjonali u lokali li joħorġu mill-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 16

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
Kull ħames snin u għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u, fejn xieraq, proposta għall-modifika tagħha.	Kull ħames snin u għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u, fejn xieraq, proposta għall-modifika tagħha.
F'dak ir-rapport il-Kummissjoni għandha, mill-inqas, teżamina l-impatt tal-FTT fuq il-funzjonament proprju tas-suq intern, tas-swieq finanzjarji u tal-ekonomija reali u għandha tivvaluta l-progress dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju fil-kuntest internazzjonali.	F'dak ir-rapport il-Kummissjoni għandha, mill-inqas, teżamina l-impatt tal-FTT fuq il-funzjonament proprju tas-suq intern, tas-swieq finanzjarji u tal-ekonomija reali. ***Għandha tivvaluta wkoll l-impatt ta' ċerti dispożizzjonijiet bħall-ambitu xieraq tal-FTT, il-possibilità li tiddistingwi bejn kategoriji differenti ta' prodotti u assi finanzjarji bil-għan li jintalbu rati ogħla wara ċertu proporzjon ta' ordnijiet ikkanċellati, ir-rata ta' tassazzjoni u l-eżenzjoni tal-istituzzjonijiet għall-provvista tal-irtirar okkupazzjonali skont l-Artikolu 2(1)(7)(f). Fejn il-Kummissjoni tiskopri li saret xi distorsjoni jew abbuż, hija għandha tipproponi rimedji xierqa.***
	Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tanalizza u tirrapporta dwar il-ġbir tal-introjtu mit-taxxa FTT nazzjonali abbażi tar-residenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji, u sa liema punt, dan il-ġbir, ikun differenti minn distribuzzjoni tat-taxxa msejsa fuq ir-residenza tal-konsumatur sottostanti, b'mod partikolari sa liema punt il-konsolidament finanzjarju jiċċentralizza d-dħul tat-taxxa fiċ-ċentri finanzjarji.
	Fir-rapporti tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis forom differenti ta' tassazzjoni tas-settur finanzjarju, li qed jiġu diskussi jew diġà mwaqqfa, u l-progress rigward l-introduzzjoni ta' FTT usa'. Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tressaq proposti jew tieħu azzjoni sabiex tiffaċilita l-konverġenza u tħeġġeġ l-introduzzjoni ta' FTT globali.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

Għajnuna makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi ***I

P7_TA(2012)0220

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-24 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għall-Assistenza Makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi (COM(2011)0396 – C7-0187/2011 – 2011/0176(COD)) ([1])

(2013/C 264 E/25)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 1
Proposta għal regolament
Titolu

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali għall-Assistenza *Makrofinanzjarjalil* Pajjiżi Terzi	Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali għall-Assistenza *Makrofinanzjarja lil* Pajjiżi ***u Territorji*** Terzi

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

	(1a) L-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tintuża biex tingħata għajnuna finanzjarja eċċezzjonali lil pajjiżi terzi li jkunu qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet temporanji tal-bilanċ tal-pagamenti. B'differenza minn strumenti oħra tal-Unjoni li jappoġġjaw direttament il-politika esterna tagħha (bħalma huma l-Istrument ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (*), l-Istrument tal-Viċinat Ewropew (**), l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (***)eċċ.), l-assistenza makrofinanzjarja m'għandhiex tintuża biex tagħti appoġġ finanzjarju regolari, u lanqas m'għandu jkollha bħala l-għan primarju tagħha li tgħin l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli tal-pajjiżi benefiċjarji. L-assistenza makrofinanzjarja wkoll m'għandhiex tintuża b'mod li jixbah għotjiet kondizzjonali tal-ħfir tad-dejn. *(*) Ir-Regolament Nru … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar l-Istrument ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU …)* *(**) Ir-Regolament Nru … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar l-Istrument tal-Viċinat Ewropew (ĠU …)* *(***) Ir-Regolament Nru … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi strument finanzjarju għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU …)*

([1]) Il-każ kien riferut lura lill-kumitat responsabbli mill-eżami mill-ġdid skont it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(2) tar-Regoli ta' Proċedura (A7-0157/2012).

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 2

(2) ***Fil-preżent, l-assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi hija bbażata fuq deċiżjonijiet ad-hoc għal pajjiżi speċifiċi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan inaqqas*** l-effiċjenza u l-effikaċja tal-assistenza ***billi jikkawża dewmien bla bżonn bejn it-talbiet għall-assistenza makrofinanzjarja u l-implimentazzjoni proprja tagħhom***.	(2) ***Ir-regolament ta' qafas għandu l-għan li jiċċara r-regoli u jtejjeb*** l-effiċjenza u l-effikaċja tal-assistenza ***tal-Unjoni, inter alia billi jsaħħaħ l-applikazzjoni tal-prekundizzjonijiet, itejjeb it-trasparenza u jifformalizza l-valutazzjoni politika min-naħa tal-Kummissjoni u jtejjeb l-effikaċja demokratika u l-iskrutinju demokratiku***.

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 3

(3) Qafas għall-forniment ta' assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi ***li magħhom l-Unjoni għandha rabtiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali importanti għandu jagħmel l-assistenza aktar effikaċi. B'mod partikolari, għandu jkun possibbli li tiġi pprovduta assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi*** sabiex ***dawn jiġu mħeġġa*** jadottaw miżuri ta' politika ekonomika li x'aktarx isolvu kriżi ta' bilanċ tal-pagamenti.	(3) Qafas għall-forniment ta' assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi għandu jinkoraġġihom sabiex jadottaw miżuri ta' politika ekonomika li x'aktarx isolvu kriżi ta' bilanċ tal-pagamenti.

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 5

(5) ***L-adozzjoni ta' regolament ġenerali għall-assistenza makrofinanzjarja abbażi tal-Artikoli 209 u 212 hija mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 213 tat-Trattat, li jirregolaw l-assistenza finanzjarja urġenti lil pajjiżi terzi, u tal-prerogattivi relatati tal-Kunsill.***	***imħassar***

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 7

(7) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2002, il-Kunsill stabbilixxa kriterji (l-hekk imsejħa kriterji Genval) sabiex jiggwidaw l-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja tal-UE. Huwa xieraq li dawn il-kriterji jiġu ***fformalizzati*** f'att legali ***approvat kemm*** mill-Parlament ***kif ukoll*** mill-Kunsill, ***filwaqt li jiġu aġġornati u ċċarati***.	(7) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2002, il-Kunsill stabbilixxa kriterji (l-hekk imsejħa kriterji Genval) sabiex jiggwidaw l-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja tal-UE. Huwa xieraq li dawn il-kriterji jiġu ***aġġornati u ċċarati*** f'att legali adottat mill-Parlament Ewropew ***u*** mill-Kunsill, ***inter alia bi rbit mal-kriterji għad-determinazzjoni tal-forma adegwata tal-assistenza (self, għotja jew kombinazzjoni tat-tnejn)***.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 8

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
(8) Il-proċeduri u l-istrumenti xierqa għandhom jiġu previsti bilquddiem sabiex l-Unjoni tkun tista' ***tiżgura li*** l-assistenza makrofinanzjarja ***tkun*** disponibbli *bi prontezza*, speċjalment meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu azzjoni immedjata. ***Dan għandu jżid ukoll iċ-ċarezza*** u t-trasparenza tal-kriterji applikabbli għall-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja.	(8) Il-proċeduri u l-istrumenti xierqa għandhom jiġu previsti bilquddiem sabiex l-Unjoni tkun tista' ***tagħmel*** l-assistenza makrofinanzjarja disponibbli *bil-ħeffa*, speċjalment meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu azzjoni immedjata ***u biex iżidu ċ-ċarezza*** u t-trasparenza tal-kriterji applikabbli għall-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 9

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
(9) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tkun konformi mal-prinċipji, l-għanijiet u l-miżuri ewlenin meħuda fi ħdan l-oqsma differenti ta' azzjoni esterna u ma' politiki rilevanti oħrajn tal-Unjoni.	(9) Il-Kummissjoni għandha tiżgura, ***fl-għażla tagħha ta' pajjiżi benefiċjarji u fil-kontenut tal-Memoranda ta' Ftehim***, li l-assistenza makrofinanzjarja tkun konformi mal-prinċipji, l-għanijiet u l-miżuri ewlenin meħuda fi ħdan l-oqsma differenti ta' azzjoni esterna u ma' politiki rilevanti oħrajn tal-Unjoni.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	(9a) L-assistenza makrofinanzjarja hija wkoll strument tal-politika barranija tal-Unjoni u għandha sservi biex issaħħaħ il-viżibilità u l-influwenza tal-Unjoni lil hinn mill-fruntieri tagħha. L-involviment mill-qrib tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għall-fini tal-koordinazzjoni u l-konsistenza tal-politika esterna tal-Unjoni għandu jkun żgurat fl-operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja kollha.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 10

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
(10) L-assistenza makrofinanzjarja għandha ***tappoġġja l-impenji*** tal-pajjiżi benefiċjarji lejn valuri komuni mal-Unjoni, inkluż id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, ***l-iżvilupp*** sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll lejn il-prinċipji ta' kummerċ miftuħ, ġust u bbażat fuq ir-regoli.	(10) L-assistenza makrofinanzjarja għandha ***tinkludi miżuri biex itejbu l-impenn*** tal-pajjiżi benefiċjarji lejn valuri komuni mal-Unjoni, inkluż id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, ***il-ġlieda kontra x-xogħol furzat tat-tfal, l-appoġġ għall-iżvilupp*** sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll lejn il-prinċipji ta' kummerċ miftuħ, ġust u bbażat fuq ir-regoli. ***L-issodisfar ta' dawn l-għanijiet għandu jiġi mmonitorjat regolarment mill-Kummissjoni.***

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 13

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
(13) L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun kumplimentari għar-riżorsi pprovduti mill-Fond Monetarju Internazzjonali u minn istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali oħrajn u għandu jkun hemm qsim ġust tal-piżijiet ma' donaturi oħrajn. L-assistenza makrofinanzjarja għandha tiżgura l-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni.	*(11a)* ***B'mod ġenerali***, l-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun kumplimentari għar-riżorsi pprovduti mill-Fond Monetarju Internazzjonali u minn istituzzjonijiet finanzjarji ***Ewropej jew*** multilaterali oħrajn u għandu jkun hemm qsim ġust tal-piżijiet ma' ***dawk l-istituzzjonijiet u*** ma' donaturi oħrajn. L-assistenza makrofinanzjarja għandha ***tingħata fejn*** tiżgura l-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	(13a) ***Bil-għan li tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tkun tista' taqdi d-domanda kkawżata minn kriżijiet ekonomiċi urġenti, l-Unjoni għandha tiżgura li riżorsi finanzjarji suffiċjenti jkunu allokati għall-baġit tagħha. Jeħtieġ ukoll li jkun żgurat li l-assistenza makrofinanzjarja tkun disponibbli għall-pajjiżi eliġibbli kollha, kien x'kien id-daqs ekonomiku tagħhom, u li tiġi applikata b'mod adegwat flimkien mal-istrumenti ta' finanzjament estern l-oħra tal-Unjoni.***

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	(14a) ***Sabiex jintlaħaq bilanċ bejn il-ħtieġa għall-effikaċja u l-effiċjenza tal-unjoni minn naħa waħda, u aktar koerenza, trasparenza u skrutinju demokratiku min-naħa l-oħra, għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' pajjiżi u territorji eliġibbli (l-Anness I) u tal-għoti ta' assistenza lil pajjiżi u territorji partikolari (l-Anness IIa). Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 14
Proposta għal regolament
Premessa 15

(15) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***fir-rigward tal-approvazzjoni u l-ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja fil-pajjiżi benefiċjarji***, għandhom *jingħataw* setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.	(15) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom *jiġu kkonferiti* setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tas-16 ta' Frar 2011*** li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

Emenda 15
Proposta għal regolament
Premessa 16

(16) Il-proċedura ta' eżaminazzjoni għandha tintuża għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li jiddefinixxu l-ammont, l-għamla, it-tul ta' żmien u l-kundizzjonijiet ġenerali ta' operazzjonijiet individwali ta' assistenza makrofinanzjarja meta wieħed iqis li tali deċiżjonijiet għandhom implikazzjonijiet baġitarji sostanzjali.	***imħassar***

Emenda 16
Proposta għal regolament
Premessa 17

(17) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni tal-Memorandum ta' Ftehim (Memorandum of Understanding - MoU) li jistabbilixxi l-miżuri ta' politika ekonomika assoċjati mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni meta wieħed iqis li l-MoU mhuwiex att implimentattiv ta' ambitu ġenerali, u lanqas att li jinvolvi implikazzjonijiet baġitarji jew implikazzjonijiet għal pajjiżi terzi 'lil hinn minn dawk diġà kkawżati mid-deċiżjoni li tingħata l-assistenza.	***imħassar***

Emenda 17
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għall-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi u territorji eliġibbli ***kif stipulat*** fl-Artikolu 2.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għall-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi u territorji eliġibbli ***li għalihom hemm referenza*** fl-Artikolu 2 ***(minn hawn 'il quddiem "il-pajjiżi benefiċjarji")***.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
2. L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun strument finanzjarju eċċezzjonali ta' appoġġ mingħajr irbit u ġenerali għall-bilanċ tal-pagamenti lil pajjiżi ***terzi u territorji eliġibbli***. Hija għandha timmira li tikseb lura sitwazzjoni sostenibbli ta' finanzjament estern għal pajjiżi li jkunu qegħdin jaffrontaw diffikultajiet finanzjarji esterni. Hija għandha ssaħħaħ l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' riforma strutturali u ta' aġġustament b'saħħithom maħsuba biex jirrimedjaw id-diffikultajiet marbuta mal-bilanċ tal-pagamenti.	2. L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun strument finanzjarju eċċezzjonali ta' appoġġ mingħajr irbit u ġenerali għall-bilanċ tal-pagamenti lil pajjiżi ***benefiċjarji*** Hija għandha timmira li tikseb lura sitwazzjoni sostenibbli ta' finanzjament estern għal pajjiżi ***benefiċjarji*** li jkunu qegħdin jaffrontaw diffikultajiet finanzjarji esterni. Hija għandha ssaħħaħ l-implimentazzjoni, ***min-naħa ta' dawn il-pajjiżi benefiċjarji***, ta' ***ftehimiet bilaterali u programmi rilevanti mal-Unjoni u għandha timmira li jittieħdu*** miżuri ta' riforma strutturali u ta' aġġustament b'saħħithom maħsuba biex jirrimedjaw id-diffikultajiet marbuta mal-bilanċ tal-pagamenti.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
3. L-assistenza makrofinanzjarja tista' tingħata fuq il-kundizzjoni tal-eżistenza ta' distakk ta' finanzjament estern residwu identifikata b'mod konġunt mal-istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali minbarra r-riżorsi pprovduti mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u istituzzjonijiet multilaterali oħrajn, minkejja l-implimentazzjoni ta' programmi ta' riforma u stabbilizzazzjoni ekonomika b'saħħitha.	3. L-assistenza makrofinanzjarja tista' tingħata fuq il-kundizzjoni tal-eżistenza ta' distakk ta' finanzjament estern residwu ***fil-pajjiż benefiċjarju rispettiv*** identifikata b'mod konġunt mal-istituzzjonijiet finanzjarji ***Ewropej jew*** multilaterali minbarra r-riżorsi pprovduti mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u istituzzjonijiet ***finanzjarji Ewropej jew*** multilaterali oħrajn, minkejja l-implimentazzjoni ***min-naħa tal-pajjiż benefiċjarju rispettiv*** ta' programmi ta' riforma u stabbilizzazzjoni ekonomika b'saħħitha.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – titolu

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
Pajjiżi eliġibbli	Pajjiżi ***u territorji*** **eliġibbli**

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – parti introduttorja

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
Il-pajjiżi terzi u t-territorji eliġibbli għall-assistenza makrofinanzjarja għandhom ikunu:	***1.*** Il-pajjiżi terzi u t-territorji eliġibbli għall-assistenza makrofinanzjarja ***dment li jissodisfaw il-kriterji ta' kondizjonalità fl-Artikolu 6 (il-"pajjiżi benefiċjarji")*** għandhom ikunu:

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

(c) Pajjiżi terzi oħrajn f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati. Tali pajjiżi għandhom ikunu politikament, ekonomikament u ġeografikament qrib l-Unjoni ***Ewropea***.	(c) Pajjiżi terzi oħrajn ***li jkollhom rwol determinanti għall-istabbiltà reġjonali u jkunu ta' importanza strateġika għall-Unjoni***, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati. Tali pajjiżi għandhom ikunu politikament, ekonomikament u ġeografikament qrib l-Unjoni.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

	1a. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14a biex temenda l-punti 1 u 2 tal-Anness I biex taġġornah wara deċiżjonijiet politiċi xierqa rigward l-istatus tal-pajjiżi bħala pajjiżi kandidati jew bħala pajjiżi kandidati potenzjali jew rigward l-ambitu tal-Politika tal-Viċinat Ewropew.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2b (ġdid)

	1b. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14a biex tissupplimenta dan ir-Regolament, fejn meħtieġ, b'pajjiżi eliġibbli li jissodisfaw il-kriterji tal-paragrafu 1(c) ta' dan l-Artikolu.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

1. L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja pprovduta ***f'għotjiet*** skont dan ir-Regolament għandhom ikunu konsistenti mal-approprjazzjonijiet tal-baġit stabbiliti fil-qafas finanzjarju multi-annwali.	1. L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja pprovduta ***fil-forma ta' għotja*** skont dan ir-Regolament għandhom ikunu konsistenti mal-approprjazzjonijiet tal-baġit stabbiliti fil-qafas finanzjarju multi-annwali.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

2. L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja pprovduta ***f'self*** skont dan ir-Regolament għandhom jiġu pprovduti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni.	2. L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja pprovduta ***fil-forma ta' self*** skont dan ir-Regolament għandhom jiġu pprovduti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

3. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-qafas finanzjarju. ***L-ammonti ta' referenza korrispondenti għall-perjodu 2011-2013 huma stipulati fl-Anness II.***	3. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-qafas finanzjarju ***multiannwali***.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

1. L-ammont tal-assistenza għandu jkun ibbażat fuq il-ħtiġijiet ta' finanzjament estern residwu tal-pajjiż benefiċjarju. Dawn għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni ***mal-istituzzjonijiet*** finanzjarji ***internazzjonali***, abbażi ta' valutazzjoni kwantitattiva komprensiva u ddokumentata sewwa. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ***ser*** tfassal fuq l-aħħar projezzjonijiet tal-bilanċ tal-pagamenti għall-pajjiż inkwistjoni prodotti mill-FMI, filwaqt li tqis l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mistennija minn donaturi multilaterali.	1. L-ammont ***propost*** tal-assistenza għandu jkun ibbażat fuq il-ħtiġijiet ta' finanzjament estern residwu tal-pajjiż benefiċjarju. Dawn għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni ***mal-FMI u ma' istituzzjonijiet*** finanzjarji ***Ewropej jew multilaterali***, abbażi ta' valutazzjoni kwantitattiva komprensiva u ddokumentata sewwa. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ***għandha*** tfassal fuq l-aħħar projezzjonijiet tal-bilanċ tal-pagamenti għall-pajjiż ***benefiċjarju*** inkwistjoni prodotti mill-FMI ***u istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej jew multilaterali oħra***, filwaqt li tqis l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mistennija minn donaturi multilaterali ***kif ukoll l-implimentazzjoni preeżistenti tal-istrumenti ta' finanzjament l-oħra tal-Unjoni fil-pajjiż ikkonċernat***.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

2. Id-determinazzjoni ***tal-ammonti*** ta' assistenza makrofinanzjarja għandha tqis wkoll il-ħtieġa li jiġi żgurat qsim ġust tal-piżijiet ***ma' donaturi oħrajn***.	2. Id-determinazzjoni ***tal-ammont*** ta' assistenza makrofinanzjarja għandha tqis wkoll il-ħtieġa li jiġi żgurat qsim ġust tal-piżijiet ***bejn l-Unjoni u d-donaturi l-oħrajn. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tkun biżżejjed biex tiggarantixxi li lill-Unjoni ġġibilha valur miżjud u normalment m'għandhiex tkun taħt l-20 %.***

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

3. F'każ li l-ħtiġijiet finanzjarji tal-pajjiż benefiċjarju jonqsu fundamentalment matul il-perjodu tal-ħlas tal-assistenza makrofinanzjarja, il-Kummissjoni, ***li taġixxi skont l-Artikolu 14 (2), tista' tiddeċiedi li*** tnaqqas l-ammont ta' fondi disponibbli fil-kuntest tal-assistenza, tissospendi jew tikkanċella l-assistenza.	3. F'każ li l-ħtiġijiet finanzjarji tal-pajjiż benefiċjarju jonqsu fundamentalment matul il-perjodu tal-ħlas tal-assistenza makrofinanzjarja, il-Kummissjoni ***għandha tivvaluta mill-ġdid is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja fil-pajjiż benefiċjarju, u abbażi ta' dik il-valutazzjoni, għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 14a, biex temenda l-Anness IIa, biex*** tnaqqas l-ammont ta' fondi disponibbli fil-kuntest tal-assistenza, tissospendi jew tikkanċella l-assistenza.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
1. Prekundizzjoni għall-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja għandha tkun li l-pajjiż riċevitur jirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inklużi s-sistemi parlamentari b'bosta partiti, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.	1. Prekundizzjoni għall-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja għandha tkun li l-pajjiż riċevitur jirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inklużi s-sistemi parlamentari b'bosta partiti, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. ***Din il-valutazzjoni għandha tkun fdata lis-SEAE f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u għandha tqis ir-riżoluzzjonijiet u r-rapporti reċenti adottati mill-Parlament Ewropew rigward il-pajjiżi benefiċjarji. Il-valutazzjoni tista' tidentifika rakkomandazzjonijiet ta' politika rigward it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi, tad-drittijiet tal-bniedem, tat-trasparenza u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Dan ir-rapport għandu jiġi anness ma' kull att delegat individwali msemmi fl-Artikolu 7(3). Bil-għan li jipproteġi l-interessi demokratiċi tal-Unjoni u jsaħħaħ ir-rispett tad-drittijiet fundamentali min-naħa tal-pajjiżi benefiċjarji, il-Memorandum ta' Ftehim għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jkunu konsistenti mal-politika esterna tal-Unjoni maħsuba biex isaħħu d-drittijiet tal-bniedem u dawk tal-ħaddiema, it-trasparenza, u biex jiġġieldu kontra l-korruzzjoni.***

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
2. L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun kundizzjonali fuq l-eżistenza ta' programm tal-FMI li jinvolvi l-użu ta' riżorsi tal-FMI.	2. L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun kundizzjonali fuq l-eżistenza ta' programm tal-FMI li jinvolvi l-użu ta' riżorsi tal-FMI ***jew ta' istituzzjoni finanzjarja Ewropea jew multilaterali oħra***.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
3. L-iżborż tal-assistenza għandu jkun kundizzjonali fuq rekord sodisfaċenti ta' programm tal-FMI. Huwa għandu jkun kundizzjonali wkoll fuq l-implimentazzjoni, fi ħdan qafas ta' żmien speċifiku, ta' serje ta' miżuri ta' politika ekonomika definiti b'mod ċar li jiffokaw fuq riformi strutturali, li jridu jiġu miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż benefiċjarju u jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim.	3. L-iżborż tal-assistenza għandu jkun kundizzjonali fuq rekord sodisfaċenti ta' programm tal-FMI ***jew ta' istituzzjoni finanzjarja Ewropea jew multilaterali oħra u ta' rispett għall-prinċipji politiċi u ta' bażi fuq il-valur.*** Huwa għandu jkun kundizzjonali wkoll fuq l-implimentazzjoni, fi ħdan qafas ta' żmien speċifiku, ta' serje ta' miżuri ta' politika ekonomika definiti b'mod ċar li jiffokaw fuq riformi strutturali, li jridu jiġu miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż benefiċjarju u jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
2. Jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1, l-Artikolu 2, l-Artikolu 4 u l-Artikolu 6 ***jiġu ssodisfati***, ***l-assistenza makrofinanzjarja għandha tingħata mill-Kummissjoni billi taġixxi skont l-Artikolu 14(2)***.	2. ***Malli tirċievi t-talba, il-Kummissjoni għandha tevalwa*** jekk il-kundizzjonijiet ***għall-għoti ta'assistenza makrofinanzjarja*** msemmija fl-Artikolu 1, l-Artikolu 2, l-Artikolu 4 u l-Artikolu 6 ***humiex issodisfati***. ***Jekk dawk il-kundizzjonjiet ikunu ssodisfati, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-ammont u l-forma tal-assistenza skont il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 3 rispettivament.***

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafi 3 u 3a (ġodda)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
3. Id-deċiżjoni li *jiġi pprovdut* self ***għandha tispeċifika*** l-ammont, il-maturità medja massima u l-għadd massimu ta' pagamenti tal-assistenza makrofinanzjarja. ***Id-deċiżjoni*** li *tiġi pprovduta* għotja ***għandha tispeċifika*** l-ammont u l-għadd massimu ta' pagamenti. ***Fiż-żewġ każijiet, għandu jiġi definit il-perjodu ta' disponibbiltà tal-assistenza makrofinanzjarja.*** Bħala regola, ***dan*** *mgħandux* jaqbeż *it-tliet* snin.	3. ***Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 14a biex tistabbilixxi u temenda l-Anness IIa ħalli tagħti assistenza makrofinanzjarja lil pajjiż jew territorju partikolari. Fl-att delegat, il-Kummissjoni għandha, inter aia, tistipula dan li ġej:***
	(a) fil-każijiet kollha, il-benefiċjarju tal-assistenza, l-ammont massimu totali tal-assistenza, il-forma tal-assistenza, u l-perjodu ta' disponibbiltà tal-assistenza.
	(b) fil-każ ta' deċiżjoni li *jinħareġ* self, l-ammont, il-maturità medja massima u l-għadd massimu ta' pagamenti tal-assistenza makrofinanzjarja.
	(c) fil-każ tad-deċiżjoni li *tinħareġ* għotja, l-ammont u l-għadd massimu ta' pagamenti. ***Id-deċiżjoni li tinħareġ għotja għandha tkun akkumpanjata minn ġustifikazzjoni tal-għotja (jew element ta' għoti) ta' assistenza.***
	3a. Bħala regola, ***il-perjodu ta' disponibbiltà tal-assistenza makrofinanzjarja*** *m'għandux* jaqbeż *tliet* snin.

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
4. Wara ***l-approvazzjoni tad-deċiżjoni li tingħata l-assistenza*** makrofinanzjarja, il-Kummissjoni, ***li taġixxi skont l-Artikolu 14(3), għandha*** tiftiehem mal-pajjiż benefiċjarju dwar il-miżuri ta' politika msemmija ***fl-Artikolu 6(3)***, (4), (5) u (6).	4. Wara ***l-adozzjoni tal-att delegat dwar l-għoti ta' assistenza*** makrofinanzjarja, il-Kummissjoni, ***f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEAE, għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14a biex*** tiftiehem mal-pajjiż benefiċjarju ***fil-Memorandum ta' Ftehim*** dwar il-miżuri ta' politika msemmija ***fl-Artikolu 6(1)***, (3), (4), (5) u (6).

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5

5. Wara ***l-approvazzjoni tad-deċiżjoni li tingħata l-assistenza*** makrofinanzjarja, il-Kummissjoni għandha tiftiehem mal-pajjiż benefiċjarju dwar it-termini finanzjarji dettaljati tal-assistenza. Dawn għandhom jiġu stabbiliti fi Ftehim dwar Għotja jew Self.	5. Wara ***l-adozzjoni tal-att delegat dwar l-għoti ta' assistenza*** makrofinanzjarja, il-Kummissjoni għandha tiftiehem mal-pajjiż benefiċjarju dwar it-termini finanzjarji dettaljati tal-assistenza. Dawn għandhom jiġu stabbiliti fi Ftehim dwar Għotja jew Self.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6

6. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżviluppi fl-assistenza speċifika għall-pajjiż u tipprovdilhom id-dokumenti rilevanti.	6. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżviluppi fl-assistenza speċifika għall-pajjiż u tipprovdilhom id-dokumenti rilevanti ***fiż-żmien dovut***.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

2. L-assistenza għandha titħallas f'pagamenti suċċessivi, kundizzjonali fuq l-issodisfar tal-kundizzjonijiet imsemmija ***fl-Artikolu 6(2) u 6(3).***	2. L-assistenza għandha titħallas f'pagamenti suċċessivi, kundizzjonali fuq l-issodisfar tal-kundizzjonijiet imsemmija ***fl-Artikolu 6(1), (2) u (3).***

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

3. Il-Kummissjoni għandha tivverifika f'intervalli regolari li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(2) u 6(3) *ikomplu* jiġu ssodisfati.	3. Il-Kummissjoni għandha tivverifika f'intervalli regolari li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(2) u 6(3) *jibqgħu* jiġu ssodisfati. ***Is-SEAE għandu jivverifika f'intervalli regolari, u bla dewmien fil-każ ta' żviluppi mhux mistennija, li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(1) jibqgħu jiġu ssodisfati, u jinforma lill-Kummissjoni skont dan.***

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

4. F'każ li l-kundizzjonijiet imsemmija ***fl-Artikolu 6(2) u 6(3)*** ma jiġux issodisfati, il-Kummissjoni tista' temporanjament tissospendi, tnaqqas jew tikkanċella l-iżborż tal-assistenza.	4. F'każ li l-kundizzjonijiet imsemmija ***fl-Artikolu 6(1), (2) u (3)*** ma jiġux issodisfati, il-Kummissjoni, ***f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEAE***, tista' temporanjament tissospendi, tnaqqas jew tikkanċella l-iżborż tal-assistenza.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	4a. F'dawn il-każijiet, u jekk is-sospensjoni tal-operazzjoni titneħħa wara konsultazzjoni mas-SEAE, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-raġunijiet għal dan.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
1. ***Il-pajjiżi*** benefiċjarji għandhom jivverifikaw regolarment li l-finanzjament ipprovdut mill-baġit tal-Unjoni ntuża kif suppost, jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu l-irregolaritajiet u l-frodi u, jekk ikun meħtieġ, jieħdu azzjoni legali biex jirkupraw kwalunkwe fondi pprovduti skont dan ir-Regolament li jkunu ġew miżapproprjati.	1. ***Kull ftehim li jirriżulta minn dan ir-Regolament għandu jkun fih dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-pajjiżi*** benefiċjarji għandhom jivverifikaw regolarment li l-finanzjament ipprovdut mill-baġit tal-Unjoni ntuża kif suppost, jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu l-irregolaritajiet u l-frodi u, jekk ikun meħtieġ, jieħdu azzjoni legali biex jirkupraw kwalunkwe fondi pprovduti skont dan ir-Regolament li jkunu ġew miżapproprjati.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	3a. Il-Memornadum ta' Ftehim imsemmi fl-Artikolu 6(3) u kwlaunkwe ftehim ieħor li jirriżulta minn dan ir-Regolament għandhom jiżguraw id-drittijiet tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Awdituri taħt il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu matul u wara l-perjodu ta' disponibbiltà tal-assistenza makrofinanzjarja.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa regolarment ir-riżultati u l-effikaċja tal-assistenza makrofinanzjarja sabiex taċċerta jekk l-għanijiet intlaħqux u sabiex tkun tista' tifformula rakkomandazzjonijiet bil-għan li ttejjeb l-operazzjonijiet fil-ġejjieni.	1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa regolarment ir-riżultati u l-effikaċja tal-assistenza makrofinanzjarja ***rigward kull pajjiż jew territorju partikolari li jirċievi l-assistenza*** sabiex taċċerta jekk l-għanijiet intlaħqux u sabiex tkun tista' tifformula rakkomandazzjonijiet bil-għan li ttejjeb l-operazzjonijiet fil-ġejjieni. ***Meta tevalwa l-funzjonament tal-kundizzjonalità politika skont l-Artikolu 9(1), il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lis-SEAE.***

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapporti ta' evalwazzjoni ex-post lill-Parlament Ewropew ***u*** lill-Kunsill, li jivvalutaw ***il-livell ta' kontribuzzjoni lill-miri tal-assistenza mogħtija mill-operazzjonijiet ta' MFA*** li tlestew riċentament..	2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapporti ta' evalwazzjoni ex-post lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill ***u lill-Qorti tal-Awdituri***, li jivvalutaw ***sa liema punt l-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja*** li ***jkunu*** tlestew riċentament ***fir-rigward ta' pajjiż jew territorju benefiċjarju partikolari jkunu kkontribwew biex jintlaħqu l-miri tal-assistenza mogħtija***.

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

	2a. Il-Qorti tal-Awdituri għandha twettaq awditu tal-ġestjoni dfinanzjarja tal-assistenza.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (EU) Nru 182/2011.	*imħassar*

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

	Artikolu 14a *Eżerċizzju tad-delegazzjoni* *1. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 2(1a), 2(1b), 5(3), 7(3) u 7(4) għandha tkun ikkonferita lill-Kummissjoni għall-perjodu ta' applikabbiltà ta' dan ir-Regolament.* *2. Id-delega ta' setgħa tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.* *3. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha fl-istess ħin tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.* *4. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(1a), 2(1b), 5(3), 7(3) u 7(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill, jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 14b (ġdid)

	Artikolu 14b *Reviżjoni* *1. Sa mhux aktar tard minn … (*) u mbagħad kull erba' snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi stampa dettaljata tal-assistenza makrofinanzjarja mogħtija skont dan ir-Regolament u, jekk dan ikun f'loku, għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlativa għal reviżjoni ta' dan ir-Regolament.
	(*) Erba' snin wara d-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 15

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***u għandu jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013***.	Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 52

Proposta għal regolament
Anness II

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDA
	l-Anness imħassar.

Emenda 53

Proposta għal regolament
Anness IIa (ġdid)

Emenda tal-Parlament

ANNESS IIa

ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA LIL PAJJIŻI U TERRITORJI PARTIKOLARI

Benefiċjaru tal-assitenza	***Ammont Massimu totali tal-assistenza***	***Forma tal-assitenza***					***Perjodu ta' disponibbiltà tal-assistenza***
		Self			***Għotja***		
		Ammont	***Maturità massima medja***	***Għadd massimu ta' pagamenti parzjali***	***Ammont***	***Għadd massimu ta' pagamenti parzjali***	
…	…	…	…	…	…	…	…

2013/C 264 E/15 L-Azerbajġan

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Azerbajġan (2012/2654(RSP)) ... 91

2013/C 264 E/16 Is-sitwazzjoni tar-refuġjati tal-Korea ta' Fuq

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar is-sitwazzjoni tar-refuġjati tal-Korea ta' Fuq (2012/2655(RSP)) ... 94

2013/C 264 E/17 Sostenn kontinwu u ikbar għall-vaċċinazzjonijiet f'pajjiżi li qiegħdin jiżviluppaw

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar sostenn kontinwu u ikbar għall-vaċċinazzjonijiet f'pajjiżi li qiegħdin jiżviluppaw ... 96

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Parlament Ewropew

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

2013/C 264 E/18 Emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar l-emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (2011/2302(REG)) ... 98

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2012

2013/C 264 E/19 Denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/98 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (COM(2011)0296 – C7-0189/2011 – 2011/0128(NLE)) ... 101

2013/C 264 E/20 Il-ħruġ tal-muniti tal-euro ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-muniti tal-euro (COM(2011)0295 – C7-0140/2011 – 2011/0131(COD)) ... 102

P7_TC1-COD(2011)0131

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' Mejju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-muniti tal-euro ... 103

MT

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012

2013/C 264 E/21 Tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 302/2009 li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (COM(2011)0330 – C7-0154/2011 – 2011/0144(COD)) 104

P7_TC1-COD(2011)0144

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Mejju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran 104

Anness mar-riżoluzzjoni leġiżlattiva 105

2013/C 264 E/22 Id-dħul gradwali aċċellerat ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed (tfassil mill-ġdid) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dħul gradwali aċċellerat ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed (tfassil mill-ġdid) (COM(2011)0566 – C7-0269/2011 – 2011/0243(COD)) . . 105

P7_TC1-COD(2011)0243

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Mejju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed (Riformulazzjoni) 106

2013/C 264 E/23 L-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Możambik ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Możambik (18059/2011 – C7-0028/2012 – 2011/0378(NLE)) 106

2013/C 264 E/24 Sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE (COM(2011)0594 – C7-0355/2011 – 2011/0261(CNS)) 107

Il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012

2013/C 264 E/25 Għajnuna makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-24 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għall-Assistenza Makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi (COM(2011)0396 – C7-0187/2011 – 2011/0176(COD)) 119

MT

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
**I	Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari
**II	Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari
***	Proċedura ta' parir konformi
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

MT

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT